Il-Kummissjoni Ewropea

HCCH

Connecter Protéger Coopérer Depuis 1893
Connecting Protecting Cooperating Since 1893

# MANWAL PRATTIKU DWAR L-OPERAT TAL-
# *KONVENZJONI TAL-AJA TAD-19 TA' OTTUBRU 1996 FUQ IL-ĠURISDIZZJONI, IL-LIĠI APPLIKABBLI, RIKONOXXIMENT, INFURZAR U KOOPERAZZJONI DWAR IR-RESPONSABBILTÀ TAL-ĠENITURI U MIŻURI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TFAL*

DS-02-18-940-MT-N

# MANWAL PRATTIKU DWAR L-OPERAT TAL-*KONVENZJONI TAL-AJA TAD-19 TA' OTTUBRU 1996 FUQ IL-ĠURISDIZZJONI, IL-LIĠI APPLIKABBLI, RIKONOXXIMENT, INFURZAR U KOOPERAZZJONI DWAR IR-RESPONSABBILTÀ TAL-ĠENITURI U MIŻURI GĦALL*-PROTEZZJONI TAT-TFAL

Il-Kummissjoni Ewropea

HCCH
Connecter Protéger Coopérer Depuis 1893
Connecting Protecting Cooperating Since 1893

Ippubblikat minn
**The Hague Conference on Private International Law**
**Permanent Bureau**
Churchillplein 6b
2517 JW The Hague
The Netherlands

Telefown: +31 70 363 3303
Faks: +31 70 360 4867
Posta elettronika: secretariat@hcch.net
Sit: www.hcch.net

© Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat 2018

Kull dritt miżmum. L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta, maħżuna f'sistema minn fejn tista' terġa' tittella', jew trażmessa bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, fosthom iffotokopjar jew irreġistrar, mingħajr il-permess bil-miktub tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

It-tqassim u t-traduzzjoni (ħlief bl-Ingliż, bil-Franċiż u bl-Ispanjol) u d-distribuzzjoni tal-"Manwal Prattiku dwar l-Operat tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea kienu possibbli minħabba l-ġenerożità tal-Kummissjoni Ewropea/DĠ Ġustizzja.

Il-verżjonijiet uffiċjali ta' din il-pubblikazzjoni jinsabu fis-sit tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat ( < www.hcch.net > ) bl-Ingliż u bil-Franċiż. It-traduzzjonijiet ta' din il-pubblikazzjoni f'lingwi oħra (ħlief bl-Ispanjol) ma ġewx riveduti mill-Bureau Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

ISBN 978-92-79-90814-9

Stampat il-Belġju

# Werrej


**1. INTRODUZZJONI ..... 9**

**2. OBJETTIVI TAL-KONVENZJONI TAL-1996 ..... 15**

**A. Preambolu tal-Konvenzjoni tal-1996 ..... 17**

**B. Objettivi speċifiċi tal-Konvenzjoni tal-1996 ..... 17**

**3. KAMP TA' APPLIKAZZJONI ..... 19**

**A. F'liema Stati u minn meta tibda tapplika l-Konvenzjoni tal-1996? ..... 21**

**B. Għal liema minuri tapplika l-Konvenzjoni tal-1996? ..... 25**

**C. Liema kwistjonijiet huma koperti mill-Konvenzjoni tal-1996? ..... 26**

(a) Attribuzzjoni, eżerċizzju, terminazzjoni jew restrizzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, kif ukoll id-delega ta' din ..... 26

(b) Drittijiet ta' kustodja, inklużi drittijiet relatati mal-indokrar tal-persuna tal-minuri u, b'mod partikolari, id-dritt li jiġi ddeterminat il-post tar-residenza tal-minuri, kif ukoll id-drittijiet ta' aċċess / ta' kuntatt inkluż id-dritt li l-minuri jittieħed għal perjodu limitat ta' żmien f'post li mhuwiex ir-residenza abitwali tiegħu. ..... 28

(c) Tutela, kurazija u istituzzjonijiet analogi ..... 28

(d) Deżinjazzjoni u funzjonijiet ta' kwalunkwe persuna jew korp li huma inkarigati bil-persuna jew bil-beni tal-minuri, li jirrappreżentaw jew li jassistu lill-minuri ..... 28

(e) Tqegħid ta' minuri ma' familja tar-rispett jew f'kustodja istituzzjonali, jew il-forniment ta' indokrar mill-kafala jew minn istituzzjoni analoga ..... 29

(f) Superviżjoni minn awtorità pubblika tal-indokrar tal-minuri minn kwalunkwe persuna li hi responsabbli għall-minuri ..... 30

(g) Amministrazzjoni, konservazzjoni jew disponiment tal-beni tal-minuri ..... 30

**D. Liema kwistjonijiet mhumiex koperti mill-Konvenzjoni tal-1996? ..... 30**

(a) L-istabbiliment jew il-kontestazzjoni ta' filjazzjoni ..... 30

(b) Deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni, il-miżuri preparatorji għall-adozzjoni, jew l-annullament jew ir-revoka ta' adozzjoni ..... 31

(c) L-isem u l-ewwel ismijiet tal-minuri ..... 31

(d) Emanċipazzjoni ..... 32

(e) Obbligi ta' manteniment ..... 32

(f) Trusts jew suċċessjoni ..... 32

(g) Sigurtà soċjali ..... 32

(h) Miżuri pubbliċi ta' natura ġenerali fi kwistjonijiet tal-edukazzjoni jew tas-saħħa ..... 32

(i) Miżuri meħuda bħala riżultat ta' reati penali mwettqa minn minuri ..... 33

(j) Deċiżjonijiet dwar id-dritt għall-ażil u dwar l-immigrazzjoni ..... 33

**4. ĠURISDIZZJONI GĦAT-TEĦID TA' MIŻURI GĦALL-PROTEZZJONI ..... 35**

**A. Awtoritajiet ta' Stat Kontraenti meta jkollhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni? ..... 37**

**B. Ir-regola ġenerali: l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri ..... 38**

(a) It-tifsira ta' "residenza abitwali" ..... 38

(b) X'jiġri meta tinbidel ir-"residenza abitwali" ta' minuri? ....................... 38

**C. Eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali ................................................ 39**

(a) Refuġjati jew tfal spustati b'mod internazzjonali ............................... 39

(b) Minuri b'residenza abitwali li ma tistax tiġi stabbilita ......................... 40

(c) Ġurisdizzjoni f'każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri ..................... 40

(d) Ġurisdizzjoni f'każijiet li fihom hemm divorzju jew separazzjoni legali pendenti tal-ġenituri tal-minuri ............................................. 45

**D. X'jiġri jekk l-awtoritajiet ta' żewġ Stati Kontraenti jew iktar ikollhom ġurisdizzjoni? ......................................................... 47**

**5. TRASFERIMENT TAL-ĠURISDIZZJONI ................................................... 51**

**A. Meta tista' tiġi ttrasferita l-ġurisdizzjoni għat-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni? ........................................................................ 53**

**B. X'kundizzjonijiet iridu jiġu ssodisfati qabel ma jkun jista' jseħħ trasferiment tal-ġurisdizzjoni? ...................................................... 54**

**C. Proċedura għat-trasferiment ........................................................... 56**

**D. Ċerti aspetti prattiċi ta' trasferiment ................................................. 58**

(a) Awtorità li tixtieq tuża d-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment kif tista' ssib lil liema awtorità kompetenti fi Stat Kontraenti ieħor jenħtieġ li tindirizza t-talba tagħha? ............................................... 59

(b) Kif jenħtieġ li jikkomunikaw l-awtoritajiet? ...................................... 59

(c) Kwistjonijiet oħra relatati mat-trasferiment li fihom il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet tista' tkun siewja ....................... 60

**6. MIŻURI GĦALL-PROTEZZJONI F'KAŻIJIET TA' URĠENZA ......................... 63**

**A. Teħid ta' miżuri għall-protezzjoni neċessarji f'każijiet ta' urġenza ... 65**

(a) Każ meta jkun "urġenti"? ........................................................... 65

(b) X'inhuma miżuri għall-protezzjoni "neċessarji"? ................................ 66

(c) Kemm idumu l-miżuri għall-protezzjoni meħuda skont l-Artikolu 11? ... 67

(d) Ladarba Stat Kontraenti jkun ħa miżuri skont l-Artikolu 11, x'passi oħra jenħtieġ li jieħu biex jiżgura l-protezzjoni kontinwa tal-minuri? ....................................................................... 67

**B. Miżuri għall-protezzjoni meħuda skont l-Artikolu 11 huma intitolati għal rikonoxximent u għal infurzar skont il-Konvenzjoni tal-1996? ....................................................................... 68**

**7. MIŻURI PROVVIŻORJI ....................................................................... 73**

**A. Meta jistgħu jittieħdu miżuri provviżorji? ........................................... 75**

(a) X'inhuma miżuri ta' "karattru provviżorju"? ...................................... 76

(b) Kemm idumu l-miżuri provviżorji meħuda skont l-Artikolu 12? ........... 77

(c) Ladarba Stat Kontraenti jkun ħa miżuri provviżorji skont l-Artikolu 12, x'passi oħra jistgħu jittieħdu biex tiġi żgurata l-protezzjoni kontinwa tal-minuri? .................................................. 77

**B. Miżuri provviżorji meħuda skont l-Artikolu 12 huma intitolati għal rikonoxximent u għal infurzar skont il-Konvenzjoni tal-1996? ......... 78**

**8. KONTINWAZZJONI TAL-MIŻURI MEĦUDA ................................................ 79**

**A. Miżuri għall-protezzjoni jibqgħu fis-seħħ minkejja tibdil fiċ-ċirkustanzi li jelimina l-bażi li fuqha kienet imsejsa l-ġurisdizzjoni? ........................................................................ 81**

**B. X'jikkostitwixxi "tibdil fiċ-ċirkustanzi" msemmi fl-Artikolu 14? ........ 81**

**9. LIĠI APPLIKABBLI GĦALL-MIŻURI GĦALL-PROTEZZJONI ........................ 85**

**A. Liġi applikabbli għall-miżuri għall-protezzjoni meħuda minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva ........................................ 87**

(a) Liema liġi se tiġi applikata mill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li jieħu miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni ta' minuri?..............................................................................87

(b) Meta r-residenza abitwali ta' minuri tinbidel minn Stat Kontraenti għal ieħor, liema liġi tirregola l-"kundizzjonijiet tal-applikazzjoni" ta' miżura għall-protezzjoni fir-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri, meta l-miżura tkun ittieħdet fl-eks residenza abitwali tal-minuri?........88

**B. Liġi applikabbli għar-responsabbiltà tal-ġenituri meta ma jkun hemm ebda intervent minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva ....................................................................... 90**

(a) Liema liġi tapplika għall-attribuzzjoni jew għat-tneħħija tar-responsabbiltà tal-ġenituri li sseħħ mingħajr ebda intervent minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva? .......................................90

(b) X'jiġri għall-attribuzzjoni jew għat-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri meta tinbidel ir-residenza abitwali ta' minuri? ..................91

(c) Liema liġi tapplika għall-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri?......93

(d) Il-modifika jew it-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri permezz ta' miżuri għall-protezzjoni meħuda minn awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi .....................................................93

**C. Protezzjoni ta' partijiet terzi ........................................................... 94**

**D. Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-liġi applikabbli............................ 94**

(a) Regoli li jikkonċernaw il-liġi applikabbli japplikaw anki jekk il-liġi ddeżinjata ma tkunx dik ta' Stat Kontraenti? ...................................94

(b) Referenza għal-liġi ta' Stat ieħor tinkludi referenza għar-regoli tad-dritt internazzjonali privat ta' dak l-Istat l-ieħor?.........................95

(c) Hemm xi ċirkustanza li fiha l-liġi ddeżinjata skont ir-regoli tal-Konvenzjoni tal-1996 m'għandhiex għalfejn tiġi applikata?................95

**10. RIKONOXXIMENT U INFURZAR TA' MIŻURI GĦALL-PROTEZZJONI ........... 97**

**A. Meta miżura għall-protezzjoni meħuda fi Stat Kontraenti tiġi rikonoxxuta fi Stat Kontraenti ieħor?............................................. 99**

**B. Rikonoxximent ta' miżura għall-protezzjoni meħuda fi Stat Kontraenti meta jista' jiġi rrifjutat f'ieħor? .................................. 100**

(a) Il-miżura ttieħdet mill-awtorità ta' Stat Kontraenti li l-ġurisdizzjoni tiegħu ma kinitx ibbażata fuq waħda mir-raġunijiet stipulati fl-Artikoli 5 sa 14 tal-Konvenzjoni tal-1996 ..................................100

(b) Il-miżura ttieħdet, ħlief fil-każ ta' urġenza, fil-kuntest ta' proċediment ġudizzjarju jew amministrattiv, mingħajr ma l-minuri jkun ingħata l-opportunità li jinstema', bi ksur tal-prinċipji fundamentali tal-Istat Kontraenti rikjest .......................................101

(c) Il-miżura ttieħdet, ħlief fil-każ ta' urġenza, mingħajr ma persuna li tiddikjara li l-miżura tikser ir-responsabbiltà tal-ġenituri tagħha tkun ingħata opportunità li tinstema'..........................................101

(d) Ir-rikonoxximent imur kontra biċ-ċar l-ordni pubbliku tal-Istat Kontraenti rikjest, fid-dawl tal-aħjar interessi tal-minuri ..................101

(e) Il-miżura hi inkompatibbli ma' miżura iktar tard meħuda fl-Istat mhux Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri, meta din il-miżura iktar tard tissodisfa r-rekwiżiti għar-rikonoxximent fl-Istat Kontraenti rikjest .................................................................102

(f) Il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 33 ma ġietx irrispettata ..............102

**C. Persuna kif tista' tkun ċerta li deċiżjoni se tiġi rikonoxxuta fi Stat Kontraenti ieħor? ("Rikonoxximent bil-quddiem") ........................ 104**
**D. Meta miżura għall-protezzjoni meħuda fi Stat Kontraenti tiġi infurzata fi Stat Kontraenti ieħor? ................................................ 105**
**11. AWTORITAJIET ĊENTRALI U KOOPERAZZJONI ..................................... 109**
**A. Rwol ta' Awtorità Ċentrali skont il-Konvenzjoni tal-1996 ............... 111**
**B. Deżinjazzjoni u l-istabbiliment ta' Awtorità Ċentrali ...................... 112**
**C. X'assistenza trid tipprovdi Awtorità Ċentrali? ................................ 113**
**D. Sitwazzjonijiet li fihom hu obbligatorju li l-awtoritajiet jikkooperaw / jikkomunikaw ........................................................ 115**
(a) Meta awtorità tkun qed tikkontempla t-tqegħid ta' minuri barra l-pajjiż .......................................................................... 116
(b) Forniment ta' informazzjoni meta minuri jkun f'periklu serju u jbiddel ir-residenza / il-preżenza ................................................ 117
**E. Każijiet speċifiċi ta' kooperazzjoni ................................................ 119**
(a) Talba lil Stat Kontraenti ieħor biex jipprovdi rapport dwar is-sitwazzjoni ta' minuri, jew biex jieħu miżuri għall-protezzjoni fir-rigward ta' minuri ..................................................................... 119
(b) Talba għal informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni ta' minuri meta jiġi kkontemplat it-teħid ta' miżura għall-protezzjoni ...................... 120
(c) Talba għall-assistenza fl-implimentazzjoni tal-miżuri għall-protezzjoni barra l-pajjiż ........................................................... 121
(d) Tfittix / forniment ta' assistenza f'każijiet ta' aċċess / kuntatt internazzjonali ........................................................................ 122
(e) Forniment tad-dokumentazzjoni li tiddikjara s-setgħat ta' persuna b'responsabbiltà tal-ġenituri jew li hi responsabbli għall-protezzjoni tal-minuri ........................................................................ 122
**F. Trażmissjoni ta' data personali u ta' informazzjoni mill-awtoritajiet .......................................................................... 125**
**G. Spejjeż tal-Awtorità Ċentrali / tal-awtorità pubblika ..................... 125**
**12. RELAZZJONI BEJN IL-KONVENZJONI TAL-1996 U STRUMENTI OĦRA ..... 127**
**A. Il-Konvenzjoni tal-1996 kif taffettwa l-operat tal-Konvenzjoni tal-Aja tat-12 ta' Ġunju 1902 li tirregola t-tutela tat-tfal? ............. 129**
**B. Il-Konvenzjoni tal-1996 kif taffettwa l-operat tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961 dwar is-setgħat tal-awtoritajiet u tal-liġi applikabbli fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal? .................. 129**
**C. Il-Konvenzjoni tal-1996 kif taffettwa l-operat prattiku tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri? ................................................ 130**
**D. Il-Konvenzjoni tal-1996 kif taffettwa l-operat ta' strumenti oħra? . 130**
**13. SUĠĠETTI SPEĊJALI ........................................................................ 133**
**A. Ħtif internazzjonali ta' minuri ....................................................... 135**
(a) X'inhu r-rwol tal-Konvenzjoni tal-1996 f'sitwazzjonijiet li fihom il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri tkun applikabbli għall-ħtif tal-minuri? ..................................................... 136
(b) X'inhu r-rwol tal-Konvenzjoni tal-1996 f'sitwazzjonijiet li fihom il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri ma tkunx applikabbli għall-ħtif tal-minuri? ..................................................... 139
**B. Aċċess / kuntatt ........................................................................... 141**
(a) X'inhuma "drittijiet ta' aċċess"? ....................................................... 141

(b) Kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati f’każijiet ta’ aċċess / kuntatt internazzjonali ..... 141
(c) Rikonoxximent bil-quddiem ..... 142
(d) Rilokazzjoni internazzjonali ..... 143
(e) Aċċess / kuntatt internazzjonali f’każijiet li fihom ikunu applikabbli l-Konvenzjoni tal-1980 u l-Konvenzjoni tal-1996 ..... 145

**C. Foster care, kafala u tqegħid f’istituzzjonijiet b’mod transfruntier ..... 145**

**D. Adozzjoni ..... 150**

**E. Medjazzjoni, konċiljazzjoni u mezzi simili ta’ soluzzjoni amikevoli tat-tilwim ..... 152**

(a) Faċilitazzjoni ta’ soluzzjonijiet miftiehma għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri f’sitwazzjonijiet li fihom tapplika l-Konvenzjoni tal-1996 ..... 152
(b) Medjazzjoni f’każijiet ta’ ħtif internazzjonali ta’ minuri ..... 153
(c) Involviment tal-minuri fil-proċess tal-medjazzjoni ..... 155

**F. Kategoriji speċjali ta’ minuri ..... 156**

(a) Minuri li huma refuġjati, spustati internazzjonalment jew mingħajr residenza abitwali ..... 156
(b) Tfal li jaħarbu, abbandunati jew ittraffikati ..... 158
(c) Minuri li jirrilokaw minn Stat għal ieħor meta jkunu ġew involuti l-awtoritajiet pubbliċi ..... 160

**G. Beni tal-minuri ..... 164**

**H. Rappreżentazzjoni tal-minuri ..... 165**

**I. Fatturi ta’ konnessjoni ..... 167**

(a) Residenza abitwali ..... 167
(b) Preżenza ..... 169
(c) Nazzjonalità ..... 169
(d) Konnessjoni sostanzjali ..... 170

ANNESS I — Test tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ottubru 1996 fuq il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, Rikonoxximent, Infurzar u Kooperazzjoni dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal ..... 173

ANNESS II — Lista ta’ Kontroll tal-Implimentazzjoni ..... 189

# 1

# *INTRODUZZJONI*



1.1 Il-Konvenzjoni tal-1996 tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal[1] għandha l-potenzjal li ssir strument irratifikat u użat ħafna. Tindirizza firxa wiesgħa ħafna ta' kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni internazzjonali ta' minuri. Għaldaqstant, il-wisa' tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tiżgura li din għandha rilevanza universali. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni twieġeb għal ħtieġa globali reali u evidenzjata għal qafas internazzjonali aħjar relatat ma' kwistjonijiet transfruntiera tal-protezzjoni ta' minuri. Il-ħidma tal-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat tkompli tidentifika sitwazzjonijiet ta' minuri vulnerabbli li jistgħu jiġu ffaċilitati bl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1996. Barra minn hekk, din il-Konvenzjoni ssegwi l-innovazzjoni tal-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1980 u tal-1993 dwar il-Minuri[2] peress li tgħaqqad qafas legali internazzjonali ma' mekkaniżmi għall-kooperazzjoni. Din l-inklużjoni ta' strutturi tal-kooperazzjoni fi ħdan il-Konvenzjoni hi kruċjali biex il-Konvenzjoni tikseb l-objettivi tagħha. Strutturi bħal dawn jippromwovu skambju aħjar tal-informazzjoni u assistenza reċiproka minn naħa għal oħra tal-fruntiera u jiżguraw li, fost firxa varjata ta' Stati, ikun hemm mekkaniżmi fis-seħħ li jippermettu li n-normi ġuridiċi jkollhom l-effett prattiku sħiħ tagħhom.

1.2 Il-minuri li jistgħu jibbenefikaw minn implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1996 jinkludu, fost l-oħrajn:

- dawk li huma soġġetti għal tilwimiet internazzjonali bejn il-ġenituri dwar il-kustodja jew l-aċċess / il-kuntatt;
- dawk li huma soġġetti għal ħtif internazzjonali (inklużi dawk fi Stati li ma jistgħux jissieħbu fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri);
- dawk li jintbagħtu barra l-pajjiż taħt arranġamenti ta' indokrar alternattiv li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' adozzjoni u li, għalhekk, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor;
- dawk li huma soġġetti għal traffikar transfruntier u għal forom oħra ta' sfruttament, inkluż l-abbuż sesswali[3];
- dawk li huma refuġjati jew minorenni mhux akkumpanjati;
- dawk li jirrilokaw internazzjonalment mal-familji tagħhom.

1.3 Il-moviment transfruntier estensiv tal-minuri f'ħafna reġjuni tad-dinja jqajjem problemi li jvarjaw mill-bejgħ u t-traffikar tal-minuri u l-isfruttament ta' minorenni mhux akkumpanjati, sad-diffikultà tal-minuri refuġjati u l-moviment kultant mhux irregolat tal-minuri barra pajjiżhom. Il-moviment transfruntier tal-minuri jista' jiġi assistit mill-qafas ġenerali għall-kooperazzjoni li timplimenta l-Konvenzjoni tal-

---

[1] Il-*Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 fuq il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, Rikonoxximent, Infurzar u Kooperazzjoni dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal*. Minn hawn 'il quddiem, kwalunkwe referenza għall-"Konvenzjoni tal-1996 tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal", il-"Konvenzjoni tal-1996" jew "il-Konvenzjoni" hi għal din il-Konvenzjoni. Għat-test tal-Konvenzjoni, ara l-Anness I.

[2] Il-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri*, minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri", jew "il-Konvenzjoni tal-1980". Għal iktar informazzjoni dwar l-operat prattiku tal-Konvenzjoni tal-1980, jekk jogħġbok ara l-Gwidi għall-Prattika Tajba fil-Konvenzjoni tal-1980: disponibbli fuq is-sit web tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" u mbagħad "Guides to Good Practice". Il-*Konvenzjoni tal-Aja tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u Ieħor*, minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor", jew "il-Konvenzjoni tal-1993". Għal iktar tagħrif dwar l-operat prattiku ta' din il-Konvenzjoni, jekk jogħġbok ara l-Gwidi għall-Prattika Tajba fil-Konvenzjoni tal-1993, disponibbli wkoll fuq < www.hcch.net > taħt "Intercountry Adoption Section" u mbagħad "Guides to Good Practice".

[3] F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jingħad li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1996 jikkomplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-*Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal, dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal (New York, il-25 ta' Mejju 2000)*, li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Jannar 2002 (it-test komplut disponibbli fuq < http://treaties.un.org/doc/Treaties/2000/05/20000525%2003-16%20AM/Ch_IV_11_cp.pdf >). Ara b'mod partikolari l-Artikoli 9(3) u 10(2) tal-Protokoll Fakultattiv.

1996. Dan japplika, pereżempju, għall-Afrika tan-Nofsinhar u tal-Lvant,[4] għall-Balkani, għal uħud mill-Istati tal-Ewropa tal-Lvant u għall-Kawkasu, għal partijiet mill-Amerika t'Isfel u Ċentrali, kif ukoll għal ħafna partijiet tal-Asja.

1.4 Ir-ratifika bikrija tal-Konvenzjoni tal-1996 mill-Marokk kienet sinjal importanti tal-valur potenzjali tal-Konvenzjoni fi Stati li l-liġijiet tagħhom huma influwenzati mil-liġi tax-Xarija, jew ibbażati fuqha. Tabilħaqq, li l-Konvenzjoni tal-1996 kienet sensittiva għal dan l-użu partikolari jista' jidher mir-referenza espliċita għall-istituzzjoni ta' *kafala* fl-Artikolu 3. Barra minn hekk, dawk involuti fil-Proċess ta' Malta[5] sejħu biex l-Istati kollha jikkunsidraw bir-reqqa r-ratifika tal-Konvenzjoni tal-1996 jew l-adeżjoni għaliha.[6] Fi ħdan l-Ewropa, l-Unjoni Ewropea ilha li għarfet il-benefiċċju tal-Konvenzjoni għall-Istati Membri tagħha[7]. Tabilħaqq, ir-Regolament tal-UE stess dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri kien, fil-parti l-kbira tiegħu, ibbażat fuq il-Konvenzjoni tal-1996.[8]

1.5 L-appell globali tal-Konvenzjoni tal-1996 hu forsi attribwibbli wkoll għall-fatt li din tieħu f'kunsiderazzjoni l-varjetà kbira tal-istituzzjonijiet u tal-ordinamenti ġuridiċi tal-protezzjoni ta' minuri li jeżistu madwar id-dinja. Ma tippruvax toħloq dritt internazzjonali uniformi tal-protezzjoni ta' minuri. F'dan ir-rigward, tista' ssir referenza għall-*Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal* (minn hawn 'il quddiem il-"UNCRC")[9]. Minflok, il-funzjoni tal-Konvenzjoni tal-1996 hi li tevita kunflitti legali u amministrattivi u li tibni l-istruttura għall-kooperazzjoni internazzjonali effettiva fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni ta' minuri bejn l-ordinamenti differenti. F'dan ir-rigward, il-Konvenzjoni tipprovdi opportunità notevoli għall-bini ta' pontijiet bejn l-ordinamenti ġuridiċi bi sfondi kulturali jew reliġjużi differenti.

---

[4] Ara l-para. 4 tal-Konklużjonijiet u tar-Rakkomandazzjonijiet tas-Seminar dwar il-Protezzjoni Transfruntiera tal-Minuri fir-Reġjun tal-Afrika tan-Nofsinhar u tal-Lvant (Pretoria, 22-25 ta' Frar 2010), disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "News & Events" u mbagħad "2010".

[5] Il-"Proċess ta' Malta" hu proċess ta' djalogu bejn l-imħallfin anzjani u l-uffiċjali għolja tal-gvern mill-Istati Kontraenti għall-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996 u mill-Istati Mhux Kontraenti li l-ordinamenti ġuridiċi tagħhom huma bbażati fuq il-liġi tax-Xarija jew influwenzati minnha. Id-djalogu jinvolvi diskussjonijiet dwar kif tiġi ggarantita protezzjoni aħjar għad-drittijiet transfruntiera ta' aċċess / kuntatt għall-ġenituri u għal uliedhom u dwar kif jiġu miġġielda l-problemi li jimponi l-ħtif internazzjonali bejn l-Istati kkonċernati. Il-Proċess beda fil-Konferenza Ġudizzjarja dwar kwistjonijiet Transfruntiera tal-Liġi tal-Familja, li saret f'San Ġiljan, Malta, fl-14-17 ta' Marzu 2004. Il-Proċess għadu għaddej sla-lum: ara < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" u mbagħad "Judicial Seminars on the International Protection of Children".

[6] Ara t-Tielet Dikjarazzjoni ta' Malta fil-para. 3 disponibbli fuq < www.hcch.net > (kif indikat iktar 'il fuq fin-nota 5).

[7] Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/93/KE tad-19 ta' Diċembru 2002 li tawtorizza lill-Istati Membri jiffirmaw il-Konvenzjoni fl-interess tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/431/KE tal-5 ta' Ġunju 2008 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-1996 jew jaderixxu għal din fl-interess tal-Komunità Ewropa [traduzzjoni mhux uffiċjali].

[8] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 li jikkonċerna l-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-applikazzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament Brussell II a"). Fi żmien il-pubblikazzjoni ta' dan il-Manwal, 26 Stat Membru tal-UE rratifikaw il-Konvenzjoni u ż-żewġ pajjiżi li jifdal ħadu impenn li jirratifikaw il-Konvenzjoni fil-futur qarib.

[9] Il-*Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (l-20 ta' Novembru 1989)*. It-test disponibbli fuq < http://www2.ohchr.org/english/law/crc.htm >.

1.6 B'fehim globali dejjem ikbar tal-vantaġġi tal-Konvenzjoni tal-1996,[10] u bin-numru ta' Stati Kontraenti[11] li dejjem qed jikber,[12] wasal iż-żmien li jiġi ppubblikat dan il-Manwal. Il-Manwal iwieġeb għat-talba li saret lill-Uffiċċju Permanenti fl-2006 matul il-Ħames Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996[13]. Fit-tweġibiet għall-Kwestjonarju[14] mqassam qabel il-laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali kien hemm appoġġ kbir għal gwida dwar il-Konvenzjoni tal-1996. Wara l-konsultazzjoni matul il-laqgħa, ġew adottati l-Konklużjoni u r-Rakkomandazzjoni li ġejjin (para. 2.2):

> "Il-Kummissjoni Speċjali tistieden lill-Uffiċċju Permanenti, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri tal-Konferenza tal-Aja u mal-Istati Kontraenti għall-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996, biex jibda jaħdem fuq it-tħejjija ta' gwida prattika għall-Konvenzjoni tal-1996 li:
> a) tipprovdi pariri dwar il-fatturi kkunsidrati fil-proċess ta' impilmentazzjoni tal-Konvenzjoni fid-dritt nazzjonali, u
> b) tassisti fl-ispjegazzjoni tal-applikazzjoni prattika tal-Konvenzjoni."

1.7 L-Uffiċċju Permanenti beda l-ħidma tiegħu billi abbozza dokument li jiffoka fuq pariri prattiċi għall-Istati li kienu qed jikkunsidraw li jimplimentaw il-Konvenzjoni fid-dritt nazzjonali (f'konformità mal-para. 2.2(a)). Il-"lista ta' kontroll tal-implimentazzjoni" ġiet iffinalizzata fl-2009 u issa tidher bħala l-Anness II għal dan il-Manwal. L-ewwel abbozz tal-Manwal intbagħat lill-Istati[15] fl-2009. Il-Manwal kien maħsub biex ikun ta' assistenza għall-Istati, anki f'forma ta' abbozz. L-Istati ntalbu jipprovdu kummenti dwar l-abbozz tal-Manwal biex ikunu jistgħu jsiru iktar irfinar u titjib qabel il-pubblikazzjoni finali. Imbagħad, l-abbozz tal-Manwal ġie rivedut iktar u ġie sottomess għall-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar l-operat prattiku tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-1996 tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, li saret mill-1 sal-10 ta' Ġunju 2011 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Kummissjoni Speċjali tal-2011 (Parti I)") għall-approvazzjoni finali. F'konformità mal-Konklużjonijiet u mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Speċjali, l-Uffiċċju Permanenti ntalab "jikkonsulta ma' esperti, biex jagħmel emendi fl-Abbozz rivedut tal-Manwal

---

10 Ara, pereżempju, id-Dikjarazzjoni tal-Konferenza Ġudizzjarja Internazzjonali dwar ir-Rilokazzjoni Transfruntiera tal-Familji (it-23-25 ta' Marzu 2010) fil-para. 7 li, fil-kuntest tal-każijiet ta' rilokazzjoni transfruntiera tal-familji, tirrikonoxxi l-qafas tal-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996 bħala "parti integrali mis-sistema globali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-minuri"; il-Konklużjonijiet tas-Seminar Ġudizzjarju tal-Marokk dwar il-Protezzjoni Transfruntiera ta' Minuri u tal-Familji, Rabat (il-Marokk, it-13-15 ta' Diċembru 2010); il-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Laqgħa Inter-Amerikana tal-Imħallfin u tal-Awtoritajiet Ċentrali tan-Netwerk tal-Aja dwar il-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (il-Messiku, DF, it-23-25 ta' Frar 2011); ilkoll disponibbli fuq < www.hcch.net > (kif indikat iktar 'il fuq fin-nota 5).

11 Meta ssir referenza għal "Stat Kontraenti" f'dan il-Manwal, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor din ir-referenza hi għal "Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1996 tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal.

12 L-Istati Membri tal-UE li jifdal (il-Belġju u l-Italja) kif ukoll l-Arġentina, il-Kanada, il-Kolombja, l-Iżrael, in-New Zealand, in-Norveġja, il-Paragwaj u l-Afrika t'Isfel huma mifhuma wkoll li qed jikkunsidraw b'mod attiv ir-ratifika tal-Konvenzjoni jew l-adeżjoni għal din. Barra minn hekk, l-Istati Uniti tal-Amerika ffirmaw il-Konvenzjoni tal-1996 fl-10 ta' Ottubru 2010.

13 Il-Ħames Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali għar-rieżami tal-operat tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri* u tal-implimentazzjoni prattika tal-*Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 fuq il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, Rikonoxximent, Infurzar u Kooperazzjoni dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal* (it-30 ta' Ottubru – id-9 ta' Novembru 2006).

14 Kwestjonarju li jikkonċerna l-operat prattiku tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri*, Dok. Prel. Nru 1 ta' April 2006 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Ottubru / Novembru 2006 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" u mbagħad "Questionnaires and responses".

15 L-abbozz tal-Manwal intbagħat lill-Organi Nazzjonali u ta' Kuntatt tal-Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, kif ukoll lill-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istati Kontraenti għall-Konvenzjonijiet tal-1996 u tal-1980. Kopja stampata tal-abbozz tal-Manwal intbagħtet ukoll lill-Ambaxxaturi tal-Istati Kontraenti Mhux Membri għall-Konvenzjonijiet tal-1996 u tal-1980.

Prattiku, fid-dawl tal-kummenti pprovduti matul il-laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali" qabel ma ssir il-pubblikazzjoni finali (para. 54).

1.8 L-Uffiċċju Permanenti hu grat għall-kummenti li rċieva matul id-diversi stadji tal-proċess, u għall-kummenti bil-miktub mingħand dawn li ġejjin: l-Awstralja, il-Kanada, l-Unjoni Ewropea, il-Portugall, in-Netherlands (l-Uffiċċju tal-Imħallef ta' Kollegament, il-Protezzjoni Internazzjonali ta' Minuri), in-New Zealand, is-Slovakkja, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti tal-Amerika, kif ukoll mingħand diversi esperti, inklużi Nigel Lowe, Peter McEleavy, L-Onor. Irtirat Lord tal-Ġustizzja Mathew Thorpe, u s-Servizz Soċjali Internazzjonali[16]. Dan il-Manwal ma kienx ikun possibbli mingħajr l-isforzi miftiehma tal-Uffiċċju Permanenti, speċjalment ta' dawn li ġejjin: William Duncan, eks Deputat Segretarju Ġenerali; Hannah Baker, Uffiċjal Legali Anzjan; Kerstin Bartsch, Uffiċjal Legali Anzjan; Juliane Hirsch, eks Uffiċjal Legali Anzjan; Joëlle Küng, eks Uffiċjal Legali; Eimear Long, eks Uffiċjal Legali; u Nicolas Sauvage, eks Uffiċjal Legali.

1.9 Kif intqal matul il-Ħames laqgħa ta' din il-Kummissjoni Speċjali fl-2006,[17] l-enfasi ta' dan il-Manwal bilfors li hi differenti minn dik tal-Gwidi għall-Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri[18]. Dan il-Manwal ma jiffokax sal-istess punt fuq "prattika tajba" stabbilita fl-imgħoddi skont il-Konvenzjoni biex jiggwida l-prattika futura għaliex, għalissa, ftit li xejn hemm prattika mill-imgħoddi li tista' tintuża. Minflok, għandu l-għan li jkun **gwida prattika** aċċessibbli u li tinftiehem malajr għall-Konvenzjoni. Billi jużа lingwa ċara, eżempji ta' każijiet rilevanti u komprensivi u flowcharts sempliċi, it-tama hi li l-Manwal jippromwovi fehim ċar ta' kif il-Konvenzjoni h maħsuba li topera fil-prattika, u b'hekk jiżgura li fl-Istati Kontraenti tiġi stabbilita u titrawwem prattika tajba skont il-Konvenzjoni sa mill-bidu nett. Dan il-Manwal jibbaża ħafna fuq ir-Rapport ta' Spjegazzjoni għall-Konvenzjoni tal-1996[19] u jenħtieġ li jinqara u jintuża flimkien ma' dan. Dan ir-Rapport ma jiħux post jew jemenda b'xi mod ir-Rapport ta' Spjegazzjoni li jżomm is-sinifikat tiegħu bħala parti mill-ħidma preparatorja (*travaux préparatoires*) għall-Konvenzjoni tal-1996.

1.10 Dan il-Manwal hu mmirat lejn l-utenti **kollha** tal-Konvenzjoni tal-1996 tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, inklużi l-Istati, l-Awtoritajiet Ċentrali, l-imħallfin, il-prattikanti u l-pubbliku ġenerali.

1.11 Jekk jogħġbok kun af li kwalunkwe gwida pprovduta f'dan il-Manwal mhijiex vinkolanti u xejn fiha ma jista' jinftiehem bħala vinkolanti fuq l-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1996 tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal.

---

16 Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Speċjali tal-2011 (Parti I), paragrafi 54 u 55, disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" u mbagħad "Special Commission meetings on the practical operation of the Convention".

17 Rapport dwar il-Ħames Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali għar-rieżami tal-operat tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri* u tal-implimentazzjoni prattika tal-*Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 fuq il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, Rikonoxximent, Infurzar u Kooperazzjoni dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal* (it-30 ta' Ottubru – id-9 ta' Novembru 2006), disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" u mbagħad "Special Commission meetings on the practical operation of the Convention".

18 Il-Gwidi kollha għall-Prattika Tajba ppubblikati taħt il-Konvenzjoni tal-1980 huma disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" u mbagħad "Guides to Good Practice".

19 P. Lagarde, Rapport ta' Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni tal-1996 tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, *Proceedings of the Eighteenth Session (1996)*, Tome II, *Protection of children*, The Hague, SDU, 1998, pp. 535-605. Dan id-dokument hu disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Publications" u mbagħad "Explanatory Reports". Minn hawn 'il quddiem jissejjaħ sempliċiment ir-"Rapport ta' Spjegazzjoni".

# 2

## *OBJETTIVI TAL-KONVENZJONI TAL-1996*



2.1 L-objettivi tal-Konvenzjoni tal-1996 huma stabbiliti b'mod ġenerali fil-Preambolu għall-Konvenzjoni u, f'forma iktar speċifika, fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni.

## A. Preambolu tal-Konvenzjoni tal-1996

2.2 Il-Preambolu jagħmilha ċara li l-Konvenzjoni għandha l-għan li ttejjeb il-protezzjoni ta' minuri f'sitwazzjonijiet internazzjonali u, għaldaqstant, tfittex li tevita kunflitti bejn ordinamenti ġuridiċi b'rabta mal-miżuri meħuda għall-protezzjoni ta' minuri.

2.3 Il-Preambolu jistabbilixxi dawn l-objettivi f'kuntest storiku billi jagħmel referenza għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961 dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni[20] u għall-ħtieġa li din tiġi riveduta[21] u billi jqiegħed il-Konvenzjoni tal-1996 tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal fil-kuntest tal-UNCRC[22]. Il-Preambolu jiddikjara b'mod ġenerali wkoll il-prinċpju li jinforma d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni; jiġifieri l-importanza tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni ta' minuri u l-konferma li l-aħjar interessi tal-minuri huma kunsiderazzjoni primarja fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni ta' minuri (il-prinċipju tal-"aħjar interessi tal-minuri" li jissemma diversi drabi f'partijiet oħra fit-test prinċipali tal-Konvenzjoni)[23].

## B. Objettivi speċifiċi tal-Konvenzjoni tal-1996

### Artikolu 1

2.4 F'dan l-isfond, l-Artikolu 1 jistabbilixxi l-objettivi tal-Konvenzjoni f'forma speċifika. Hekk kif jiddikjara r-Rapport ta' Spjegazzjoni għall-Konvenzjoni, l-Artikolu 1 jaġixxi b'mod simili għal "werrej" għall-Konvenzjoni[24] bl-Artikolu 1 *a)* sa *e)* li jirrifletti b'mod ġenerali l-għanijiet tal-Kapitoli II sa V tal-Konvenzjoni[25].

2.5 L-ewwel objettiv tal-Konvenzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 1 *a)*, hu li jiddetermina l-Istat Kontraenti li l-awtoritajiet tiegħu għandhom **ġurisdizzjoni** biex jieħdu miżuri mmirati għall-protezzjoni tal-persuna jew għall-beni tal-minuri. Jenħtieġ li jiġi osservat li l-Konvenzjoni tiddetermina biss l-Istat Kontraenti rilevanti li l-awtoritajiet tiegħu għandhom ġurisdizzjoni u mhux l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan dak l-Istat. Ir-regoli relatati mal-ġurisdizzjoni jinsabu fil-Kapitolu II tal-Konvenzjoni u huma diskussi hawn taħt fil-**Kapitoli 4 sa 7** ta' dan il-Manwal.

2.6 It-tieni u t-tielet objettivi, deskritti fl-Artikolu 1 *b)* u *c)*, huma relatati mad-determinazzjoni tal-**liġi applikabbli**. It-tieni objettiv hu li tiġi identifikata l-liġi li jridu japplikaw l-awtoritajiet meta jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom. It-tielet objettiv hu li tiġi identifikata l-liġi applikabbli b'mod speċifiku għar-responsabbiltà tal-ġenituri[26], stabbilit mingħajr intervent minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva. Ir-regoli li jikkonċernaw dawn il-kwistjonijiet huma stabbiliti fil-Kapitolu III tal-Konvenzjoni, u huma diskussi hawn taħt fil-**Kapitolu 9** ta' dan il-Manwal.

---

20 *Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961 li tikkonċerna l-poteri tal-awtoritajiet u l-liġi appilikabbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni ta' minorenni*. It-test sħiħ disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Conventions" u mbagħad "Convention 10".

21 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 1.

22 *Ibid.*, fil-para. 8.

23 *Ibid.*

24 *Ibid.*, fil-para. 9.

25 Iżda jenħtieġ li jiġi osservat kemm l-Art. 1 *b)* kif ukoll *c)* tal-Konvenzjoni huma indirizzati fil-Kapitolu III tal-Konvenzjoni (il-Liġi Applikabbli).

26 Kif iddefinit fl-Art. 1(2) tal-Konvenzjoni – ara iktar 'il quddiem fil-paragrafi **3.16** et seq.

2.7 Ir-raba' objettiv, stabbilit fl-Artikolu 1 *d)*, hu li jipprovdi **għar-rikonoxximent u għall-infurzar** ta' dawn il-miżuri għall-protezzjoni fl-Istati Kontraenti kollha. Ir-regoli li jirrigwardaw kemm ir-rikonoxximent kif ukoll l-infurzar huma stabbiliti fil-Kapitolu IV tal-Konvenzjoni u huma diskussi hawn taħt fil-**Kapitolu 10** ta' dan il-Manwal.

2.8 Il-ħames, u l-aħħar, objettiv, stabbilit fl-Artikolu 1 *e)*, hu li tiġi stabbilita **kooperazzjoni** bħal din bejn l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti skont kif ikun meħtieġ biex jinkisbu l-iskopijiet tal-Konvenzjoni. Din il-kooperazzjoni hi stabbilita fil-Kapitolu V tal-Konvenzjoni u hi diskussa fil-**Kapitolu 11** ta' dan il-Manwal.

# 3

## *KAMP TA' APPLIKAZZJONI*



## A. F'liema Stati u minn meta tibda tapplika l-Konvenzjoni tal-1996?

**Artikoli 53, 57, 58, 61**

3.1 Il-Konvenzjoni tal-1996 tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal tapplika biss għal miżuri għall-protezzjoni[27] li jittieħdu fi Stat Kontraenti **wara** d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat[28].

3.2 Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-Konvenzjoni (Kapitolu IV) japplikaw biss għal miżuri għall-protezzjoni meħuda **wara** d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni **bejn** l-Istat Kontraenti fejn ittieħdet il-miżura għall-protezzjoni u l-Istat Kontraenti fejn jitfittex li tiġi rikonoxxuta u / jew infurzata l-miżura għall-protezzjoni[29].

3.3 Għaldaqstant, biex jitqies jekk il-Konvenzjoni tapplikax f'każ partikolari, hu importanti li jkun jista' jiġi żgurat:

- jekk il-Konvenzjoni daħlitx fis-seħħ fi Stat partikolari u d-data tad-dħul fis-seħħ; u
- jekk il-Konvenzjoni daħlitx fis-seħħ **bejn** Stat Kontraenti partikolari u Stat Kontraenti ieħor u d-data tad-dħul fis-seħħ.

3.4 Ir-regoli rigward jekk il-Konvenzjoni daħlitx fis-seħħ fi Stat partikolari jvarjaw skont jekk l-Istat **irratifikax** jew **aċċediex** għall-Konvenzjoni.

- Ir-**ratifika** tal-Konvenzjoni hi miftuħa biss għal dawk l-Istati li kienu Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat matul it-Tmien Sessjoni ta' din, jiġifieri, l-Istati li kienu Membri tal-Konferenza tal-Aja fid-19 ta' Ottubru 1996 jew qabel[30].
- L-Istati l-oħra kollha jistgħu **jaċċedu** għall-Konvenzjoni[31].

3.5 Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fi Stat kif ġej:

- għall-Istati li **jirratifikaw** il-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jgħaddu tliet xhur minn meta l-Istat jiddepożita l-istrument ta' ratifika tiegħu[32];
- għall-Istati li **jaċċedu** għall-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jgħaddu disa' xhur minn meta l-Istat jiddepożita l-istrument ta' adeżjoni tiegħu[33].

3.6 Għall-Istati li **jaċċedu** għall-Konvenzjoni, hemm perjodu ta' stennija itwal qabel ma l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għaliex, għall-ewwel sitt xhur wara l-adeżjoni, l-Istati Kontraenti kollha l-oħra jkollhom l-opportunità li joġġezzjonaw għall-adeżjoni tagħhom. Tliet xhur wara li jgħaddi dak il-perjodu ta' sitt xhur (jiġifieri,

---

27 Minn hawn 'il quddiem, "miżuri mmirati għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri" f'konformità mal-Art. 1 huma msejħa "miżuri għall-protezzjoni" jew sempliċiment "miżuri". Ma tingħata ebda definizzjoni komprensiva ta' dawn il-miżuri għall-protezzjoni fil-Konvenzjoni, iżda ara l-Artikoli 3 u 4 u, iktar 'il fuq, il-paragrafi **3.14-3.52**.

28 Art. 53(1).

29 Art. 53(2).

30 Art. 57.

31 Art. 58. L-adeżjoni hi disponibbli biss għall-Istati ladarba l-Konvenzjoni nfisha tkun daħlet fis-seħħ f'konformità mal-Art. 61(1). Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ, f'konformità mal-Art. 61(1) fl-1 ta' Jannar 2002, wara t-tielet ratifika tal-Konvenzjoni (li kienet dik tas-Slovakkja, ta' Monako u tar-Repubblika Ċeka li kienu l-ewwel u t-tieni Stati li rratifikaw il-Konvenzjoni). Għalhekk, mill-1 ta' Jannar 2002, kwalunkwe Stat seta' jaċċedi għall-Konvenzjoni.

32 Art. 61(2) *a)*.

33 Art. 61(2) *b)*.

wara total ta' disa' xhur), il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-Istat aderenti. Madankollu, l-adeżjoni tidħol fis-seħħ biss fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-Istat aderenti u dawk l-Istati Kontraenti li **ma jqajmux** oġġezzjoni għall-adeżjoni f'dak il-perjodu ta' sitt xhur[34].

3.7 Stat li jirratifika l-Konvenzjoni **wara** li Stat ieħor diġà jkun aderixxa għaliha jista' jqajjem oġġezzjoni għall-adeżjoni ta' dak l-Istat matul ir-ratifika tiegħu[35]. Jekk it-tali oġġezzjoni tiġi nnotifikata lid-depożitarju mill-Istat li jirratifika, il-Konvenzjoni ma taffettwax ir-relazzjonijiet bejn l-Istat li jirratifika u l-Istat li jkun aderixxa fl-imgħoddi għall-Konvenzjoni (ħlief jekk u qabel ma l-oġġezzjoni tal-Istat li jirratifika tiġi rtirata[36]).

3.8 F'termini tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni **bejn** l-Istati Kontraenti, dan ifisser li l-Konvenzjoni tapplika bejn l-Istati Kontraenti meta: (1) tkun daħlet fis-seħħ **fiż-żewġ** Stati Kontraenti; u (2) fil-każ ta' Stat aderenti, dment li, jekk Stat Kontraenti ieħor ikollu l-għażla li joġġezzjona għall-adeżjoni, dak l-Istat Kontraenti ma jkunx għamel dan.

3.9 Jenħtieġ li l-oġġezzjonijiet għall-adeżjonijiet ikunu rari.

### Kif issib informazzjoni aġġornata dwar l-istatus tal-Konvenzjoni tal-1996

It-tabella tal-istatus tal-Konvenzjoni tal-1996, ippubblikata mill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, hi disponibbli online fuq < www.hcch.net >, taħt "Conventions", "Convention 34", u mbagħad "Status Table".

Din it-tabella tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-istatus tal-Konvenzjoni tal-1996, inklużi r-ratifiki kollha tal-Konvenzjoni u l-adeżjonijiet għaliha u kwalunkwe oġġezzjoni għall-adeżjonijiet.

34 Art. 58(3).

35 Art. 58(3).

36 Il-Konvenzjoni tal-1996 ma fihiex dispożizzjoni espliċita dwar l-irtirar tal-oġġezzjonijiet għall-adeżjonijiet. Madankollu, ġie aċċettat fil-kuntest ta' Konvenzjonijiet oħra tal-Aja li rtirar bħal dan hu possibbli (*eż.* ara l-para. 67 tal-Konklużjonijiet u tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Speċjali tal-2009 dwar l-operat prattiku tal-Konvenzjonijiet tal-Aja dwar il-Postilla, is-Servizz, il-Ksib ta' Provi u l-Aċċess għall-Ġustizzja, disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Apostille Section" u mbagħad "Special Commissions").

**Eżempju 3 (A)**[37]

*L-Istat A **jaċċedi għall-**[38]Konvenzjoni fit-8 ta' April 2010. L-Istat B **jirratifika**[39] l-Konvenzjoni fis-26 ta' Awwissu 2010. Wara r-ratifika, l-Istat B ma joġġezzjonax għall-adeżjoni tal-Istat A[40].*

*Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-Istat A fl-1 ta' Frar 2011[41]. Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-Istat B fl-1 ta' Diċembru 2010[42]. Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ* bejn *iż-żewġ Stati fl-1 ta' Frar 2011.*

*Fl-14 ta' Frar 2011 jinħareġ dritt ta' aċċess fl-Istat B.*

*Peress li d-dritt ingħata* wara *d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni bejn l-Istat B u l-Istat A, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tal-Konvenzjoni A u d-dritt jiġi rikonoxxut bl-operat tad-dritt fl-Istat A[43].*

**Eżempju 3 (B)**

*L-Istat Ċ **jirratifika** l-Konvenzjoni fil-21 ta' Marzu 2009; L-Istat D **jaċċedi għall-**Konvenzjoni fit-13 ta' April 2009. L-Istat Ċ ma joġġezzjonax għall-adeżjoni tal-Istat D.*

*Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-Istat Ċ fl-1 ta' Lulju 2009[44]. Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-Istat D fl-1 ta' Frar 2010[45]. Għalhekk, il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ* bejn *l-Istati fl-1 ta' Frar 2010.*

*Fil-5 ta' Awwissu 2009 tinħareġ ordni tal-qorti rigward l-arranġamenti ta' kustodja u ta' aċċess fl-Istat Ċ. F'Settembru 2009, parti minnhom titlob biex l-ordni tiġi rikonoxxuta u infurzata fl-Istat D.*

*Peress li d-dritt ta' kustodja u ta' kuntatt ingħata fl-Istat Ċ* qabel *ma l-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-Istat D (u, għalhekk, qabel ma l-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ* bejn *iż-żewġ Stati), il-mekkaniżmi tal-Konvenzjoni dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ma japplikawx[46].*

*Madankollu, jekk iż-żewġ Stati huma Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961 dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni, id-dritt jista' jkollu jiġi rikonoxxut skont dik il-Konvenzjoni.[47] Jekk le, jenħtieġ li jiġi vverifikat jekk hemmx xi ftehim reġjonali jew bilaterali bejn l-Istat Ċ u l-Istat D li jirregola r-rikonoxximent u l-infurzar tat-tali drittijiet ta' kustodja u ta' aċċess. Jekk lanqas m'hemm xi ftehim reġjonali jew bilaterali, xorta waħda jista' jkun hemm dispożizzjonijiet eżistenti tad-dritt domestiku fl-Istat D li jassistu lill-partijiet.[48]*

---

37 Meta f'dan il-Manwal Prattiku jissemmew eżempji ta' każijiet, ir-referenza għall-Istati Kontraenti tassumi li tkun iddaħħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni bejn dawn l-Istati Kontraenti qabel ma seħħew l-avvenimenti inkwistjoni, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor.

38 Art. 58(1).

39 Art. 57(2).

40 Art. 58(3).

41 Art. 61(2) *b).*

42 Art. 61(2) *a).*

43 Art. 23(1) (sakemm ma tkunx stabbilita xi waħda mir-raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent, f'liema każ ir-rikonoxximent jista' jiġi rifjutat, iżda **mhux bilfors** – ara l-Art. 23(2) u iktar 'il fuq fil-**Kapitolu 10**).

44 Art. 61(2) *a).*

45 Art. 61(2) *b).*

46 Art. 53(2).

47 Art. 51. Ara, b'mod partikolari, l-Art. 7 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961 dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni. Ara wkoll iktar 'il fuq il-paragrafi **12.2-12.3** għal diskussjoni dwar ir-relazzjoni bejn din il-Konvenzjoni u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961. Ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 169.

48 *Ibid.*, fil-para. 178, li jiddikjara, "[n]aturalment, l-Istat rikjest dejjem jista' jirrikonoxxi d-deċiżjonijiet meħuda preċedentement, iżda dan isir bis-saħħa tad-dritt nazzjonali tiegħu u mhux bis-saħħa tal-Konvenzjoni".

**Eżempju 3 (C)**

*L-Istat E **jirratifika** l-Konvenzjoni fil-5 ta' Marzu 2007. L-Istat F **jaċċedi għall-**Konvenzjoni fl-20 ta' Marzu 2008. F'April 2008, l-Istat E jinnotifika lid-depożitarju dwar l-oġġezzjoni tiegħu għall-adeżjoni tal-Istat F*[49].

*Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-Istat E fl-1 ta' Lulju 2007*[50]*. Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-Istat F fl-1 ta' Jannar 2009*[51]*. Madankollu, l-adeżjoni tal-Istat F mhix se taffettwa r-relazzjonijiet bejn l-Istat F u l-Istat E minħabba l-oġġezzjoni tal-Istat E għall-adeżjoni tiegħu*[52]*. Il-Konvenzjoni mhix se tidħol fis-seħħ* bejn *iż-żewġ Stati ħlief jekk u qabel ma l-Istat E jirtira l-oġġezzjoni tiegħu għall-adeżjoni tal-Istat F.*

*F'Lulju 2009, koppja mhix miżżewġa b'żewġt ulied li huma residenti abitwali fl-Istat F, iżda li huma ċittadini tal-Istat E, separati. Hemm tilwima dwar fejn jenħtieġ li jgħixu l-minuri, u ma' min. Il-missier jiftaħ proċedimenti fuq din il-kwistjoni fl-Istat F. Peress li l-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-Istat F, l-Istat F għandu ġurisdizzjoni biex jieħu miżuri għall-protezzjoni fir-rigward tal-minuri f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni*[53].

*L-omm tagħmel kontroapplikazzjoni mal-awtoritajiet fl-Istat F għal permess ta' rilokazzjoni fl-Istat E bil-minuri. L-awtoritajiet fl-Istat F jagħtu lill-omm il-permess ta' rilokazzjoni u jagħtu lill-missier dritt ta' aċċess għat-tfal.*

*Wara r-rilokazzjoni tal-omm u tat-tfal, id-dritt ta' aċċess ma jiġix irrispettat. Il-missier jitlob li d-dritt ta' aċċess jiġi rikonoxxut u infurzat fl-Istat E.*

*Filwaqt li l-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ kemm fl-Istat E kif ukoll fl-Istat F, peress li l-Istat E oġġezzjona għall-adeżjoni tal-Istat F, il-Konvenzjoni ma daħlitx fis-seħħ* bejn *iż-żewġ Stati. Għalhekk, il-mekkaniżmi tal-Konvenzjoni li jikkonċernaw ir-rikonoxximent u l-infurzar mhumiex se japplikaw f'dan il-każ*[54].

*Madankollu, jekk iż-żewġ Stati huma Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961 dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni, l-ordni jista' jkollha tiġi rikonoxxuta skont dik il-Konvenzjoni. Jekk le, jenħtieġ li jiġi vverifikat jekk hemmx xi ftehim reġjonali jew bilaterali bejn l-Istat E u l-Istat F li jirregola r-rikonoxximent u l-infurzar tat-tali drittijiet ta' kustodja u ta' aċċess. Jekk lanqas m'hemm xi ftehim reġjonali jew bilaterali, xorta waħda jista' jkun hemm dispożizzjonijiet eżistenti tad-dritt domestiku fl-Istat F li jassistu lill-partijiet.*

**Eżempju 3 (D)**

*L-Istat G **jaċċedi għall-**Konvenzjoni fit-13 ta' Awwissu 2008. L-Istat H **jirratifika** l-Konvenzjoni fit-30 ta' Ottubru 2009 u, wara r-ratifika, jinnotifika lid-depożitarju dwar l-oġġezzjoni tiegħu għall-adeżjoni tal-Istat G*[55].

*Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-Istat G fl-1 ta' Ġunju 2009*[56]*. Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-Istat H fl-1 ta' Frar 2010*[57]*. Madankollu, il-Konvenzjoni mhix se jkollha effett fir-relazzjonijiet bejn l-Istat G u l-Istat H, inkluż wara l-1 ta' Frar 2010, minħabba l-oġġezzjoni tal-Istat H għall-adeżjoni tal-Istat G*[58]*. Il-Konvenzjoni mhix se tidħol fis-seħħ* bejn *iż-żewġ Stati ħlief jekk u qabel ma l-Istat H jirtira l-oġġezzjoni tiegħu għall-adeżjoni tal-Istat G.*

49 Art. 58(3).
50 Art. 61(2) *a).*
51 Art. 61(2) *b).*
52 Art. 58(3).
53 Ara iktar 'il quddiem fil-**Kapitolu 4**.
54 Art. 53(2).
55 Art. 58(3).
56 Art. 61(2) *b).*
57 Art. 61(2) *a).*
58 Art. 58(3).

## B. Għal liema minuri tapplika l-Konvenzjoni tal-1996?
### Artikolu 2

3.10 Il-Konvenzjoni tapplika għall-minuri kollha[59] minn meta jitwieldu sakemm jagħlqu t-18-il sena[60].

3.11 Għall-kuntrarju tal-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1980 u tal-1993 dwar il-Minuri, minuri mhux bilfors irid ikun residenti abitwali fi Stat **Kontraenti** biex jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1996. Pereżempju, minuri jista' jkollu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat **mhux Kontraenti** iżda xorta waħda jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6 (minuri refuġjati, minuri spostati internazzjonalment jew dawk b'residenza abitwali li ma tistax tiġi stabbilita), tal-Artikolu 11 (miżuri f'każijiet ta' urġenza) jew tal-Artikolu 12 (miżuri provviżorji) tal-Konvenzjoni tal-1996[61].

3.12 Madankollu, jenħtieġ li jiġi osservat li meta minuri jkollu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat **Kontraenti**, ir-regoli tal-ġurisdizzjoni li jinsabu fil-Kapitolu II jifformaw sistema kompluta u magħluqa li tapplika b'mod integrali u sħiħ fl-Istati Kontraenti. Għaldaqstant, "Stat Kontraenti mhuwiex awtorizzat jeżerċita ġurisdizzjoni xi wieħed minn dawn il-minuri jekk it-tali ġurisdizzjoni ma tkunx ipprovduta fil-Konvenzjoni"[62].

3.13 Għall-kuntrarju, meta minuri **ma jkollux** ir-residenza abitwali tiegħu fi Stat Kontraenti, l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti jistgħu jeżerċitaw ġurisdizzjoni fuq il-bażi tar-regoli tal-Konvenzjoni, fejn possibbli; iżda, barra minn hekk, m'hemm xejn xi jżomm lill-awtoritajiet milli jeżerċitaw ġurisdizzjoni fuq il-bażi tar-regoli mhux tal-Konvenzjoni tal-Istat tagħhom[63]. F'dan il-każ, il-benefiċċju ovvju tal-eżerċitar tal-ġurisdizzjoni fuq il-bażi tar-regoli tal-Konvenzjoni, meta dan ikun possibbli, hu li l-miżura tiġi rikonoxxuta u tkun eżegwibbli fl-Istati Kontraenti l-oħra kollha f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tal-Konvenzjoni[64]. Min-naħa l-oħra, meta l-ġurisdizzjoni tiġi eżerċitata fuq il-bażi ta' raġunijiet tal-ġurisdizzjoni mhux skont il-Konvenzjoni, il-miżuri għall-protezzjoni ma jkunux intitolati li jiġu rikonoxxuti u infurzati skont il-Konvenzjoni[65].

---

59 Jenħtieġ li jingħad li l-Konvenzjoni tista' tapplika anki jekk il-minuri kkonċernat la jkun residenti abitwali fi Stat Kontraenti u lanqas ċittadini tiegħu, *eż.*, l-Art. 6 tal-Konvenzjoni li jibbaża biss fuq il-preżenza tal-minuri fl-Istat Kontraenti. Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 17, u iktar 'il fuq fil-paragrafi **3.11-3.13**.

60 Għal persuni ta' 18-il sena u iktar li, minħabba indeboliment jew insuffiċjenza fil-fakultajiet personali tagħhom, mhumiex f'pożizzjoni li jipproteġu l-interessi tagħhom, tapplika l-*Konvenzjoni tal-Aja tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti* (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni tal-Aja tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti") jekk l-Istati rilevanti huma Stati Kontraenti għal dik il-Konvenzjoni. Ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-paragrafi 15-16.

61 Fir-rigward tal-Art. 6, ara iktar 'il quddiem fil-paragrafi **4.13-4.18** u **13.58** *et seq.*; fir-rigward tal-Artikoli 11 u 12, ara iktar 'il quddiem fil-**Kapitoli 6** u **7**.

62 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 84. Ħlief, ovvjament, meta japplika l-Art. 52, ara iktar 'il quddiem fil-paragrafi **12.5-12.8**.

63 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-paragrafi 39 u 84.

64 Dment li jkunu ssodisfati l-kriterji l-oħra li jinsabu fil-Kapitolu IV – ara iktar 'il quddiem fil-**Kapitolu 10**.

65 Art. 23(2) *a)* – meta l-miżura għall-protezzjoni tittieħed minn awtorità li l-ġurisdizzjoni ma tkunx ibbażata fuq waħda mill-bażijiet stipulati fil-Konvenzjoni, din tkun bażi li fuqha r-rikonoxximent jista' jiġi rifjutat skont il-Konvenzjoni. Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 122.

**Eżempju 3 (E)**

*Tifel hu resident abitwali u preżenti fl-Istat mhux Kontraenti X. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jeżerċitaw ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni fir-rigward tat-tifel skont ir-regoli ta' ġurisdizzjoni tagħhom mhux skont il-Konvenzjoni fuq il-bażi li t-tifel hu ċittadin tal-Istat Kontraenti A. L-Istat Kontraenti A hu intitolat li jagħmel dan iżda l-miżura għall-protezzjoni mhux bilfors li tiġi rikonoxxuta skont il-Konvenzjoni fi Stati Kontraenti oħra*[66].

**Eżempju 3 (F)**

*Tifel hu resident abitwali fi Stat mhux Kontraenti Y. It-tifel wasal riċentement fl-Istat Kontraenti ġar B minħabba gwerra ċivili li għadha għaddejja fl-Istat Kontraenti Y. Seħħ massakru fir-raħal tiegħu u safa orfni. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B ħa miżuri għall-protezzjoni relatati mat-tifel skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Dawn il-miżuri għall-protezzjoni jiġu rikonoxxuti bl-operat tad-dritt fl-Istati Kontraenti l-oħra kollha*[67].

## C. Liema kwistjonijiet huma koperti mill-Konvenzjoni tal-1996?

### Artikolu 3

3.14 Il-Konvenzjoni tistabbilixxi regoli relatati mal-"miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri"[68]. Il-Konvenzjoni ma tipprovdix definizzjoni preċiża ta' x'jistgħu jinkludu dawn il-"miżuri għall-protezzjoni". Madankollu, l-eżempji tal-kwistjonijiet li fihom jistgħu japplikaw dawn il-miżuri għall-protezzjoni huma stabbiliti fl-Artikolu 3. Din mhix maħsuba biex tkun lista eżawrijenti ta' eżempji[69].

3.15 Għaldaqstant, il-miżuri għall-protezzjoni jistgħu jkunu jikkonċernaw b'mod partikulari dawn li ġejjin:

#### *(a) Attribuzzjoni, eżerċizzju, terminazzjoni jew restrizzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, kif ukoll id-delega ta' din*[70]

3.16 It-terminu "responsabbiltà tal-ġenituri" hu ddefinit fl-Artikolu 1(2) tal-Konvenzjoni u jinkludi l-awtorità tal-ġenituri, jew kwalunkwe relazzjoni analoga ta' awtorità li tiddetermina d-drittijiet, il-poteri u r-responsabbiltajiet tal-ġenituri, tat-tuturi jew ta' rappreżentanti legali oħra b'rabta mal-persuna jew mal-beni tal-minuri[71]. Id-deskrizzjoni tat-terminu fil-Konvenzjoni hi ġenerali apposta[72]. It-terminu jkopri fl-

---

66 Art. 23(2) *a)*. Ara wkoll iktar 'il quddiem fil-**Kapitolu 13**, paragrafi **13.58-13.60** rigward minuri li huma refuġjati, spustati internazzjonalment jew mingħajr residenza abitwali.

67 Art. 23(1). Dan ikun il-każ sakemm ma jkunx hemm bażi għar-rifjut tar-rikonoxximent skont l-Art. 23(2) - għal iktar tagħrif ara iktar 'il quddiem fil-**Kapitolu 10**.

68 Art. 1.

69 Għal diskussjoni ulterjuri dwar numru ta' miżuri misjuba fl-Art. 3 ara iktar 'il quddiem fil-**Kapitolu 13** dwar suġġetti speċjali. Jenħtieġ li jiġi osservat li l-eżempji mogħtija fl-Art. 3 mhumiex kategoriji riġidi: il-miżuri għall-protezzjoni jistgħu jkopru eżempju wieħed jew iktar minn fost dawk mogħtija, *eż.*, fid-dritt domestiku ta' ċerti Stati Kontraenti, it-tqegħid ta' minuri ma' familja tar-rispett (Art. 3 *e)*) jista' jinvolvi wkoll restrizzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri (Art. 3 *a)*). Miżura għall-protezzjoni bħal din ċertament li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Barra minn hekk, skont il-miżuri disponibbli fid-dritt domestiku ta' Stat Kontraenti, il-"miżuri għall-protezzjoni" mhux bilfors li jiġu ordnati minn tribunal ġudizzjarju jew amministrattiv formali: *eż.*, uffiċjal ta' awtorità pubblika, bħal uffiċjal tal-pulizija jew assistent soċjali, jista' jingħata s-setgħa mid-dritt domestiku li jieħu "miżura għall-protezzjoni" fir-rigward ta' minuri, normalment f'sitwazzjoni ta' urġenza. Jekk il-funzjoni tal-miżura hi li tipproteġi lill-minuri, sakemm ma taqax taħt il-kategorija msemmija fl-Art. 4, din tkun tidher li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Konvenzjoni.

70 Art. 3 *a)*.

71 Art. 1(2).

72 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 14. L-espressjoni hi ispirata mill-Art. 18 tal-UNCRC. Madankollu, dan il-kunċett ta' responsabbiltà tal-ġenituri ma kienx preċiż biżżejjed għal ċerti delegazzjonijiet; għalhekk ġie elaborat fl-Art. 1(2) tal-Konvenzjoni tal-1996.

istess ħin ir-responsabbiltà li tikkonċerna l-persuna tal-minuri, ir-responsabbiltà li tikkonċerna l-beni tagħhom u, b'mod ġenerali, ir-rappreżentazzjoni legali tal-minuri, ikun xi jkun l-isem mogħti lill-istituzzjoni legali inkwistjoni.

3.17 Rigward il-persuna tal-minuri, id-"drittijiet u r-responsabbiltajiet" imsemmija fl-Artikolu 1(2) jinkludu dawk li jappartjenu għall-ġenituri, għat-tuturi jew għar-rappreżentanti legali b'rabta mat-trobbija u mal-iżvilupp tal-minuri. Dawn id-drittijiet u r-responsabbiltajiet jistgħu jkollhom x'jaqsmu, pereżempju, mal-kustodja, mal-edukazzjoni, ma' deċiżjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa, mad-determinazzjoni tar-residenza tal-minuri jew mas-superviżjoni tal-persuna tal-minuri u, b'mod partikolari, mar-relazzjonijiet tagħhom.

3.18 It-terminu "poteri" fl-Artikolu 1(2) iktar għandu x'jaqsam b'mod speċifiku mar-rappreżentazzjoni tal-minuri. Din ir-rappreżentazzjoni normalment issir mill-ġenituri iżda tista' tiġi eżerċitata, f'parti minnha jew kollha kemm hi, minn partijiet terzi, pereżempju fil-każijiet ta' mewt, ta' inkapaċità jew ta' nuqqas ta' idoneità tal-ġenituri, jew meta minuri jkun ġie abbandunat mill-ġenituri tiegħu jew ikun tqiegħed ma' parti terza għal xi raġuni oħra. It-tali "poteri" jistgħu jiġu eżerċitati b'rabta mal-persuna jew mal-beni tal-minuri.

3.19 It-terminoloġija użata għal dawn il-kunċetti tvarja bejn l-Istati, u wħud mill-eżempji huma tutela, awtorità tal-ġenituri, *patria potestas*, kif ukoll "responsabbiltà tal-ġenituri" stess. Anki meta t-terminu "responsabbiltà tal-ġenituri" stess tkun fid-dritt domestiku ta' Stat, l-interpretazzjoni mogħtija lit-terminu fid-dritt domestiku mhux bilfors li titqies bħala ekwivalenti għall-interpretazzjoni tagħha fil-Konvenzjoni. Jenħtieġ li t-terminu tal-Konvenzjoni jingħata tifsira awtonoma tal-Konvenzjoni.

3.20 Jista' jkun hemm diversi modi differenti li bihom l-individwi jkunu jistgħu jiksbu responsabbiltà tal-ġenituri skont id-dritt domestiku ta' Stat. Spiss, id-detenturi ta' responsabbiltà tal-ġenituri jiġu identifikati bl-operat tad-dritt: pereżempju, f'ħafna Stati r-responsabbiltà tal-ġenituri tingħata bl-operat tad-dritt lil ġenituri miżżewġa malli jitwieled il-minuri tagħhom u, f'ċerti Stati, din hi estiża għal, pereżempju, ġenituri mhux miżżewġa li jikkoabitaw. F'ċerti Stati, id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jistgħu jiġu identifikati wara t-twettiq ta' att partikolari, bħar-rikonoxximent tal-minuri minn missier mhux miżżewweġ, iż-żwieġ sussegwenti tal-ġenituri tal-minuri jew ftehim tal-ġenituri. Ir-responsabbiltà tal-ġenituri tista' tiġi assenjata wkoll permezz tad-deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva. It-terminu "attribuzzjoni" tar-responsabbiltà tal-ġenituri fl-Artikolu 3 *a)* hu maħsub li jkopri dawn il-metodi kollha ta' kif tinkiseb ir-responsabbiltà tal-ġenituri.

3.21 Jista' jkun hemm ukoll ħafna modi differenti li bihom id-drittijiet domestiċi tal-Istati jipprovdu għall-eżerċizzju, għat-terminazzjoni, għar-restrizzjoni u għad-delega tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-Artikolu 3 jiżgura li dawn il-metodi kollha jiġu inklużi fi ħdan din id-dispożizzjoni, u għalhekk fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

**Eżempju 3 (G)** *Il-liġi tal-Istat Kontraenti A tistipula li jekk ġenitur jindika f'dispożizzjoni testamentarja l-persuna li hu jixtieq li tindokra lill-persuna u / jew il-beni tal-minuri malli jmut, din se tagħti lil dik il-persuna r-responsabbiltà tal-ġenituri mal-eżekuzzjoni tad-dispożizzjoni. Din l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni*[73].

73 Art. 3 *a)*.

**Eżempju 3 (H)** *Fil-każ ta' negliġenza u abbuż serji fuq minuri, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jieħdu miżuri biex ineħħu lill-minuri mill-indokrar mill-ġenituri tiegħu u biex jitterminaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri stess. Din it-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni*[74].

**(b) *Drittijiet ta' kustodja, inklużi drittijiet relatati mal-indokrar tal-persuna tal-minuri u, b'mod partikolari, id-dritt li jiġi ddeterminat il-post tar-residenza tal-minuri, kif ukoll id-drittijiet ta' aċċess / ta' kuntatt inkluż id-dritt li l-minuri jittieħed għal perjodu limitat ta' żmien f'post li mhuwiex ir-residenza abitwali tiegħu.***[75]

3.22 Din it-taqsima tinkorpora l-miżuri kollha relatati mal-indokrar u mat-trobbija tal-minuri, u mal-aċċess għalih jew mal-kuntatt miegħu. Dawn il-miżuri jistgħu jiddeterminaw ma' liema ġenitur, jew persuna oħra, jenħtieġ li jgħix minuri u kif jiġi organizzat l-aċċess għall-ġenitur, jew għal persuna oħra, li ma jgħixx magħhom il-minuri. Miżuri bħal dawn jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni indipendentement mit-titli mogħtija lilhom fid-dritt domestiku tal-Istat.[76] Peress li d-"drittijiet ta' aċċess" u d-"drittijiet ta' kustodja" huma ddefiniti fl-Artikolu 3 *b)*, it-test itenni dak li jiddikjara l-Artikolu 5 *b)* tal-Konvenzjoni tal-1980. Dan isir apposta u jenħtieġ li t-termini "drittijiet ta' kustodja" u "drittijiet ta' aċċess" jiġu interprtati b'mod konsistenti biex tiġi żgurata l-komplimentarjetà taż-żewġ Konvenzjonijiet[77].

**(c) *Tutela, kurazija u istituzzjonijiet analogi***[78]

3.23 Dawn l-istituzzjonijiet huma sistemi ta' protezzjoni, ta' rappreżentazzjoni jew ta' assistenza li huma stabbiliti favur il-minuri meta l-ġenituri tiegħu jkunu deċeduti jew ma jibqgħux awtorizzati li jirrappreżentawh iktar[79].

**(d) *Deżinjazzjoni u funzjonijiet ta' kwalunkwe persuna jew korp li huma inkarigati bil-persuna jew bil-beni tal-minuri, li jirrappreżentaw jew li jassistu lill-minuri***[80]

3.24 Minbarra ġenitur jew tutur, il-"persuna jew il-korp" imsemmija hawn jistgħu jkunu wkoll tutur *ad litem* jew avukat tal-minuri, jew persuna li għandha awtorità fuq il-minuri f'ċirkustanzi partikolari (*eż.*, "skola jew persuna li tmexxi resort ta' btala li tintalab tieħu deċiżjonijiet mediċi [dwar il-minuri] fin-nuqqas ta' rappreżentant legali"[81]).

---

74 *Id.* Hu possibbli wkoll li f'ċerti Stati Kontraenti, fil-każijiet ta' abbuż / negliġenza, il-minuri jistgħu jitneħħew mill-kustodja tal-ġenitur(i) jew tat-tutur(i) iżda r-responsabbiltà tal-ġenituri tal-ġenitur(i) jew tat-tutur(i) tibqa', soġġetta għal ċerti restrizzjonijiet. Din ir-"restrizzjoni" tar-responsabbiltà tal-ġenituri wkoll taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (Art. 3 *a)*).

75 Art. 3 *b)*.

76 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 20, li jiddikjara: "Il-Konvenzjoni ma tistax tiddikjara li tuża espressjonijiet li jixirqu l-ispeċifiċitajiet lingwistiċi tal-Istati rrappreżentati kollha."

77 Ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 13**, il-paragrafi **13.15-13.30** dwar l-aċċess / il-kuntatt. Ara wkoll id-Database Internazzjonali dwar il-Ħtif ta' Minuri (INCADAT) fuq < www.incadat.com > għall-ġurisprudenza domestika ewlenija dwar it-tifsira ta' dawn it-termini skont il-Konvenzjoni tal-1980. Dawn it-termini għandhom tifsiriet awtonomi u jenħtieġ li jiġu interpretati b'mod indipendenti minn kwalunkwe restrizzjoni legali domestika.

78 Art. 3 *c)*.

79 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 21.

80 Art. 3 *d)*.

81 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 22.

### (e) *Tqegħid ta' minuri ma' familja tar-rispett jew f'kustodja istituzzjonali, jew il-forniment ta' indokrar mill-kafala jew minn istituzzjoni analoga*[82]

3.25 Dan il-paragrafu jirreferi għall-forom ta' kustodja alternattiva li jistgħu jiġu pprovduti lill-minuri.[83] Normalment dawn japplikaw meta l-minuri jisfa orfni jew meta l-ġenituri ma jkunux jistgħu jħarsu lill-minuri[84].

3.26 Jenħtieġ li jingħad li dan il-paragrafu ma jirreferix għall-adozzjoni jew għal miżuri li jippreparaw l-adozzjoni, inkluż it-tqegħid ta' minuri għall-adozzjoni[85]. Dawn il-miżuri huma esklużi b'mod espliċitu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni permezz tal-Artikolu 4[86].

3.27 L-istituzzjoni tal-*kafala* tintuża spiss f'ċerti Stati bħala forma ta' indokrar tal-minuri meta ma jkunux jistgħu jiġu indokrati mill-ġenituri tagħhom. Taħt il-*kafala*, il-minuri jiġu indokrati minn familji jew qraba ġodda iżda r-rabta legali mal-ġenituri tat-twelid tagħhom ġeneralment ma tinqatax[87]. Il-*kafala* tista' sseħħ b'mod transfruntier iżda peress li hi arranġament li ma jikkostitwixxix adozzjoni, ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor. Madankollu, fejn tintuża, l-istituzzjoni tal-*kafala* tikkostitwixxi biċ-ċar miżura għall-protezzjoni fir-rigward ta' minuri u, għalhekk, taqa' b'mod espliċitu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1996[88].

3.28 Meta awtorità b'ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 tal-Konvenzjoni tikkunsidra li tieħu miżura għall-protezzjoni li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 *e)* (jiġifieri miżura li tikkonċerna t-tqegħid tal-minuri ma' familja tar-rispett jew f'kustodja istituzzjonali, jew il-forniment tal-indokrar mill-*kafala* jew minn istituzzjoni analoga) u t-tali tqegħid jew forniment tal-indokrar ikun ser iseħħ fi Stat Kontraenti ieħor, japplikaw ċerti obbligi skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni tal-1996. Din il-kwistjoni, flimkien mal-kwistjoni tal-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-miżuri għall-protezzjoni li "jiskattaw" l-obbligi fl-Artikolu 33, hi diskussa iktar 'il quddiem fil-**Kapitoli 11 u 13**[89].

---

82 Art. 3 *e)*. Ara wkoll iktar 'il quddiem fil-**Kapitolu 11**, il-paragrafi **11.13-11.17** u fil-**Kapitolu 13**, il-paragrafi **13.31-13.42**, dwar l-Art. 33 tal-Konvenzjoni li japplika "jekk awtorità li jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 tikkunsidra t-tqegħid tal-minuri ma' familja tar-rispett jew f'kustodja istituzzjonali, jew il-forniment ta' kustodja minn *kafala* jew minn istituzzjoni analoga, u jekk it-tali tqegħid jew it-tali forniment ta' kustodja jkun se jseħħ fi Stat Kontraenti ieħor [...]".

83 B'rabta mat-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni dwar l-indokrar alternattiv tal-minuri, ara l-"Guidelines for the Alternative Care of Children", formalment milqugħa permezz tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/64/142 tal-24 ta' Frar 2010 (disponibbli fuq < http://www.unicef.org/protection/alternative_care_Guidelines-English.pdf >). Il-Linja Gwida "jistabbilixxu orjentazzjonijiet mixtieqa għall-politika u għall-prattika" b'rabta mal-indokrar alternattiv tal-minuri, "bl-intenzjoni li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' strumenti internazzjonali oħra dwar il-protezzjoni u l-benessri tal-minuri mċaħħda minn kustodja tal-ġenituri jew li huma f'riskju li jisfaw hekk [...]" (ara l-Preambolu għar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali). Il-Linji Gwida jinkludu taqsima ddedikata dwar "Il-forniment tal-indokrar għal minuri li jinsabu barra l-pajjiż tar-residenza abitwali tagħhom" (il-Kapitolu VIII). Dan il-Kapitolu jirrakkomanda li l-Istati jirratifikaw jew jaċċedu għall-Konvenzjoni tal-1996, "biex jiżguraw kooperazzjoni internazzjonali xierqa u protezzjoni ta' minuri f'sitwazzjonijiet bħal dawn" (para. 138).

84 Meta interpretat dispożizzjonijiet simili tar-Regolament Brussell II a, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabet li kemm id-deċiżjoni ta' tneħħija tal-minuri mill-familja oriġinali tagħhom kif ukoll id-deċiżjoni li dawn jitqiegħdu ma' familja tar-rispett jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (ara l-Kawża C-435/06 tas-27 ta' Novembru 2007 [2007] Ġabra I-10141 kif ukoll il-Kawża C-523/07 tat-2 ta' April 2009 [2009] Ġabra I-0000).

85 Ara iktar 'il quddiem il-para. **3.38** rigward it-tifsira tal-kelma "tqegħid" f'dan il-kuntest.

86 Ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **3.32** *et seq.* rigward l-Art. 4 tal-Konvenzjoni u l-paragrafi **3.38-3.39** rigward l-adozzjoni. Ara wkoll iktar 'il quddiem it-taqsima speċjali dwar l-adozzjoni fil-**Kapitolu 13** fil-paragrafi **13.43-13.45**. Finalment, ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 28.

87 Madankollu, ir-regoli dwar l-istituzzjoni tal-*kafala* jvarjaw bejn l-Istati fejn tintuża.

88 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 23.

89 Ara iktar 'il quddiem fil-paragrafi **11.13-11.17** u **13.31-13.42**.

### (f) *Superviżjoni minn awtorità pubblika tal-indokrar tal-minuri minn kwalunkwe persuna li hi responsabbli għall-minuri*[90]

3.29 Din il-kategorija tirrikonoxxi li l-involviment ta' awtorità pubblika ma' minuri mhux dejjem ikun limitat għat-tqegħid ta' minuri f'ambjent ta' indokrar alternattiv. Awtorità pubblika jista' jkollha wkoll rwol fis-superviżjoni tal-indokrar ta' minuri fil-familja tiegħu stess, jew f'ambjent ieħor. Tali miżuri jaqgħu eżatt taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni peress li evidentement huma mmirati lejn il-protezzjoni tal-persuna tal-minuri.

### (g) *Amministrazzjoni, konservazzjoni jew disponiment tal-beni tal-minuri*[91]

3.30 Din il-kategorija tinkludi l-miżuri kollha mmirati lejn il-protezzjoni tal-beni ta' minuri[92]. Tista' tinkludi, pereżempju, il-ħatra ta' tutur *ad litem* biex jipproteġi l-interessi tal-minuri rigward ċerti beni fi ħdan il-kuntest ta' litigazzjoni pendenti speċifika.

3.31 Madankollu, jenħtieġ li jingħad li l-Konvenzjoni ma tikkonċernax sistemi tal-liġi dwar il-beni. Għaldaqstant, il-Konvenzjoni ma tkoprix il-liġi sostantiva relatata mad-drittijiet fuq il-beni, pereżempju, tilwimiet relatati mas-sjieda / mat-titolu tal-beni.

## D. Liema kwistjonijiet *mhumiex* koperti mill-Konvenzjoni tal-1996?

**Artikolu 4**

3.32 Hemm ċerti miżuri li ġew esklużi b'mod speċifiku mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Din il-lista hi eżawrijenti u kwalunkwe miżura mmirata lejn il-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri li mhix koperta minn din il-lista tista' taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

### (a) *L-istabbiliment jew il-kontestazzjoni ta' filjazzjoni*[93]

3.33 Din id-dispożizzjoni teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni miżuri li huma kkonċernati bl-istabbiliment jew bil-kontestazzjoni tal-filjazzjoni ta' minuri partikolari. Għaldaqstant, jekk issir applikazzjoni lill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti biex tiġi stabbilita jew ikkontestata l-filjazzjoni ta' minuri partikolari, dawk l-awtoritajiet se jkollhom iħarsu lejn ir-regoli ġuriżdizzjonali tagħhom, u mhux tal-Konvenzjoni, biex jivvalutaw jekk għandhomx ġurisdizzjoni. B'mod simili, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet barranin fuq din it-tema huma kwistjonijiet li jitħallew għar-regoli mhux tal-Konvenzjoni.

3.34 Din l-esklużjoni testendi għall-mistoqsija ta' jekk il-partijiet għall-filjazzjoni, jiġifieri l-minuri u l-ġenitur(i) jekk huma minorenni, jeħtiġux l-awtorizzazzjoni ta' rappreżentant legali għar-rikonoxximent tar-relazzjoni. Se jkunu r-regoli mhux tal-Konvenzjoni ta' Stat li jiddeterminaw it-tweġibiet għal mistoqsijiet bħal:

---

90 Art. 3 *f)*.
91 Art. 3 *g)*.
92 Għal iktar diskussjoni dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-beni tal-minuri, ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.70-13.74**.
93 Art. 4 *a)*.

- jekk minuri li hu rikonoxxut iridx jagħti kunsens għat-tali rikonoxximent u jridux ikun rappreżentati għal dan l-għan jekk ikollu inqas minn ċerta età;
- jekk iridx jiġi ddeżinjat tutur *ad litem* biex jirrappreżenta jew jassisti lill-minuri f'kawża li tikkonċerna l-filjazzjoni; jew
- jekk l-omm taħt l-età ta' minuri tridx hi stess tkun irrappreżentata b'rabta ma' kwalunkwe dikjarazzjoni ta' rikonoxximent jew ta' kunsens jew ta' kwalunkwe proċediment li jikkonċerna l-istatus tal-minuri tagħha[94].

Madankollu, il-mistoqsija li tikkonċerna **l-identità** tar-rappreżentant legali tal-minuri kkonċernat u ta' jekk, pereżempju, id-deżinjazzjoni ta' dik il-persuna tirriżultax bl-operat tad-dritt jew teħtieġx l-intervent ta' awtorità, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni[95].

3.35 L-esklużjoni fl-Artikolu 4 *a)* tal-Konvenzjoni testendi wkoll għall-istatus ta' minuri mwieled bħala riżultat ta' ftehim internazzjonali ta' maternità surrogata.

3.36 L-istabbiliment jew il-kontestazzjoni ta' filjazzjoni mhumiex indirizzati minn Konvenzjonijiet oħra tal-Aja (ħlief, bħala punt inċidentali, fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar l-Appoġġ tat-Tfal[96] fejn hi koperta l-kwistjoni tal-filjazzjoni li tirriżulta fil-kuntest ta' proċedimenti ta' manteniment).

3.37 Eskluża wkoll minn din id-dispożizzjoni hi l-mistoqsija ta' jekk il-leġittimazzjoni ta' minuri, *eż.*, bi żwieġ sussegwenti jew b'rikonoxximent volontarju, taffettwax l-istatus ta' minuri.

### *(b) Deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni, il-miżuri preparatorji għall-adozzjoni, jew l-annullament jew ir-revoka ta' adozzjoni*[97]

3.38 Din l-esklużjoni hi ġenerali ħafna u tapplika għall-aspetti kollha tal-proċess ta' adozzjoni, inkluż it-tqegħid ta' minuri għall-adozzjoni[98]. Jenħtieġ li jingħad li l-kelma "tqegħid" f'dan il-kuntest timplika intervent minn awtorità pubblika u ma tirreferix għal arranġamenti inqas formali rigward l-indokrar tal-minuri.

3.39 Madankollu, wara li tkun saret l-adozzjoni, ma ssir ebda distinzjoni bejn minuri adottati u minuri oħra għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni. Għaldaqstant, ir-regoli tal-Konvenzjoni japplikaw għall-miżuri kollha ta' protezzjoni mmirati lejn il-persuna u l-beni tal-minuri adottati bl-istess mod bħalma japplikaw għall-minuri kollha l-oħra.

### *(c) L-isem u l-ewwel ismijiet tal-minuri*[99]

3.40 Il-miżuri relatati mal-ismijiet u mal-ewwel ismijiet ta' minuri mhumiex inklużi fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni peress li mhumiex ikkunsidrati li huma kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-minuri[100].

---

94 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 27.

95 Ara iktar 'il fuq il-para. **3.24** dwar l-Art. 3 *d)*.

96 Il-*Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' Appoġġ tat-Tfal u Forom oħrajn ta' Manteniment Familjari* – ara l-Artikoli 6(2) *h)* u 10(1) *c)*. Ara wkoll l-Art. 1 tal-*Protokoll tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment*, kif ukoll l-Art. 2 tal-*Konvenzjoni tal-Aja tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment* u l-Art. 3 tal-*Konvenzjoni tal-Aja tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet Relatati mal-Obbligi ta' Manteniment*.

97 Art. 4 *b)*.

98 Ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.43-13.45** dwar l-adozzjoni.

99 Art. 4 *c)*.

100 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 29.

### (d) *Emanċipazzjoni*[101]

3.41 L-emanċipazzjoni hi r-rilaxx tal-minuri mill-kontroll tal-ġenituri jew tat-tuturi tagħhom. L-emanċipazzjoni tista' sseħħ bl-operat tad-dritt, pereżempju, biż-żwieġ, jew bid-deċiżjoni ta' awtorità kompetenti. L-emanċipazzjoni hi maħsuba li tillibera lil minuri minn awtorità tal-ġenituri, xi ħaġa li tagħmilha l-maqlub ta' miżura għall-protezzjoni. Din hi r-raġuni għaliex hi esklużа mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

### (e) *Obbligi ta' manteniment*[102]

3.42 L-obbligi ta' manteniment huma s-suġġett ta' numru ta' konvenzjonijiet internazzjonali differenti, l-iktar riċenti l-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar l-Appoġġ tat-Tfal u l-Protokoll tagħha dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment.

### (f) *Trusts jew suċċessjoni*[103]

3.43 Il-kwistjonijiet relatati mad-dritt internazzjonali privat diġà ġew indirizzati fil-*Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta' Lulju 1985 dwar il-Liġi Applikabbli għat-Trusts u dwar ir-Rikonoxximent tagħhom*.

3.44 Is-suċċessjoni hi s-suġġett tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta' Awwissu 1989 dwar il-Liġi Applikabbli għas-Suċċessjoni*.

### (g) *Sigurtà soċjali*[104]

3.45 Is-sigurtà soċjali titħallas minn korpi li d-determinazzjoni tagħhom tiddependi minn fatturi konnessi bħal, pereżempju, il-post tax-xogħol jew tar-residenza abitwali tal-persuna/i bis-sigurtà soċjali. Dawn il-fatturi konnessi mhux bilfors ikunu jikkorrispondu għar-residenza abitwali tal-minuri. Għaldaqstant, kien maħsub li r-regoli tal-Konvenzjoni "kienu jkunu adattati b'mod ħażin" għal miżuri bħal dawn[105].

### (h) *Miżuri pubbliċi ta' natura ġenerali fi kwistjonijiet tal-edukazzjoni jew tas-saħħa*[106]

3.46 Mhux il-kwistjonijiet kollha relatati mas-saħħa jew mal-edukazzjoni huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Miżuri **pubbliċi** ta' **natura ġenerika** biss huma esklużi, pereżempju miżuri li jeħtieġu attendenza l-iskola jew li jistitwixxu programmi ta' tilqim[107].

3.47 Għall-kuntrarju, "it-tqegħid ta' minuri speċifiku fi skola speċifika jew id-deċiżjoni li dan issirlu operazzjoni kirurġika, pereżempju, huma deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni"[108].

---

101 Art. 4 *d)*.
102 Art. 4 *e)*.
103 Art. 4 *f)*.
104 Art. 4 *g)*.
105 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 33.
106 Art. 4 *h)*.
107 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 34.
108 *Ibid.*

### *(i) Miżuri meħuda bħala riżultat ta' reati penali mwettqa minn minuri*[109]

3.48 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jiddikjara li din l-esklużjoni tippermetti lill-Istati Kontraenti jieħdu miżuri xierqa, kemm jekk punittivi jew edukattivi, bħala tweġiba għat-twettiq ta' reati penali jew kriminali minn minuri mingħajr il-bżonn li jiżguraw li għandhom il-ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni[110]. Ikompli billi jiddikjara li biex tkun tapplika din l-esklużjoni m'hemmx bżonn li l-minuri fil-fatt ikunu soġġetti għal prosekuzzjoni kriminali (peress li skontt il-proċedura kriminali domestika spiss ma tkunx tista' tinfetaħ prosekuzzjoni kontra minuri taħt ċerta età). Minflok, din l-esklużjoni teħtieġ li l-att tal-minuri ikun att li hu reat kriminali skont il-liġi penali ta' Stat meta jitwettaq minn individwu li jkun għalaq età ta' responsabbiltà kriminali. Il-ġurisdizzjoni għat-teħid ta' miżuri li jwieġbu għal dawn l-atti mhijiex koperta minn din il-Konvenzjoni u hi kwistjoni li taqa' taħt id-dritt intern ta' kull Stat.

3.49 Madankollu, jenħtieġ li jingħad li din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 *i)* hi kkontestata. Interpretazzjoni oħra hi li jenħtieġ li l-esklużjoni fl-Artikolu 4 *i)* tkopri biss miżuri meħuda bħala riżultat tal-proċedimenti penali fil-fatt istitwiti kontra l-minuri **jew meħuda f'konformità mad-dispożizzjonijiet li jittrattaw reati penali jew kriminali**. Skont din il-fehma, meta minuri jwettaq att li jammonta għal reat kriminali skont id-dritt domestiku, iżda li jirreaġixxi għalih l-Istat, b'mod esklużiv jew inkella flimkien ma' miżuri penali, bħala kwistjoni ta' protezzjoni ta' minuri (*eż.* meta adoloxxenti li jkun involut fi prostituzzjoni / fis-sollecitazzjoni jkun soġġett għal ordni ta' protezzjoni ta' minuri minflok għal prosekuzzjoni kriminali), kwalunkwe miżura għall-protezzjoni meħuda skont il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni ta' minuri taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

3.50 Għad m'hemm ebda prattika stabbilita fuq din il-kwistjoni[111].

3.51 Miżuri li jwieġbu għal imġiba ħażina li mhijiex kriminali, bħall-ħarba jew ir-rifjut ta' attendenza tal-iskola, huma koperti mill-Konvenzjoni[112].

### *(j) Deċiżjonijiet dwar id-dritt għall-ażil u dwar l-immigrazzjoni*[113]

3.52 Id-deċiżjonijiet dwar id-dritt għall-ażil u dwar l-immigazzjoni huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni għaliex "dawn huma deċiżjonijiet li jidderivaw mill-poteri sovrani tal-Istati"[114]. Madankollu, huma biss id-deċiżjonijiet sostantivi dwar dawn il-kwistjonijiet li huma esklużi. Fi kliem ieħor, id-deċiżjoni dwar jekk hux se jingħata jew jiġi miċħud l-ażil jew permess ta' residenza hi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Madankollu, miżuri rigward il-protezzjoni u / jew ir-rappreżentazzjoni ta' minuri li japplika għall-ażil jew għal permess ta' residenza jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni[115].

---

109 Art. 4 *i)*.

110 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 35.

111 B'rabta mal-Art. 1(3)(g) tar-Regolament Brussell II a li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament "miżuri meħuda bħala riżultat ta' reati kriminali mwettqa minn tfal", ara *Health Service Executive* vs *S.C., A.C.* (il-Kawża C-92/12 tas-26 ta' April 2012), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat li "t-tqegħid [ta' minuri f'istituzzjoni ta' indokrar sigura] b'miżuri ta' ċaħda tal-libertà jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament meta dan it-tqegħid ikun ordnat sabiex il-minuri jiġi protett, u mhux sabiex jiġi ssanzjonat" (fil-para. 65; ara wkoll il-para. 66).

112 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 35.

113 Art. 4 *j)*.

114 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 36.

115 *Ibid*.

# 4

## ĠURISDIZZJONI GĦAT-TEĦID TA' MIŻURI GĦALL-PROTEZZJONI



## A. Awtoritajiet ta’ Stat Kontraenti meta jkollhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni?

**Artikoli 5 sa 14**

4.1 Ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni huma stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 14 tal-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni tiddetermina l-Istat Kontraenti li l-awtoritajiet tiegħu għandhom ġurisdizzjoni, iżda mhux l-awtorità li hi kompetenti fi ħdan dak l-Istat Kontraenti. Din il-kwistjoni qiegħda titħalla għal-liġi proċedurali tal-pajjiż.

4.2 Meta applikazzjoni li tikkonċerna l-miżuri mmirati għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni ta’ minuri issir lil awtorità kompetenti ta’ Stat Kontraenti, jenħtieġ li ssir l-analiżi li ġejja biex jiġi stabbilit li dik l-awtorità kompetenti għandha ġurisdizzjoni biex tieħu miżuri għall-protezzjoni[116]:




---

116 Din il-karta tapplika biss għall-Istati Kontraenti mhux marbuta b’regoli alternattivi skont l-Art. 52(2) tal-Konvenzjoni, li jieħdu preċedenza – ara iktar ’il quddiem fil-**Kapitolu 12**. Bħala eżempju, l-Istati Membri tal-UE (eskluża d-Danimarka) se jkollhom bżonn jikkunsidraw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Brussell II a. Din il-karta lanqas ma tindirizza s-sitwazzjoni li fiha r-residenza abitwali tal-minuri tinbidel fi żmien meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tar-residenza abitwali oriġinali tal-minuri jintalbu jieħdu deċiżjoni dwar talba għal miżura għall-protezzjoni (ara l-Art. 5(2) u ara iktar ’il quddiem fil-paragrafi **4.10-4.11**).

4.3 Jenħtieġ li jiġi osservat li d-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni (l-Artikoli 8 u 9 tal-Konvenzjoni) mhumiex indirizzati fl-iskematika ta' hawn fuq u jistgħu jipprovdu wkoll lil Stat Kontraenti b'metodu ta' kif jikseb ġurisdizzjoni b'rabta ma' applikazzjoni li tikkonċerna miżuri mmirati għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni ta' minuri (ara wkoll iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 5**).

## B. Ir-regola ġenerali: l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri

**Artikolu 5**

4.4 Ir-regola primarja tal-ġurisdizzjoni fil-Konvenzjoni hi li jenħtieġ li l-miżuri għall-protezzjoni relatati mal-minuri jittieħdu mill-awtoritajiet ġudizzjarji / amministrattivi tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri.

### *(a) It-tifsira ta' "residenza abitwali"*

4.5 Il-kunċett ta' "residenza abitwali", il-fattur konnettiv primarju komuni fil-Konvenzjonijiet moderni kollha tal-Aja dwar il-Minuri, mhuwiex iddefinit fil-Konvenzjoni iżda jrid jiġi ddeterminat mill-awtoritajiet rilevanti f'kull każ fuq il-bażi tal-elementi fattwali. Hu kunċett awtonomu u jenħtieġ li jiġi interpretat fid-dawl tal-objettivi tal-Konvenzjoni minflok skont ir-restrizzjonijiet tad-dritt domestiku.

4.6 Hemm numru estensiv ta' każijiet minn Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri li jindirizzaw id-determinazzjoni tar-residenza abitwali tal-minuri[117]. Madankollu, irid jitfakkar li peress li r-residenza abitwali hi kunċett fattwali, jista' jkun hemm kunsiderazzjonijiet differenti x'jiġu kkunsidrati meta tiġi ddeterminata r-residenza abitwali ta' minuri għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni.

4.7 Il-kunċett ta' "residenza abitwali" hu kkunsidrat f'dettall fil-**Kapitolu 13** ta' dan il-Manwal[118].

### *(b) X'jiġri meta tinbidel ir-"residenza abitwali" ta' minuri?*

4.8 Il-ġurisdizzjoni ssegwi r-residenza abitwali tal-minuri sabiex meta r-residenza abitwali tal-minuri tinbidel għal Stat Kontraenti ieħor, l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida jkollhom ġurisdizzjoni[119].

4.9 Għad li l-Konvenzjoni ma tipprovdix għall-kunċett ta' "ġurisdizzjoni li tkompli", jenħtieġ li jitfakkar li bidla fir-residenza abitwali tal-minuri ma titterminax kwalunkwe miżura li tkun diġà ttieħdet[120]. Dawn il-miżuri jibqgħu fis-seħħ sakemm, jekk ikun hemm bżonn, jittieħdu miżuri xierqa oħra mill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri.

4.10 Meta r-residenza abitwali tal-minuri tinbidel minn Stat Kontraenti għal ieħor fi żmien meta l-awtoritajiet tal-ewwel Stat Kontraenti jintalbu jieħdu deċiżjoni dwar talba għal miżura għall-protezzjoni (jiġifieri, matul proċedimenti pendenti), ir-

117 Għal uħud minn dawn id-deċiżjonijiet, ara INCADAT (< www.incadat.com >).
118 Ara iktar 'il quddiem fil-paragrafi **13.83-13.87**.
119 Art. 5(2).
120 Art. 14. Għal diskussjoni ulterjuri dwar il-kontinwazzjoni tal-miżuri, ara iktar 'il quddiem fil-**Kapitolu 8**.

Rapport ta' Spjegazzjoni jissuġġerixxi li l-prinċipju ta' *perpetuatio fori* ma japplikax u, għalhekk, il-ġurisdizzjoni tkun tal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri[121]. Meta dan iseħħ, tista' tingħata kunsiderazzjoni lill-użu tad-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment ta' ġurisdizzjoni (ara l-**Kapitolu 5** iktar 'il quddiem).

4.11 Meta r-residenza abitwali tal-minuri tinbidel minn Stat Kontraenti għal Stat **Mhux Kontraenti** matul il-proċedimenti għal miżura għall-protezzjoni, il-prinċipju ta' *perpetuatio fori* jibqa' ma japplikax[122]. Madankollu, l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni mhux se jibqa' applikabbli minn meta sseħħ il-bidla fir-residenza abitwali tal-minuri. Għalhekk, m'hemm xejn xi jwaqqaf żamma tal-ġurisdizzjoni mill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti skont ir-regoli tagħhom mhux tal-Konvenzjoni (jiġifieri barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni)[123]. Madankollu, importanti li jitfakkar li f'dan ix-xenarju, Stati Kontraenti oħra ma jkunux marbuta mill-Konvenzjoni biex jirrikonoxxu l-miżuri li jistgħu jittieħdu minn din l-awtorità.[124]

## C. Eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali

4.12 L-Artikoli 6, 7 u 10 jistabbilixxu l-eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali, jiġifieri l-każijiet li fihom il-ġurisdizzjoni tista' tkun tal-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li l-minuri mhuwiex resident abitwali tiegħu.

### *(a) Refuġjati jew tfal spustati b'mod internazzjonali*
### Artikolu 6

4.13 Il-ġurisdizzjoni f'każijiet ta' minuri tfal jew ta' minuri spostati internazzjonalment minħabba taqlib li jseħħ f'pajjiżhom hi bbażata fuq il-preżenza tal-minuri fi Stat Kontraenti. L-użu tal-frażi "minuri spostati internazzjonalment" hu maħsub li hu ġenerali biżżejjed biex jegħleb il-limiti li l-Istati individwali jistgħu jixħtu fuq id-definizzjoni ta' "refuġjat"[125].

4.14 Il-minuri koperti minn din l-intestatura huma dawk li telqu mill-Istati tagħhom minħabba kundizzjonijiet li jinqalgħu hemm u li jistgħu jkunu jew ma jkunux akkumpanjati u jkunu jew ma jkunux imċaħħda b'mod temporanju jew permanenti mill-kustodja.

4.15 Din l-eċċezzjoni mhix maħsuba li tapplika għal minuri oħra li ġew spustati internazzjonalment, bħal tfal li ħarbu jew abbandunati. Jenħtieġ li jiġu applikati soluzzjonijiet oħra skont il-Konvenzjoni f'każijiet li jinvolvu dawn il-minuri[126].

---

121 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 42. Kun af li nstabet soluzzjoni differenti skont ir-Regolament Brussell II a, ara l-Art. 8: "**Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru** fiż-żmien li l-qorti tkun ħadet il-pussess" (enfasi miżjuda).

122 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 42.

123 *Ibid.* Madankollu, jenħtieġ li jiġi osservat li f'każ bħal dan, l-Istat Kontraenti tal-eks residenza abitwali tal-minuri xorta waħda jista' jieħu miżuri għall-protezzjoni fir-rigward tal-minuri skont il-Konvenzjoni jekk, pereżempju, japplika l-Art. 11 jew 12 tal-Konvenzjoni (ara iktar 'il quddiem il-**Kapitoli 6** u **7**). Ara wkoll iktar 'il fuq il-para. **3.13**.

124 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 42. Ara wkoll iktar 'il fuq il-paragrafi **3.11-3.13**.

125 Għal diskussjoni ulterjuri, ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.58-13.60** tal-**Kapitolu 13**.

126 Għal diskussjoni ulterjuri, ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.61-13.64** tal-**Kapitolu 13**. Ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 44.

**Eżempju 4 (A)** *Żewġ minuri ta' 6 u 8 snin jitilqu mill-Istat Kontraenti A, li jinsab fi stat ta' gwerra ċivili, maz-zija materna tagħhom li għandha 18-il sena. Ommhom inqatlet matul il-gwerra u missirhom hu priġunier politiku. Jaslu fl-Istat Kontraenti B u japplikaw għall-ażil hemm. Skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Istat Kontraenti B għandu ġurisdizzjoni biex jieħu miżuri mmirati għall-protezzjoni tal-minuri, bħat-tqegħid tagħhom f'sistema pubblika ta' indokrar jew l-għoti tar-responsabbiltà tal-ġenituri liz-zija tagħhom. Dan ma jaffettwax il-proċeduri fl-Istat Kontraenti B għall-valutazzjoni tat-applikazzjoni tagħhom għall-ażil.*[127] *Madankollu, il-Konvenzjoni tapplika għall-kwistjoni ta' organizzazzjoni tar-rappreżentazzjoni għat-tfal fi kwalunkwe applikazzjoni għall-ażil*[128].

### *(b) Minuri b'residenza abitwali li ma tistax tiġi stabbilita*
### Artikolu 6

4.16 Meta r-residenza abitwali ta' minuri ma tkunx tista' tiġi stabbilita, il-ġurisdizzjoni hi bbażata fuq il-preżenza tal-minuri fit-territorju ta' Stat Kontraenti. Din hi ġurisdizzjoni ta' neċessità. Jenħtieġ li ma jkunx konkluż mingħajr ċertezza li residenza abitwali tal-minuri ma tistax tiġi stabbilita[129].

4.17 Madankollu, hemm ċirkustanzi li fihom jista' ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita r-residenza abitwali ta' minuri. It-tali ċirkustanzi jistgħu jinkludu, pereżempju: (1) meta minuri jiċċaqlaq ta' spiss bejn żewġ Stati jew iktar, (2) meta minuri jkun akkumpanjat jew abbandunat u jkun diffiċli li tinstab evidenza biex tiġi stabbilita r-residenza abitwali tiegħu jew (3) meta r-residenza abitwali preċedenti ta' minuri tkun intilfet u ma jkunx hemm biżżejjed evidenza li ssostni l-akkwiżizzjoni ta' residenza abitwali ġdida[130].

4.18 Din il-ġurisdizzjoni tintemm meta jiġi stabbilit li l-minuri kellu residenza abitwali x'imkien.

4.19 Il-kunċett ta' "residenza abitwali" hu kkunsidrat f'dettall fil-**Kapitolu 13** ta' dan il-Manwal[131].

### *(c) Ġurisdizzjoni f'każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri*
### Artikolu 7

4.20 F'każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri eżatt qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali ta' minuri jżommu l-ġurisdizzjoni għal miżuri mmirati għall-protezzjoni tal-persuna u tal-beni tal-minuri sakemm jiġu ssodisfati numru ta' kundizzjonijiet. Dan biex jiġi skoraġġit il-ħtif internazzjonali ta' minuri billi jiċċaħħad kwalunkwe benefiċċju ġuriżdizzjonali għall-parti li twettaq il-ħtif.

4.21 Id-definizzjoni ta' tneħħija jew ta' żamma illegali użata fil-Konvenzjoni hi l-istess bħal dik li tinstab fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri, u tindika n-natura komplimentari taż-żewġ Konvenzjonijiet f'dan ir-rigward. Dan ifisser li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1980 relatati mat-tneħħija u maż-żamma illegali jistgħu joffru assistenza fl-interpretazzjoni ta' dawn it-termini skont din il-Konvenzjoni[132].

---

127 Art. 4 *j)*, diskuss iktar 'il fuq fil-para. **3.52**.
128 *Id.*
129 Ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.83-13.87** tal-**Kapitolu 13**.
130 *Id.*
131 Ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.83-13.87**.
132 Għall-ġurisprudenza u l-kummentarju, ara l-INCADAT (< www.incadat.com >).

4.22 Hemm żewġ settijiet ta' ċirkustanzi li fihom il-ġurisdizzjoni tista' tinbidel u tiġi vesta fl-awtoritajiet tal-Istat li fih il-minuri tneħħa b'mod illegali jew li fih il-minuri nżamm b'mod illegali.

**Sitwazzjoni A:**

- Il-minuri kiseb residenza abitwali fi Stat ieħor

**u**

- kull persuna, istituzzjoni jew korp ieħor li għandhom drittijiet ta' kustodja jkunu taw il-kunsens tagħhom għat-tneħħija jew għaż-żamma.

F'din is-sitwazzjoni hu l-fatt ta' għoti ta' kunsens, meta jingħaqad flimkien mal-kisba minn minuri ta' residenza abitwali ġdida, li jwassal għall-bidla tal-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-1996.

Jekk il-Konvenzjoni tal-1980 hi fis-seħħ *ukoll* bejn iż-żewġ Stati kkonċernati, is-Sitwazzjoni A tista' sseħħ meta:

- ma tkun saret ebda applikazzjoni għar-ritorn ta' minuri skont il-Konvenzjoni tal-1980

**jew**

- tkun saret applikazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-1980 u jkun intlaħaq kompromess dwarha, jiġifieri l-partijiet laħqu ftehim li l-minuri mhux se jiġi ritornat (ara l-paragrafi **13.46** sa **13.52** iktar 'il quddiem).

**jew**

- saret applikazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-1980 iżda l-awtoritajiet tal-Istat rikjest irrifjutaw milli jirritornaw lill-minuri f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-1980, fuq il-bażi tal-għoti ta' kunsens tal-applikant għat-tneħħija jew għaż-żamma illegali.

Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi osservat li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-1996 ma **jeħtieġx** li tkun ittieħdet deċiżjoni ta' rifjut ta' ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-1980 qabel ma l-ġurisdizzjoni tmur għall-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri. Kif iddikjarat iktar' il fuq, il-fatt li jingħata kunsens, meta jseħħ flimkien ma' din il-kisba ta' residenza abitwali ġdida, ikun biżżejjed.

Id-"drittijiet ta' kustodja" msemmija fl-Artikolu 7 huma dawk li ġew attribwiti skont il-liġi tal-Istat fejn il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu eżatt qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali (Art. 7(2)).

**Sitwazzjoni B:**

- Il-minuri kiseb residenza abitwali fi Stat ieħor

**u**

- il-minuri rresjeda f'dak l-Istat l-ieħor għal perjodu minimu ta' sena wara li l-persuna, l-istituzzjoni jew korp ieħor bi drittijiet ta' kustodja kienu jew misshom kienu jafu fejn jinsab il-minuri

**u**

- m'għad hemm ebda talba pendenti għar-ritorn ippreżentata fi ħdan dak il-perjodu

**u**

- il-minuri dera fl-ambjent il-ġdid tiegħu.

Dawn il-kundizzjonijiet jirriflettu, f'parti minnhom, l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tal-1980 li jippermetti lill-Istat rikjest ma jordnax ir-ritorn ta' minuri meta l-proċedimenti għar-ritorn ikunu nbdew wara l-iskadenza ta' perjodu ta' sena mid-data tat-tneħħija / taż-żamma illegali tal-minuri u jintwera li l-minuri dera fl-ambjent il-ġdid tiegħu. (Għall-ġurisprudenza u għall-kummentarju rigward l-interpretazzjoni tat-terminu "dera" ("settled") fl-Art. 12 (2) tal-Konvenzjoni tal-1980, ara d-Database Internazzjonali dwar il-Ħtif ta' Minuri – INCADAT: < www.incadat.com >.)

Madankollu, id-differenza importanti bejn id-dispożizzjonijiet taż-żewġ Konvenzjonijiet f'dan ir-rigward tirriżulta mill-fatt li fil-Konvenzjoni tal-1980, il-perjodu ta' sena jibda bit-tneħħija jew biż-żamma illegali tal-minuri. Għall-kuntrajru, fil-Konvenzjoni tal-1996, kif indikat iktar 'il fuq, il-perjodu ta' sena jibda mid-data li fiha l-persuna, l-istituzzjoni jew il-korp bid-drittijiet ta' kustodja jkunu jafu jew misshom kienu jafu fejn jinsab il-minuri. (Ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, *op. cit.* nota 21, fil-para. 49.)

Jenħtieġ li jiġi osservat li t-tielet kundizzjoni ma teħtieġx b'mod espliċitu li t-talba pendenti għar-ritorn issir quddiem l-awtoritajiet ta' Stat partikolari. Madankollu, hemm interpretazzjonijiet differenti ta' din id-dispożizzjoni. F'kumment dwar il-verżjoni abbozzata ta' dan il-Manwal ġiet espressa l-fehma li jenħtieġ li t-talba għar-ritorn tkun pendenti quddiem l-Istat li fih tneħħa b'mod illegali l-minuri jew li fih inżamm b'mod illegali l-minuri. Filwaqt li din tista' tkun l-iktar sitwazzjoni komuni meta l-Konvenzjoni tal-1980 **u** l-Konvenzjoni tal-1996 japplikaw f'każ partikolari, jista' jiġi argumentat li din hi limitazzjoni inġustifikabbli fuq l-operazzjoni tal-Artikolu 7 u hi partikolarment inadatta f'sitwazzjoni li fiha l-Konvenzjoni tal-1980 *ma tapplikax* f'xi każ partikolari (ara l-**Eżempju 4 (B)** iktar 'il quddiem).

4.23 Filwaqt li l-ġurisdizzjoni tibqa' tal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li minnu tneħħa jew inżamm b'mod illegali l-minuri, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li fih jitneħħa jew li fih jinżamm il-minuri jistgħu jieħdu miżuri skont l-Artikolu 11[133] biss (miżuri neċessarji ta' protezzjoni, meta l-każ ikun wieħed ta' urġenza), u ma jistgħux jieħdu miżuri provviżorji skont l-Artikolu 12[134].

4.24 Bħala sinteżi, biex jiġi ddeterminat liema awtoritajiet għandhom ġurisdizzjoni f'każ li fih minuri jkun tneħħa jew inżamm b'mod illegali, dawn huma l-mistoqsijiet li jridu jsiru:

133 Diskussi b'mod iktar komplut iktar 'il quddiem fil-**Kapitolu 6**.
134 Art. 7(3).

## Każijiet ta' Ħtif: L-Operat tal-Artikolu 7




4.25 Il-kwistjoni ta' ħtif internazzjonali ta' minuri hi diskussa iktar hawn taħt fil-paragrafi **13.1** sa **13.14**.

**<u>Eżempju 4 (B)</u>** **Fl-eżempju li ġej kemm l-Istat X kif ukoll dak Y huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1996. Madankollu, l-Istat X <u>mhuwiex</u> Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1980.**

*Koppja miżżewġa, l-omm ċittadina tal-Istat X u l-missier ċittadin tal-Istat Y, jirresjedu fl-Istat Y bil-minuri imwieled fiż-żwieġ. F'Awwissu tal-2008, iż-żwieġ jitkisser u l-koppja tiddivorzja. Fil-proċedimenti tad-divorzju fl-Istat Y, iż-żewġ ġenituri jingħataw drittijiet ta' kustodja b'rabta mal-minuri.*

*Madankollu, f'Awwissu tal-2009 l-omm tiddikjara li tixtieq tirritorna fil-pajjiż tal-oriġini tagħha, l-Istat X. Il-missier jirrifjuta t-talba tagħha li jirrilokaw. F'Settembru tal-2009, għaliex kienet qed tibża' li l-qorti mhix se tawtorizza r-rilokazzjoni kontra x-xewqat tal-missier, l-omm, b'mod unilaterali, tikser id-drittijiet ta' kustodja tal-missier, u tmur bil-minuri lura fl-Istat X.*

*Il-missier iqatta' l-ewwel sitt xhur wara t-tneħħija tal-minuri jipprova jsib lill-omm u lill-minuri (ma jikkonsultax avukat u ma jafx bil-Konvenzjoni tal-1996 u bl-appoġġ li jista' jkun disponibbli f'dan ir-rigward[135]). Finalment, jintraċċa lill-omm u lill-minuri. Imbagħad iqatta' ħames xhur oħra jipprova jinnegozja arranġamenti tal-kustodja mal-omm.*

*Il-missier fl-aħħar jiddeċiedi li ma jistax jintlaħaq qbil u jikkonsulta avukat. Jiġi rakkomandat li japplika mal-qorti fl-Istat Y għar-ritorn immedjat tal-minuri u għall-kustodja unika tal-minuri, li hu jagħmel f'Awwissu tal-2010. L-omm tiġi nnotifikata b'dawn il-proċedimenti. F'Settembru tal-2010, l-omm tiftaħ proċedimenti fl-Istat X għall-kustodja unika tal-minuri, filwaqt li tammetti li hu minnu li hi neħħiet illegalment mill-pajjiż lill-minuri iżda argumentat li l-qorti fl-Istat X issa għandha ġurisdizzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kustodja u mal-aċċess peress li:*

- *il-minuri issa hu resident abitwali fl-Istat X;*
- *il-minuri rrisjeda fl-Istat X għal sena mid-data li fiha l-missier* missu *kien jaf fejn jinsab il-minuri;*
- *il-minuri dera fl-Istat X; u*
- *m'hemm ebda talba pendenti għar-ritorn* ***fl-Istat X****.*

*Il-missier jidher fil-proċedimenti fl-Istat X biex jikkontesta l-ġurisdizzjoni. Hu jiddikjara li, indipendentement mill-kwistjonijiet kollha l-oħra, għad hemm talba għal ritorn pendenti* ***fl-Istat Y*** *u, għalhekk, skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-1996, il-ġurisdizzjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-kustodja u mal-kuntatt għall-minuri ma tistax tiġi ttrasferita lill-Istat X.*

*Billi tuża komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti, il-qorti fl-Stat X tikkonferma mal-qorti fl-Istat Y li għad hemm talba għar-ritorn pendenti fl-Istat Y. Ladarba din tiġi kkonfermata, l-Istat X jiċħad l-applikazzjoni tal-omm fuq il-bażi li l-ġurisdizzjoni għadha tal-Istat Y. Fl-istess ħin l-omm tapplika fl-Istat Y għal permess biex tirriloka b'mod permanenti bil-minuri fl-Istat X u toffri reġim ta' kuntatt lill-missier.*

*Fl-Istat Y, l-applikazzjoni għar-ritorn tal-minuri tiġi sospiża (posposta) fuq il-bażi li, f'dan l-istadju, ma jkunx fl-aħjar interessi tal-minuri li jiġi ordnat ritorn sakemm jinħareġ l-eżitu tal-applikazzjoni għal rilokazzjoni tal-omm li, il-qorti tiddetermina li tista', u jenħtieġ, li tinstema' mill-iktar fis possibbli. L-applikazzjoni għal kustodja tal-missier u l-applikazzjoni għal rilokazzjoni tal-omm jingħaqdu flimkien u jinstemgħu mill-qorti fl-Istat Y xahar wara. Il-qorti fl-Istat Y tagħti lill-omm permess li tirriloka bil-minuri u jiġi stabbilit reġim ta' aċċess għall-missier (li jiġi rikonoxxut bl-operat tad-dritt fl-Istat X skont l-Art. 23 tal-Konvenzjoni tal-1996).*

**Fiż-żewġ eżempji li ġejjin, l-Istati A u B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1980 u għall-Konvenzjoni tal-1996.**

**Eżempju 4 (C)**

*Raġel u mara miżżewġin jgħixu fl-Istat A biż-żewġt itfal tagħhom. Il-mara tneħħi illegalment lit-tfal mill-Istat A u teħodhom fl-Istat B f'Marzu tal-2008. Billi juża l-Konvenzjoni tal-1980, ir-raġel jieħu passi biex it-tfal jiġu rritornati fl-Istat A. Madankollu, l-awtoritajiet fl-Istat B jiċħdu r-ritorn tat-tfal minħabba li t-tfal joġġezzjonaw għal ritorn u laħqu età u livell ta' maturità li fihom xieraq li jiġu kkunsidrati l-fehmiet tagħhom (Art. 13(2) tal-*

[135] Art. 31 *c)* – ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

*Konvenzjoni tal-1980). Għadda ż-żmien u sar Mejju tal-2009 u għad iridu jiġu deċiżi l-arranġamenti relatati mal-aċċess u mal-kustodja.*

*Għad li r-raġel ma tax il-kunsens għat-tneħħija, peress li t-tfal ilhom fl-Istat B iktar minn sena mid-data li fiha r-raġel kien jaf fejn jinsabu, l-awtoritajiet tal-Istat B ikollhom ġurisdizzjoni* ***jekk*** *it-tfal issa t-tnejn li huma huma residenti abitwali u draw f'dak l-Istat*[136].

**Eżempju 4 (D)**

*Missier neħħi illegalment lil ibnu mill-Istat A u jieħdu fl-Istat B f'Jannar tal-2008. L-omm tiftaħ proċedimenti fl-Istat B skont il-Konvenzjoni tal-1980 biex it-tifel jiġi rritornat fl-Istat A. L-awtoritajiet fl-Istat B jiċħdu l-applikazzjoni għal ordni ta' ritorn f'Marzu tal-2008 fuq il-bażi li din tirriżulta f'riskju gravi ta' dannu lit-tifel (Art. 13(1)* b) *tal-Konvenzjoni tal-1980). Eżatt wara, l-omm tixtieq tiftaħ proċedimenti ta' kustodja fl-Istat A għal ordni biex hi biss tingħata kustodja tat-tifel.*

*Peress li għadha m'għaddietx sena mid-data li fiha l-omm kienet taf fejn jinsab it-tifel, u m'hemm ebda għoti ta' kunsens min-naħa tal-omm, l-awtoritajiet tal-Istat A jżommu l-ġurisdizzjoni. Dan hu minnu indipendentement minn jekk it-tifel issa hux meqjus li hu resident abitwali.*

*Madankollu, jekk l-awtoritajiet fl-Istat A jqisu li l-awtoritajiet fl-Istat B jinsabu f'pożizzjoni aħjar li jivvalutaw l-aħjar interessi tat-tifel u li l-Istat A hu l-Istat li jaqa' taħt l-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni tal-1996 fil-każ partikolari, dawn jistgħu jitolbu (b'mod dirett jew bl-assistenza tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat A) li l-awtoritajiet fl-Istat B jassumu l-ġurisdizzjoni, jew dawn jistgħu jissospendu l-kunsiderazzjoni tal-każ u jistiednu lill-missier (jew lill-omm) biex jippreżenta talba bħal din quddiem l-awtoritajiet tal-Istat B. L-awtoritajiet fl-Istat B jistgħu jassumu ġurisdizzjoni f'każ li jqisu li dan ikun fl-aħjar interessi tat-tifel*[137].

### *(d) Ġurisdizzjoni f'każijiet li fihom hemm divorzju jew separazzjoni legali pendenti tal-ġenituri tal-minuri*
### Artikolu 10

4.26 Hu possibbli li l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li jeżerċitaw ġurisdizzjoni f'applikazzjoni għal divorzju, għal separazzjoni legali jew għal annullament taż-żwieġ tal-ġenituri ta' minuri resident abitwali fi Stat Kontraenti ieħor jieħdu miżuri mmirati għall-persuna u għall-beni ta' tali minuri jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet[138]. Dawn huma:

- Il-minuri hu resident abitwali fi Stat Kontraenti ieħor
**u**
- il-liġi tal-Istat Kontraenti tal-awtoritajiet li jeżerċitaw tali ġurisdizzjoni tippermettilhom jieħdu tali miżuri fiċ-ċirkustanzi
**u**
- fiż-żmien li fih jibdew il-proċedimenti tal-inqas wieħed mill-ġenituri jkun jirresjedi abitwalment f'dak l-Istat Kontraenti
**u**

136 Art. 7(1) *b).*
137 Ara wkoll iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 5** dwar it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni.
138 Tali sitwazzjoni tista' sseħħ, pereżempju, meta ġenitur jirriloka legalment b'minuri minn Stat Kontraenti ieħor għall-ieħor wara t-tkissir taż-żwieġ u l-ġenitur l-ieħor jibqa' fl-ewwel Stat Kontraenti u jiftaħ proċedimenti għad-divorzju f'dak l-Istat. Ovvjament, hi l-liġi tal-Istat fejn jinfetħu l-proċedimenti li trid tiddetermina jekk dan għandux ġurisdizzjoni li jisma' l-proċedimenti tad-divorzju u tiddetermina jekk il-liġi tiegħu tippermettilux jieħu tali miżuri mmirati għall-persuna u / jew għall-beni ta' minuri f'dawn iċ-ċirkustanzi.

- fiż-żmien li fih jibdew il-proċedimenti tal-inqas wieħed mill-ġenituri jkollu responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward tal-minuri
  **u**
- il-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet biex jieħdu dawn il-miżuri ġiet aċċettata mill-ġenituri, kif ukoll minn kwalunkwe persuna oħra li għandha responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward tal-minuri
  **u**
- hu fl-aħjar interessi tal-minuri li l-ġurisdizzjoni tiġi eżerċitata fuq din il-bażi.

4.27 Din il-ġurisdizzjoni tintemm meta l-proċedimenti tad-divorzju jaslu fi tmiemhom. Il-proċedimenti jistgħu jintemmu għaliex ikunu rriżultaw f'deċiżjoni li tkun saret finali, li tagħti jew tirrifjuta t-talba għal divorzju, jew minħabba raġuni oħra bħall-irtirar jew l-iskadenza tat-talba jew minħabba l-mewt ta' parti.

4.28 Id-data li fiha jaslu fi tmiemhom il-proċedimenti tad-divorzju hi kwistjoni li trid tiġi ddeterminata mil-liġi tal-Istat Kontraenti fejn isiru.

**Eżempju 4 (E)**

*Raġel u mara miżżewġin jgħixu fl-Istat Kontraenti A bit-tlett itfal tagħhom. Huma jisseparaw u r-raġel imur jgħix fl-Istat Kontraenti B bit-tfal. Ftit wara, il-mara tiftaħ proċedimenti ta' divorzju fl-Istat Kontraenti A, fejn hi resident abitwali, u ż-żewġ partijiet jitolbu lill-awtoritajiet f'dawk il-proċedimenti biex joħorġu ordni dwar il-kustodja u l-aċċess għat-tfal.*

*Il-liġi fl-Istat Kontraenti A tippermetti lill-awtoritajiet ta' hemm jieħdu miżuri għall-protezzjoni tat-tfal matul il-proċedimenti ta' divorzju bejn il-ġenituri. L-awtoritajiet jikkunsidraw li hu fl-aħjar interessi tat-tfal li jieħdu miżuri għall-protezzjoni tat-tfal. Għalhekk, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A għandhom ġurisdizzjoni biex joħorġu ordni rigward il-kustodja u l-aċċess għat-tfal li tkun rikonoxxibbli u eżegwibbli fl-Istat Kontraenti B, u fl-Istat Kontraenti kollha l-oħra.*

*Dan ma jkunx il-każ jekk ir-raġel jirrifjuta milli jaċċessa l-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A biex jieħdu tali miżuri, jew jekk dawk l-awtoritajiet ma jikkunsidrawx it-teħid ta' miżuri bħal dawn bħala fl-aħjar interessi tat-tfal*[139].

*Il-fatturi li l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni biex jaslu għall-konklużjoni li hu fl-aħjar interessi tat-tfal li jeżerċitaw ġurisdizzjoni jistgħu jinkludu: li l-Istat Kontraenti A hu l-eks residenza abitwali tat-tfal, li dawn għadhom iqattgħu l-ħin hemm ma' ommhom, u li l-organizzazzjoni tal-arranġamenti relatati mal-kustodja u mal-aċċess għat-tfal ma-proċedimenti ta' divorzju hi iktar sempliċi u veloċi milli jekk joqogħdu jistennew l-eżitu tat-tieni sett ta' proċedimenti fl-Istat Kontraenti B, l-Istat tar-residenza abitwali tagħhom.*

*Ladarba jiġu konklużi l-proċedimenti ta' divorzju fl-Istat Kontraenti A, l-Istat Kontraenti B, skont l-Artikolu 5, bħala l-Istat tar-residenza abitwali tat-tfal, ikollu l-ġurisdizzjoni li jieħu miżuri għall-protezzjoni fir-rigward tat-tfal (Art. 10(2)).*

**Eżempju 4 (F)**

*Raġel u mara miżżewġin jgħixu fl-Istat Kontraenti Ċ biż-żewġt itfal tagħhom. Ir-relazzjoni titkisser u l-koppja tissepara. Il-mara tiftaħ proċedimenti ta' divorzju u ta' kustodja / aċċess fl-Istat Kontraenti Ċ. Skont ir-regoli proċedurali tal-Istat Kontraenti Ċ, l-istess qorti se tiddetermina kemm il-proċedimenti ta' divorzju kif ukoll kwistjonijiet li jikkonċernaw il-*

---

139 Art. 10(1) *b)*.

*kustodja / il-kuntratt rigward it-tfal.*

*Wara l-bidu tal-proċedimenti, il-mara ssib xogħol fl-Istat Kontraenti D u tixtieq tirriloka bit-tfal minnufih bl-għan li tibda l-impjieg il-ġdid tagħha. Ir-raġel u l-mara jaqblu li l-mara u t-tfal jistgħu jirrilokaw fl-Istat Kontraenti D minnufih bil-patt li l-qorti fl-Istat Kontraenti Ċ tiddetermina l-kwistjonijiet relatati mal-aċċess għat-tfal ta' missierhom.*

*Il-ftehim għar-rilokazzjoni tat-tfal isir ordni provviżorja tal-qorti (sakemm issir id-determinazzjoni finali tal-kwistjonijiet relatati mal-kustodja / mal-aċċess għat-tfal) u l-qorti tirreġistra b'mod formali l-kunsens tal-omm għall-kontinwazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Istat Kontraenti Ċ rigward il-kwistjonijiet relatati mal-kustodja / mal-aċċess għat-tfal sakemm jiġu konklużi l-proċedimenti ta' divorzju.*

*Peress li l-proċedimenti ta' divorzju għadhom pendenti fl-Istat Kontraenti Ċ, jekk il-ftehim dwar ir-rilokazzjoni jirriżultax f'bidla fir-residenza abitwali tat-tfal jew le (jiġifieri jekk l-Istat Kontraenti Ċ "jitlifx" il-ġurisdizzjoni tiegħu rigward il-kwistjonijiet relatati mal-kustodja / mal-aċċess għat-tfal fuq il-bażi tal-Art. 5, permezz tal-Art. 5(2)), l-Istat Kontraenti Ċ jista' jżomm il-ġurisdizzjoni finalment biex jiddetermina l-kwistjonijiet relatati mal-kustodja / mal-aċċess għat-tfal fuq il-bażi tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tal-1996.*

*Madankollu, jenħtieġ li jingħad li, li kieku l-mara* ***ma tagħtix*** *kunsens għall-kontinwazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Istat Kontraenti Ċ rigward il-kwistjonijiet relatati mal-kustodja / mal-aċċess għat-tfal, l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tal-1996 ma jkunx japplika. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ladarba r-residenza abitwali tat-tfal tinbidel għall-Istat Kontraenti D, l-Istat Kontraenti Ċ ma jibqax ikollu ġurisdizzjoni biex tiddetermina dawn il-kwistjonijiet (f'konformità mal-Art. 5(2), ħlief jekk l-Istat Kontraenti Ċ jitlob u jikseb b'suċċess trasferiment tal-ġurisdizzjoni skont l-Art. 9).*

## D. X'jiġri jekk l-awtoritajiet ta' żewġ Stati Kontraenti jew iktar ikollhom ġurisdizzjoni?

**Artikolu 13**

4.29 Peress li jista' jkun hemm każijiet li fihom l-awtoritajiet ta' iktar minn Stat Kontraenti wieħed ikollhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni fir-rigward ta' minuri, l-Artikolu 13 jipprovdi għar-riżoluzzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni possibbli.

4.30 L-Artikolu 13 jiddikjara li l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li għandhom ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 jieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni ta' minuri jridu jastjenu milli jeżerċitaw din il-ġurisdizzjoni jekk, fiż-żmien li fih jinfetħu l-proċedimenti, ikunu ntalbu "miżuri korrispondenti" mill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor li għandhom ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 fiż-żmien li fih issir it-talba u dawk il-miżuri jkunu għadhom qed jiġu kkunsidrati.

4.31 It-terminu "miżuri korrispondenti" mhuwiex iddefinit fil-Konvenzjoni iżda jidher li, biex ikun japplika l-Artikolu 13, it-talbiet quddiem iż-żewġ Stati Kontraenti jridu jkunu l-istess jew simili fis-sustanza tagħhom.[140] Pereżempju, jekk Stat Kontraenti wieħed ikollu jieħu deċiżjoni dwar il-proċedimenti ta' kustodja fir-rigward ta' minuri u Stat Kontraenti ieħor jintalab jieħu miżuri għall-protezzjoni relatati ma' ċerti beni tal-minuri, dan l-Istat Kontraenti jista' jiddeċiedi li ma ntalbux "miżuri

---

[140] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 79.

korrispondenti" mill-Istat Kontraenti l-ieħor u, għalhekk, jistgħu jipproċedu biex jisimgħu t-talba rigward il-beni tal-minuri[141].

4.32 L-Artikolu 13 japplika dment li l-proċedimenti fir-rigward tal-"miżuri korrispondenti" fl-Istat Kontraenti l-ieħor ikunu għadhom qed jiġu kkunsidrati.

4.33 Madankollu, jenħtieġ li jingħad li l-Artikolu 13(1) **ma japplikax** jekk l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li inizjalment intalbu jiieħdu deċiżjoni jkunu rrifjutaw il-ġurisdizzjoni[142]. Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jiddikjara li l-ħila ta' rifjut jew ta' rinunzja tal-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li inizjalment intalbu jieħdu deċiżjoni tippermetti sabiex dak l-Istat Kontraenti jagħti preċedenza lit-**tieni** Stat Kontraenti li jintalab jieħu deċiżjoni, minkejja l-Artikolu 13(1), jekk dan jitqies bħala forum iktar adattat[143]. B'dan il-mod, din ir-rinunzja ta' ġurisdizzjoni tixbah id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni (l-Artikoli 8 u 9, ara l-**Kapitolu 5** iktar 'il quddiem). Madankollu, id-differenzi importanti bejn l-Artikolu 13(2) u d-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment huma li, f'dan ix-xenarju, (1) it-**tieni** Stat Kontraenti mitlub jieħu deċiżjoni diġà jkollu ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 tal-Konvenzjoni[144]; u (2) ir-rinunzja tal-ġurisdizzjoni mill-Istat Kontraenti li inizjalment jintalab jieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 13(2) tista' tirriżulta minn deċiżjoni unilaterali[145]. Madankollu, biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-minuri, meta Stat Kontraenti jkun qed jikkunsidra li jirrifjuta l-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 13(2), normalment tkun prattika tajba li ssir komunikazzjoni bejn iż-żewġ Stati Kontraenti involuti (jew permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali[146] jew permezz ta' komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti[147]) biex jiġi żgurat li ma tirriżulta ebda lakuna fir-riżultati tal-protezzjoni tal-minuri (*eż.*, mit-**tieni** Stat Kontraenti li jintalab jieħu deċiżjoni u li jirrifjuta milli jeżerċita ġurisdizzjoni fuq il-bażi tal-Art. 13(1) fl-istess ħin meta l-Istat Kontraenti **inizjalment** mitlub jieħu deċiżjoni jirrifjuta l-ġurisdizzjoni skont l-Art. 13(2)).

4.34 Hekk kif jidher mit-test tal-Artikolu 13(1) stess,[148] dan ma japplikax għal miżuri meħuda skont l-Artikolu 11 (każijiet ta' urġenza) jew l-Artikolu 12 (miżuri provviżorji)[149].

---

141 *Ibid.*

142 Art. 13(2).

143 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 80.

144 *Ibid.* Għall-kuntrarju, meta jseħħ trasferiment tal-ġurisdizzjoni, il-bażi għall-ġurisdizzjoni tal-Istat Kontraenti ċessjonarju tirresjedi biss fit-trasferiment – ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 5**.

145 *Ibid.*

146 Ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

147 B'rabta mal-komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti, ara l-paragrafi 64-72 tal-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Speċjali tal-2011 (Parti I) (disponibbli fuq < www.hcch.net > kif indikat iktar 'il fuq fin-nota 16)) u, b'mod partikolari, il-para. 68, fejn il-Kummissjoni Speċjali tat "l-approvazzjoni ġenerali" tagħha, soġġetta għar-reviżjoni mill-Uffiċċju Permanenti tad-dokument fid-dawl tad-diskussjonijiet fi ħdan il-Kummissjoni Speċjali, għall-*Emerging Guidance and General Principles for Judicial Communications* li jinsabu fid-Dok Prel. Nru 3 A ta' Marzu tal-2011 ("Emerging rules regarding the development of the International Hague Network of Judges and Draft General Principles for Judicial Communications, including commonly accepted safeguards for direct judicial communications in specific cases, within the context of the International Hague Network of Judges"). Ara wkoll il-paragrafi 78 u 79 tal-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tal-PArti II tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar l-operat prattiku tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Tfal u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal (25-31 ta' Jannar 2012), disponibbli fuq < www.hcch.net > (kif indikat iktar 'il fuq fin-nota 16).

148 Art. 13(1): L-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti **li għandhom ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10** jieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri jridu jastjenu milli jeżerċitaw din il-ġurisdizzjoni jekk, fiż-żmien li fih jinfetħu l-proċedimenti, ikunu ntalbu miżuri korrispondenti mill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor **li għandhom ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10** fiż-żmien li fih issir it-talba u dawn ikunu għadhom qed jiġu kkunsidrati. (Enfasi miżjuda.)

149 Diskussi b'mod iktar komplut iktar 'il quddiem fil-**Kapitoli 6** u **7**.

4.35 Għal awtorità li allegatament tkun "it-tieni waħda mitluba tieħu deċiżjoni", tista' tqum il-kwistjoni ta' kif tiddetermina jekk "il-miżuri korrispondenti" ntalbux mill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor (li għandhom ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5-10 fiż-żmien li fih issir it-talba) u jekk dawk il-miżuri għadhomx taħt kunsiderazzjoni, b'tali mod li l-Artikolu 13(1) ikun applikabbli. F'ċerti każijiet, l-awtorità li allegatament tkun "it-tieni waħda mitluba tieħu deċiżjoni" jista' jkollha evidenza ċara quddiemha ppreżentata mill-partijiet għall-proċedimenti b'tali mod li tkun tista' tipproċedi u tagħmel determinazzjoni li "tastjeni milli teżerċita ġurisdizzjoni" f'konformità mal-Artikolu 13(1). Madankollu, meta l-evidenza mingħand il-partijiet ma tipprovdix tweġiba ċara għall-eżistenza ta' *lis pendens* (*eż.* għaliex l-eżistenza jew in-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedimenti fi Stat Kontraenti ieħor ma jkunux ċari), it-tieni awtorità mitluba tieħu deċiżjoni tista' tqis li jkun xieraq li tagħmel mistoqsijiet lill-awtoritajiet rilevanti fl-Istat Kontraenti l-ieħor rigward dawn il-kwistjonijiet. Tali mistoqsijiet jistgħu jsiru permezz ta' komunikazzjonijiet ġudizzjarji, jew bl-assistenza tal-Awtoritajiet Ċentrali[150] fiż-żewġ Stati Kontraenti[151].

**Eżempju 4 (G)**

*Żewġt itfal huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A ma' ommhom. Għaddejjin proċedimenti ta' divorzju u ta' kustodja fl-Istat Kontraenti B. Il-missier hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti B u l-omm aċċettat il-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet ta' dak l-Istat Kontraenti rigward dawn il-kwistjonijiet u dawk l-awtoritajiet iqisu li hu fl-aħjar interessi tat-tfal li huma jisimgħu l-każ[152]. Il-proċedimenti fl-Istat Kontraenti B jidhru li sejrin ħażin għall-omm. Għalhekk, l-omm tiftaħ proċedimenti fl-Istat Kontraenti A biex titlob ordni li tagħtiha kustodja tat-tfal.*

*Skont l-Artikolu 13, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jridu jastjenu milli jisimgħu l-każ, peress li fl-Istat Kontraenti B jkunu għaddejjin il-proċedimenti rigward il-kustodja tat-tfal.*

*Madankollu, jekk l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B ikunu rrifjutaw il-ġurisdizzjoni, pereżempju għaliex emmnu li ma kienx fl-aħjar interessi tal-minuri li huma jisimgħu l-każ, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jistgħu jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni f'din il-kwistjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jistgħu jikkomunikaw id-deċiżjoni*

---

150 Biex dan l-aspett tal-Konvenzjoni jaħdem b'suċċess, hemm bżonn li l-Istati Kontraenti jiżguraw li l-Uffiċċju Permanenti jinżamm informat bid-dettalji ta' kuntatt aġġornati tal-awtoritajiet rilevanti. Meta jkun hemm tħassib li jista' jkun li l-proċedimenti diġà jkunu nfetħu f'iktar minn Stat Kontraenti wieħed, dan se jgħin lill-partijiet jiżguraw minnufih jekk dan huwiex il-każ u jekk l-awtoritajiet f'ġurisdizzjoni partikolari jistgħux jieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-minuri.

151 Fil-kuntest tal-Art. 19(2) tar-Regolament Brussell II a, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rrakkomandat approċċ bħal dan. F'*Purrucker* vs *Pérez* (Kawża C-296/10 tad-9 ta' Novembru 2010) il-QtĠ iddikjarat (fil-punt 81) li l-informazzjoni li tikkonċerna l-possibbiltà ta' *lis pendens* tista' titfittex mingħand il-partijiet iżda, barra minn hekk, "fid-dawl tal-fatt li r-Regolament Nru 2201/2003 huwa bbażat fuq il-kooperazzjoni u l-fiduċja reċiproka bejn il-qrati, [it-tieni qorti mitluba tieħu deċiżjoni] tista' tinforma lill-ewwel qorti li tressqet il-kawża quddiemha tat-tressiq tat-talba quddiemha, tiġbed l-attenzjoni ta' din tal-aħħar għall-possibbiltà ta' *lis alibi pendens* , tistieden lil din tal-aħħar tikkomunikalha l-informazzjoni dwar it-talba pendenti quddiemha u li tiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni tagħha fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003 jew li tikkomunikalha kull deċiżjoni li diġà ttieħdet f'dan ir-rigward. Fl-aħħar nett, it-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha tista' tikkuntattja lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tagħha." F'din il-kawża, il-QtĠ iddikjarat ukoll li jekk tali mistoqsijiet ma jirriżultawx f'ċarezza dwar il-proċedimenti fil-qorti inizjalment mitluba tieħu deċiżjoni u meta, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-kawża, l-interessi tal-minuri kienu jeħtieġu l-qtugħ ta' sentenza li tista' tiġi rikonoxxuta fi Stati Membri oħra li mhumiex dawk tat-tieni qorti li tintalab tieħu deċiżjoni, "huwa għal din [it-tieni qorti mitluba tieħu deċiżjoni] li wara perijodu raġonevoli ta' stennija għar-risposti għad-domandi magħmula, tkompli tikkunsidra t-talba mressqa quddiemha. It-tul ta' dan il-perijodu raġonevoli għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-wild fir-rigward taċ-ċirkustanzi speċifiċi ta l-kawża inkwistjoni".

152 B'hekk l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jingħataw ġurisdizzjoni (f'konformità mal-Art. 10 tal-Konvenzjoni tal-1996 - ara iktar 'il fuq il-paragrafi **4.26-4.28**) biex jieħdu miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-minuri, bħat-teħid ta' deċiżjoni dwar il-kustodja u l-aċċess għat-tfal.

*tagħhom ta' rifjut tal-ġurisdizzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Kontraenti A*[153].

**Eżempju 4 (H)**

*It-tfal huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A. Huma s-suġġett ta' applikazzjoni għal miżuri ta' protezzjoni fl-Istat Kontraenti B fejn ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Filwaqt li għaddejjin dawn il-proċedimenti, issir applikazzjoni fl-Istat Kontraenti A*[154] *dwar l-amministrazzjoni tal-beni li l-minuri wirtu mingħand in-nanniet tagħhom. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A għandhom ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar din il-kwistjoni ladarba jiddeterminaw li ma saret ebda talba simili lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B.*

---

153 Ara iktar 'il fuq il-para. **4.33**.

154 Fuq il-bażi tal-Art. 5 tal-Konvenzjoni.

# 5

# TRASFERIMENT TAL-ĠURISDIZZJONI



## A. Meta tista' tiġi ttrasferita l-ġurisdizzjoni għat-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni?

### Artikoli 8 u 9

5.1 Permezz ta' eċċezzjoni għar-regoli ġenerali tal-ġurisdizzjoni,[155] l-Artikoli 8 u 9 jipprovdu mekkaniżmi li bihom il-ġurisdizzjoni għat-teħid ta' miżuri mmirati għall-protezzjoni tal-persuna u tal-beni tal-minuri tista' tiġi ttrasferita mill-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti li għandhom ġurisdizzjoni ġenerali skont il-Konvenzjoni,[156] lill-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti li m'għandhomx. Il-ġurisdizzjoni tiġi ttrasferita biss meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet[157] u biss lil awtoritajiet fi Stat Kontraenti ieħor li miegħu l-minuru għandu konnessjoni partikolari[158].

5.2 Jenħtieġ li jingħad li skont il-Konvenzjoni, il-ġurisdizzjoni tista' tiġi ttrasferita biss bejn l-awtoritajiet tal-Istati **Kontraenti** u ma tistax tiġi ttrasferita lill-awtoritajiet ta' Stati **mhux Kontraenti**.

5.3 Talba għat-trasferiment tal-ġurisdizzjoni tista' ssir b'żewġ modi:

- awtorità li għandha ġurisdizzjoni ġenerali[159] skont il-Konvenzjoni, jekk tqis li awtorità oħra mingħajr ġurisdizzjoni tkun f'pożizzjoni aħjar fil-każ partikolari biex tivvaluta l-aħjar interessi tal-minuri, tista' titlob li tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni lil dik l-awtorità (Art. 8);
- awtorità li m'għandhiex ġurisdizzjoni iżda li temmen li hi f'pożizzjoni aħjar fil-każ partikolari li tivvaluta l-aħjar interessi tal-minuri tista' titlob li titħalla teżerċita l-ġurisdizzjoni (Art. 9).

5.4 Dawn l-artikoli jippermettu li jsir trasferiment tal-ġurisdizzjoni meta l-awtorità li jkollha ġurisdizzjoni ma tkunx fl-aħjar pożizzjoni li tivvaluta l-aħjar interessi tal-minuri. Jenħtieġ li l-aħjar interessi tal-minuri jiġu vvalutati "fil-każ partikolari", jiġifieri "fil-mument li fih jinħass il-bżonn ta' protezzjoni, u għall-iskop ta' tweġib għal dak il-bżonn"[160].

5.5 It-trasferiment tal-ġurisdizzjoni jista' jkun għal każ sħiħ jew għal parti speċifika tal-każ. Għad li l-Konvenzjoni ma tiddikjarax b'mod espliċitu li l-ġurisdizzjoni għal parti speċifika ta' każ tista' tiġi ttrasferita, l-Artikoli 8 u 9 jiddikjarawx li Stat Kontraenti jista' jintalab (Art. 8) jew jista' jitlob (Art. 9) biex jieħu l-miżuri għall-protezzjoni li jqis bħala "neċessarji": dan jista', iżda mhux bilfors, jinvolvi trasferiment tal-ġurisdizzjoni għall-każ sħiħ. Din l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni ġġib il-Konvenzjoni f'konformità ma' strumenti oħra bħall-Konvenzjoni tal-Aja tal-2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti jew l-Artikolu 15 tar-Regolament Brussell II a, li t-tnejn li huma jiddikjaraw b'mod espliċitu l-possibbiltà ta' trasferiment tal-

---

155 Ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 4**.

156 Jenħtieġ li jingħad li filwaqt li l-Art. 8 jirreferi b'mod espliċitu għal Stat Kontraenti li għandu ġurisdizzjoni skont l-Art. 5 ***jew 6*** tal-Konvenzjoni li jista' jagħmel talba lil Stat Kontraenti ieħor għat-trasferiment tal-ġurisdizzjoni, l-Art. 9 jissuġġerixxi li Stat Kontraenti ieħor jista' jitlob biss trasferiment tal-ġurisdizzjoni mill-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri (jiġifieri biss mill-Istat Kontraenti li għandu ġurisdizzjoni skont l-Art. 5 u mhux minn Stat Kontraenti b'ġurisdizzjoni skont l-Art. 6). Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 58, jiddikjara li jqis li dan hu "**żball**" ("oversight", bl-enfasi miżjuda) u li jenħtieġ li l-Art. 9 jiġi allinjat mal-Art. 8. Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jiddikjara: "Jekk l-awtoritajiet tal-Istat tan-nazzjonalità tal-minuri huma intitolati jitolbu lil dawk tal-Istat tar-residenza abitwali jawtorizzawhom jeżerċitaw ġurisdizzjoni protettiva, għal raġunijiet saħansitra iktar b'saħħithom dawn għandhom ikunu jistgħu jitolbu l-istess lill-awtoritajiet tal-Istat li fih, minħabba disturbi li jkunu seħħew fil-pajjiż tar-residenza abitwali tal-minuri, il-minuri tneħħa b'mod provviżorju." Madankollu, bħalissa l-lingwa tal-Konvenzjoni hi ċara u jidher li talba skont l-Art. 9 tista' ssir biss lill-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri.

157 Ara iktar 'il quddiem il-para. **5.9**.

158 Art. 8(2).

159 Jiġifieri skont l-Art. 5 jew l-Art. 6 tal-Konvenzjoni.

160 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 56.

ġurisdizzjoni għal parti speċifika ta' każ.

5.6 Ladarba jintlaħaq qbil fuq it-trasferiment bejn iż-żewġ awtoritajiet, l-awtoritajiet li minnhom ġiet ittrasferita l-ġurisdizzjoni ma jistgħux jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni f'dik il-kwistjoni partikolari li kienet is-suġġett tat-trasferiment. Iridu jistennew sakemm id-deċiżjoni mill-awtoritajiet l-oħra ssir finali u eżegwibbli.

5.7 Madankollu, it-trasferiment ma jistitwixxix trasferiment permanenti tal-ġurisdizzjoni. "Xejn [...] ma jippermetti li jiġi deċiż bil-quddiem li f'ċirkustanzi futuri l-awtorità li għandha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 5 jew 6[161] tista' ma tkunx f'pożizzjoni aħjar li tiddeċiedi fl-aħjar interessi tal-minuri."[162]

5.8 Ladarba jiġi deċiż li talba tista' u jenħtieġ li ssir, hemm żewġ possibbiltajiet stabbiliti fil-Konvenzjoni biex issir talba:

- it-talba ssir mill-awtoritajiet stess lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor (din tista' ssir direttament jew bl-assistenza tal-Awtoritajiet Ċentrali)[163];
  **jew**
- il-partijiet għall-proċedimenti jistgħu jiġu mistiedna jagħmlu t-talba quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor[164].

M'hemmx preferenza bejn dawn iż-żewġ possibbiltajiet u l-għażla bejniethom titħalla f'idejn l-awtorità li tagħmel it-talba fil-każ individwali.

## B. X'kundizzjonijiet iridu jiġu ssodisfati qabel ma jkun jista' jseħħ trasferiment tal-ġurisdizzjoni?

5.9 Kemm skont l-Artikolu 8 kif ukoll skont l-Artikolu 9, il-ġurisdizzjoni tista' tiġi ttrasferita biss meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet:

- **Il-konnessjoni bejn il-minuri u l-Istat Kontraenti li lill-awtoritajiet tiegħu hu permess li tiġi ttrasferita l-ġurisdizzjoni**
  L-Istati Kontraenti li lill-awtoritajiet tagħhom tista' tiġi ttrasferita l-ġurisdizzjoni, jew li jistgħu jitolbu li tiġi ttrasferita lilhom il-ġurisdizzjoni, irid ikollhom konnessjoni mal-minuri. L-Istat Kontraenti jrid ikun wieħed minn dawn li ġejjin[165]:
  - Stat li l-minuri hu ċittadin tiegħu;
  - Stat li fih jinsabu l-beni tal-minuri;
  - Stat li l-awtoritajiet tiegħu jintalbu jieħdu deċiżjoni dwar applikazzjoni għal divorzju jew għal separazzjoni legali tal-ġenituri tal-minuri, jew għal annullament taż-żwieġ tagħhom;
  - Stat li miegħu l-minuri għandu konnessjoni sostanzjali.

- **L-aħjar interessi tal-minuri**
  L-awtorità li tagħmel it-talba biex tiġi ttrasferita l-ġurisdizzjoni trid tkun tqis li dan it-trasferiment se jippermetti li ssir valutazzjoni aħjar tal-aħjar interessi tal-minuri[166]. L-awtorità mitluba li tassumi jew iċċedi l-ġurisdizzjoni tista' tagħmel dan biss jekk hi temmen li dan hu fl-aħjar interessi tal-

---

161 B'rabta mal-Art. 9, ara n-nota 156 iktar 'il fuq.
162 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 56.
163 L-ewwel inċiż tal-Art. 8(1), u l-ewwel inċiż tal-Art. 9(1).
164 It-tieni inċiż tal-Art. 8(1), u t-tieni inċiż tal-Art. 9(1).
165 Art. 8(2) u Art. 9(1).
166 Art. 8(1) u Art. 9(1).

minuri[167].

- **Qbil tal-awtoritajiet taż-żewġ Stati Kontraenti**
  Iż-żewġ awtoritajiet iridu jaqblu dwar it-trasferiment.
  - F'każ li fih id-deċiżjoni ta' twettaq ta' trasferiment tiġi mill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li għandu ġurisdizzjoni, il-qbil tal-awtoritajiet l-oħra jista' jiġi indikat billi tiġi assunta l-ġurisdizzjoni[168].
  - Madankollu, meta l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li m'għandux ġurisdizzjoni jniedu t-trasferiment billi jagħmlu talba, jew billi jistiednu lill-partijiet jagħmlu talba, il-qbil tal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li għandu ġurisdizzjoni jrid ikun riċevut b'mod espliċitu. Silenzju ma jistax jitqies bħala aċċettazzjoni tat-trasferiment[169].

5.10 M'hemm ebda rekwiżit fil-Konvenzjoni tal-1996 għall-partijiet għall-proċedimenti li jaċċettaw jew jaqblu li jittrasferixxu l-ġurisdizzjoni[170]. Għalhekk, jekk il-partijiet jinstemgħux, u kif, dwar il-kwistjoni ta' trasferiment tal-ġurisdizzjoni hi kwistjoni li titħalla għal-liġi proċedurali interna ta' kull Stat Kontraenti. Il-partijiet jistgħu jinstemgħu fuq din il-kwistjoni, b'mod partikolari peress li jista' jkollhom sottomissjonijiet rilevanti x'jagħmlu dwar jekk trasferiment bħal dan jippermettix li ssir valutazzjoni aħjar tal-aħjar interessi tal-minuri. Tal-inqas jenħtieġ li l-partijiet jinżammu informati dwar kwistjonijiet bħal dawn.

5.11 Lanqas m'hemm rekwiżit fil-Konvenzjoni tal-1996 dwar il-perjodu ta' żmien biex: (1) il-partijiet jippreżentaw talba għal trasferiment tal-ġurisdizzjoni quddiem l-awtorità rilevanti[171] (jekk l-awtorità "rikjedenti" tadotta din ir-rotta skont l-Art. 8(1) jew l-Art. 9(1)); jew (2) l-awtorità "rikjesta" taċċetta jew tirrifjuta talba rigward trasferiment tal-ġurisdizzjoni[172]. Madankollu, minħabba li ż-żmien ikun tassew limitat fi kwalunkwe proċediment relatat mal-minuri, jenħtieġ li l-awtorità "rikjesta" (skont l-Art. 8, il-qorti mingħajr ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni, u skont l-Art. 9, il-qorti b'ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni) tagħmel determinazzjoni dwar it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni fi ħdan iż-żmien dovut[173]. Dan jevita wkoll proċedimenti paralleli li jistgħu jirriżultaw minn talba li tikkonċerna trasferiment tal-ġurisdizzjoni. *eż.*, meta tkun saret talba skont l-Artikolu 8 iżda l-awtorità b'ġurisdizzjoni tkompli billi teżerċita l-ġurisdizzjoni u tisma' l-każ għaliex ma rċiviet ebda tweġiba mingħand l-awtorità "rikjesta" fi ħdan dak li tqis bħala perjodu ta' żmien raġonevoli, u mbagħad l-awtorità "rikjesta" taċċetta u teżerċita l-ġurisdizzjoni.

---

167 Dan hu ddikjarat b'mod espliċitu fir-rigward tas-suppożizzjoni tal-ġurisdizzjoni – ara l-Art. 8(4). Mhuwiex iddikjarat b'mod espliċitu b'rabta maċ-ċediment tal-ġurisdizzjoni (ara l-Art. 9(3), li jirreferi biss għall-aċċettazzjoni tat-talba). Madankollu, diffiċli timmaġina li Stat Kontraenti jaċċetta talba għal traseriment tal-ġurisdizzjoni lil Stat Kontraenti ieħor meta ma jkunx qies li ma jkunx fl-aħjar interessi tal-minuri li jagħmel hekk.

168 Art. 8(4).

169 Art. 9(3).

170 Ara l-Art. 15(2) tar-Regolament Brussell II a li jeħtieġ li tal-inqas waħda mill-partijiet taċċetta trasferiment.

171 Ara l-Art. 15(4) tar-Regolament Brussell II a.

172 Ara l-Art. 15(5) tar-Regolament Brussell II a li jeħtieġ li l-awtorità "rikjesta" tiddeċiedi fi żmien sitt ġimgħat minn meta tintalab tieħu deċiżjoni jekk taċċettax trasferiment tal-ġurisdizzjoni.

173 Matul id-diskussjonijiet fil-Kummissjoni Speċjali tal-2011 (Parti I) ġie ssuġġerit li tista' tkun prattika tajba għall-awtoritajiet li jaqblu dwar skadenza għal determinazzjoni li tikkonċerna l-kwistjoni tat-trasferiment. Jekk ma tintlaħaqx it-tali skadenza, l-awtorità b'ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni żżomm il-ġurisdizzjoni u jenħtieġ li tipproċedi billi teżerċitaha.
Dan l-approċċ ikun konformi ma' dak meħud skont ir-Regolament Brussell II a – ara l-"Practice Guide for the application of the new Brussels II Regulation", disponibbli fuq < http://ec.europa.eu/civiljustice/divorce/parental_resp_ec_vdm_en.pdf > (ikkonsultat l-aħħar f'Awwissu tal-2013), fil-p. 19.

**<u>Eżempju 5 (A)</u>** *Tifel hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti A. Iż-żewġ ġenituri tiegħu jmutu meta jkollu 10 snin u għaddejjin proċedimenti fl-Istat Kontraenti A dwar l-indokrar tiegħu u dwar l-amministrazzjoni tal-beni li ħallewlu l-ġenituri tiegħu. Dawn il-beni jinkludu proprjetà li tinsab fl-Istat Kontraenti B. Tqum kwistjoni rigward id-disponiment ta' din il-proprjetà u l-awtoritajiet fl-Istat Membru B jagħmlu talba lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A biex ikunu awtorizzati jassumu l-ġurisdizzjoni f'din il-kwistjoni speċifika*[174]*. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jistgħu jaċċettaw it-talba għal trasferiment parzjali tal-ġurisdizzjoni relatat biss mal-protezzjoni tal-proprjetà tal-minuri li tinsab fl-Istat Kontraenti B*[175]*. Jekk jintlaħaq qbil fuq trasferiment parzjali tal-ġurisdizzjoni bejn l-Istati Kontraenti,*[176] *l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jistgħu jkomplu jieħdu miżuri rigward l-indokrar tal-minuri u rigward il-beni tal-minuri, eskluża l-proprjetà fl-Istat Kontraenti B. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jistgħu jieħdu miżuri rigward il-proprjetà tal-minuri li tinsab fl-Istat Kontraenti B.*

## C. Proċedura għat-trasferiment

5.12 Hemm żewġ għażliet rigward it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni. Meta awtorità fl-Istat Kontraenti A ("CSA") tkun qed tikkunsidra l-kwistjoni ta' trasferiment lejn l-Istat Kontraenti B ("CSB"), jenħtieġ li ssir l-analiżi li ġejja:

---

174 Art. 9(1), bħala l-Ista li fih tinsab il-proprjetà tal-minuri (Art. 8(2) *b)*). Skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod addizzjonali jew alternattiv, jista' jkun xieraq li l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B jieħdu miżuri provviżorji rigward il-beni fuq il-bażi tal-Art. 12 jew, jekk il-każ ikun wieħed ta' urġenza, il-miżuri neċessarji ta' protezzjoni relatati mal-beni fuq il-bażi tal-Art. 11. Madankollu, tali miżuri jiskadu malli l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jieħdu l-miżuri mitluba mis-sitwazzjoni (ara iktar 'il quddiem il-**Kapitoli 6** u **7**). Għalhekk, meta l-Istat Kontraenti B jixtieq jieħu ġurisdizzjoni ġenerali relatata mal-beni, trasferiment tal-ġurisdizzjoni jista' jkun iktar xieraq (u l-benefiċċji mill-appoġġ kooperattiv espliċitu pprovdut fl-Art. 31 *a)*, ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 10**).

175 Ara iktar 'il fuq il-para. **5.5** rigward il-possibbiltà ta' trasferiment parzjali ta' każ.

176 Ara iktar 'il quddiem il-paras **5.19-5.22** rigward il-komunikazzjoni espliċita li jenħtieġ li ssir bejn l-awtoritajiet fuq din il-kwistjoni.

**Għażla 1:**
**Talba mingħand l-awtorità tal-Istat Kontraenti A, jew talba mnedija mit-tali awtorità, li għandha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 5 jew 6 tal-Konvenzjoni, lill-awtorità tal-Istat Kontraenti B (Art. 8)**



Meta l-awtorità fl-Istat Kontraenti B tixtieq tassumi l-ġurisdizzjoni mingħand l-awtorità fl-Istat Kontraenti A, jenħtieġ li tiġi applikata l-analiżi li ġejja:

**Għażla 2:**
**Talba mingħand l-awtorità tal-Istat Kontraenti B, jew talba mnedija mit-tali awtorità, lill-awtorità tal-Istat Kontraenti A, li hu l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri (Art. 9)**



## D. Ċerti aspetti prattiċi ta' trasferiment

### *(a) Awtorità li tixtieq tuża d-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment kif tista' ssib lil liema awtorità kompetenti fi Stat Kontraenti ieħor jenħtieġ li tindirizza t-talba tagħha?*

5.13 Kwistjoni prattika importanti oħra li qed jaffaċċjaw l-awtoritajiet li jixtiequ jużaw dawn id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment hi kif isibu l-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Dan hu mistoqsija partikolarment diffiċli jekk ma tkun saret ebda applikazzjoni mill-partijiet individwali lil kwalunkwe awtorità fl-Istat Kontraenti l-ieħor.

5.14 L-Istati Kontraenti jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu deżinjazzjoni speċifika tal-awtoritajiet li lilhom għandhom jiġu indirizzati t-talbiet skont l-Artikoli 8 u 9[177]. Jekk l-Istat ikkonċernat ikun għamel deżinjazzjoni bħal din, jenħtieġ li t-talbiet kollha li jikkonċernaw it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni jintbagħtu lill-awtoritajiet iddeżinjati. Dawn id-deżinjazzjonijiet iridu jiġu kkomunikati lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat[178]. Se jitqiegħdu fuq is-sit web tal-Konferenza tal-Aja (< www.hcch.net >, taħt "Convention 34" imbagħad "Authorities").

5.15 Madankollu, jekk ma tkun saret ebda deżinjazzjoni bħal din, hemm żewġ rotot oħra li permezz tagħhom l-awtoritajiet jistgħu jiksbu l-assistenza. L-ewwel waħda hi l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Kontraenti l-ieħor, li l-awtoritajiet jistgħu jikkuntattjaw direttament jew permezz tal-Awtorità Ċentrali tagħhom stess. Ir-rwol possibbli tal-Awtoritajiet Ċentrali f'dan ir-rigward jissemma b'mod speċifiku fl-Artikoli 8 u 9 tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 31 *a)* tal-Konvenzjoni[179]. It-tieni hu n-Netwerk Internazzjonali tal-Aja ta' Mħallfin, jekk ikunu nħatru membri miż-żewġ Stati. Il-membri ta' dan in-Netwerk huma punti ta' kuntatt fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom u jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar diversi aspetti tal-liġi u tal-proċedura fil-ġurisdizzjoni tagħhom, inkluż billi jassistu fis-sejbien tal-awtorità kompetenti[180]. Lista tal-membri tan-Netwerk Internazzjonali tal-Aja ta' Mħallfin hi disponibbli fuq is-sit web tal-Konferenza tal-Aja (< www.hcch.net >, taħt "Child Abduction Section" u mbagħad "International Hague Network of Judges").

5.16 L-Awtoritajiet Ċentrali jistgħu jkunu siewja biex jgħinu fit-trażmissjoni ta' dokumenti bejn l-awtoritajiet, u ċerti Awtoritajiet Ċentrali jistgħu jassistu fl-interpretazzjoni jew fit-traduzzjoni tad-dokumenti jew fis-sejbien tat-tali servizzi fl-Istat tagħhom, jekk jintalbu jagħmlu dan. Il-membri tan-Netwerk Internazzjonali tal-Aja ta' Mħallfin jistgħu jipprovdu wkoll mezz siewi kif tinkiseb informazzjoni dwar l-aħjar mod għall-proċediment, pereżempju rigward l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni li l-awtorità kompetenti tista' tkun teħtieġ qabel ma tikkunsidra t-trasferiment.

### *(b) Kif jenħtieġ li jikkomunikaw l-awtoritajiet?*

5.17 Kemm l-Artikolu 8 kif ukoll l-Artikolu 9 jiddikjaraw li l-awtoritajiet jistgħu jipproċedu għal skambju tal-fehmiet fuq il-kwistjoni tat-trasferiment. Dan l-iskambju ta' fehmiet spiss se jkun meħtieġ biex l-awtorità rikjesta tkun tista' tivvaluta jekk jenħtieġx li t-talba tiġi aċċettata. Mill-ġdid, kemm l-Awtoritajiet Ċentrali kif ukoll in-Netwerk Internazzjonali tal-Aja ta' Mħallfin jistgħu jipprovdu

177 Art. 44.
178 Art. 45.
179 Ara iktar 'il quddiem il-para. **11.11**.
180 Ara iktar 'il fuq in-nota 147.

assistenza f'dan ir-rigward[181].

5.18 Iż-żewġ awtoritajiet involuti (spiss żewġ awtoritajiet ġudizzjarji) jistgħu jużaw firxa ta' mezzi biex jaqsmu l-fehmiet. Il-kuntatt bejniethom jista' jsir bil-posta elettronika jew bit-telefown. Jekk ikunu jeħtieġu l-involviment ta' interpreti jew jeħtieġu li jkunu preżenti l-partijiet jew ir-rappreżentanti ta' dawn, jistgħu jużaw faċilitajiet ta' sejħa b'telekonferenza jew ta' vidjokonferenza.

### *(c) Kwistjonijiet oħra relatati mat-trasferiment li fihom il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet tista' tkun siewja*

5.19 Minħabba l-fatt li trasferiment tal-ġurisdizzjoni ma jistitwixxix trasferiment permanenti tal-ġurisdizzjoni (ara l-para. **5.7** iktar 'il fuq) u li trasferiment tal-ġurisdizzjoni jista' jkun relatat ma' parti speċifika ta' każ biss (ara l-para. **5.5** iktar 'il quddiem), se jkun importanti li ż-żewġ awtoritajiet kompetenti involuti jkunu espliċiti kemm jista' jkun fil-komunikazzjonijiet tagħhom rigward il-kamp ta' applikazzjoni previst ta' kwalunkwe trasferiment tal-ġurisdizzjoni.

5.20 Dan ifisser li jenħtieġ li kwalunkwe awtorità kompetenti **rikjedenti** (kemm jekk qed titlob biex tassumi jew inkella biex tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni) tiżgura li t-talba tagħha tkun espliċita dwar:

- il-kamp ta' applikazzjoni tat-trasferiment previst (jiġifieri fir-rigward ta' liema kwistjonijiet hu previst li l-ġurisdizzjoni se tiġi ttrasferita u f'liema ċirkustanzi hu previst li l-awtorità kompetenti li tassumi l-ġurisdizzjoni se tkompli teżerċita l-ġurisdizzjoni b'rabta mat-tali kwistjonijiet fil-ġejjieni); u
- għaliex hu kkunsidrat fl-aħjar interessi tal-minuri li jsir dan it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni.

5.21 Jista' jkun siewi f'ċerti każijiet li jiġu skambjati fehmiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni previst tat-trasferiment. Jekk hu possibbli, u wara s-sottomissjonijiet tal-partijiet fejn ikun hemm bżonn, jenħtieġ li jsiru tentattivi biex jiġu konklużi dawn il-kwistjonijiet bjn l-awtoritajiet kompetenti u jenħtieġ li kull awtorità kompetenti tirreġistra din il-konklużjoni kif inhu xieraq skont il-ġurisdizzjoni tagħha.

5.22 Konklużjoni espliċita u / jew rekord tat-termini ta' hawn fuq jistgħu jevitaw konfużjoni iktar 'il quddiem dwar liema awtorità għandha ġurisdizzjoni u b'rabta ma' liema kwistjonijiet.

**Eżempju 5 (B)**[182] *Koppja mhix miżżewġa u t-tfal tagħha jgħixu fl-Istat Kontraenti A u huma ċittadini ta' dan. Ir-relazzjoni bejn il-koppja titkisser u l-omm tiftaħ proċedimenti fl-Istat Kontraenti A fejn tfittex permess biex tirriloka fl-Istat Kontraenti B bit-tfal. Din l-applikazzjoni tintlaqa' u l-omm tirrikola bit-tfal fl-Istat Kontraenti B. Il-qorti fl-Istat Kontraenti A tordna wkoll li jenħtieġ li t-tfal iqattgħu l-vaganzi tas-sajf ma' missierhom fl-Istat Kontraenti A bil-patt li t-tfal ma jittiħdux biex iżuru lin-nanniet paterni tagħhom (li l-omm tallega li abbużaw fiżikament lit-tfal).*

---

181 L-Art. 31 *a)* jeħtieġ li l-Awtorità Ċentrali ta' Stat Kontraenti tieħu l-passi xierqa kollha, b'mod dirett jew inkella permezz ta' awtoritajiet pubbliċi jew permezz ta' korpi oħra, biex tiffaċilita l-komunikazzjonijiet u toffri l-assistenza stipulata fl-Artikoli 8 u 9. Ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

182 Għal diskussjoni dwar l-użu possibbli tad-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni f'sitwazzjoni ta' ħtif internazzjonali ta' minuri li fiha jintlaħaq qbil bejn il-partijiet wara proċess amikevoli ta' soluzzjoni għat-tilwim, ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.51-13.57** u, b'mod partikolari, il-para. **13.55**.

*Wara r-ritorn tat-tfal mill-ewwel perjodu tal-aċċess tul il-vaganzi tas-sajf tagħhom, it-tfal jiżvelaw lil ommhom li missierhom ħadhom jaraw lin-nanniet paterni tagħhom. L-omm tapplika mal-Istat Kontraenti B għal sospensjoni tal-aċċess fil-ġejjieni. Il-missier japplika mal-Istat Kontraenti A biex l-ordni tal-aċċess preċedenti tinbidel u li l-kundizzjoni tiġi rilaxxata.*

*L-Istat Kontraenti A jitlob trasferiment tal-ġurisdizzjoni (Art. 9) mingħand l-Istat Kontraenti B, fejn issa t-tfal huma residenti abitwali. L-awtoritajiet li jisimgħu l-każ f'kull Stat Kontraenti jipproċedu, bl-assistenza taż-żewġ Awtoritajiet Ċentrali, billi jiskambjaw il-fehmiet dwar il-kwistjoni tat-trasferiment. Jaqblu li l-partijiet jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub dwar il-kwistjoni quddiem kull waħda minnhom u li se jkun hemm skambju tal-fehmiet permezz ta' sejħa b'telekonferenza mal-partijiet preżenti. Wara dan l-iskambju tal-fehmiet, l-Istat Kontraenti B jiddetermina li l-kundizzjonijiet għat-trasferiment huma ssodisfati u li hu fl-aħjar interessi tal-minuri li l-kwistjoni tal-aċċess tiġi indirizzata fl-Istat Kontraenti A*[183]*. Iż-żewġ awtoritajiet fl-Istati Kontraenti A u B jirreġistraw li t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni hu limitat għall-kwistjoni tal-aċċess tal-missier u tan-nanniet paterni għat-tfal u li jikkunsidraw li hu fl-aħjar interessi tal-minuri li l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jiddeterminaw din il-kwistjoni għaliex:*

- *il-missier jibqa' resident fl-Istat Kontraenti A;*
- *l-aċċess jiġi eżerċitat hemm;*
- *hemm kwistjoni rigward ksur ta' dik l-ordni tal-qorti; u*
- *hemm kwistjoni rigward l-aċċess tan-nanniet u n-nanniet jirresjedu f'dak l-Istat.*

*Eventwalment, l-Istat Kontraenti A jsolvi l-każ u jiddeċiedi li t-tfal jista' jkomplu jkollhom kuntatt ma' missierhom u man-nanniet paterni tagħhom.*

*Sena wara, l-omm tissospendi l-aċċess b'mod uniaterali, billi tallega li l-missier qed jabbuża mit-tfal matul l-aċċess. Il-missier jiftaħ proċedimenti ta'* kustodja *fl-Istat Kontraenti A filwaqt li jallega li l-omm qed tbiegħed lit-tfal minnu. L-Istat Kontraenti A jirrifjuta l-ġurisdizzjoni fuq il-bażi li t-trasferiment preċedenti tal-ġurisdizzjoni mill-Istat Kontraenti B kienet limitata b'mod espliċitu għall-kwistjoni tal-aċċess. Għaldaqstant, il-missier jitlob li l-Istat Kontraenti A jitlob trasferiment tal-ġurisdizzjoni fuq il-kwistjoni tal-kustodja. L-Istat Kontraenti A jirrifjuta fuq il-bażi li ma jqisx li hu jinsab f'pożizzjoni aħjar biex jivvaluta l-aħjar interessi tat-tfal fuq il-kwistjoni tal-kustodja. Hu jiddetermina li jenħtieġ li l-kwistjoni tal-kustodja tiġi indirizzata skont ir-regoli ġenerali tal-ġurisdizzjoni (jiġifieri fl-Istat tar-residenza abitwali tat-tfal f'konformità mal-Art. 5 – jiġifieri fl-Istat Kontraenti B).*

---

183 Kun af li approċċ ieħor jista' jkun li l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B iżommu l-ġurisdizzjoni u, minflok, jistiednu lill-missier jitlob li l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A, f'konformità mal-Art. 35(2) tal-Konvenzjoni, jipprovdu rapport dwar iċ-ċirkustanzi tiegħu (u possibilment anki ċ-ċirkustanzi tan-nanniet paterni) u jagħmlu sejbiet dwar l-adegwatezza tiegħu (jew tagħhom) biex jeżerċita(w) aċċess / kuntatt u dwar il-kundizzjonijiet li fihom jenħtieġ li jiġi eżerċitat l-aċċess / il-kuntatt, għall-użu fil-proċedimenti fl-Istat Kontraenti B. F'konformità mal-Art. 35(3), l-Istat Kontraenti B jista' jaġġorna l-proċedimenti sakemm jiġi deċiż l-eżitu tat-talba tal-missier. Għal iktar informazzjoni dwar l-Art. 35 ara iktar 'il quddiem **il-Kapitoli 11** u **13**.

# 6

## *MIŻURI GĦALL-PROTEZZJONI F'KAŻIJIET TA' URĠENZA*



## A. Teħid ta' miżuri għall-protezzjoni neċessarji f'każijiet ta' urġenza

### Artikolu 11

6.1 Fil-każijiet kollha ta' urġenza, l-awtoritajiet ta' kwalunkwe Stat Kontraenti li fit-territorju huma **preżenti** l-minuri jew il-beni li jappartjenu għall-minuri għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu kwalunkwe miżura għall-protezzjoni neċessarja[184].




#### (a) *Każ meta jkun "urġenti"?*

6.2 Il-Konvenzjoni ma tipprovdix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi "każijiet ta' urġenza"[185]. Għaldaqstant, se jkun f'idejn l-awtoritajiet ġudizzjarji / amministrattivi fl-Istat Kontraenti inkwistjoni li jiddeterminaw jekk sitwazzjoni partikolari hix "urġenti". Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jiddikjara li jista' jingħad li teżisti sitwazzjoni ta' urġenza meta, jekk il-miżuri għall-protezzjoni tfittxew biss permezz tal-kanali normali tal-Artikoli 5 sa 10 (il-bażijiet ġenerali tal-ġurisdizzjoni), tista' tiġi kkaġunata ħsara irrekuperabbli lill-minuri, jew inkella jekk il-protezzjoni tal-minuri jew l-interessi tal-minuri jistgħu jkunu f'riskju[186]. Għalhekk, approċċ siewi għall-awtoritajiet jista' jkun li jikkunsidraw jekk huwiex probabbli li l-minuri jistax iġarrab dannu irrekuperabbli jew inkella jistgħux ikunu f'riskju l-protezzjoni jew l-interessi tiegħu jekk ma tittiħidx miżura għall-protezzjoni tal-minuri fil-perjodu li aktarx li jkun għadda qabel ma l-awtoritajiet b'ġurisdizzjoni ġenerali skont l-Artikoli 5 sa 10 ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri għall-protezzjoni neċessarji.

6.3 Jenħtieġ li jingħad li hi s-sitwazzjoni ta' "urġenza" li tiġġustifika d-deroga mir-regoli ġenerali tal-ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni (l-Artikoli 5 sa 10). Fid-dawl

---

[184] L-Art. 11 hu kważi riproduzzjoni eżatta tal-Art.9(1) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961 dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni.

[185] Lanqas il-kunċett ta' "urġenza" ma ġie ddefinit fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961 dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni.

[186] Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 68.

ta' dan, ġie ddikjarat li l-kunċett ta' "urġenza" għandu jiġi interpretat "b'mod kemxejn strett"[187].

6.4 Eżempji ta' każijiet li jinvolvu tali sitwazzjoni ta' "urġenza" jistgħu jinkludu: (1) il-minuri jinsab barra mill-Istat tar-residenza abitwali tiegħu u hu meħtieġ trattament mediku biex tissalva ħajjet il-minuri (jew għall-prevenzjoni milli ssir ħsara irrekuperabbli lill-minuri jew milli jinxteħtu f'riskju l-interessi tiegħu) u l-kunsens tal-ġenituri ma jistax jinkiseb għat-trattament; (2) il-minuri qed jeżerċita l-aċċess ma' ġenitur mhux residenti barra mill-Istat ta' residenza abitwali tiegħu u jagħmel allegazzjonijiet ta' abbuż fiżiku / sesswali kontra l-ġenitur b'tali mod li l-aċċess ikollu jiġi sospiż minnufih u / jew ikollu jinstab indokrar temporanju alternattiv għall-minuri; (3) hemm bżonn li jinbiegħu rapidament oġġetti li jmorru maż-żmien u li jappartjenu għall-minuri; jew (4) seħħet tneħħija jew żamma illegali ta' minuri[188] u, fil-kuntest tal-proċedimenti miftuħa skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri, jeħtieġ li jiġu implimentati urġentement miżuri biex jiġi żgurat ir-ritorn sikur tal-minuri[189] lill-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tiegħu[190].

6.5 Filwaqt li s'issa m'hemm ebda prattika stabbilita dwar x'jikkostitwixxi "każ ta' urġenza", f'dawn iċ-ċirkustanzi jidher ċar li hu f'idejn l-awtorità kompetenti li tisma' l-applikazzjoni għal ritorn li tiddetermina jekk, fuq il-bażi tal-fatti tal-każ partikolari quddiemha, il-każ hux wieħed ta' "urġenza" b'tali mod li jista' jitħaddem l-Artikolu 11 għat-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni għall-iżgurar tar-ritorn sikur tal-minuri. Din il-kwistjoni hi diskussa wkoll iktar 'il quddiem fil-**Kapitolu 13** fil-paragrafi **13.5** sa **13.12**.

### *(b) X'inhuma miżuri għall-protezzjoni "neċessarji"?*

6.6 Il-"miżuri għall-protezzjoni" li jistgħu jittieħdu skont l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni għandhom l-istess kamp ta' applikazzjoni materjali bħall-miżuri li jistgħu jittieħdu skont l-Artikoli 5 sa 10 tal-Konvenzjoni, jiġifieri huma miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri li lista mhux eżawrijenti tagħhom hi stabbilita fl-Artikolu 3, u lista eżawrijenti tal-kwistjonijiet esklużi hi stabbilita fl-Artikolu 4[191].

6.7 Madankollu, dawk li abbozzaw il-Konvenzjoni evitaw apposta milli jistabbilixxu miżuri għall-protezzjoni "neċessarji" partikolari li jistgħu jittieħdu fuq il-bażi tal-

---

187 *Ibid.*

188 Ara l-Art. 7(2).

189 B'rabta mal-eżempju (4), matul il-Kummissjoni Speċjali tal-2011 (Parti I) ġie ssuġġerit li filwaqt li l-miżuri li jiffaċilitaw ir-ritorn sikur ta' minuri fil-kuntest ta' applikazzjoni għal ritorn skont il-Konvenzjoni tal-1980 huma estremament siewja, mhux dejjem jistgħu jissuġġerixxu "każ ta' urġenza" (b'tali mod li jkun jista' jintuża l-Art. 11 bħala bażi għall-ġurisdizzjoni għat-teħid ta' dawn il-miżuri). Dan ikun partikolarment il-każ fid-dawl tal-interpretazzjoni stretta ta' "urġenza" mitluba fir-Rapport ta' Spjegazzjoni. Għall-kuntrarju, ġie indikat li l-użu tal-Art. 11 f'dawn iċ-ċirkustanzi kien żieda importanti mas-"sett ta' għodod" li l-awtoritajiet għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex jiżguraw ir-"ritorn sikur" ta' minuri wara tneħħija jew żamma illegali. Ġie ssuġġerit ukoll li każ li jinvolvi l-bżonn li jittieħdu miżuri għall-iżgurar tar-ritorn sikur tal-minuri fl-Istat tar-residenza abitwali tiegħu normalment ikun "każ ta' urġenza" li jippermetti li jitħaddem l-Art. 11.
Fil-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Speċjali tal-2011 (Parti I) (disponibbli fuq < www.hcch.net > (kif indikat iktar 'il fuq fin-nota 16)), ġie indikat dan li ġej (fil-para. 41): "Il-Konvenzjoni tal-1996 tipprovdi bażi ġuriżdizzjonali, f'każijiet ta' urġenza, għat-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni fir-rigward ta' minuri, anki fil-kuntest ta' proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-1980. Tali miżuri huma rikonoxxuti u jistgħu jiġu ddikjarati eżegwibbli jew irreġistrati għall-infurzar fl-Istat li fih jiġi rritornat il-minuri dment li ż-żewġ Stati kkonċernati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1996."

190 Ara iktar 'il quddiem l-**Eżempji** fi tmiem dan il-Kapitolu. B'rabta mal-punt (4), ara wkoll il-paragrafi **13.5-13.12** iktar' il quddiem.

191 Ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 3** rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

urġenza skont l-Artikolu 11. Ġie deċiż li jenħtieġ li l-urġenza tiddetta f'kull sitwazzjoni l-miżuri "neċessarji"[192]. Għaldaqstant, se jkun f'idejn l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi f'kull Stat Kontraenti li jiddeterminaw, fuq il-bażi tal-fatti ta' kull każ partikolari, x'miżuri (fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni) huma "neċessarji" biex jindirizzaw is-sitwazzjoni urġenti inkwistjoni.

### *(c) Kemm idumu l-miżuri għall-protezzjoni meħuda skont l-Artikolu 11?*

6.8 Il-ġurisdizzjoni ta' Stat Kontraenti bbażata fuq l-urġenza hi ġurisdizzjoni parallela, [193]jiġifieri parallela għall-Istat li jkollu ġurisdizzjoni **ġenerali** skont l-Artikoli 5 sa 10, iżda hi strettament subordinata għal din il-ġurisdizzjoni msemmija l-aħħar. L-Artikolu 11(2) u (3) jiżgura dan billi jipprovdi li l-miżuri għall-protezzjoni neċessarji meħuda skont l-Artikolu 11 huma limitati b'mod temporanju[194]. Jekk il-minuri hu resident abitwali fi Stat **Kontraenti**, il-miżuri neċessarji meħuda skont l-Artikolu 11 jiskadu ladarba l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li għandu ġurisdizzjoni ġenerali (normalment l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri) ikunu ħadu l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni[195]. Jekk il-minuri hu resident abitwali fi Stat **Mhux Kontraenti**, il-miżuri neċessarji meħuda skont l-Artikolu 11 jiskadu malli l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni u meħuda mill-awtoritajiet ta' Stat ieħor jiġu rikonoxxuti fl-Istat Kontraenti inkwistjoni[196].

6.9 Jenħtieġ li jingħad li jekk inbdew proċedimenti għal miżuri għall-protezzjoni f'każ ta' urġenza fi Stat Kontraenti minnhom (skont l-Art. 11), l-awtoritajiet kompetenti mitluba jieħdu deċiżjoni fi Stat Kontraenti ieħor fuq il-bażi tal-Artikoli 5 sa 10 **m'għandhomx** għalfejn jissospendu l-proċedimenti sakemm tittieħed miżura[197]. Barra minn hekk, peress li kwalunkwe miżura li tista' tittieħed mill-ewwel Stat Kontraenti fuq il-bażi tal-Artikolu 11 tiskadi malli l-awtoritajiet b'ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 ikunu ħadu deċiżjoni (Art. 11(2)), f'din is-sitwazzjoni jenħtieġ li l-Istati Kontraenti jiddiskutu flimkien (permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali jew inkella permezz ta' komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti) l-iktar mod effettiv kif jipproċedu biex jipproteġu l-aħjar lill-minuri[198].

### *(d) Ladarba Stat Kontraenti jkun ħa miżuri skont l-Artikolu 11, x'passi oħra jenħtieġ li jieħu biex jiżgura l-protezzjoni kontinwa tal-minuri?*

6.10 F'każijiet li fihom ikunu ttieħdu l-miżuri għall-protezzjoni neċessarji f'konformità mal-Artikolu 11, l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva li tkun ħadet dawn il-miżuri tista' tkun tixtieq tikkomunika u tikkoopera ma' kwalunkwe Stat ieħor li hi tqis neċessarju biex tiżgura l-protezzjoni kontinwa tal-minuri[199]. Komunikazzjoni u kooperazzjoni bħal dawn jistgħu jseħħu direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti[200] jew, meta dan ikun xieraq, bl-assistenza tal-Awtoritajiet Ċentrali

---

192 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 70.

193 L-Art. 13 (*lis pendens*) ma japplikax meta l-miżuri għall-protezzjoni neċessarji jittieħdu skont l-Art. 11 (ara t-test tal-Art. 13 stess li jirreferi għall-Istati Kontraenti b'ġurisdizzjoni "skont l-Artikoli 5 sa 10") – ara iktar 'il quddiem il-para. **4.34**. Fir-rigward tal-operat tal-Art. 13, ara wkoll iktar 'il quddiem il-paragrafi **4.29-4.35**.

194 Għal diskussjoni ġenerali rigward il-kontinwazzjoni tal-miżuri, ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 8**.

195 Art. 11(2).

196 Art. 11(3).

197 Dan għaliex ir-regoli dwar *lis pendens* stabbiliti fl-Art. 13 tal-Konvenzjoni ma japplikawx għal proċedimenti skont l-Art. 11. Ara iktar 'il fuq in-nota 193.

198 Ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

199 Din is-sentenza mhijiex ristretta għall-komunikazzjoni u għall-kooperazzjoni bejn l-Istati **Kontraenti** għall-Konvenzjoni tal-1996 li huma allinjati mal-filosofija li fuqha huma msejsa d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Ara iktar 'il quddiem fil-paragrafi **11.18** *et seq*.

200 Għall-awtoritajiet ġudizzjarji, dan jista' jinvolvi komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti, ara iktar 'il fuq in-nota 147.

rilevanti[201]. Pereżempju, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Kontraenti fejn ittieħdu l-miżuri skont l-Artikolu 11 jistgħu jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri (jew, fejn xieraq, lill-Awtorità Ċentrali ta' dak l-Istat) dwar is-sitwazzjoni tal-miżuri u dwar il-miżuri li ttieħdu[202]. Dan jippermetti lill-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri jiżgura li, meta jkun hemm bżonn, is-sitwazzjoni tal-minuri tiġi investigata bis-sħiħ u li tittieħed kwalunkwe miżura għall-protezzjoni meħtieġa għall-protezzjoni fit-tul tal-minuri.

6.11 Id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni jistgħu jkunu rilevanti wkoll f'dawn il-każijiet (*eż.*, l-Art. 36) u jenħtieġ li dawn dejjem jiġu kkunsidrati bir-reqqa.

## B. Miżuri għall-protezzjoni meħuda skont l-Artikolu 11 huma intitolati għal rikonoxximent u għal infurzar skont il-Konvenzjoni tal-1996?

6.12 Iva, il-miżuri għall-protezzjoni meħuda fil-każijiet ta' urġenza huma intitolati għal rikonoxximent u għal infurzar f'konformità mal-Kapitolu IV tal-Konvenzjoni[203]. Jenħtieġ li jiġi indikat li l-Artikolu 23(2) jillimita b'mod speċifiku l-bażijiet ta' nuqqas ta' rikonoxximent f'każijiet ta' urġenza (ara l-Art. 23(2) *b)* u *c)*)[204].

**Eżempju 6 (A)**

*Tifel, resident abitwali fl-Istat Mhux Kontraenti A, imur ħarġa ma' tal-iskopa fl-Istat Kontraenti B mingħajr il-ġenituri tiegħu. Jimrad u jeħtieġ intervent mediku urġenti, li normalment ikun jeħtieġ il-kunsens tal-ġenituri. Madankollu, il-ġenituri tiegħu ma jistgħux jiġu kkuntattjati. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B għandhom ġurisdizzjoni li jieħdu l-miżuri neċessarji li huma awtorizzati mil-liġi tagħhom stess biex jiżguraw li t-trattament mediku jista' jipproċedi mingħajr il-kunsens tal-ġenituri.*

**Eżempju 6 (B)**

*Tlett itfal huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A fejn jgħixu m'ommhom u missierhom għandu aċċess regolari għalihom. Fil-vaganzi tas-sajf, l-omm u t-tfal iżuru lin-nanniet materni fl-Istat Kontraenti B. Filwaqt li jkunu fl-Istat Kontraenti B, il-karozza li jkunu qed jivvjaġġaw biha taħbat u l-omm tispiċċa f'koma fil-kura intensiva. L-awtoritajiet fl-Istat B għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżura protettiva li tistipula li jenħtieġ li t-tfal jitqiegħdu b'mod temporanju taħt il-kustodja tan-nanniet materni*[205]*. Ġimgħa wara, l-omm tmut. Imbagħad, qorti fl-Istat Kontraenti A toħroġ ordni li tiddikjara li t-tfal għandhom jgħixu ma' missierhom*[206]*. Għalhekk, l-ordni mill-Istat Kontraenti B tiskadi (ma jibqax ikollha effett) peress li l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni issa ttieħdu mill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A*[207].

---

201 Ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

202 Fil-para. 72, ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jiddikjara li "t-test tal-Konvenzjoni ma jixtieqx jimponi fuq l-awtorità li tibbaża l-ġurisdizzjoni tagħha fuq l-urġenza l-obbligu li tinforma lill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri dwar il-miżuri meħuda, minħabba biża' ta' jinxteħet piż eċċessiv fuq l-operat tal-Konvenzjoni u li jingħata pretest għar-rifjut tar-rikonoxximent tat-tali miżura fl-Istati Kontraenti l-oħra, f'każ li fih din l-informazzjoni ma kinitx tingħata". Madankollu, minkejja n-nuqqas ta' obbligu espliċitu fit-test tal-Konvenzjoni f'dan ir-rigward, xorta waħda għadu kkunsidrat li normlament se tkun prattika tajba għall-Istati Kontraenti li jikkooperaw u jikkomunikaw b'dan il-mod biex jiżguraw il-protezzjoni kontinwa tal-minuri meta jkunu ttieħdu t-tali miżuri.

203 Artikoli 23 *et seq.*

204 Ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 10**.

205 Art. 11.

206 Bħala l-Istat Kontraenti fejn it-tfal huma residenti abitwali, f'konformità mal-Art. 5. Jenħtieġ li jingħad li għadd ta' dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-Konvenzjoni jistgħu jkunu rilevanti wkoll f'każ ta' din ix-xorta (*eż.*, l-Artikoli 32 u 34); ara wkoll iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

207 Art. 11(2), l-Istat Kontraenti A li hu l-Istat Kontraenti li għandu ġurisdizzjoni ġenerali fuq it-tfal

**Eżempju 6 (C)**

*Żewġt itfal, residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A, jivvjaġġaw legalment ma' missierhom fl-Istat Kontraenti B għal btala. Filwaqt li jkunu fl-Istat Kontraenti B, il-missier jiġi arrestat fuq suspett ta' traffikar ta' droga. Imbagħad jiġi mixli b'reat kriminali u jinżamm taħt arrest sa ma jintemm il-proċess. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri protettivi biex jipprovdu għall-indokrar tat-tfal*[208].

**Eżempju 6 (D)**

*Tifel hu resident abitwali fi Stat Mhux Kontraenti A u hu sid proprjetà li tinsab fl-Istat Kontraenti B. Din il-proprjetà tinsab fi stat abbandunat u, minħabba problemi strutturali serji, aktarx li tiġġarraf jekk ma tittiħidx azzjoni biex tissewwa. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jieħdu miżuri protettivi biex jawtorizzaw lil kumpanija twettaq it-tiswijiet neċessarji (stmati li jieħdu bejn 5 u 6 xhur). Xahar wara li jkunu ttieħdu dawn il-miżuri mill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B, l-awtoritajiet tal-Istat Mhux Kontraenti A jawtorizzaw lill-ġenituri tal-minuri jbigħu l-proprjetà fil-kundizzjoni attwali tagħha lil xerrej li diġà identifikaw. Il-ġenituri jfittxu rikonoxximent fl-Istat Kontraenti B tad-deċiżjoni tal-Istat Mhux Kontraenti A. Il-miżura tiġi rikonoxxuta fl-Istat Kontraenti B (skont ir-regoli tiegħu mhux tal-Konvenzjoni*[209]*). Għalhekk, il-miżura protettiva meħuda mill-Istat Kontraenti B tiskadi u l-proprjetà tista' tinbiegħ*[210].

**Eżempju 6 (E)**

*Tifla hi resident abitwali fl-Istat Kontraenti A, fejn tgħix mal-ġenituri tagħha. Il-ġenituri tagħha huma sidien ta' proprjetà fl-Istat Kontraenti B, li hi se tiret meta jmutu. Il-familja tivvjaġġa fl-Istat Kontraenti Ċ għal btala. Filwaqt li tkun fuq btala fl-Istat Kontraenti Ċ, il-familja tkun involuta f'aċċident serju fuq dgħajsa. Il-ġenituri jinqatlu u t-tifla tkorri serjament. It-tifla teħtieġ trattament mediku urġenti li jiswa ħafna flus u l-uniku sors ta' fondi disponibbli biex jiffinanzja trattament bħal dan hu l-proprjetà fl-Istat Kontraenti B. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti Ċ jikkuntattjaw lill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A u B biex jinformawhom bis-sitwazzjoni tat-tifla*[211]*. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B, wara li jikkunsidraw il-każ bħala wieħed urġenti, jieħdu miżuri għall-protezzjoni skont l-Artikolu 11; (1) biex jaħtru rappreżentant legali għat-tifla biex jieħdu ħsieb il-proprjetà fl-Istat Kontraenti B; u (2) biex ikunu jistgħu jinkisbu b'mod urġenti l-fondi mill-proprjetà (permezz ta' ipoteka ġdida) għall-iskop speċifiku ta' finanzjament tat-trattament mediku tat-tifla. Dawn il-miżuri huma rikonoxxuti bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti Ċ*[212]*. L-Istat Kontraenti Ċ, li jikkunsidra l-każ bħala wieħed urġenti, jieħu l-miżuri għall-protezzjoni neċessarji skont l-Artikolu 11 biex it-trattament mediku tat-tifla jkun jista' jipproċedi. L-Istati Kontraenti B u Ċ jikkomunikaw biex jinformaw lil xulxin, kif ukoll lill-Istat Kontraenti A, dwar il-miżuri meħuda fir-rigward tat-tifla.*

*L-Istat Kontraenti A jista' jaġixxi biex jieħu l-miżuri għall-protezzjoni fit-tul meħtieġa mis-sitwazzjoni, f'liema punt jiskadu l-miżuri meħuda skont l-Artikolu 11 fl-Istati Kontraenti B u Ċ*[213].

---

f'konformità mal-Art. 5.

208 Art. 11. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni jistgħu jintużaw f'din is-sitwazzjoni wkoll biex l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jiġu avżati minnufih dwar is-sitwazzjoni tat-tfal u biex dawn jiġu pprovduti bl-informazzjoni rilevanti kollha. Imbagħad, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A (l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tat-tfal) ikunu jistgħu jieħdu miżuri għall-protezzjoni għat-tfal (li, jekk it-tfal ikollhom omm b'kustodja fl-Istat Kontraenti A, jistgħu jinkludu r-ripatrijazzjoni tagħhom lejn l-Istat Kontraenti A taħt il-kustodja ta' ommhom).

209 Peress li hi d-deċiżjoni ta' Stat **Mhux Kontraenti**.

210 Art. 11(3).

211 Art. 30(1). Ara wkoll iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

212 Ara iktar 'il fuq il-para. **6.12**.

213 Madankollu, ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 72, rigward il-fatt li kwalunkwe azzjoni **mwettqa** skont miżura għall-protezzjoni meħuda skont l-Art. 11, ovvjament, tibqa' fis-seħħ. Kif jiddikjara l-para. 72, "hu ovvju […] li wieħed ma jistax jerġa' jibdielu dwar operazzjoni kirurġika jew bejgħ ta' proprjetà li diġà jkunu seħħew".

**<u>Eżempju 6 (F)</u>**

*Tifel hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti A fejn jgħix m'ommu u ma' missieru. Ir-relazzjoni bejn il-ġenituri titkisser u l-omm tneħħi b'mod illegali[214] lit-tifel mill-Istat Kontraenti A lejn l-Istat Kontraenti B. Il-missier jagħmel applikazzjoni immedjata għar-ritorn tat-tifel skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri (li ż-żewġ Stati huma Partijiet għaliha). L-omm mhi qed tippermetti ebda aċċess għat-tifel lill-missier u jidher li l-proċedimenti ta' ritorn fl-Istat Kontraenti B se jieħdu ftit xhur. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A mhumiex f'pożizzjoni li jieħdu miżuri rigward l-aċċess interim tal-missier f'dan il-perjodu ta' żmien.*

*Skont il-fatti partikolari tal-każ, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B jistgħu jikkunsidraw li n-nuqqas ta' kuntatt bejn il-missier u t-tifel se jikkawża ħsara irreparabbli lit-tifel jew inkella jixħet f'riskju l-protezzjoni jew l-interessi tat-tifel[215]. Għaldaqstant, l-awtoritajiet jistgħu jiddeterminaw li din hi sitwazzjoni ta' urġenza li teħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiżguraw xi forma ta' aċċess interim tal-missier għat-tifel sakemm jiġu konklużi l-proċedimenti ta' ritorn.*[216]

**<u>Eżempju 6 (G)</u>**[217]

*Tlett itfal huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A fejn jgħixu m'ommhom u ma' missierhom. Ir-relazzjoni titkisser u l-omm tneħħi b'mod illegali[218] lit-tfal biex teħodhom fl-Istat Kontraenti B. Il-missier jagħmel applikazzjoni għar-ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri (li ż-żewġ Stati huma Partijiet għaliha). Isiru allegazzjonijiet ta' abbuż sesswali kontra l-missier fil-proċedimenti ta' ritorn fl-Istat Kontraenti B u l-omm tibbaża fuq l-Artikolu 13(1)* b) *tal-Konvenzjoni tal-1980 bħala difiża għar-ritorn.*

---

214 F'konformità mat-tifisra ta' "tneħħija illegali" ("wrongful removal") stabbilita fl-Art. 7(2) tal-Konvenzjoni tal-1996.

215 Ara iktar 'il fuq il-para. **6.2**.

216 Ara wkoll *General Principles and Guide to Good Practice – Transfrontier Contact Concerning Children* (Jordan Publishing, 2008) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Il-Gwida għall-Prattika Tajba dwar l-Aċċess Transfruntiera"), b'mod partikolari fil-para. 5.1, rigward l-aċċess għal ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini fil-kuntest ta' tneħħija / żamma illegali. Din il-pubblikazzjoni hi disponibbli wkoll fis-sit web tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" u mbagħad "Guides to Good Practice".
Jekk nuqqas ta' aċċess tal-missier għat-tifel jistax jirriżulta fi ħsara irrekuperabbli għat-tifel jew jixħet f'riskju l-interessi tat-tifel u jekk, għalhekk, is-sitwazzjoni hix waħda ta' urġenza se jkunu determinazzjonijiet fattwali li trid tagħmel l-awtorità kompetenti fuq il-bażi tal-każ partikolari quddiemha. Din il-kwistjoni ġiet diskussa fil-Kummissjoni Speċjali tal-2011 (Parti I) fejn l-esperti ma qablux dwar jekk nuqqas ta' aċċess interim kienx jikkostitwixxi każ ta' urġenza. Ċerti esperti esprimew il-fehma li filwaqt li aċċess interim għall-minuri bil-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini f'tali ċirkustanzi hu importanti u jenħtieġ li jiġi ffaċilitat fejn possibbli, nuqqas ta' aċċess interim rari jikkostitwixxi "każ ta' urġenza" b'tali mod li l-Art. 11 ikun jista' jitħaddem bħala bażi biex jipprovdi ġurisdizzjoni għat-teħid tat-tali miżuri, b'mod partikolari fid-dawl tal-interpretazzjoni stretta li jeħtieġ l-Art. 11 (ara iktar 'il fuq il-para. **6.4**). Madankollu, esperti oħra ma qablux assolutament, u ddikjaraw li jekk il-kuntatt interim jirriżultax f'"każ ta' urġenza" jiddependi għalkollox mill-fatti tal-każ partikolari: *eż.*, jekk il-proċedimenti ta' ritorn jiġu ttardjati għal xi raġuni, jista' jkun li n-nuqqas ta' kuntatt mal-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini jirriskja li jagħmel ħsara irrekuperabbli lill-minuri. Jekk din hi s-sitwazzjoni, mela l-każ ikun wieħed ta' "urġenza" u jistgħu, u jenħtieġ li, jittieħdu l-miżuri skont l-Art. 11.
Jenħtieġ li jingħad li kwalunkwe determinazzjoni li tagħmel l-awtorità fl-Istat Kontraenti fejn huma pendenti l-proċedimenti ta' ritorn tkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni li jista' jieħu l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri, kif u meta jkun jista' jagħmel dan. Id-deċiżjoni tal-Istat Kontraenti B rigward l-aċċess mill-missier tiskadi malli l-Istat Kontraenti A jieħu deċiżjoni rigward il-kwistjoni (Art. 11(2)).

217 Ara iktar 'il fuq fil-para. **6.4** li jfakkar id-diskussjoni fil-Kummissjoni Speċjali tal-2011 (Parti I) rigward f'liema ċirkustanzi jistgħu jittieħdu miżuri skont l-Art. 11 tal-Konvenzjoni tal-1996 li jiffaċilitaw "ritorn sikur" fil-kuntest ta' proċedimenti ta' ritorn miftuħa skont il-Konvenzjoni tal-1980.

218 F'konformità mat-tifisra ta' "tneħħija illegali" ("wrongful removal") stabbilita fl-Art. 7(2) tal-Konvenzjoni tal-1996.

*L-imħallef fl-Istat Kontraenti B li jara l-applikazzjoni għar-ritorn iqis li, fuq il-bażi tal-fatti ta' dan il-każ, m'hemmx riskju gravi ta' ħsara lit-tfal jekk jiġu ritornati fl-Istat Kontraenti A, dment li t-tfal ma jitħallewx waħedhom mal-missier sakemm issir investigazzjoni dwar l-allegazzjonijiet ta' abbuż sesswali fl-Istat Kontraenti A. L-imħallef iqis li hemm bżonn li kwalunkwe aċċess għat-tfal mill-missier iseħħ f'ambjent issorveljat sakemm tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar il-merti tal-kwistjonijiet relatati mal-kustodja, inkluż l-aċċess, fl-Istat Kontraenti A*[219]*. Għaldaqstant, l-imħallef jordna r-ritorn tat-tfal iżda jieħu wkoll miżura protettiva biex jipproteġi lit-tfal billi jiddikjara li l-aċċess għat-tfal mill-missier irid ikun issorveljat sakemm tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar il-kwistjoni fl-Istat Kontraenti A.*[220]*. Din il-miżura protettiva tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti A u hi eżegwibbli skont il-Kapitolu IV tal-Konvenzjoni*[221]*. Hi tiskadi malli l-Istat Kontraenti A jieħu l-miżuri għall-protezzjoni neċessarji meħtieġa mis-sitwazzjoni*[222]*.*

---

[219] L-Istat Kontraenti A, bħala l-Istat Kontraenti fejn it-tfal kienu residenti abitwali eżatt qabel it-tneħħija / iż-żamma illegali tat-tfal, iżomm il-ġurisdizzjoni biex jieħu miżuri għall-protezzjoni fir-rigward tat-tfal sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Art. 7 (ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 4**, fil-paragrafi **4.20-4.25** rigward l-Art. 7 tal-Konvenzjoni u iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 13**, fil-paragrafi **13.1-13.14** dwar il-ħtif internazzjonali ta' minuri). Dan ifisser li hu l-Istat Kontraenti *A* li se jiddetermina l-merti ta' kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kustodja għat-tfal. F'dan ix-xenarju, l-Istat Kontraenti B ikun qed jieħu deċiżjoni interim f'sitwazzjoni urġenti sakemm l-Istat Kontraenti A jkun jista' jieħu deċiżjoni dwar il-kwistjoni.

[220] Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni pprovduti fil-Konvenzjoni jkunu ta' importanza kruċjali wkoll f'każ bħal dan (ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**). Pereżempju, jekk l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jixtiequ jieħdu deċiżjoni dwar il-kuntatt interim tal-missier, skont l-Art. 34 huma jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Kontraebti B jipprovdulhom l-informazzjoni kollha dwar l-allegazzjonijiet ta' abbuż sesswali u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti għall-kwistjoni tal-aċċess.

[221] Ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 10**.

[222] Art. 11(2).

# 7

# *MIŻURI PROVVIŻORJI*



## A. Meta jistgħu jittieħdu miżuri provviżorji?

**Artikolu 12**

7.1 Indipendentement mill-każijiet ta' urġenza, l-Artikolu 12 jipprovdi bażi speċifika tal-ġurisdizzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li fit-territorju tiegħu huma **preżenti** l-minuri jew beni li jappartjenu għall-minuri biex jieħdu miżuri ta' xorta provviżorja għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri. Jenħtieġ li qabel kollox jiġu osservati tliet punti rigward dawn il-"miżuri provviżorji":

- l-effett tal-miżuri provviżorji meħuda skont l-Artikolu 12 hu limitat għat-territorju tal-Istat Kontraenti li l-awtoritajiet tiegħu jieħdu dawn il-miżuri[223];
- l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti jistgħu jieħdu biss miżuri skont l-Artikolu 12 li mhumiex inkompatibbli mal-miżuri li diġà ttieħdu mill-awtoritajiet li għandhom ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10[224];
- f'każ li fih saret tneħħija jew żamma illegali[225] ta' minuri, miżura provviżorja ma tistax tittieħed mill-Istat Kontraenti li fih tneħħa b'mod illegali l-minuri, jew li fih il-minuri nżamm b'mod illegali, jekk l-Istat Kontraenti li minnu tneħħa jew li fih inżamm b'mod illegali il-minuri għad għandu ġurisdizzjoni[226]; dan hu eskluż b'mod espliċitu mit-termini tal-Artikolu 7(3).

---

223 Art. 12(1).

224 Art. 12(1). Għall-kuntrarju, skont l-Art. 11, is-sitwazzjoni ta' urġenza tippermetti lill-Istat Kontraenti li jeżerċita ġurisdizzjoni, fejn ikun hemm bżonn, iwarrab il-miżuri meħuda fl-imgħoddi mill-awtoritajiet li normalment ikollhom il-ġurisdizzjoni.

225 F'konformità mal-Art. 7(2) tal-Konvenzjoni.

226 Rigward jekk l-awtorità tal-Istat Kontraenti li minnu l-minuri tneħħa b'mod illegali (jew li barra minnu l-minuri nżamm b'mod illegali) għadx għandha ġurisdizzjoni, ara l-Art. 7(1) u iktar 'il quddiem il-paragrafi **4.20-4.25**.




### *(a) X'inhuma miżuri ta' "karattru provviżorju"?*

7.2 Il-Konvenzjoni ma tipprovdi ebda definizzjoni ta' x'jista' jikkostitwixxi miżuri ta' "karattru provviżorju". Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jiddikjara li l-Artikolu 12 kien ispirat mill-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' minuri preżenti fi Stat barrani minħabba soġġorn b'durata limitata (*eż.*, fuq btala, għal perjodi qosra ta' skola jew għal żmien il-ħsad, eċċ.)[227]. Dan jiddikjara li kien hemm tħassib fost xi Stati li fin-nuqqas ta' xi urġenza partikolari fit-tifsira stretta (b'tali mod li jkun applikabbli l-Art. 11), jista' jkun aħjar li l-Istat Kontraenti fejn kien preżenti l-minuri jkun jista' jieħu miżuri għall-protezzjoni jekk, pereżempju, il-familja li magħha kien qed joqgħod il-minuri jkollha piżijiet eċċessivi u l-minuri jkollu bżonn jitqiegħed f'sistema ta' indokrar alternattiv taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet lokali tal-Istat[228].

227 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 74.
228 *Ibid.*

### *(b) Kemm idumu l-miżuri provviżorji meħuda skont l-Artikolu 12?*

7.3 Bl-istess mod bħall-Artikolu 11, l-Artikolu 12 hu bażi parallela, iżda subordinata, tal-ġurisdizzjoni għall-bażijiet ġenerali tal-ġurisdizzjoni pprovduti mill-Artikoli 5 sa 10 tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant, l-Artikolu 12 għandu dispożizzjonijiet simili rigward l-iskadenza ta' kwalunkwe miżura provviżorja meħuda minn Stat Kontraenti. Jekk ir-residenza abitwali tal-minuri kkonċernat hi Stat **Kontraenti**, il-miżuri provviżorji jiskadu meta l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li għandu ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 jieħdu t-tali miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni[229]. Jekk ir-residenza abitwali tal-minuri tinsab fi Stat **Mhux Kontraenti**, il-miżuri provviżorji jiskadu biss meta l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni jittieħdu mill-awtoritajiet tal-Istat l-ieħor li għandu ġurisdizzjoni u dawn il-miżuri msemmija l-aħħar jiġu rikonoxxuti fl-Istat Kontraenti fejn ittieħdu l-miżuri provviżorji[230].

7.4 Jenħtieġ li jingħad li jekk inbdew proċedimenti għal miżuri provviżorji fi Stat Kontraenti minnhom, l-awtoritajiet kompetenti mitluba jieħdu deċiżjoni fi Stat Kontraenti ieħor fuq il-bażi tal-Artikoli 5 sa 10 **m'għandhomx** għalfejn jissospendu l-proċedimenti sakemm tittieħed miżura provviżorja[231]. Madankollu, f'din is-sitwazzjoni, peress li kwalunkwe miżura provviżorja li tista' tittieħed mill-ewwel Stat Kontraenti tiskadi malli l-awtoritajiet b'ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 ikunu ħadu deċiżjoni (Art. 12(2)), l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Stati Kontraenti, fejn xieraq, bl-assistenza tal-Awtoritajiet Ċentrali, jistgħu jkunu jixtiequ jikkomunikaw u jikkooperaw ma' xulxin bl-għan li jevitaw duplikazzjoni u jiddeterminaw l-aħjar triq 'il quddiem biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-minuri[232].

### *(c) Ladarba Stat Kontraenti jkun ħa miżuri provviżorji skont l-Artikolu 12, x'passi oħra jistgħu jittieħdu biex tiġi żgurata l-protezzjoni kontinwa tal-minuri?*

7.5 Meta jkunu ttieħdu miżuri provviżorji skont l-Artikolu 12 fi Stat Kontraenti, l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva li tkun ħadet dawn il-miżuri tista' tkun tixtieq tikkomunika u tikoopera mal-awtoritajiet kompetenti fi kwalunkwe Stat ieħor li tqis bħala neċessarji biex tiżgura l-protezzjoni kontinwa tal-minuri[233]. L-awtorità tista' tikkomunika, pereżempju, is-sitwazzjoni tal-minuri u / jew tal-beni li jappartjenu għall-minuri u l-miżuri provviżorji li ttieħdu. Komunikazzjoni u kooperazzjoni bħal dawn jistgħu jitwettqu direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti[234] jew, meta dan ikun xieraq, bl-assistenza tal-Awtoritajiet Ċentrali[235]. Il-komunikazzjoni tista', pereżempju, tinvolvi lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Kontraenti fejn ittieħdu l-miżuri skont l-Artikolu 12 li biha dawn jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri (jew lill-Awtorità Ċentrali ta' dak l-Istat) dwar is-sitwazzjoni tal-miżuri u dwar il-miżuri li ttieħdu. Dan jippermetti lill-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri jiżgura li, meta jkun hemm bżonn, is-sitwazzjoni tal-minuri tiġi investigata bis-sħiħ u li tittieħed kwalunkwe miżura għall-protezzjoni neċessarja għall-protezzjoni fit-tul tal-minuri.

---

229 Art. 12(2).
230 Art. 12(3).
231 Dan għaliex ir-regoli dwar *lis pendens* stabbiliti fl-Art. 13 tal-Konvenzjoni ma japplikawx għal miżuri provviżorji. Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **4.29-4.35** tal-**Kapitolu 4**.
232 Ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.
233 Din is-sentenza mhijiex ristretta għall-komunikazzjoni u għall-kooperazzjoni bejn l-Istati **Kontraenti** għall-Konvenzjoni tal-1996 li huma allinjati mal-filosofija li fuqha huma msejsa d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Ara iktar 'il quddiem fil-paragrafi **11.18** *et seq*.
234 Għall-awtoritajiet ġudizzjarji, dan jista' jinvolvi komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti, ara iktar 'il quddiem in-nota 147.
235 Ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

7.6 Id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni jistgħu jkunu rilevanti wkoll f'dawn il-każijiet u jenħtieġ li dawn dejjem jiġu kkunsidrati bir-reqqa[236].

## B. Miżuri provviżorji meħuda skont l-Artikolu 12 huma intitolati għal rikonoxximent u għal infurzar skont il-Konvenzjoni tal-1996?

7.7 Iva, il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni huma intitolati għal rikonoxximent u għal infurzar f'konformità mal-Kapitolu IV tal-Konvenzjoni[237].

**Eżempju 7 (A)**

*Tifel li jgħix mal-ġenituri tiegħu fl-Istat Kontraenti A jintbagħat xahrejn ski camp fl-Istat Kontraenti B. Malajr jidher li t-tifel ma jridx jieħu sehem f'xi attività li ssir f'dan il-camp. It-tifel jirrifjuta milli jiskijja għalkollox u m'hemmx biżżejjed membri tal-persunal fil-camp biex xi ħadd jibqa' fix-xale tal-iskijjar mat-tifel il-ħin kollu. B'xorti ħażina, il-ġenituri tat-tifel marru għal btala huma wkoll u ma jistgħux jivvjaġġaw biex jiġbru lit-tifel. M'għandhom ebda familja estiża li magħha jista' joqgħod it-tifel u jridu li t-tifel jibqa' l-camp. L-organizzazzjoni responsabbli għall-iski camp titlob li l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B jorganizzaw indokrar alternattiv għat-tifel. F'konformità mal-Artikolu 12, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jistgħu jieħdu miżuri provżorji biex jaraw li t-tifel jitqiegħed ma' familja tar-rispett jew taħt indokrar alternattiv sakemm il-ġenituri jkunu jistgħu jmorru fl-Istat Kontraenti B biex jiġbru lit-tifel.*

---

236 *Id.*

237 L-Artikoli 23 *et seq*. Ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 10**.

# 8

## *KONTINWAZZJONI TAL-MIŻURI MEĦUDA*



## A. Miżuri għall-protezzjoni jibqgħu fis-seħħ minkejja tibdil fiċ-ċirkustanzi li jelimina l-bażi li fuqha kienet imsejsa l-ġurisdizzjoni?

**Artikolu 14**

8.1 L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jiżgura li l-miżuri meħuda minn awtorità b'ġurisdizzjoni fuq il-bażi tal-Artikoli 5 sa 10 tal-Konvenzjoni jibqgħu fis-seħħ, anki meta l-bażi tal-ġurisdizzjoni li fuqha ttieħdu l-miżuri tkun sussegwentement spiċċat minħabba tibdil fiċ-ċirkustanzi. Il-miżuri meħuda mill-awtorità fuq il-bażi tal-Artikoli 5 sa 10 se jibqgħu fis-seħħ dment li ma jkunux ġew modifikati, sostitwiti jew terminati minn miżuri meħuda minn xi awtorità li għandha ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni minħabba ċ-ċirkustanzi l-ġodda.

8.2 L-Artikolu 14 hu mmirat biex jipprovdi grad ta' sigurtà u kontinwità għat-tfal u għall-familji tagħhom. Il-familji m'għandhomx għalfejn jibżgħu li jekk imorru f'ġurisdizzjoni oħra, minnu nnifsu, dan se jbiddel l-arranġamenti li saru rigward l-indokrar tal-minuri.[238] L-Artikolu 14 jipproteġi wkoll kontra "diskrepanzi" fil-protezzjoni ta' minuri li jirriżultaw minn tibdiliet fattwali fiċ-ċirkustanzi tagħhom.

## B. X'jikkostitwixxi "tibdil fiċ-ċirkustanzi" msemmi fl-Artikolu 14?

8.3 It-"tibdil fiċ-ċirkustanzi" eżatt imsemmi fl-Artikolu 14 jiddependi mill-Artikolu tal-Konvenzjoni li fuqu kienet ibbażata l-ġurisdizzjoni meta ttieħdu l-miżuri għall-protezzjoni. Għalhekk:

- jekk il-ġurisdizzjoni għat-teħid ta' miżura partikolari kienet ibbażata fuq l-Artikolu 5, "tibdil fiċ-ċirkustanzi" se jkun tibdil fl-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri;
- jekk il-ġurisdizzjoni għat-teħid ta' miżura partikolari kienet ibbażata fuq l-Artikolu 6, dan se jkun tibdil fl-Istat li fih hu preżenti l-minuri;
- skont l-Artikolu 10, it-tibdil jista' jkun il-konklużjoni tal-proċedimenti ta' divorzju;
- skont l-Artikoli 8 u 9, it-tibdil se jkun kwalunkwe konnessjoni mal-minuri li l-Istat Kontraenti li lilu ġiet ittrasferita l-ġurisdizzjoni bbaża fuqha għal dak it-trasferiment, jew il-konklużjoni tal-proċedimenti li ġew ittrasferiti[239];
- finalment, it-termini tal-Artikolu 7 innifsu jistabbilixxu x'tibdiliet iridu jseħħu qabel ma l-ġurisdizzjoni tkun tista' titmexxa mill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li minnu tneħħa b'mod illegali minuri jew inkella li barra minnu nżamm b'mod illegali minuri.

F'kull każ, il-miżuri għall-protezzjoni meħuda preċedentement jibqgħu fis-seħħ minkejja dan it-"tibdil fiċ-ċirkustanzi".

8.4 Iż-żamma fis-seħħ tal-miżuri għall-protezzjoni preċedenti meħuda hi żgurata biss "skont it-termini tagħhom" (Art. 14). Dan iqis il-fatt li, f'ċerti każijiet, id-durata tal-miżuri għall-protezzjoni tista' tkun limitata mit-termini tal-miżuri nfushom.

---

[238] Fil-każijiet ta' rilokazzjoni internazzjonali, jenħtieġ li Stat Kontraenti li fih seħħet ir-rilokazzjoni ma jippermettix li jsiru rieżami jew varjazzjoni tal-ordni ta' aċċess għat-tfal sakemm, fiċ-ċirkustanzi, ma jkunx jippermetti rieżami jew varjazzjoni ta' ordni domestiku ta' aċċess għat-tfal. Għal diskussjoni ulterjuri tar-rilokazzjoni u tal-aċċess internazzjonali skont il-Konvenzjoni, ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.23-13.27**. Barra minn hekk, ara wkoll il-Gwida għall-Prattika Tajba dwar l-Aċċess Transfruntiera (*op. cit.* nota 216), b'mod partikolari l-Kapitolu 8.

[239] Skont it-termini tat-trasferiment – ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 5** rigward il-ħtieġa ta' kooperazzjoni msaħħa u ta' komunikazzjoni ċara bejn l-Istati Kontraenti fuq din il-kwistjoni.

Pereżempju, miżuri preventivi mfassla biex jiżguraw li minuri jiġi ritornat wara vjaġġ partikolari barra l-pajjiż ma' ġenitur minnhom tista' tispeċifika li l-miżura ma tibqax fis-seħħ ladarba l-minuri jiġi ritornat; b'mod simili, miżuri mfassla biex jipprovdu għall-indokrar ta' minuri meta ġenitur ikun marid jew l-isptar jistgħu jiddikjaraw li huma ma jibqgħux fis-seħħ meta l-ġenitur jikseb saħħtu lura. Għalhekk, dawn il-miżuri jiskadu skont it-termini tagħhom stess[240].

8.5 B'rabta mal-Artikoli 11 u 12 li jindirizzaw il-każijiet ta' urġenza u l-miżuri provviżorji, kif ġie diskuss fil-Kapitoli **6** u **7** iktar 'il fuq, it-termini ta' dawn l-Artikoli nfushom jindikaw il-kamp ta' applikazzjoni temporali tal-miżuri[241] u, għalhekk, l-Artikolu 14 ma japplikax għal miżuri meħuda fuq dawn il-bażijiet tal-ġurisdizzjoni[242].

**Eżempju 8 (A)** *Tifel hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti A. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jordnaw li jenħtieġ li t-tifel ikollu kuntatt regolari man-nanniet materni tiegħu, li jirresjedu hemm ukoll[243]. It-tifel u l-ġenituri jmorru jgħixu fl-Istat Kontraenti B u t-tifel isir resident abitwali hemm. Minkejja l-fatt li t-tifel m'għadux resident abitwali fl-Istat Kontraenti A u li m'hemm ebda raġuni oħra li fuqha l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A setgħu jibbażaw il-ġurisdizzjoni, il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jibqgħu fis-seħħ sakemm jasal iż-żmien li fih l-awtoritajiet b'ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni (eż., l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B) jimmodifikaw, jissostitwixxu jew itemmu dawn l-ordnijiet.[244] Għaldaqstant, f'dan il-każ, wara t-teħid tal-minuri fl-Istat Kontraenti B, jekk l-ordni tal-Istat Kontraenti A ma tiġix irrispettata, in-nanniet materni jistgħu jfittxu l-infurzar tal-ordni ta' aċċess għat-tfal fl-Istat Kontraenti B[245].*

**Eżempju 8 (B)** *Tifla hi resident abitwali fl-Istat Kontraenti A iżda l-proċedimenti ta' divorzju tal-ġenituri tagħha qed isiru quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B. Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 10 huma ssodisfati[246] u l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jagħmlu ordni ta' kustodja. Wara li jiġu konklużi l-proċedimenti ta' divorzju, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B ma jibqax ikollhom il-ġurisdizzjoni li jieħdu kwalunkwe miżura għall-protezzjoni fir-rigward tal-minuri. Madankollu, l-ordni ta' kustodja li jkunu diġà għamlu tibqa' fis-seħħ, u tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt u infurzata fl-Istati Kontraenti l-oħra f'konformità mal-Kapitolu IV tal-Konvenzjoni[247]. L-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm l-awtoritajiet b'ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni (eż., l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A bħala l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri) jimmodifikaw, jissostitwixxu jew jitterminaw l-ordni.*

---

240 Ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 83.

241 Art. 11(2) u (3) u Art. 12(2) u (3). Ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 6** rigward it-teħdi tal-miżuri neċessarji fil-każijiet ta' urġenza u l-**Kapitolu 7** rigward miżuri provviżorji.

242 Kif jidher ċar mit-test tal-Art. 14 innifsu li jirreferi għal miżuri meħuda "**b'applikazzjoni tal-Artikoli 5 sa 10**" (enfasi miżjuda) tal-Konvenzjoni.

243 Peress li t-tifel hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti A, il-ġurisdizzjoni għat-teħid tal-miżuri għall-protezzjoni se tkun ibbażata fuq l-Art. 5 tal-Konvenzjoni.

244 Art. 14. Madankollu, il-liġi tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri (f'dan il-każ, il-liġi tal-Istat Kontraenti B) se tirregola, minn meta jseħħ it-tibdil fir-residenza abitwali, il-"kundizzjonijiet tal-applikazzjoni" tal-miżuri meħuda fl-Istat Kontraenti A (Art. 15(3)) – ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 9**, paragrafi **9.3-9.8**.

245 L-ordni tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti B( (l-Art. 23 stabbilixxa li ma hi stabbilita ebda raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent). Jekk l-ordni mhix irrispettata, in-nanniet materni jistgħu jfittxu l-infurzar tal-ordni skont l-Artikoli 26 *et seq*. Ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 10**.

246 Għal dawn ir-rekwiżiti, ara iktar 'il fuq il-paragrafi **4.26-4.28**.

247 L-Art. 14 u l-Kapitolu IV tal-Konvenzjoni (diskussi iktar 'il fuq fil-**Kapitolu 10**).

**Eżempju 8 (C)**

*L-omm tixtieq tirriloka mill-Istat Kontraenti A għall-Istat Kontraenti B bit-tfal. Il-missier joġġezzjona, iżda l-omm tirċievi permess biex tirriloka mill-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti A*[248]*. Bħala kundizzjoni tar-rilokazzjoni, l-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti A tagħmel ordni li tistabbilixxi l-arranġamenti ta' aċċess għat-tfal għall-missier. Din l-ordni tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti B*[249] *u dawn l-arranġamenti ta' aċċess għat-tfal jibqgħu fis-seħħ wara r-rilokazzjoni fl-Istat Kontraenti B u wara li t-tfal isiru residenti abitwali hemm, sakemm jasal iż-żmien li fih l-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti B timmodifika l-arranġament*[250].

248 Ġurisdizzjoni bbażata fuq l-Art. 5.

249 Art. 23.

250 Ara iktar 'il fuq in-nota 238 rigward ir-rilokazzjoni internazzjonali. Ara wkoll iktar 'il fuq in-nota 244 rigward l-Art. 15(3) u iktar 'il quddiem il-paragrafi **9.3-9.8** tal-Kapitolu 9.

# 9

# *LIĠI APPLIKABBLI GĦALL-MIŻURI GĦALL-PROTEZZJONI*



## A. Liġi applikabbli għall-miżuri għall-protezzjoni meħuda minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva

### *(a) Liema liġi se tiġi applikata mill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li jieħu miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni ta' minuri?*

**Artikolu 15(1), 15(2)**

9.1 Meta jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom[251] li jieħdu miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri, l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti se japplikaw il-"liġi tagħhom stess" (Art. 15(1)), jiġifieri l-liġi domestika, interna tagħhom[252]. Din ir-regola tapplika indipendentement mill-bażi fil-Konvenzjoni li fuqha hi msejsa l-ġurisdizzjoni. Ir-regola għandha l-vantaġġ li l-awtoriajiet tal-Istati Kontraenti qed japplikaw il-liġi li jafu l-aħjar[253].

9.2 Madankollu, l-Artikolu 15(2) jipprovdi eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali. L-Artikolu 15(2) jiddikjara li, safejn il-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri teħtieġ hekk, l-awtoritajiet jistgħu, b'mod eċċezzjonali, (1) japplikaw, jew (2) jieħdu f'kunsiderazzjoni l-liġi ta' Stat ieħor li miegħu s-sitwazzjoni jkollha konnessjoni sostanzjali. Bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali, jenħtieġ li din id-dispożizzjoni "ma tintużax wisq malajr"[254]. Jenħtieġ li l-awtoritajiet ikunu ċerti li hu fl-aħjar interessi tal-minuri li japplikaw jew jieħdu f'kunsiderazzjoni l-liġi barranija[255].

**Eżempju 9 (A)**

*It-tifla tgħix m'ommha fl-Istat Kontraenti A u l-missier għandu aċċess regolari għaliha. L-omm tixtieq tirriloka bit-tifla fl-Istat Kontraenti B u l-missier joġġezzjona. L-omm titlob permess biex tirriloka. L-awtorità li tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni tagħti permess ta' rilokazzjoni u tixtieq tagħmel ordni li tirregola l-kustodja u l-aċċess / il-kuntatt wara r-rilokazzjoni. Għad li l-liġi applikabbli f'dan il-każ se tkun il-liġi tal-Istat Kontraenti A,*[256] *l-awtorità tosserva li t-terminoloġija użata għall-kustodja u għall-aċċess / għall-kuntatt fl-Istat Kontraenti B tvarja minn dik fl-Istat Kontraenti A. Skont l-Artikolu 15(2), l-awtorità fl-Istat Kontraenti A hi intitolata tieħu f'kunsiderazzjoni l-liġi tal-Istat Kontraenti B u tista' tikkunsidra li tistabbilixxi l-ordni bit-terminoloġija tal-Istat Kontraenti B*[257].

---

[251] Jenħtieġ li jingħad li l-Art. 15(1) jirreferi għall-awtoritajiet li jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom "skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II" tal-Konvenzjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-Art. 15 ma jiġi interpretat b'mod restrittiv. Meta, pereżempju, ikun japplika l-Art. 52(2) u l-Istati Kontraenti jkunu daħlu fi ftehim li fihom regoli dwar il-ġurisdizzjoni fir-rigward ta' minuri residenti abitwali fl-Istati Kontraenti tagħhom (*eż.*, għall-Istati Membri tal-UE, eskluża d-Danimarka, ir-Regolament Brussell II a), jekk il-ġurisdizzjoni tiġi eżerċitata fuq il-bażi tal-ftehim iżda l-bażi tal-ġurisdizzjoni mħaddma teżisti fil-Kapitolu II tal-Konvenzjoni, jenħtieġ li l-Art. 15 tal-Konvenzjoni jitqies li japplika. L-evitar ta' interpretazzjoni litterali u ristretta wisq tal-Konvenzjoni f'dan ir-rigward jippromwovi wieħed mill-iskopijiet prevalenti tal-Konvenzjoni, kif rifless fit-tielet paragrafu tal-Preambolu, jiġifieri: "li jiġu evitati kunflitti bejn ordinamenti ġuridiċi fir-rigward tal-liġi applikabbli".

[252] L-Art. 21 jagħmilha ċara li din il-liġi interna hi l-liġi fis-seħħ fi Stat li mhijiex ir-regoli tiegħu tad-dritt internazzjonali privat (jiġifieri, ir-*renvoi* mhuwiex applikabbli). Ara wkoll iktar 'il quddiem il-paragrafi **9.23-9.24**.

[253] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 86.

[254] *Ibid.*, fil-para. 89.

[255] *Ibid.*: "dan il-paragrafu jikkostitwixxi klawżola li tagħmel eċċezzjoni li mhix ibbażata fuq il-prinċipju ta' qrubija (l-eqreb konnessjoni), iżda fuq il-bażi tal-aħjar interessi tal-minuri".

[256] Art. 15(1).

[257] Għal diskussjoni ulterjuri tar-rilokazzjoni internazzjonali, ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.23-13.27**.

### (b) *Meta r-residenza abitwali ta' minuri tinbidel minn Stat Kontraenti għal ieħor, liema liġi tirregola l-"kundizzjonijiet tal-applikazzjoni" ta' miżura għall-protezzjoni fir-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri, meta l-miżura tkun ittieħdet fl-eks residenza abitwali tal-minuri[258]?* Artikolu 15(3)

9.3 Diġà rajna qabel f'dan il-Manwal li tibdil fir-residenza abitwali ta' minuri tirriżulta f'tibdil fl-awtoritajiet li għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni fir-rigward tal-minuri,[259] iżda dak it-tibdil tar-residenza abitwali se jħalli fis-seħħ il-miżuri għall-protezzjoni diġà meħuda fir-rigward tal-minuri[260]. Madankollu, mistoqsija li baqgħet ma tweġbitx mid-dispożizzjonijiet preċedenti hi dwar liema liġi se tirregola l-"kundizzjonijiet tal-applikazzjoni" tal-miżura għall-protezzjoni li tibqa' fis-seħħ fl-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri.

9.4 L-Artikolu 15(3) iwieġeb din il-mistoqsija billi jipprovdi li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-"kundizzjonijiet tal-applikazzjoni" tal-miżura għall-protezzjoni jiġu ddeterminati mil-liġi tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali l-**ġdida** tal-minuri.

9.5 Il-Konvenzjoni ma tiddefinixxix il-"kundizzjonijiet tal-applikazzjoni" tal-miżuri għall-protezzjoni. Madankollu, ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jagħmilha ċara[261] li l-"kundizzjonijiet tal-applikazzjoni" jirreferi għall-mod li bih għandha tiġi **eżerċitata** l-miżura għall-protezzjoni fl-Istat Kontraenti fejn jittieħed il-minuri.

9.6 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jirreferi għad-diffikultà fil-qtugħ ta' linja bejn l-eżistenza tal-miżura għall-protezzjoni (li se tibqa' fis-seħħ: Art. 14) u l-"kundizzjonijiet tal-applikazzjoni" tal-miżura (li se jiġu rregolati mill-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali l-ġdida u li, għalhekk, jistgħu jinbidlu: Art. 15(3))[262]. Pereżempju, jekk il-miżura għall-protezzjoni hi d-deżinjazzjoni ta' tuturi għal minuri iżda t-tutur ikollu obbligu li jitlob awtorizzazzjoni tal-qorti rigward ċerti atti skont il-miżura għall-protezzjoni oriġinali, ir-rekwiżit għal awtorizzazzjoni għall-aġir hu parti mill-miżura stess jew "kundizzjoni tal-applikazzjoni" tal-miżura tali li tista' tinbidel meta l-minuri jibda jgħix f'pajjiż ieħor? Barra minn hekk, jekk miżura għall-protezzjoni tiġi ddikjarata li teżisti sakemm il-minuri jagħlaq it-18-il sena, iżda, fir-residenza abitwali l-ġdida l-miżura tintemm mas-16-il sena, id-durata tal-miżura hi parti mill-eżistenza tal-miżura jew "kundizzjoni tal-applikazzjoni" tal-miżura[263]?

9.7 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jiddikjara li mistoqsijiet bħal dawn jistgħu jitwieġbu biss fuq bażi ta' każ b'każ[264]. Finalment, jekk jidher li jkun imprattikabbli li tiġi eżerċitata l-miżura fl-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali l-**ġdida** tal-minuri, jew li din hi mxekkla mill-"kundizzjonijiet tal-applikazzjoni" hemmhekk, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Kontraenti jistgħu jikkunsidraw li l-miżuri għandhom bżonn jiġu adattati jew inkella li jeħtieġ li tittieħed miżura ġdida (u se jkollhom ġurisdizzjoni li jagħmlu dan bħala l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri – Art. 5). F'ċirkustanzi bħal dawn, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni jistgħu jkunu essenzjali biex jiġi żgurat li ma tintilifx is-sustanza tal-protezzjoni għall-minuri li kienet l-għan tal-miżura għall-protezzjoni

---

258 Peress li l-miżura għall-protezzjoni se tibqa' fis-seħħ (f'konformità mal-Art. 14) fl-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali **l-ġdida** tal-minuri – ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 8**.

259 Art. 5(2) – ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 4**, fil-paragrafi **4.8-4.11**.

260 Art. 14 – ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 8**.

261 *Op. cit.* nota 19, fil-para. 90, bit-tqabbil tal-Art. 15(3) mal-Art. 17 fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri (ara iktar 'il quddiem il-para. **9.16**) u billi jiġi ddikjarat li "l-miżura meħuda qabel it-tibdil tibqa' fis-seħħ wara t-tibdil iżda l-mod li bih hi "eżerċitata" hu rregolat minn meta jseħħ it-tibdil mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida".

262 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 91.

263 *Ibid.*

264 *Ibid.*

oriġinali.[265]

9.8 Jenħtieġ li jiġi osservat li l-Artikolu 15(3) ma japplikax jekk il-minuri jikseb residenza abitwali ġdida fi Stat **Mhux Kontraenti**. F'din is-sitwazzjoni, ikunu japplikaw ir-regoli tad-dritt internazzjonali privat intern tal-Istat Mhux Kontraenti biex jiġi ddeterminat jekk il-miżura għall-protezzjoni tistax tiġi rikonoxxuta f'dak l-Istat u jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom tista' tiġi applikata.[266]

**Eżempju 9 (B)**

*Żewġt itfal jittieħdu taħt l-indokrar ta' awtorità pubblika fl-Istat Kontraenti A minħabba l-priġunerija ta' missierhom u l-abbuż tad-droga ta' ommhom. Iż-żewġ ġenituri jżommu kuntatt qawwi mat-tfal u l-omm jirnexxilha tlesti programm ta' trattament għad-dipendenza fuq id-droga. L-awtorità pubblika taħdem mal-omm biex tirritornalha t-tfal biex tindokrahom. Wara l-ħelsien tal-missier, il-familja tixtieq tmur tgħix fl-Istat Kontraenti B biex tibda ħajja ġdida. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A lesti li jawtorizzaw ir-rilokazzjoni iżda biss jekk it-tfal jibqgħu taħt superviżjoni ta' awtorità pubblika fil-pajjiż il-ġdid. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Kontraenti A, permezz tal-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A, jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Kontraenti B (Art. 30). Jiżguraw li hi disponibbli s-superviżjoni tal-minuri mill-awtoritajiet pubbliċi fl-Istat Kontraenti B. Għaldaqstant, l-Istat Kontraenti A jordna li l-minuri jistgħu jibqgħu taħt l-indokrar tal-ġenituri tagħhom dment li dan l-indokrar ikun taħt is-superviżjoni ta' awtorità pubblika. L-ordni għas-superviżjoni, magħmula skont il-liġi tal-Istat Kontraenti A, tibqa' fis-seħħ wara r-rilokazzjoni tal-familja[267]. Madankollu, il-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-miżura se jiġu rregolati mil-liġi domestika tal-Istat Kontraenti B[268].*

*Eżempju tad-differenzi possibbli fil-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni bejn iż-żewġ Stati jista' jkun li l-awtorità pubblika fl-Istat Kontraenti A jkollha s-setgħa li tidħol fid-dar tal-familja mingħajr avviż fi kwalunkwe ħin, filwaqt li l-awtorità pubblika fl-Istat Kontraenti B tista' titlob biss li l-ġenituri jaqblu li jiltaqgħu mal-uffiċjali tagħha fuq bażi regolari[269]. Jekk il-miżura meħuda mill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A tidher li tkun imprattikabbli jew imxekkla fl-applikazzjoni tagħha fl-Istat Kontraenti B, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jistgħu jieħdu miżura ġdida[270].*

---

265 Pereżempju, jekk l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri jintalab jieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-adattament ta' miżura għall-protezzjoni meħuda fl-imgħoddi, dan jista' jitlob informazzjoni mingħand l-Istat Kontraenti tal-eks residenza abitwali tal-minuri rigward is-sitwazzjoni tal-minuri li wasslet għat-teħid tal-miżura u dwar l-iskop speċifiku li l-miżura kellha l-għan li tilħaq (*eż.*, bl-użu tal-Art. 34; ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 10** għal diskussjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni). Dan jista' jgħin lill-Istat Kontraenti mitlub jieħu deċiżjoni biex jasal għal eżitu li jibqa' konformi mal-iskop tal-miżura għall-protezzjoni oriġinali.

266 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 92.

267 Art. 14 – ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 8**. Madankollu, jenħtieġ li jingħad li r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 83, ma kkunsidrax li miżura ta' din ix-xorta tibqa' teżisti skont l-Art. 14. Dan għaliex il-korp protettiv nazzjonali jista' jeżerċita s-setgħat tiegħu biss fit-territorju tal-Istat li jappartjeni għalih u l-Art. 14 jiddikjara b'mod speċifiku li l-miżuri jibqgħu fis-seħħ "skont it-termini tagħhom". Jidher li din hi interpretazzjoni restrittiva ħafna tal-Art. 14 u "skont it-termini tagħha" tista' tiġi interpretata apposta f'dan il-kuntest li tfisser li l-miżura tibqa' fis-seħħ skont it-termini tagħha jekk is-superviżjoni tal-familja / tal-minuri minn awtorità pubblika (tal-Istat) tista' tkompli fl-Istat Kontraenti fejn imorru jgħixu.

268 Art. 15(3) – ara iktar 'il fuq il-paragrafi **9.3**-**9.8**.

269 F'din is-sitwazzjoni jenħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni u komunikazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet fiż-żewġ Stati Kontraenti **qabel ma** l-Istat Kontraenti A jagħti permess għar-rilokazzjoni biex jiġi żgurat li tiġi skambjata l-informazzjoni neċessarja kollha dwar il-familja u biex jiġi żgurat li s-superviżjoni adegwata tal-familja se tkompli fl-Istat Kontraenti B.

270 Bħala l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri – Art. 5. Rigward l-użu tal-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni tal-Konvenzjoni li jistgħu jintużaw f'din is-sitwazzjoni, ara iktar 'il fuq in-nota 265.

## B. Liġi applikabbli għar-responsabbiltà tal-ġenituri meta ma jkun hemm ebda intervent minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva

### *(a) Liema liġi tapplika għall-attribuzzjoni jew għat-tneħħija tar-responsabbiltà tal-ġenituri li sseħħ mingħajr ebda intervent minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva?*

**Artikolu 16(1), 16(2)**

9.9 L-attribuzzjoni jew it-tneħħija tar-responsabbiltà tal-ġenituri bl-operat tad-dritt, mingħajr l-intervent ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, hi rregolata mil-liġi tal-Istat[271] tar-residenza abitwali tal-minuri.[272]

9.10 F'ċerti każijiet, l-attribuzzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri tista' sseħħ bħala riżultat ta' qbil jew ta' att unilaterali li, mill-ġdid, ma jeħtieġx l-intervent tal-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi. Il-liġi applikabbli għal din l-attribuzzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri hi l-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri **fiż-żmien li fih il-ftehim jew l-att uniaterali jidħol fis-seħħ**[273]. Eżempju ta' att unilaterali li jattribwixxi responsabbiltà tal-ġenituri jistgħu jkunu testment jew espressjoni tal-aħħar xewqat tal-aħħar ġenitur tal-minuri li jagħżel tutur għall-minuri[274].

9.11 Jenħtieġ li jingħad li jekk l-attribuzzjoni jew it-terminazzjoni ta' responsabbiltà tal-ġenituri bi ftehim jew b'att unilaterali trid tiġi rieżaminata jew approvata minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, dan ir-rieżami jew din l-approvazzjoni se jkunu kkaratterizzati bħala "miżura għall-protezzjoni" li trid tittieħed mill-awtoritajiet b'ġurisdizzjoni skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni, li japplikaw il-liġi stipulata mill-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni[275]. Madankollu, jekk l-intervent tal-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva jkun intervent purament passiv, *eż.*, limitat għar-reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni, ta' ftehim jew ta' att unilaterali mingħajr eżerċitar ta' xi kontroll fuq is-sustanza tal-kwistjoni, jenħtieġ li dan ma jitqiesx bħala intervent li jwassal għal "miżura għall-protezzjoni" u l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri se tibqa' taqa' taħt l-Artikolu 16 bħala waħda li tirriżulta "mingħajr l-intervent ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva".[276]

**Eżempju 9 (C)** *Koppja li mhix miżżewġa u li tgħix fl-Istat Kontraenti A tissepara qabel ma jitwieled it-tifel tagħha. Il-missier imur jgħix fl-Istat Kontraenti B biex jaħdem. Skont il-liġi tal-Istat Kontraenti B, missier mhux miżżewweġ ma jiksibx b'mod awtomatiku r-responsabbiltà tal-ġenituri għal minuri malli jitwieled it-tifel. Għall-kuntrarju, skont il-liġi tal-Istat Kontraenti A, missier mhux miżżewweġ jikseb responsabbiltà tal-ġenituri b'mod awtomatiku mat-twelid tat-tifel.*

---

[271] Dan mhux bilfors irid ikun Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1996 peress li l-Art. 20 jiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III dwar il-liġi applikabbli japplikaw anki meta l-liġi magħżula minnhom tkun il-liġi ta' Stat Mhux Kontraenti (jiġifieri jkunu universali). Ara iktar 'il quddiem il-para. **9.22**.

[272] Art. 16(1).

[273] Art. 16(2).

[274] Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 103.

[275] *Ibid.*

[276] *Ibid.*, fil-para. 98.

*Meta jitwieled it-tifel, il-kwistjoni ta' jekk il-missier għandux responsabbiltà tal-ġenituri għat-tifel hi rregolata mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tat-tifel,[277] f'dan il-każ il-liġi tal-Istat Kontraenti A. Għaldaqstant, il-missier awtomatikament jikseb ir-responsabbiltà tal-ġenituri għat-tifel f'konformità ma' din il-liġi[278].*

**Eżempju 9 (D)**

*Adolexxenti jgħix fl-Istat Kontraenti A ma' missieru u ma' mart missieru. Il-liġi ta' dan l-Istat Mhux Kontraenti talloka r-responsabbiltà tal-ġenituri bl-operat tad-dritt lill-missier iżda mhux lil mart missieru. Madankollu, il-liġi tal-Istat Mhux Kontraenti A tippermetti lill-ġenituri b'responsabbiltà tal-ġenituri jidħlu fi ftehim formali biex jaqsmu r-responsabbiltà tal-ġenituri ma' wħud mingħajr il-bżonn li jfittxu l-approvazzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat. Il-missier u martu jidħlu fi ftehim formali bħal dan f'konformità mal-liġi tal-Istat Mhux Kontraenti A.*

*Meta jivvjaġġa barra mill-pajjiż għal "summer camp" fl-Istat Kontraenti B, l-adoloxxenti jiġi arrestat mill-pulizija għall-graffiti u talli kkawża ħsara f'ferrovija. Il-ġenituri tiegħu jintalbu jidhru quddiem il-Qorti taż-Żgħażagħ ta' dan l-Istat. Il-liġi tal-Istat Kontraenti B tiddikjara li persuni b'responsabbiltà tal-ġenituri għat-tfal se jinżammu finanzjarjament responsabbli għal kwalunkwe ħsara.*

*F'konformità mal-Artikolu 16, l-Istat Kontraenti japplika l-liġi tal-Istat Mhux Kontraenti A (l-Istat tar-residenza abitwali tal-adoloxxenti) għall-kwistjoni ta' min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri għall-adoloxxenti (bl-operat tad-dritt, bħala riżultat ta' ftehim).*

*Peress li kemm il-missier kif ukoll il-mara tal-missier għandhom responsabbiltà tal-ġenituri għall-adoloxxenti skont il-liġi tal-Istat Mhux Kontraenti A, it-tnejn li huma se jkunu finanzjarjament responsabbli għall-attivitajiet tal-adoloxxenti fl-Istat Kontraenti B.*

### (b) X'jiġri għall-attribuzzjoni jew għat-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri meta tinbidel ir-residenza abitwali ta' minuri?
**Artikolu 16(3), 16(4)**

9.12 Ir-responsabbiltà tal-ġenituri li teżisti skont il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri tibqa' fis-seħħ wara tibdil fir-residenza abitwali tal-minuri għal Stat ieħor[279]. Dan hu l-każ anki jekk l-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri ma jipprovdix għar-responsabbiltà tal-ġenituri fl-istess ċirkustanzi[280].

9.13 L-attribuzzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri bl-operat tad-dritt lil persuna li mhux diġà jkollha tali responsabbiltà hi rregolata mid-dritt tal-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri[281].

9.14 L-iskop ta' dawn ir-regoli hu li jiżguraw il-kontinwità tal-filjazzjonijiet[282]. Ir-riżultat tar-regoli hu li tibdil fir-residenza abitwali tal-minuri, minnu nnifsu, ma jistax jirriżulta fit-**telf** minn persuna tar-responsabbiltà tal-ġenituri għal minuri, iżda jista' jirriżulta fil-**kisba** minn persuna tar-responsabbiltà tal-ġenituri għal tifel.

---

277 Art. 16(1). Dan ikun ukoll il-każ jekk it-tifel ikun resident abitwali fl-Istat **Mhux Kontraenti** A: ara l-Art. 20 u iktar 'il quddiem il-para. **9.22**.

278 F'dan il-każ, l-**eżerċizzju** mill-missier tar-responsabbiltà tal-ġenituri se jiġi rregolat ukoll mil-liġi tal-Istat Kontraenti A: Art. 17. Ara wkoll iktar 'il quddiem il-para. **9.16**.

279 Art. 16(3).

280 Hu l-każ ukoll jekk il-minuri jitlaq minn Stat **Mhux Kontraenti** u jmur jgħix fi Stat Kontraenti. ara l-Art. 20 u iktar 'il quddiem il-para. **9.22**.

281 Art. 16(4).

282 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni fil-paragrafi 105-107.

9.15 Il-koeżistenza ta' diversi detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri li tista' tirriżulta minn applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tista' taħdem biss jekk id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jaqblu b'mod ġenerali[283]. Jekk ikun hemm nuqqas ta' qbil bejniethom, dan jista' jiġi solvut b'miżura mitluba minn wieħed jew iktar minnhom mingħand l-awtorità kompetenti b'ġurisdizzjoni (ara l-**Kapitolu 4** iktar 'il fuq)[284].

**Eżempju 9 (E)**

*Jitwieled tifel fl-Istat Kontraenti A fejn iż-żewġ ġenituri mhux miżżewġa għandhom responsabbiltà tal-ġenituri għat-tifel skont l-operat tad-dritt. L-omm tmur tgħix bit-tifel fl-Istat Kontraenti B fejn il-liġi tipprovdi li missier mhux miżżewġ jista' jikseb responsabbiltà tal-ġenituri biss permezz ta' ordni tal-qorti. Ir-responsabbiltà tal-ġenituri tal-missier miksuba fl-Istat Kontraenti A bl-operat tad-dritt tibqa' fis-seħħ wara r-rilokazzjoni*[285].

**Eżempju 9 (F)**

*Tifla titwieled fl-Istat Kontraenti A. Il-ġenituri tat-tifla jiddivorzjaw ftit wara li titwieled. Skont il-liġi tal-Istat Kontraenti A, iż-żewġ ġenituri jżommu r-responsabbiltà tal-ġenituri għat-tifla wara d-divorzju. Sentejn wara, l-omm terġa' tiżżewweġ u l-koppja l-ġdida u t-tifla jmorru jgħixu fl-Istat Kontraenti B. L-Istat Kontraenti B għandu regola li, skont din, ġenitur tat-tieni żwieġ jkollu responsabbiltà tal-ġenituri għat-tfal minn żwieġ ieħor bl-operat tad-dritt. F'dan il-każ, wara li t-tifla tikseb ir-residenza abitwali tagħha fl-Istat Kontraenti B, ser ikun hemm tliet persuni li għandhom responsabbiltà tal-ġenituri għaliha: ommha, missierha u żewġ ommha*[286].

**Eżempju 9 (G)**

*Tifla tgħix fl-Istat Kontraenti A ma' missierha u mat-tieni mara tiegħu. L-omm u l-missier tat-tifla jaqblu li jenħtieġ li mart il-missier ikollha responsabbiltà tal-ġenituri għat-tifla. Skont il-liġi tal-Istat Kontraenti A, hu possibbli li l-ġenituri jattribwixxu responsabbiltà tal-ġenituri lil ġenitur tat-tieni żwieġ, bil-miktub. Il-ftehim m'għandux bżonn jirċievi l-approvazzjoni ta' xi awtorità tal-Istat iżda jrid jiġi rreġistrat mal-ministeru xieraq. L-omm, il-missier u mart il-missier jirreġistraw il-ftehim tagħhom kif xieraq.*

*Sena wara, il-missier, martu u t-tifla jitilqu mill-Istat Kontraenti A biex imorru jgħixu fl-Istat Kontraenti B. Skont il-liġi tal-Istat Kontraenti B, ġenitur tat-tieni żwieġ ma jistax jikseb responsabbiltà tal-ġenituri għal minuri mingħajr ordni tal-qorti.*

*Peress li l-ftehim bejn il-partijiet li seħħ fl-Istat Kontraenti A hu wieħed li ma kienx jeħtieġ l-intervent ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva (ara l-para. **9.11**, iktar 'il fuq), l-Artikolu 16(2) japplika b'tali mod li l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri lil mart il-missier tkun irregolata mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri fil-mument li fih jidħol fis-seħħ il-ftehim (jiġifieri fil-mument li fih jiġi rreġistrat il-ftehim). It-tifla kienet residenza abitwali fl-Istat Kontraenti A fil-mument li fih ġie rreġistrat il-ftehim u, b'hekk, għal din il-kwistjoni tapplika l-liġi tal-Istat Kontraenti A.*

*L-Artikolu 16(3) jiżgura li r-responsabbiltà tal-ġenituri ta' mart il-missier tinżamm fl-Istat Kontraenti B.*

---

283 *Ibid.*, fil-para. 108.
284 *Ibid.*
285 Art. 16(3).
286 Art. 16(4).

### (c) *Liema liġi tapplika għall-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri?* Artikolu 17

9.16 Ir-regoli preċedenti jirreferu għall-**attribuzzjoni** jew għat-**tmiem** tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Madankollu, l-**eżerċizzju** tar-responsabbiltà tal-ġenituri dejjem ikun irregolat mil-liġi tar-residenza abitwali **attwali** tal-minuri.

**Eżempju 9 (H)**

*Fl-Istat Kontraenti A, detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri jeħtieġ il-kunsens tad-detenturi l-oħra kollha tar-responsabbiltà tal-ġenituri qabel ma jkun jista' jawtorizza proċedura kirurġika mhux urġenti għall-minuri. Jekk issa l-minuri jkun resident abitwali fl-Istat Kontraenti A, it-tali kunsens ikun neċessarju anki jekk il-minuri qabel kien resident abitwali fl-Istat Kontraenti B fejn kienet attribwita oriġinarjament ir-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward tal-minuri u fejn ma kien hemm ebda rekwiżit bħal dan.*

### (d) *Il-modifika jew it-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri permezz ta' miżuri għall-protezzjoni meħuda minn awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi* Artikolu 18

9.17 Il-paragrafi ta' hawn fuq jistabbilixxu r-regoli dwar il-liġi applikabbli meta r-responsabbiltà tal-ġenituri tiġi kkunsidrata attribwita jew mitmuma mingħajr l-intervent ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva. Madankollu, dawn ir-regoli ma jipprevjenux it-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni li jimmodifikaw jew jitterminaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri mill-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti.

9.18 Miżura meħuda mill-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva ta' Stat Kontraenti li tipprovdi għat-terminazzjoni jew għall-modifika tar-responsabbiltà tal-ġenituri hi miżura maħsuba għall-protezzjoni tal-persuna tal-minuri li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoin materjali tal-Konvenzjoni u, għalhekk, jenħtieġ li din tittieħed skont il-ġurisdizzjoni u r-regoli dwar il-liġi applikabbli tal-Konvenzjoni.

**Eżempju 9 (I)**

*Koppja mhux miżżewġa u t-tifel tagħhom huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A. Skont il-liġi tal-Istat Kontraenti A, l-omm biss għandha responsabbiltà tal-ġenituri għall-minuri bl-operat tad-dritt. Il-familja tmur tgħix fl-Istat Kontraenti B u ssir resident abitwali hemm. Skont il-liġi tal-Istat Kontraenti B, missier mhux miżżewweġ jikseb ir-responsabbiltà tal-ġenituri għat-tfal tiegħu bl-operat tad-dritt. Għaldaqstant, applikazzjoni tal-Artikolu 16(4) tiżgura li l-liġi tal-Istat Kontraenti B (ir-residenza abitwali l-ġdida tat-tifel) se tapplika għall-attribuzzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri bl-operat tad-dritt lill-missier mhux miżżewweġ (li qabel ma kellux responsabbiltà tal-ġenituri).*

*Ir-relazzjoni titkisser u l-ġenituri ma jistgħu jaqblu fuq ebda deċiżjoni li tikkonċerna t-tifel. L-argumenti u t-tensjoni kostanti qed joħolqu ansejtà u qed imarrdu lit-tifel. Dan l-aħħar it-tifel ġie riferut għand psikjatra konsulent minħabba stress akut.*

*L-omm tapplika quddiem il-qorti fl-Istat Kontraenti B u titlob li tiġi tterminata r-responsabbiltà tal-ġenituri tal-missier. L-Istat Kontraenti B għandu ġurisdizzjoni biex jisma' din it-talba bħala l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri*[287]*. Normalment dan japplika l-*lex fori *għat-*

[287] Art. 5.

*tilwima*[288]*. Minbarra dan, b'riżultat tal-Artikolu 18, l-Istat Kontraenti B jista' jittermina r-responsabbiltà tal-ġenituri tal-missier għad li r-responsabbiltà tal-ġenituri ġiet attribwita bl-operat tad-dritt b'riżultat tal-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni*[289].

## C. Protezzjoni ta' partijiet terzi

**Artikolu 19**

9.19 Jekk parti terza tidħol fi tranżazzjoni ma' persuna li tkun intitolata taġixxi bħala r-rappreżentant legali tal-minuri skont il-liġi tal-Istat fejn ġiet konkluża t-tranżazzjoni, il-parti terza ma tistax tinżamm responsabbli minħabba r-raġuni unika li l-persuna l-oħra ma kinitx intitolata taġixxi bħala r-rappreżentant legali tal-minuri skont il-liġi ddeżinjata mir-regoli tal-Konvenzjoni[290].

9.20 Madankollu, din il-protezzjoni ma tapplikax jekk il-parti terza kienet taf jew missha kienet taf li r-responsabbiltà tal-ġenituri kienet irregolata mil-liġi ddeżinjata. Il-protezzjoni tapplika biss ukoll jekk it-tranżazzjoni daħlu fiha persuni preżenti fit-territorju tal-istess Stat.

9.21 Din ir-regola ddaħħlet fil-Konvenzjoni peress li, "mill-waqt li fih il-Konvenzjoni rrikorriet, fil-każ ta' tibdil fir-residenza abitwali tal-minuri, għall-prinċipju ta' kontinwità tar-responsabbiltà tal-ġenituri attribita bl-operat tad-dritt mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali preċedenti, dan wassal sabiex partijiet terzi li jaġixxu fl-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida jġarrbu r-riskju li jwettqu żball dwar il-persuna jew dwar is-setgħat tar-rappreżentant legali tal-minuri"[291].

## D. Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-liġi applikabbli

### *(a) Regoli li jikkonċernaw il-liġi applikabbli japplikaw anki jekk il-liġi ddeżinjata ma tkunx dik ta' Stat Kontraenti?*

**Artikolu 20**

9.22 Iva, ir-regoli li jikkonċernaw il-liġi applikabbli stabbiliti fil-Konvenzjoni għandhom applikazzjoni universali, li tfisser li dawn japplikaw fil-każijiet kollha, inklużi dawk li fihom il-liġi ddeżinjata tkkun il-liġi ta' Stat li ma jkunx Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni.

**<u>Eżempju 9 (J)</u>**

*Tifla tirresjedi ma' missierha u ma' mart missierha fl-Istat mhux Kontraenti A. Skont il-liġi tal-Istat mhux Kontraenti A, iż-żwieġ tal-missier u ta' mart missierha rriżulta fil-kisba awtomatika tar-responsabbiltà tal-ġenituri għat-tifla min-naħa tal-omm.*

*Il-missier jiġi offrut impjieg ġdid fl-Istat Kontraenti B u l-familja tmur tgħix f'dan l-Istat Kontraenti. Skont il-liġi tal-Istat Kontraenti B, mart il-missier ma kinitx tikseb ir-responsabbiltà tal-ġenituri b'mod awtomatiku permezz taż-żwieġ tagħha lil missier it-tifla.*

---

288 Art. 15(1) (sakemm ma jiddeċidix li l-protezzjoni tal-minuri teħtieġu, minħabba xi eċċezzjoni, japplika jew jieħu f'kunsiderazzjoni l-liġi ta' Stat ieħor li miegħu s-sitwazzjoni għandha konnessjoni sostanzjali: Art. 15(2) – ara iktar 'il fuq il-para. **9.2**).

289 Madankollu, finalment, jekk jistax jagħmel dan u f'liema ċirkustanzi **se** jagħmel hekk ikunu kwistjoni għal-*lex fori* (Art. 15(1); jew għal kwalunkwe liġi oħra applikata, minħabba xi eċċezzjoni, skont l-Art. 15(2)).

290 Ara iktar 'il quddiem il-para. **13.80** għal diskussjoni ulterjuri dwar din id-dispożizzjoni.

291 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 111.

*Madankollu, bl-applikazzjoni tal-Artikoli 16(3) u 20 tal-Konvenzjoni, ir-responsabbiltà tal-ġenituri ta' mart il-missier, mogħtija skont il-liġi tal-Istat mhux Kontraenti A, tinżamm wara t-tibdil tar-residenza abitwali tal-minuri għall-Istat Kontraenti B.*

### (b) *Referenza għal-liġi ta' Stat ieħor tinkludi referenza għar-regoli tad-dritt internazzjonali privat ta' dak l-Istat l-ieħor?*

**Artikolu 21**

9.23 Le, ir-*renvoi* hu eskluż b'mod espliċitu mill-Artikolu 21. Dan ifisser li fejn ikun hemm referenza għal-liġi ta' Stat ieħor, ir-referenza tkun qiegħda ssir biss għal-liġijiet interni ta' dak l-Istat u mhux għar-regoli tad-dritt internazzjonali privat ta' dak l-Istat.

9.24 Hemm eċċezzjoni waħda għal din ir-regola u din hi jekk il-liġi applikabbli skont l-Artikolu 16 tkun il-liġi ta' Stat mhux Kontraenti. F'dan il-każ, jekk ir-regoli tad-dritt internazzjonali privat ta' dak l-Istat jiddeżinjaw il-liġi ta' Stat mhux Kontraenti ieħor li jkun japplika r-regoli tiegħu stess, tkun tapplika l-liġi ta' dan l-Istat imsemmi l-aħħar. Madankollu, jekk it-tieni Stat mhux Kontraenti **ma jkunx** japplika l-liġi tiegħu stess, ser ikun japplika l-liġi ddeżinjata mill-Artikolu 16. Dan hu mfassal sabiex ma jxekkilx ir-regoli dwar id-dritt internazzjonali privat li japplikaw bejn Stati mhux Kontraenti.

### (c) *Hemm xi ċirkustanza li fiha l-liġi ddeżinjata skont ir-regoli tal-Konvenzjoni tal-1996 m'għandhiex għalfejn tiġi applikata?*

**Artikolu 22**

9.25 Hemm eċċezzjoni tal-ordni pubbliku prevista fl-Artikolu 22. Din tfisser li jekk l-applikazzjoni tal-liġi ddeżinjata skont ir-regoli deskritti hawn fuq tkun tmur kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Kontraenti b'mod evidenti, filwaqt li jqisu l-aħjar interessi tal-minuri, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat jistgħu jirrifjutaw milli japplikawh.

9.26 Jenħtieġ li jiġi osservat li l-użu tal-ordni pubbliku biex tiġi rrifjutata applikazzjoni tal-liġi ddeżinjata jista' jseħħ biss meta jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-minuri.

# 10

# *RIKONOXXIMENT U INFURZAR TA' MIŻURI GĦALL-PROTEZZJONI*



## A. Meta miżura għall-protezzjoni meħuda fi Stat Kontraenti tiġi rikonoxxuta fi Stat Kontraenti ieħor?

**Artikolu 23**

10.1 Miżuri għall-protezzjoni meħuda fi Stat Kontraenti se jiġu rikonoxxuti bl-operat tad-dritt fl-Istati Kontraenti l-oħra kollha[292]. Ir-rikonoxximent "bl-operat tad-dritt" ifisser li ma jkunx hemm bżonn li jinfetħu proċedimenti biex il-miżura tiġi rikonoxxuta fl-Istat Kontraenti rikjest[293] u biex din tipproduċi l-effetti tagħha hawnhekk.

10.2 Madankollu, biex miżura tiġi rikonoxxuta, l-eżistenza tagħha jaf ikollha tiġi evidenzjata fl-Istat Kontraenti rikjest. Biex tevita t-tqegħid ta' xkiel burokratiku għall-protezzjoni ta' minuri, il-Konvenzjoni m'għandha ebda rekwiżit formali f'dan ir-rigward. Normalment, il-produzzjoni tad-dokument miktub li jinkorpora l-miżura[294] tkun biżżejjed. Madankollu, f'ċerti ċirkustanzi u b'mod partikolari f'każijiet ta' urġenza, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li jkun ħa l-miżura jista' jinforma lill-Istat Kontraenti rikjest dwar il-miżura bit-telefown[295]. F'dawn iċ-ċirkustanzi jista' jkun siewi li jingħata segwitu b'dokument bil-miktub li jagħti evidenza tal-miżura mill-iktar fis possibbli[296].

10.3 Ir-rikonoxximent tal-miżura għall-protezzjoni bl-operat tad-dritt ikun biżżejjed biex miżura tipproduċi l-effetti tagħha f'ċirkustanzi li fihom il-miżura tiġi rrispettata b'mod volontarju jew meta ma jkun hemm ebda oppożizzjoni affattu għaliha[297].

<u>**Eżempju 10 (A)**</u> *Familja hi resident abitwali fl-Istat Kontraenti A. Wara t-tkissir tar-relazzjoni bejn il-ġenituri, il-qorti fl-Istat Kontraenti A, bil-qbil tal-missier, jagħti lill-omm il-kustodja unika għat-tifel. Sena wara, l-omm tmur tgħix skont il-liġi bit-tifel fl-Istat Kontraenti B. Il-kustodja unika tgaħha tat-tifel tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti B mingħajr ma jkollha bżonn tieħu xi azzjoni oħra. Mhuwiex ser ikollha bżonn tapplika mal-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi fl-Istat Kontraenti B għar-rikonoxximent tal-ordni ta' kustodja.*

<u>**Eżempju 10 (B)**</u> *L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A, ir-residenza abitwali tat-tifel, jaħtru rappreżentant legali biex jieħu ħsieb il-beni tat-tifel. Dawn jinkludu beni fl-Istat Kontraenti B. Ir-rikonoxximent ta' din il-ħatra bl-operat tad-dritt jippermetti lir-rappreżentant legali jidħol fi tranżazzjonijiet f'isem it-tifel fl-Istat Kontraenti B mingħajr ma jkollu bżonn jieħu xi pass ieħor biex il-ħatra tiegħu tiġi rikonoxxuta fl-Istat Kontraenti B*[298].

---

292 Madankollu, ir-rikonoxximent jista' jiġi rrifjutat fuq il-bażi tar-raġunijiet stretti u limitati deskritti iktar 'il quddiem fit-**taqsima B**.

293 It-terminoloġija tal-"Istat Kontraenti rikjest" tintuża f'dan il-Kapitolu biex tiddenota l-Istat Kontraenti li hu rikjest biex jirrikonoxxi u / jew jinfurza l-miżura għall-protezzjoni meħuda fi Stat Kontraenti ieħor.

294 Mingħand l-awtorità tal-Istat Kontraenti li ħa d-deċiżjoni.

295 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 120.

296 *Ibid.*

297 Meta ma jkun hemm ebda konformità volontarja ma' miżura, jew meta jkun hemm oppożizzjoni għall-miżura, ara iktar 'il quddiem it-**taqsima D** dwar l-infurzar.

298 F'dan il-każ, jekk l-Istat Kontraenti A joħroġ ċertifikati f'konformità mal-Art. 40 tal-Konvenzjoni, jista' jkun siewi għar-rappreżentant legali li jikseb it-tali ċertifikati - ara wkoll iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

**Eżempju 10 (C)**

*Adoloxxenti tinstab rieqda fit-triq f'belt fl-Istat Kontraenti A. Il-qorti fl-Istat Kontraenti A tordna li l-adoloxxenti titqiegħed temporanjament taħt indokrar tal-Istat filwaqt li jsiru investigazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni tagħha*[299]*. Madankollu, l-adoloxxenti jirnexxilha taħrab minn dan iċ-ċentru ta' indokrar temporanju u jsir magħruf li qed tivvjaġġa lejn l-Istat Kontraenti B. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jikkuntattjaw lill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B bit-telefown biex jinformawhom dwar is-sitwazzjoni urġenti u perikoluża li fiha tinsab l-adoloxxenti u dwar il-miżura li ħadu*[300]*. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jikkonfermaw li se jibagħtu l-ordni tal-qorti mill-iktar fis. Imbagħad jikkonfermaw l-ordni bit-telefax.*

*Il-miżura hi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti B, mingħajr ma jkun hemm bżonn li tittieħed xi azzjoni oħra. Minħabba l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Kontraenti, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B qed jistennew il-wasla tal-adoloxxenti u jistgħu jiħduha minnufih taħt ċentru ta' indokrar temporanju tal-Istat f'konofrmità mal-miżura għall-protezzjoni tal-Istat Kontraenti A*[301]*.*

## B. Rikonoxximent ta' miżura għall-protezzjoni meħuda fi Stat Kontraenti meta jista' jiġi rrifjutat f'ieħor?

10.4 L-Artikolu 23(2) jipprovdi lista eżawrijenti tar-raġunijiet li abbażi tagħhom jista' jiġi rrifjutat ir-rikonoxximent. Jenħtieġ li jiġi osservat li l-Artikolu 23(2) jippermetti r-rifjut tar-rikonoxximent fuq il-bażi ta' dawn ir-raġunijiet, iżda dan ma jagħmlux obbligatorju[302]. Għaldaqstant, ir-rikonoxximent **jista'** jiġi rrifjutat fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

### *(a) Il-miżura ttieħdet mill-awtorità ta' Stat Kontraenti li l-ġurisdizzjoni tiegħu ma kinitx ibbażata fuq waħda mir-raġunijiet stipulati fl-Artikoli 5 sa 14 tal-Konvenzjoni tal-1996*[303]

10.5 Dan ifisser li l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti rikjest mhumiex obbligati jirrikonoxxu l-miżuri li jkunu bbażati fuq ir-regoli ġuriżdizzjonali mhux tal-Konvenzjoni tal-Istat Kontraenti li ħa l-miżuri **jekk** dawn ir-regoli mhumiex konsistenti mar-regoli ġuriżdizzjonali li jinsabu fil-Kapitolu II tal-Konvenzjoni.

299 Din l-ordni hi bbażata fuq l-Art. 11 tal-Konvenzjoni.

300 Jenħtieġ li jiġi osservat li, skont l-Art. 36 tal-Konvenzjoni, jekk il-minuri titqies mill-Istat Kontraenti A li hi "esposta għal periklu serju", l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Kontraenti A, peress li ġew informati f'dan il-każ li r-residenza tal-minuri nbidelet (jew se tinbidel daqt) u / jew li l-minuri se tkun preżenti fl-Istat Kontraenti B, huma **obbligati** jinformaw lill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B dwar il-periklu għall-minuri u dwar il-miżuri meħuda minnhom. Ara wkoll iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

301 Imbagħad, jekk ikun hemm bżonn u jqis li dan hu neċessarju, l-Istat Kontraenti B se jkun jista' jieħu kwalunkwe miżuri għall-protezzjoni ulterjuri / neċessarja oħra fir-rigward tal-adoloxxenti skont l-Art. 11 tal-Konvenzjoni. Jista' jkun rakkomandabbli li l-kooperazzjoni msaħħa tissokta bejn l-Istat Kontraenti B, l-Istat Kontraenti A u l-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri (jekk dan jista' jiġi identifikat) biex ikun jista' jiġi ddeterminat liema Stat għandu ġurisdizzjoni ġenerali fir-rigward ta' din l-adoloxxenti biex jieħu miżuri għall-protezzjoni iktar fit-tul għaliha. Ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

302 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 121. Dan ifisser li anki jekk raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent skont l-Art. 23(2) hi stabbilita, l-Istat Kontraenti xorta waħda jista' jiddeċiedi li jirrikonoxxi l-miżura għall-protezzjoni.

303 Art. 23(2) *a)*: dan il-paragrafu jimplika li l-awtorità rikjesta għandha s-setgħa li tivverifika l-ġurisdizzjoni tal-awtorità li ħadet il-miżura għall-finijiet tar-rikonoxximent. Madankollu, f'din il-verifika hi marbuta mis-sejbiet tal-fatti li fuqhom l-awtorità li ħadet il-miżura bbażat il-ġurisdizzjoni tagħha (ara l-Art. 25 u ara iktar 'il quddiem il-para. **10.14**).

***(b) Il-miżura ttieħdet, ħlief fil-każ ta' urġenza, fil-kuntest ta' proċediment ġudizzjarju jew amministrattiv, mingħajr ma l-minuri jkun ingħata l-opportunità li jinstema', bi ksur tal-prinċipji fundamentali tal-Istat Kontraenti rikjest***[304]

10.6 Il-Konvenzjoni ma tfittixx li temenda r-regoli proċedurali nazzjonali rigward is-smigħ tal-minuri u din id-dispożizzjoni topera b'tali mod li tippermetti lill-Istat Kontraenti rikjest jiżgura li l-prinċipji fundamentali tiegħu f'dan ir-rigward mhumiex se jiġu mxekkla meta jirrikonoxxi deċiżjoni minn Stat Kontraenti ieħor. Id-dispożizzjoni hi influwenzata mill-Artikolu 12 tal-UNCRC, li jistabbilixxi d-dritt tal-minuri li jinstema' fi proċedimenti li jikkonċernawh. Madankollu, hu importanti li jiġi enfasizzat li hu biss meta n-nuqqas ta' smigħ tal-minuri jmur kontra l-**prinċipji fundamentali** tal-Istat Kontraenti rikjest li dan jista' jiġġustifika rifjut tar-rikonoxximent.

10.7 Din ir-raġuni tar-rifjut ma tapplikax f'każijiet ta' urġenza, peress li hu aċċettat li "r-rekwiżiti tal-proċess proċedurali dovut tal-liġi għandu jiġi interpretat b'mod iktar flessibbli" f'sitwazzjonijiet bħal dawn[305].

***(c) Il-miżura ttieħdet, ħlief fil-każ ta' urġenza, mingħajr ma persuna li tiddikjara li l-miżura tikser ir-responsabbiltà tal-ġenituri tagħha tkun ingħata opportunità li tinstema'***[306]

10.8 Din ir-raġuni tar-rifjut tirrifletti r-rispett għad-dritt għal proċess dovut tal-liġi u għal proċeduri ġusti ta' kwalunkwe persuna li r-responsabbiltà tal-ġenituri tagħha tinkiser mill-miżura.

***(d) Ir-rikonoxximent imur kontra biċ-ċar l-ordni pubbliku tal-Istat Kontraenti rikjest, fid-dawl tal-aħjar interessi tal-minuri***[307]

10.9 Rifjut tar-rikonoxximent fuq il-bażi tal-ordni pubbliku hu dispożizzjoni standard fid-dritt internazzjonali privat. Madankollu, l-użu tal-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku hu rari fid-dritt internazzjonali privat b'mod ġenerali u fil-Konvenzjoni internazzjonali tal-Aja dwar il-liġi tal-familja.

10.10 Skont din il-Konvenzjoni, kif ukoll skont il-Konvenzjonijiet internazzjonali l-oħra tal-Aja dwar il-liġi tal-familja, din l-eċċezzjoni għar-rikonoxximent tista' tintuża biss meta r-rikonoxximent ikun imur "**kontra** l-ordni pubbliku **biċ-ċar**". Barra minn hekk, l-aħjar interessi tal-minuri jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jitqies jekk għandhiex tintuża din ir-raġuni[308].

---

304 Art. 23(2) *b)*.

305 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 123. Ara wkoll il-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Speċjali tal-2011 (Parti I), para. 50 (disponibbli fuq < www.hcch.net > (kif indikat iktar 'il fuq fin-nota 16)).

306 Art. 23(2) *c)*: eż., jekk, abbażi tal-Art. 18 tal-Konvenzjoni, l-awtorità kompetenti tterminat responsabbiltà tal-ġenituri ta' individwu mingħajr ma tisimgħu, dak l-individwu jista' jinvoka dan il-ksur tar-responsabbiltà tal-ġenituri tiegħu biex jopponi r-rikonoxximent tal-miżura fi Stat Kontraenti ieħor.

307 Art. 23(2) *d)*.

308 Bħal fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor.

***(e) Il-miżura hi inkompatibbli ma' miżura iktar tard meħuda fl-Istat mhux Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri, meta din il-miżura iktar tard tissodisfa r-rekwiżiti għar-rikonoxximent fl-Istat Kontraenti rikjest***[309]

10.11 Din ir-raġuni għar-rifjut tagħti preferenza lil miżura iktar tard meħuda mill-awtoritajiet ta' Stat **mhux Kontraenti**, fejn dik il-miżura tkun ittieħdet f'konformità mal-prinċipju primarju ta' ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni (jiġifieri jkun l-Istat mhux Kontraenti tar-**residenza abitwali** tal-minuri).

10.12 Il-miżura meħuda mill-Istat mhux Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri trid tittieħed wara d-deċiżjoni tal-Istat Kontraenti li għaliha jkun qed jiġi rrifjutat ir-rikonoxximent. Trid tkun kapaċi tiġi rikonoxxuta wkoll fl-Istat Kontraenti rikjest.

***(f) Il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 33 ma ġietx irrispettata***[310]

10.13 Il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 33 tirreferi għall-proċedura fi tqegħid transfruntier tal-minuri. Din il-proċedura teħtieġ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti kollha involuti u hi diskussa iktar 'il quddiem fil-paragrafi **11.13** sa **11.17**[311].

10.14 Jenħtieġ li jiġi osservat li, meta jiġi ddeterminat jekk hijiex stabbilita raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti rikjest ikunu marbuta bis-sejbiet tal-fatti li fuqhom l-awtorità fl-Istat fejn ittieħdet il-miżura bbażat il-ġurisdizzjoni tagħha[312]. Pereżempju, jekk ġurisdizzjoni kienet ibbażata fuq ir-residenza abitwali, l-Istat Kontraenti rikjest ma jistax jirrieżamina s-sejbiet fattwali li fuqhom l-awtorità li ħadet il-miżura għall-protezzjoni bbażat il-valutazzjoni tagħha tar-residenza abitwali. B'mod simili, meta ġurisdizzjoni tkun ibbażata fuq valutazzjoni preliminari tal-aħjar interessi tal-minuri,[313] din il-valutazzjoni torbot lill-awtorità tal-Istat Kontraenti rikjest. Għaldaqstant, l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi li jieħdu miżuri għall-protezzjoni skont il-Konvenzjoni jistgħu jkunu jixtiequ jistabbilixxu b'mod ċar, kull fejn possibbli, is-sejbiet tal-fatti li fuqhom hi bbażata l-ġurisdizzjoni tagħhom.

10.15 Lanqas m'għandu jsir rieżami tal-merti tad-deċiżjoni lil hinn minn dak li hu neċessarju għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk hijiex stabbilita raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent[314].

**<u>Eżempju 10 (D)</u>** *Ir-regoli mhux tal-Konvenzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Istat Kontraenti A jistipulaw li, meta minuri ma jkunx resident abitwali fi Stat Kontraenti iżda jkun ċittadin tal-Istat Kontraenti A, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jkollhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni fir-rigward tal-minuri*[315]*. Għaldaqstant, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jagħmlu ordni fir-rigward ta' minuri li jkun ċittadin tal-Istat Kontraenti A iżda li jkun resident abitwali fl-Istat mhux Kontraenti B. Filwaqt li l-Istat Kontraenti A hu intitolat jieħu din il-miżura għall-protezzjoni,*[316] *l-awtoritajiet tal-Istat*

---

309 Art. 23(2) *e).*

310 Art. 23(2) *f).*

311 Ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **11.1** u **13.31-13.42**.

312 Art. 25.

313 Ara, eż., l-Artikoli 8(4), 9(1) u 10(1) *b).* Ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 131.

314 Art. 27.

315 Ovvjament, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A ma jkunux jistgħu jeżerċitaw ġurisdizzjoni fuq din il-bażi fir-rigward ta' minuri li jkun resident abitwali fi Stat **Kontraenti** ieħor - ara iktar 'il fuq il-paragrafi **3.11-3.13**.

316 Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **3.11-3.13**.

*Kontraenti Ċ (jew ta' kwalunkwe Stat Kontraenti ieħor) jistgħu jirrifjutaw milli jirrikonoxxuha, peress li kienet ibbażata fuq raġuni ta' ġurisdizzjoni li ma tinsabx fil-Konvenzjoni*[317].

**Eżempju 10 (E)**

*Tifel ta' 11-il sena hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti A. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jagħmlu ordni li tirrestrinġi l-kuntatt bejn it-tifel u missieru, li jgħix fl-Istat Kontraenti B. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A ma jintervistawx lit-tifel direttament meta jieħdu din il-miżura għall-protezzjoni; minflok, assistent soċjali jitkellem* **biss** *mal-ġenituri iżda la osserva u lanqas tkellem mat-tifel. Il-Kostituzzjoni tal-Istat Kontraenti B fiha dispożizzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal, li tiddikjara li t-tfal jeħtiġilhom jiġu kkonsultati u jinstemgħu rigward deċiżjonijiet li jikkonċernawhom, dment li jkunu ta' età u ta' maturità suffiċjenti. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jiddeterminaw li t-tifel hu ta' età u ta' maturità suffiċjenti u, skont ir-regoli tal-Kostituzzjoni tagħhom, dan missu nstema' rigward din id-deċiżjoni. Għaldaqstant, jistgħu jirrifjutaw milli jirrikonoxxu l-miżura meħuda fl-Istat Kontraenti A fuq il-bażi li t-tifel ma ngħatax l-opportunità li jinstema', bi ksur tal-prinċipji fundamentali tal-proċedura tal-Istat Kontraenti B stess*[318].

**Eżempju 10 (F)**

*L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jagħmlu ordni li tittermina r-responsabbiltà tal-ġenituri tal-omm fir-rigward taż-żewġt itfal tagħha. L-omm kienet fl-Istat Kontraenti B fiż-żmien li fih ittieħdet id-deċiżjoni u ma ngħatatx l-opportunità li tinstema' qabel ma ttieħdet din id-deċiżjoni. Ir-rikonoxximent ta' din id-deċiżjoni jista' jiġi rrifjutat fl-Istat Kontraenti l-oħra kollha*[319].

**Eżempju 10 (G)**

*Tifla u ommha huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti B. Il-missier hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti A. Il-ġenituri jiddeċiedu li jiddivorzjaw fl-Istat Kontraenti A u jagħtu l-kunsens tagħhom lill-qrati tal-Istat Kontraenti A li jittrattaw il-kwistjonijiet kollha relatati mal-kustodja tat-tifla*[320]. *Matul il-proċedimenti ta' divorzju, il-qorti tal-Istat Kontraenti A tiddeċiedi li tittermina r-responsabbiltà tal-ġenituri tal-missier u twaqqaf kull kuntatt bejn il-missier u t-tifla għlal-unika raġuni li l-missier hu responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ. Il-miżura jaf ma tiġix rikonoxxuta fl-Istat Kontraenti B fuq il-bażi li jkun imur biċ-ċar kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Kontraenti B, fid-dawl tal-aħjar interessi tat-tifla, jekk tiġi rikonoxxuta miżura li mhijiex ibbażata fuq valutazzjoni tal-interessi tal-minuri*[321].

**Eżempju 10 (H)**

*Familja hi resident abitwali fl-Istat Kontraenti A. Wara t-tkissir taż-żwieġ, l-omm u t-tifel, bil-qbil tal-missier, jirritornaw fl-Istat taċ-ċittadinanza tagħhom, l-Istat mhux Kontraenti B. Il-ġenituri jaqblu li l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A li qed jisimgħu l-każ tad-divorzju tagħhom jenħtieġ li jiddeterminaw ukoll il-kwistjonijiet tal-kustodja relatati mat-tifel*[322]. *Il-qorti fl-Istat Kontraenti A tordna li l-ġenituri għandu jkollhom kustodja konġunta fir-rigward tat-tifel u li t-tifel għandu jaqsam ħinu b'mod bejn wieħed u ieħor indaqs mal-omm u mal-missier.*

---

317 Art. 23(2) *a).*

318 Art. 23(2) *b)* (u l-każ ma kienx wieħed ta' urġenza).

319 Art. 23(2) *c)* (dment li l-miżura ma ttiħditx f'każ ta' emerġenza).

320 Art. 10 – ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 4**.

321 Art. 23(2) *d)*: f'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B irrifjutaw ir-rikonoxximent, il-missier jista' japplika fl-Istat Kontraenti B għal miżuri għall-protezzjoni fir-rigward tat-tifla (inkluża l-kustodja u l-aċċess / kuntatt) peress li l-Istat Kontraenti B hu l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri (Art. 5).

322 Art. 10 – ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 4**.

*Sentejn wara, wara tkissir f'dan l-arranġament, tinħareġ ordni mill-awtoritajiet tal-Istat mhux Kontraenti B li tagħti kustodja unika lill-omm u drittijiet ta' aċċess limitati biss lill-missier.*

*Imbagħad, l-omm u t-tifel imorru jgħixu fl-Istat Kontraenti Ċ. Il-missier japplika (skont l-Art. 24 tal-Konvenzjoni*[323]*) għar-rikonoxximent tal-ordni tal-Istat Kontraenti A fl-Istat Kontraenti Ċ. Il-liġi tal-Istat Kontraenti Ċ tipprovdi li hu se jirrikonoxxi deċiżjonijiet mingħand Stati mhux Kontraenti dment li jiġu ssodisfati ċerti kriterji. Id-deċiżjoni mill-Istat mhux Kontraenti B tissodisfa dawn il-kriterji. Għaldaqstant, l-Istat Kontraenti Ċ jista' jirrifjuta milli jirrikonoxxi d-deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A fuq il-bażi li din hi inkompatibbli mad-deċiżjoni iktar tard meħuda mill-Istat mhux Kontraenti B*[324]*.*

## C. Persuna kif tista' tkun ċerta li deċiżjoni se tiġi rikonoxxuta fi Stat Kontraenti ieħor? ("Rikonoxximent bil-quddiem"[325])

### Artikolu 24

10.16 Jekk ikun hemm xi dubju possibbli dwar jekk miżura għall-protezzjoni meħuda fi Stat Kontraenti hix se tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fi Stat Kontraenti ieħor, din il-kwistjoni jaf ikollha bżonn tiġi solvuta bl-użu tal-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni.

10.17 Peress li r-rikonoxximent tal-miżuri minn Stati Kontraenti oħra jseħħ bl-operat tad-dritt, hu biss fiż-żmien li fih tiġi invokata l-miżura li tilwima possibbli fuq l-eżistenza ta' raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent tista' tkun is-suġġett ta' deċiżjoni. L-istennija sa dan iż-żmien għal determinazzjoni ta' jekk ordni tistax tiġi rikonoxxuta tista' tikkaġuna inkonvenjent u diffikultajiet, u diversi persuni jista' jkollhom interess leġittimu biex ineħħu kwalunkwe dubju li jista' jkun jeżisti dwar ir-rikonoxximent. Għaldaqstant, persuna interessata tista' tapplika mal-awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti għal deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent ta' miżuri meħuda fi Stat Kontraenti ieħor.

10.18 L-Artikolu 24 jista' jintuża, pereżempju, minn ġenitur li l-minuri tiegħu jkun qed jirriloka fi Stat Kontraenti ieħor, jew minn ġenitur li l-minuri tiegħu jkun qed jivvjaġġa għal perjodu qasir fi Stat Kontraenti ieħor mal-ġenitur l-ieħor[326].

10.19 Din il-proċedura tippermetti li tingħata deċiżjoni rigward ir-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-**miżuri** għall-protezzjoni. Dan ifisser li dikjarazzjoni rigward l-attribuzzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri li tkun seħħet mingħajr ebda intervent ta' xi awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva (e. f'konformità mal-Art. 16(3) jew (4) wara tibdil fir-residenza abitwali tal-minuri) ma tistax tinkiseb[327].

10.20 Hi l-liġi tal-Istat Kontraenti rikjest li trid tistabbilixxi l-proċedura li tista' tintużabiex tinkiseb deċiżjoni bħal din.[328]

---

323 Ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **10.16-10.21**.

324 Art. 23(2) *e).*

325 Għall-użu tar-"rikonoxximent bil-quddiem" f'każijiet internazzjonali ta' aċċess / kuntatt, ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.19-13.22**.

326 Ara *ibid*.

327 Ara wkoll iktar 'il fuq il-**Kapitolu 9**, **taqsima B**, u r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 129, fejn hu ddikjarat li l-Art. 24 "jippresupponi l-eżistenza ta' deċiżjoni biex jiffunzjona".

328 *Ibid.*, fil-para. 130.

10.21 Implimentazzjoni effettiva tal-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni normalment teħtieġ li Stat Kontraenti jiddeżinja u jidentifika biċ-ċar l-awtorità / l-awtoritajiet kompetenti li se jisimgħu t-talbiet għal "rikonoxximent bil-quddiem" tal-miżuri għall-protezzjoni[329].

**Eżempju 10 (I)**

*Tlett itfal huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A. Ommhom tfittex li tirriloka fl-Istat Kontraenti B magħhom. Il-missier ma joġġezzjonax għar-rilokazzjoni bil-patt li jibqagħlu aċċess għat-tfal. Jikseb ordni tal-qorti fl-Istat Kontraenti A li tipprovdi li t-tfal se jqattgħu partijiet sinifikanti mill-vaganzi tagħhom miegħu. Il-missier hu mħasseb li l-omm mhix se tirrispetta dan l-arranġament wara r-rilokazzjoni u jixtieq jiżgura li l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B se jirrikonoxxu l-ordni tal-qorti. Skont l-Artikolu 24, il-missier jista' jagħmel applikazzjoni mal-Istat Kontraenti B biex jiddetermina jekk l-ordni hix se tiġi rikonoxxuta qabel ma l-omm tirriloka bit-tfal fl-Istat Kontraenti B. Jekk id-deċiżjoni tkun li l-ordni se tiġi rikonoxxuta, kull min hu kkonċernat jaf li d-deċiżjoni rikonoxxuta tista' tiġi ddikjarata eżegwibbli jew irreġistrata għall-infurzar[330] u tiġi infurzata f'konformità mal-liġi tal-Istat Kontraenti B jekk l-omm ma tikkonformax minn jeddha[331]. Jekk id-deċiżjoni tkun li l-ordni mhix se tiġi rikonoxxuta,[332] il-missier se jkun jaf b'dan minn qabel ir-rilokazzjoni u jista' jieħu passi biex jirrimedja kwalunkwe difett li jkun hemm fl-ordni oriġinali magħmula mill-qorti fl-Istat Kontraenti A biex din tiġi rikonoxxuta fl-Istat Kontraenti B[333].*

## D. Meta miżura għall-protezzjoni meħuda fi Stat Kontraenti tiġi infurzata fi Stat Kontraenti ieħor?

**Artikoli 26 u 28**

10.22 Jekk miżura għall-protezzjoni meħuda minn Stat Kontraenti wieħed ma tkunx qed tiġi rrispettata fi Stat Kontraenti ieħor, jista' jkun neċessarju li jinfetħu proċedimenti ta' infurzar f'dan l-Istat Kontraenti msemmi l-aħħar[334].

10.23 Il-proċedura stabbilita mill-Konvenzjoni hi li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, parti interessata jeħtiġilha titlob li l-miżura għall-protezzjoni tiġi ddikjarat eżegwibbli jew irreġistrata għall-fini ta' infurzar fl-Istat Kontraenti rikjest skont il-proċedura prevista fil-liġi ta' dak l-Istat[335].

10.24 Trid tiġi applikata proċedura sempliċi u rapida għad-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew għar-reġistrazzjoni[336]. Hu importanti li din id-dikjarazzjoni jew ir-reġistrazzjoni tista' tiġi rrifjutata biss mill-Istat Kontraenti rikjest għar-raġunijiet elenkati iktar 'il fuq b'rabta man-nuqqas ta' rikonoxximent ta' miżura[337].

10.25 Ladarba ssir id-dikjarazzjoni jew ir-reġistrazzjoni, il-miżuri jridu jiġu infurzati fl-Istat Kontraenti rikjest daqslikieku ttieħdu mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat[338].

---

329 Fil-Kummissjoni Speċjali tal-2011 (Parti I), ġiet diskussa l-inklużjoni ta' regola speċifika fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni għal dan l-għan. F'dan ir-rigward ara iktar 'il quddiem il-"Lista ta' Kontroll ta' Implimentazzjoni" mehmuża taħt il-Kapitolu IV.

330 Art. 26.

331 Art. 28, ara wkoll iktar 'il quddiem **it-taqsima D**.

332 Art. 23(2).

333 Fuq din il-kwistjoni, kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istati Kontraenti involuti jew l-awtoritajiet involuti li jieħdu d-deċiżjonijiet (eż. komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti) tista' tkun siewja biex jiġi rrimedjat b'mod effiċjenti kwalunkwe difett fl-ordni biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent fl-Istat Kontraenti rikjest - ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

334 Artikolu 26.

335 Art. 26(1).

336 Art. 26(2).

337 Art. 26(3).

338 Artikolu 28.

10.26 L-infurzar għandu jsir skont il-liġi tal-Istat Kontraenti rikjest u sal-punt previst minn tali liġi, b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri[339]. Ir-referenza għall-"punt previst mil-liġi tal-"Istat Kontraenti tal-infurzar hi rikonoxximent li l-Istati Kontraenti se jkollhom liġijiet interni differenti rigward l-infurzar. L-infurzar jista' jseħħ biss sal-punt permess mil-liġijiet interni tagħhom[340].

10.27 Ir-referenza għall-"aħjar interessi tal-minuri" fl-Artikolu 28 jenħtieġ li ma tiġix interpretata bħala stedina għal investigazzjoni ulterjuri dwar il-merti.

10.28 Bħal fil-każ tar-rikonoxximent tal-miżuri għall-protezzjoni (ara iktar 'il fuq il-para. **10.15**), m'għandu jkun hemm ebda rieżami tal-merti tal-miżura lil hinn minn dak li hu neċessarju għall-fini tad-determinazzjoni ta' jekk il-miżura tistax tiġi ddikjarata eżegwibbli jew irreġistrata għall-finijiet tal-infurzar[341].

**Eżempju 10 (J)**

*Tifel hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti A. Wara t-tkissir tar-relazzjoni tal-ġenituri tiegħu, il-missier ifittex il-permess tal-qorti biex imur jgħix bit-tifel tiegħu fl-Istat Kontraenti B. Il-qorti tagħti l-permess għar-rilokazzjoni iżda tqiegħed fis-seħħ reġim komprensiv ta' aċċess għall-omm*[342]*. Madankollu, meta l-omm tivvjaġġa fl-Istat Kontraenti B biex teżerċita l-aċċess għat-tifel f'konformità mal-ordni tal-Istat Kontraenti A, il-missier mhux se jħalli lit-tifel jara lil ommu.*

*Skont l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni, l-omm tista' titlob li l-ordni tal-aċċess tal-Istat Kontraenti A jiġi ddikjarat eżegwibbli jew jiġi rreġistrat għall-fini tal-infurzar fl-Istat Kontraenti B*[343]*. Ladarba l-ordni tiġi ddikjarata eżegwibbli jew irreġistrata għall-infurzar fl-Istat Kontraenti B, l-infurzar isir fl-Istat Kontraenti B f'konformità mal-liġi tiegħu u sal-punt previst mit-tali liġi, b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel*[344]*.*

**Eżempju 10 (K)**

*Omm u tifel huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A; il-missier hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti B. Wara d-divorzju tal-ġenituri, qorti fl-Istat Kontraenti A tagħti lill-omm kustodja tat-tifel u lill-missier kuntratt regolari mat-tifel. Il-kuntatt mal-missier għandu jseħħ fl-Istat Kontraenti B. Din id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti B. Madankollu, wara l-ewwel perjodu ta' kuntatt fl-Istat Kontraenti B, il-missier iżomm lit-tifel fl-Istat Kontraenti B, bi ksur tal-ordni tal-Istat Kontraenti A. L-omm tista' titlob li d-deċiżjoni tal-Istat Kontraenti A tiġi ddikjarata eżegwibbli jew tiġi rreġistrata għall-fini tal-infurzar fl-Istat Kontraenti B*[345]*.*

---

339 *Id.*

340 Eż., ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 134, jagħti l-eżempju ta' tifel matur li jirrifjuta b'mod assolut milli jmur jgħix ma' ġenitur iddeżinjat skont il-miżura għall-protezzjoni bħala kustodju tal-minuri u jiddikjara: "Jekk [...] il-liġi interna tal-Istat Kontraenti rikjest tippermetti li f'każ bħal dan ma tistax tiġi infurzata deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva, din ir-regola tista' tiġi applikata bl-istess mod għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva meħuda fi Stat Kontraenti ieħor."

341 Art. 27.

342 Jekk l-omm tkun imħassba dwar ir-rikonoxximent tal-ordni qabel ma l-missier u t-tifel marru jgħixu fl-Istat Kontraenti B, hi tista' titlob li din tiġi rikonoxxuta qabel ma jirrilokaw. Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **10.16-10.21**.

343 Art. 26.

344 Art. 28. Jenħtieġ li jiġi osservat li f'dan il-każ, li kieku l-missier kellu japplika mal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B għal rieżami tal-ordni ta' kuntratt, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B kien ikollhom ġurisdizzjoni (bħala l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri, skont l-Art. 5) biex jiddeterminaw din il-kwistjoni. Madankollu, f'ċirkustanzi bħal dawn, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jenħtieġ li jagħmlu r-rieżami tal-ordni ta' aċċess bil-mod - ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.23-13.27**.

345 Dan l-eżempju hu partikolarment rilevanti jekk il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri ma tkunx tapplika għall-każ (eż. għaliex Stat minnhom mhuwiex Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1980) għaliex juri r-rimedju possibbli pprovdut mill-Konvenzjoni tal-1996 f'din is-sitwazzjoni ta' ħtif. Madankollu, jekk iż-żewġ Stati jkunu Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1980 f'dan ix-xenarju (kif ukoll għall-Konvenzjoni tal-1996), ikun f'idejn l-omm (u l-konsulenti legali tagħha) jekk tistitwixxix

*Ladarba l-ordni tiġi ddikjarata eżegwibbli jew tiġi rreġistrata għall-infurzar fl-Istat Kontraenti B, l-infurzar isir hemm f'konformità mal-liġi tal-Istat Kontraenti B u sal-punt previst mit-tali liġi, b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel*[346].

**Eżempju 10 (L)**

*Tifla ta' 11-il sena hi resident abitwali fl-Istat Kontraenti X. Missierha għeb meta kienet għadha żgħira ħafna u dan l-aħħar ommha mietet minħabba l-AIDS. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti X jiddeterminaw li jenħtieġ li t-tifla tgħix maz-zija materna tagħha, li lesta li tieħu ħsiebha. Xahrejn wara, it-tifla tisfa nieqsa wara l-iskola. Iz-zija materna minnufih tirrapporta b'dan lill-awtoritajiet. Il-pulizija jissuspettaw li nħatfet minn ċirku ferm magħruf tat-traffikar tat-tfal u ttieħdet fl-Istat Kontraenti Z fejn it-tfajliet jinbiegħu għall-prostituzzjoni tat-tfal. Permezz tal-Awtorità Ċentrali li assistiet fis-sejbien tat-tifla,*[347] *din eventwalment tinstab fl-Istat Kontraenti Z. Il-miżura għall-protezzjoni tal-Istat Kontraenti X hi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti Z. Madankollu, it-tifla tirrifjuta milli tikkoopera mal-awtoritajiet u tiddikjara li qed tgħix ma' missierha (raġel li l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti Z huma mħassba li hu involut fiċ-ċirku tat-traffikar). L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti Z jikkunsidraw li t-tifla tinsab f'periklu immedjat u jieħdu miżuri skont l-Artikolu 11 biex jieħdu lit-tifla f'ċentru ta' indokrar temporanju tal-Istat.*

*Iz-zija materna tapplika biex l-ordni ta' kustodja favuriha li nħarġet fl-Istat Kontraenti X tiġi ddikjarata eżegwibbli. L-applikazzjoni taz-zija tasal quddiem l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti Z u d-dikjarazzjoni tingħata. L-ordni ta' kustodja tiġi eżegwita f'konformità mal-liġi tal-Istat Kontraenti Z u t-tifla tiġi rritornata għall-indokrar taz-zija materna tagħha fl-Istat Kontraenti X.*

---

proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-1980 fl-Istat Kontraenti B, jew proċedimenti ta' infurzar skont il-Konvenzjoni tal-1996 f'dak l-Istat fir-rigward tal-ordni tal-Istat Kontraenti A, jew it-tnejn li huma. Il-kunsiderazzjonijiet li l-omm tista' tieħu meta tieħu din id-deċiżjoni jistgħu jkunu: il-veloċità taż-żewġ proċeduri fl-Istat Kontraenti B u l-ispejjeż legali (u kwalunkwe għajnuna legali) li jistgħu jkunu disponibbli għal kull proċedura. Għal iktar diskussjoni dwar il-ħtif internazzjonali ta' minuri, ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 13**, paragrafi **13.1-13.14**.

346 Art. 28.

347 Art. 31 *c)* *u* ara iktar 'il quddiem il-**Kapitolu 11**.

# 11

# *AWTORITAJIET ĊENTRALI U KOOPERAZZJONI*



## A. Rwol ta' Awtorità Ċentrali skont il-Konvenzjoni tal-1996

### Artikoli 29 sa 39

11.1 L-Awtoritajiet Ċentrali se jkollhom rwol importanti fl-operat prattiku tal-Konvenzjoni tal-1996. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni, li huma essenzjali għall-operat b'suċċess tal-Konvenzjoni (u, għalhekk, għall-ilħuq tal-għan tal-Konvenzjoni li tittejjeb il-protezzjoni tal-minuri f'sitwazzjonijiet internazzjonali), jiddependu mill-Awtoritajiet Ċentrali li jew jimplimentaw b'mod effettiv direttament, jew inkella jassistu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ta' atturi oħra tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant, Awtoritajiet Ċentrali kompetenti, kooperattivi u risponsivi huma fil-qalba ta' din il-Konvenzjoni.

11.2 Madankollu, għal dawk midħla tal-Awtoritajiet Ċentrali ddeżinjati skont il-Konvenzjoni tal-1980, jenħtieġ li jiġi osservat li l-funzjonijiet tal-Awtoritajiet Ċentrali skont il-Konvenzjoni tal-1996 għandhom enfasi differenti. Fil-Konvenzjoni tal-1996 hemm ferm inqas responsabbiltajiet għat-tnedija jew għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet meta mqabbla mal-obbligi mqiegħda fuq l-Awtoritajiet Ċentrali mill-Konvenzjoni tal-1980[348]. Minflok, waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-Awtoritajiet Ċentrali skont il-Konvenzjoni tal-1996 hi li tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Kontraenti rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, dawn jaqdu rwol importanti fit-trażmissjoni ta' talbiet u ta' informazzjoni lill-awtorità / lill-awtoritajiet kompetenti xierqa fl-Istat tagħhom, kif ukoll fit-trażmissjoni ta' talbiet u ta' informazzjoni lil Awtoritajiet Ċentrali oħra[349]. Barra minn hekk, kif diskuss iktar hawn taħt, hemm ukoll iktar possibbiltajiet skont il-Konvenzjoni tal-1996 biex ċerti funzjonijiet tal-Awtoritajiet Ċentrali jitwettqu permezz ta' korpi oħra[350]. Għaldaqstant, ir-rwol tal-Awtorità Ċentrali jista' jingħad li hu iktar flessibbli fil-Konvenzjoni tal-1996 milli fil-Konvenzjoni tal-1980 (xi ħaġa li hi spjegata mill-fatt li l-Konvenzjoni tal-1996 għandha kamp ta' applikazzjoni ferm usa' mill-Konvenzjoni tal-1980 u, għalhekk, potenzjalment tikkonċerna numru ferm ikbar ta' tfal[351]).

11.3 Madankollu, minkejja d-differenza fl-enfasi fir-rwoli tal-Awtoritajiet Ċentrali skont iż-żewġ Konvenzjonijiet, jenħtieġ li xorta waħda tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa lil jekk huwiex xieraq, fl-Istati li huma Partijiet għaż-żewġ Konvenzjonijiet, li jiġi ddeżinjat l-istess korp bħala l-Awtorità Ċentrali skont iż-żewġ Konvenzjonijiet (ir-raġunijiet għal dan huma diskussi iktar 'il quddiem fil-para. **11.6**).

---

348 Ara l-Artikoli 7 u 21 tal-Konvenzjoni tal-1980.

349 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 137, fejn jispjega li: "Il-Kummissjoni rrikorriet għall-istituzzjoni f'kull Stat Kontraenti ta' Awtorità Ċentrali li, b'ċertu mod, tkun il-punt fiss li jista' jiġi kkuntattjat mill-awtoritajiet ta' Stati Kontraenti oħra, li tista' twieġeb għat-talbiet tagħhom, iżda li fuqha fil-prinċipju ma jkun impost ebda obbligu li tieħu inizjattiva, ebda obbligu li tagħti informazzjoni jew li tikkoordina bil-quddiem it-teħid tal-miżuri (Artikoli 29 sa 32), ħlief f'każ wieħed (Art. 33)."

350 Eż., ara l-Art. 31 fejn id-dmirijiet jistgħu jitwettqu direttament mill-Awtorità Ċentrali, jew indirettament "permezz ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi oħra".

351 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 136, fejn jispjega li: "Il-Kummissjoni [...] rat il-benefiċċju [...] [ta'] Awtorità Ċentrali inkarigata b'din il-kooperazzjoni, iżda rat ukoll il-periklu ta' burokrazija żejda, li l-effett doppju tagħha jkun li tipparalizza l-protezzjoni tal-minuri u fuq kollox taqta' qalb l-Istati, li jkollhom iġarrbu l-piż, milli jirratifikaw il-Konvenzjoni futura. Dan il-periklu msemmi l-aħħar kien tabilħaqq iktar serju għaliex in-numru ta' minuri li l-protezzjoni tagħhom tkun assigurata mill-Konvenzjoni futura kien kompletament sproporzjonat għan-numru ta' minuri kkonċernati mill-Konvenzjonijiet dwar il-ħtif ta' minuri jew fuq l-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor."

## B. Deżinjazzjoni u l-istabbiliment ta' Awtorità Ċentrali
### Artikolu 29

11.4 L-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni jobbliga lill-Istati Kontraenti jiddeżinjaw Awtorità Ċentrali għall-qadi tad-dmirijiet li huma imposti mill-Konvenzjoni fuq it-tali awtoritajiet.

11.5 Jekk l-Istat Kontraenti hu (1) Stat federali, (2) Stat b'iktar minn sistema waħda tal-liġi, jew (3) Stat b'unitajiet territorjali awtonomi, l-Istat Kontraenti hu liberu li jaħtar iktar minn Awtorità Ċentrali waħda. F'dan ix-xenarju, l-Istat Kontraenti jrid jiddeżinja Awtorità Ċentrali waħda biex jirċievi komunikazzjonijiet minn barra l-pajjiż (għat-trażmissjoni suċċessiva lill-Awtorità Ċentrali xierqa fi ħdan dak l-Istat)[352].

11.6 Jekk l-Istat Kontraenti hu wkoll Parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni wkoll lil jekk l-Awtorità Ċentrali ddeżinjata skont il-Konvenzjoni tal-1996 jenħtieġx li tikkoindiċi mal-Awtorità Ċentrali diġà ddeżinjata skont il-Konvenzjoni tal-1980. L-esperjenzi miksuba mill-Awtorità Ċentrali bil-Konvenzjoni tal-1980 jistgħu jkunu ta' benefiċċju reali meta topera l-Konvenzjoni tal-1996. Barra minn hekk, każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri u / jew ta' aċċess / kuntatt internazzjonali spiss jinvolvu kwistjonijiet li jirriżultaw **kemm** mill-Konvenzjoni tal-1996 **kif ukoll** minn dik tal-1980. B'riżultat ta' dan, l-Awtoritajiet Ċentrali taż-żewġ Konvenzjonijiet spiss jaf ikollhom ikunu involuti fl-istess każ[353]. Jekk dawn iż-żewġ Awtoritajiet Ċentrali se jkunu korpi separati, tal-inqas jenħtieġ li jaħdmu f'kooperazzjoni msaħħa u jkunu kapaċi jikkomunikaw b'mod veloċi u effettiv.

11.7 Id-dettalji tal-Awtorità Ċentrali ddeżinjata (u, fejn Stat Kontraenti jiddeżinja iktar minn Awtorità Ċentrali waħda, id-deżinjazzjoni tal-Awtorità Ċentrali li se tirċievi komunikazzjonijiet minn barra) jridu jiġu kkomunikati lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat[354]. Din l-informazzjoni se titqiegħed għad-dispożizzjoni fuq is-sit web tal-Konferenza tal-Aja *< www.hcch.net >, taħt "Convention 34" u mbagħad "Authorities").

11.8 Il-Gwida għall-Prattika Tajba fil-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, Parti I - Il-Prattika tal-Awtorità Ċentrali*[355] fiha ħafna prinċipji u prattiki li huma rilevanti wkoll għall-Konvenzjoni tal-1996. B'mod partikolari, il-"prinċipji operazzjonali ewlenin" se jkunu japplikaw ukoll għall-Awtoritajiet Ċentrali ddeżinjati skont il-Konvenzjoni tal-1996:

- **Riżorsi u setgħat**
  L-Awtoritajiet Ċentrali jeħtiġilhom jingħataw biżżejjed setgħat, persunal ikkwalifikat u riżorsi materjali adegwati, inklużi mezzi ta' komunikazzjoni moderni, biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv.

- **Kooperazzjoni**
  Jenħtieġ li l-Awtoritajiet Ċentrali jikkooperaw b'mod effettiv ma' xulxin u anki ma' awtoritajiet oħra fi ħdan l-Istati Kontraenti tagħhom stess.

---

352 Ara l-Art. 29(2).
353 Barra minn hekk, b'riżultat tat-trikkib, jekk ikun hemm żewġ Awtoritajiet Ċentrali separati, it-tnejn irid ikollhom għarfien dwar iż-**żewġ** Konvenzjonijiet.
354 Art. 45(1).
355 Informazzjoni siewja dwar l-istabbiliment u l-operat tal-Awtoritajiet Ċentrali tista' tinstab fil-"Guide to Good Practice on Central Authority Practice" (Jordan Publishing, 2003). Disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" u mbagħad "Guides to Good Practice".

- **Komunikazzjoni**
  Jenħtieġ li l-Awtoritajiet Ċentrali jiżguraw li jistgħu jiġu kkuntattjati faċilment, billi jiżguraw li d-dettalji ta' kuntatt tagħhom ikunu aġġornati, li l-komunikazzjoni hi ċara u effettiva, li l-komunikazzjonijiet minn Awtoritajiet Ċentrali oħra jew minn korpi oħra huma mwieġba minnufih u li jintużaw mezzi ta' komunikazzjoni rapidi meta dawn ikunu disponibbli.

- **Konsistenza**
  Jenħtieġ li l-Awtoritajiet Ċentrali japplikaw approċċ konsistenti meta jindirizzaw talbiet u / jew applikazzjonijiet.

- **Proċeduri mħaffa**
  Għad li l-azzjoni mħaffa hi ta' importanza partikolari skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri, kull meta l-protezzjoni ta' minuri tkun ikkonċernata, jenħtieġ li l-Awtoritajiet Ċentrali dejjem ifittxu li jwieġbu l-applikazzjonijiet u jaġixxu fuqhom b'mod puntwali[356].

- **Trasparenza**
  Meta l-Awtoritajiet Ċentrali jkunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni b'rabta mal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni, jenħtieġ li din l-informazzjoni tiġi pprovduta f'forma ċara u li tinftiehem faċilment, għall-benefiċċju tal-partijiet interessati inklużi Awtoritajiet Ċentrali u qrati oħra. Jenħtieġ li l-Awtoritajiet Ċentrali jkunu trasparenti f'termini tal-proċeduri amministrattivi li jużaw skont il-Konvenzjoni. Dan jeħtieġ li l-partijiet interessati jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni dwar it-tali proċeduri.

- **Implimentazzjoni progressiva**
  Jenħtieġ li l-Awtoritajiet Ċentrali jirrieżaminaw u jirrevedu l-proċeduri tagħhom biex itejbu l-operat tal-Konvenzjoni huma u jiksbu iktar esperjenza prattika bil-Konvenzjoni u iktar informazzjoni dwar il-prattiki f'pajjiżi oħra.

11.9 Jenħtieġ li jiġi osservat li l-Istati Kontraenti jistgħu jidħlu fi ftehimiet ma' Stat Kontraenti wieħed ieħor jew iktar bl-għan li jtejbu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-Konvenzjoni (Kapitolu V) bejniethom. L-Istati Kontraenti li kkonkludew tali ftehim iridu jibagħtu kopja lid-depożitarju tal-Konvenzjoni[357].

## C. X'assistenza trid tipprovdi Awtorità Ċentrali?

### Artikoli 30 u 31

11.10 L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom żewġ dmirijiet skont il-Konvenzjoni li ma jistgħux jitwettqu permezz ta' korpi oħra:

356 Ara l-Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Kuntatt Transfruntier (*op. cit.* nota 216), fil-para. 5.2, li tirrikonoxxi d-distinzjoni bejn applikazzjoni għal ritorn u għal kuntatt f'dan ir-rigward, iżda li tikkonferma wkoll l-importanza tal-veloċità f'każijiet ta' kuntatt, b'mod partikolari meta l-filjazzjoni tkun interrotta u speċjalment f'każ internazzjonali li fih il-bixra internazzjonali tista' tiġġustifika t-trattament tiegħu b'mod iktar veloċi: "Minħabba d-distanzi u l-ispejjeż addizzjonal li jistgħu jkunu involuti fl-eżerċizzju tal-kuntatt b'mod transfruntier, l-assienza ta' rikors veloċi għal tribunal kultant tista' tirriżulta f'inġustizzja u fi spejjeż serji għall-ġenitur tal-kuntatt."

357 Art. 39.

- li jikkoperaw flimkien u jippromwovu l-koperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti[358] fl-Istati tagħhom sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-Konvenzjoni[359];
  **u**
- b'rabta mal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni, li tieħu passi xierqa biex jipprovdu informazzjoni dwar il-liġijiet tal-Istati tagħhom u s-servizzi disponibbli fihom b'rabta mal-protezzjoni ta' minuri[360].

11.11 L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni jagħti dmirijiet speċifiċi ulterjuri lill-Awtoritajiet Ċentrali. F'konformità ma' din id-dispożizzjoni, l-Awtoritajiet Ċentrali jridu, **b'mod dirett jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi oħra**, jieħdu l-passi xierqa kollha biex:

- jiffaċilitaw il-komunikazzjonijiet u joffru l-assistenza prevista fl-Artikoli 8 u 9 tal-Konvenzjoni (dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni[361]) u fil-Kapitolu V (id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni)[362];
- jiffaċilitaw, b'medjazzjoni, b'konċiljazzjoni jew b'mezzi simili, soluzzjonijiet maqbula għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri f'sitwazzjonijiet li fihom tapplika l-Konvenzjoni[363];
- jipprovdu assistenza, fuq it-talba ta' awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti ieħor, fis-sejbien ta' fejn jinsab minuri meta jkun jidher li l-minuri jista' jkun preżenti u fil-bżonn ta' protezzjoni fi ħdan it-territorju tal-Istat rikjest[364].

Dawn il-kompiti partikolari jistgħu jitwettqu direttament mill-Awtorità Ċentrali, jew indirettament "permezz tal-awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi oħra"[365]. It-test tal-Konvenzjoni apposta ma fih ebda lingwaġġ kwalifikattiv dwar l-identità tal-awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi oħra li jistgħu jwettqu dawn il-kompiti[366]. Dan għaliex dawk li abbozzawha qiesu li f'qasam tant wiesa' bħal dak tal-protezzjoni internazzjonali tat-tfal, ma jkunx xieraq li jiġi llimitat għalxejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-korpi li jistgħu jkunu kapaċi jipprovdu assistenza[367]. Madankollu, hekk kif jindika r-Rapport ta' Spjegazzjoni, rifjut ta' kriterju ta' kwalifikazzjoni (eż. akkreditament) ma jeskludix il-possibbiltà li l-Awtoritajiet Ċentrali jkollhom rikors għal korpi ta' kompetenza mhux ikkontestata fil-qasam, bħas-Servizz Soċjali Internazzjonali[368].

**<u>Eżempju 11 (A)</u>** *It-tfal jgħixu fl-Istat Kontraenti A ma' ommhom. Missierhom, li jirresjedi fl-Istat Kontraenti B, jixtieq ikollu kuntatt mat-tfal. L-omm ma taċċettax li jsir kuntatt għaliex hi mħassba li jekk it-tfal ikollhom kuntatt ma' missierhom, hu ma jkunx se jirrispetta xi ftehim u jaf ma jirritornahomlhiex wara l-kuntatt. Il-missier, filwaqt li ma jaqbilx li l-omm għandha xi bażi razzjonali*

358 Mhi pprovduta ebda definizzjoni fil-Konvenzjoni ta' x'jikkostitwixxi "awtorità kompetenti". Madankollu, hu ċar li hi l-awtorità li, skont il-liġi tal-Istat Kontraenti partikolari, għandha kompetenza biex tieħu l-azzjoni meħtieġa mill-Konvenzjoni.

359 Art. 30(1). Din id-dispożizzjoni ġenerali u li tkopri kollox tipprovdi lill-Awtoritajiet Ċentrali b'bażi għall-kooperazzjoni kull meta l-operazzjoni tkun se "tilħaq l-għanijiet tal-Konvenzjoni". Għaldaqstant, tista' titħaddem meta ma tkun tapplika ebda dispożizzjoni speċifika tal-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni.

360 Art. 30(2). Ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 139.

361 Ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 5**.

362 Art. 31 *a)*.

363 Art. 31 *b)*.

364 Art. 31 *c)*. Din id-dispożizzjoni "għandha tiffaċilita l-lokalizzazzjoni tal-minuri maħtufa, dawk li jaħarbu jew, b'mod ġenerali, tat-tfal li jinsabu f'diffikultà": ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 141. Ara wkoll iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.61-13.64**.

365 Qabbel it-test iktar strett tal-Art. 7 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri.

366 Jiġifieri m'hemm ebda rekwiżit għall-Awtoritajiet Ċentrali biex jiddelegaw kompiti biss lil "korpi akkreditati kif xieraq", bħalma hemm fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor (Art. 9 tal-Konvenzjoni tal-1993).

367 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 140.

368 *Ibid.*

*għall-biżgħat tagħha, jixtieq isib soluzzjoni maqbula. Għaldaqstant, jikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti B*[369] *biex jikseb informazzjoni dwar il-liġi rigward il-kuntatt fl-Istat Kontraenti A u, b'mod partikolari, dwar il-miżuri li jista' jimplimenta fl-Istat Kontraenti biex itaffi l-bizgħat tal-omm. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti B tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A biex tikseb informazzjoni rigward il-liġi ta' dak l-Istat. Iż-żewġ Awtoritajiet Ċentrali jipprovdu informazzjoni ġenerali ta' għajnuna fuq dawn il-kwistjonijiet li l-Awtorità Ċentrali tal-Istati Kontraenti B tikkomunika lill-missier*[370]*. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A tissuġġerixxi wkoll il-medjazzjoni bħala mod possibbli kif tipproċedi l-familja u tiddikjara li hi kapaċi tiffaċilitaha fl-Istat Kontraenti A.*

**Eżempju 11 (B)** *Tifel ta' 14-il sena jaħrab mid-dar fl-Istat Kontraenti A wara li jbati minn episodju partikolarment akut ta' bullying l-iskola. L-omm tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A tassew imħassba għall-benesseri tiegħu. Hi tiddikjara li qed taħseb li jista' jkun li qed jipprova jivvjaġġa għand ħabib fl-Istat Kontraenti B iżda l-ħabib irrapporta li hu ma wasalx u li ma jafx fejn jinsab. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A, minbarra li twettaq l-inkjesti tagħha stess biex tiddetermina jekk it-tifel għadux fl-Istat tagħha, jenħtieġ li tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti B li mbagħad issir obbligata tipprovdi assistenza (b'mod dirett jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi oħra) fis-sejbien ta' fejn jinsab it-tifel*[371]*. Ladarba t-tifel jinstab, l-Awtoritajiet Ċentrali (u l-awtoritajiet l-oħra involuti) jikkomunikaw biex jiddiskutu l-mod xieraq ta' kif għandhom jipproċedu fl-aħjar interessi tat-tifel (inkluż jekk hemmx bżonn li l-Istat Kontraenti B jieħu l-miżuri neċessarji skont l-Artikolu 11 jew jekk l-Istat Kontraenti A jistax jieħu l-miżuri neċessarji minnufih biex jirritorna lit-tifel għand ommu biex tindokrah kif ukoll jibda jinvestiga s-sitwazzjoni fl-iskola tiegħu u jieħu l-miżuri neċessarji f'dak ir-rigward).*

## D. Sitwazzjonijiet li fihom hu obbligatorju li l-awtoritajiet[372] jikkooperaw / jikkomunikaw

11.12 F'żewġ sitwazzjonijiet speċifiċi stipulati fil-Konvenzjoni, jinxteħet **obbligu** ta' kooperazzjoni / komunikazzjoni fuq l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti. Jenħtieġ li jiġi osservat li dawn l-obbligi mhumiex mixħuta b'mod speċifiku fuq l-Awtoritajiet Ċentrali, iżda fuq l-awtoritajiet partikolari li jixtiequ jieħdu, jew li ħadu (fil-każ tal-Art. 36), ċerta miżura għall-protezzjoni skont il-Konvenzjoni[373]. Madankollu, hu antiċipat li l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni meħtieġa minn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jsiru permezz, jew bl-assistenza, tal-Awtorità / Awtoritajiet Ċentrali rilevanti[374].

---

369 M'hemm ebda rekwiżit biex il-missier jidħol f'kuntatt mal-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti fejn jirresjedi u hu huwa liberu li jikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A direttament għal informazzjoni jekk jixtieq jagħmel dan.

370 B'rabta mal-miżuri preventivi li jistgħu jiġu implimentati f'dan il-każ biex jittaffew il-biżgħat tal-omm u jiġi evitat milli sseħħ tneħħija / żamma illegali, ara l-*Guide to Good Practice under the Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction, Part III – Preventive Measures* (Jordan Publishing, 2003), disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" imbagħad "Guides to Good Practice".

371 Art. 31 *c)*.

372 Dan it-titolu apposta ma jirreferix għall-Awtoritajiet Ċentrali - ara iktar 'il quddiem il-para. **11.12**.

373 Fl-Art. 33, il-Konvenzjoni tirreferi għall-"awtorità li għandha ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10" u fl-Art. 36 tirreferi għall-"awtoritajiet kompetenti" tal-Istat Kontraenti rilevanti. Għalhekk, fiż-żewġ każijiet, ir-referenza hi għall-awtorità li tqis jekk tiħux (jew l-awtorità li diġà ħadet, fil-każ tal-Art. 36) miżura għall-protezzjoni fir-rigward tal-minuri.

374 B'mod partikolari, l-Art. 33 isemmi b'mod speċifiku li l-konsultazzjoni għandha tkun mal-"Awtorità Ċentrali jew ma' awtorità kompetenti oħra" tal-Istat Kontraenti rikjest.

### (a) *Meta awtorità tkun qed tikkontempla t-tqegħid ta' minuri barra l-pajjiż*[375]
### Artikolu 33

11.13 L-Artikolu 33 jistitwixxi proċedura għall-konsultazzjoni obbligatorja meta awtorità b'ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 tal-Konvenzjoni tkun qed tikkontempla t-tqegħid ta' minuri ma' familja tar-rispett jew f'kustodja istituzzjonali, jew il-forniment tal-indokrar mill-*kafala* jew minn istituzzjoni analoga, meta t-tali tqegħid jew forniment tal-indokrar ikun se jseħħ fi Stat Kontraenti ieħor.[376]

11.14 F'dan ix-xenarju, l-awtorità li tkun qed tikkunsidra t-tqegħid / il-forniment tal-indokrar l-ewwel trid tikkonsulta mal-Awtorità Ċentrali jew ma' awtorità kompetenti oħra tal-Istat Kontraenti l-ieħor. Trid tibgħat:

- rapport dwar il-minuri; flimkien ma'
- ir-raġunijiet għall-proposta ta' tqegħid jew ta' forniment tal-indokrar[377].

11.15 Kull Stat Kontraenti jista'[378] jiddeżinja l-awtorità li lilha jenħtieġ li jiġu indirizzati t-talbiet skont l-Artikolu 33[379]. Jekk issir kwalunkwe deżinjazzjoni bħal din, din trid tiġi kkomunikata lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat. L-Uffiċċju Permanenti jagħmel din l-informazzjoni disponibbli fit-taqsima rilevanti fuq is-sit web tiegħu (< www.hcch.net >, taħt "Convention 34" imbagħad "Authorities"). Jekk ma ssir ebda deżinjazzjoni bħal din, il-komunikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Kontraenti rilevanti.

11.16 Id-deċiżjoni li l-minuri jitqiegħed fl-Istat Kontraenti l-ieħor **ma tistax** tittieħed sakemm l-Awtorità Ċentrali jew awtorità kompetenti oħra mill-Istat Kontraenti l-ieħor ma tkunx tat kunsens għat-tqegħid jew għall-forniment tal-indokrar, b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri[380].

11.17 Jekk din il-proċedura ma tiġix segwita, il-miżura tista' ma tiġix rikonoxxuta skont il-Konvenzjoni[381].

---

375 Ara wkoll iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.31-13.42**.

376 Għal diskussjoni dwar liema miżuri għall-protezzjoni jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Art. 33, ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.31-13.42**.

377 Art. 33(1).

378 Din id-deżinjazzjoni mhix obbligatorja, iżda tista' tiffaċilita komunikazzjoni effiċjenti. F'dan ir-rigward ara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Health Services Executive* vs *S.C., A.C.* (Kawża C-92/12 tas-26 ta' April 2012) meta l-qorti ddikjarat (fil-punt 82), b'rabta mal-Art. 56 tar-Regolament Brussell II a, li: "Għaldaqstant, l-Istati Membri huma meħtieġa jipprevedu regoli u proċeduri ċari għall-finijiet tal-kunsens imsemmi fl-Artikolu 56 tar-Regolament, b'tali mod li jiżguraw iċ-ċertezza legali u l-ħeffa. B'mod partikolari, il-proċeduri għandhom jippermettu lill-qorti li tkun qiegħda tikkunsidra t-tqegħid tidentifika faċilment l-awtorità kompetenti u lill-awtorità kompetenti tagħti jew tirrifjuta l-kunsens tagħha fi żmien qasir."

379 Art. 44. F'*Health Services Executive* vs *S.C., A.C.* (Kawża C-92/12 tas-26 ta' April 2012) il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li, għall-finijiet tar-Regolament Brussell II a, din trid tkun "awtorità kompetenti, li taqa' taħt id-dritt pubbliku" (deċiżjoni, punt 2). Fuq l-istess nota, l-użu ta' "awtorità kompetenti" fil-Konvenzjoni tal-1996 jimplika awtorità pubblika.

380 Art. 33(2).

381 Art. 23(2) *f)* u ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 10** dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-miżuri għall-protezzjoni.

### *(b) Forniment ta' informazzjoni meta minuri jkun f'periklu serju u jbiddel ir-residenza / il-preżenza*
### Artikolu 36

11.18 Fi kwalunkwe każ li fih il-minuri jkun espost għal periklu serju, l-awtortajiet kompetenti tal-Istat Kontraenti fejn ittieħdu jew qed jiġu kkunsidrati l-miżuri għall-protezzjoni tal-minuri, jekk ikunu informati li r-residenza tal-minuri nbidlet għal Stat ieħor, jew li l-minuri hu preżenti fi Stat ieħor, għandhom jinformaw lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat l-ieħor dwar il-periklu involut u dwar il-miżuri meħuda jew ikkunsidrati[382].

11.19 Jenħtieġ li jingħad li dan l-obbligu jestendi għal każ li fih il-minuri jkun sar resident jew ikun preżenti fi Stat **mhux Kontraenti**.

11.20 Ikun f'idejn l-awtoritajiet rilevanti li jiddeterminaw jekk, fil-każ partikolari, il-minuri kkonċernat huwiex "espost għal periklu serju". Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jelenka l-eżempji possibbli li ġejjin: meta l-minuri jkollu marda li teħtieġ it-trattament kostanti jew meta l-minuri jkun espost għal drogi jew għal influwenza perikoluża bħal setta[383]. Eżempji oħra jistgħu jkunu: meta l-persuna li tindokra lill-minuri kienet taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet fl-ewwel Stat Kontraenti minħabba allegazzjonijiet ta' negliġenza jew abbuż, jew meta l-minuri jkun minorenni mhux akkumpanjat[384].

11.21 Meta l-awtoritajiet rilevanti ma jkunux ċerti dwar fejn jinsab il-minuri iżda **jissuspettaw** li l-minuri sar resident jew mar fi Stat **Kontraenti** ieħor, l-Artikolu 31 *c)* jista' jintuża[385] biex jiġi żgurat fejn jinsab il-minuri sabiex l-informazzjoni mbagħad tkun tista' tiġi pprovduta lill-Istat rilevanti f'konformità mal-Artikolu 36.

11.22 Madankollu, irid jiġi osservat li jekk it-trażmissjoni tat-tali informazzjoni jkollha probabililtà, fil-fehma tal-awtorità involuta, li tixħet lill-persuna jew il-beni tal-minuri f'periklu jew tikkostitwixxi theddida serja għal-libertà jew għall-ħajja ta' membru tal-familja tal-minuri, l-awtorità ma tistax tibgħat it-trali informazzjoni[386].

**<u>Eżempju 11 (C)</u>**

*It-tfal huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A. Il-ġenituri tagħhom jinqatlu f'aċċident. It-tfal m'għandhomx membri tal-familja fl-Istat Kontraenti A, iżda zithom u zijuhom fl-Istat Kontraenti B huma lesti li jsiru ġenituri tar-rispett għat-tfal. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jaċċettaw dan is-suġġeriment. F'konformità mal-Artikolu 33, dawn jikkuntattjaw lill-Awtorità Ċentrali, jew lil awtorità oħra, tal-Istat Kontraenti B u jibgħatulhom rapport dwar it-tfal u r-raġunijiet għall-pjan propost rigward l-indokrar. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B jikkunsidraw il-pjan propost u jikkonkludu li z-zija u -ziju huma f'pożizzjoni li jindokraw lit-tfal u li din l-azzjoni tkun fl-aħjar interessi tat-tfal. Jikkuntattjaw lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A biex dawn jagħtu l-kunsens tagħhom għall-pjan propost rigward l-indokrar tat-tfal. Imbagħad, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jagħmlu l-ordni ta' tqegħid tat-tfal taħt ir-responsabbiltà taz-zija u taz-ziju tagħhom. Din l-ordni tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti B.*

---

382 Art. 36.
383 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 150.
384 Ara wkoll iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.61-13.64**.
385 Ara iktar 'il quddiem il-para. **11.11**.
386 Art. 37.

**Eżempju 11 (D)**

*Omm mhux miżżewġa resident abitwali fl-Istat Kontraenti A (iżda ċittadin tal-Istat Kontraenti B) ikollha tifel. Il-missier ma jridx ikollu x'jaqsam mat-tifel. L-omm tħossha għadha żgħira wisq biex trabbi t-tifel. Għandha oħta l-kbira fl-Istat Kontraenti B li hi miżżewġa u li lesta li tieħu ħsieb lit-tifel mar-raġel tagħha permezz tal-*kafala. *F'konformità mal-Artikolu 33, l-Istat Kontraenti A jikkonsulta mal-Awtorità Ċentrali jew ma' awtorità kompetenti oħra fl-Istat Kontraenti B u jissottometti rapport dwar it-tifel flimkien mar-raġunijiet għall-forniment propost tal-indokrar. L-Istat Kontraenti B jikkunsidra r-rapport, jinvestiga s-sitwazzjoni tal-oħt u tar-raġel tagħha u jagħti kunsens għall-pjan propost, b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel. Għalhekk, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jistgħu jipproċedu biex jagħmlu l-ordni li tipprovdi li t-tifel jitqiegħed mal-oħt il-kbira u mar-raġel tagħha skont* kafala. *Din l-ordni tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti B.*

**Eżempju 11 (E)**

*Familja tgħix fl-Istat Kontraenti A. L-awtoritajiet pubbliċi jiġu informati mill-iskola li jattendu fiha t-tfal li t-tfal spiss jaslu l-iskola maħmuġin, ferm għajjenin u bi tbenġil fuq dirgħajhom u fuq riġlejhom. Il-ġenituri jiddikjaraw li t-tfal huma mqarbin, ma jkunux iridu jinħaslu jew imorru jorqdu u li t-tbenġil ġej minn "logħob tal-idejn". L-awtoritajiet iwettqu investigazzjoni preliminari fil-familja u jiddeterminaw li m'hemm ebda bżonn li tittieħed miżura urġenti għall-protezzjoni. Madankollu, huma jixtiequ jkomplu jissorveljaw mill-qrib il-familja u ma jeliminawx il-possibbiltà ta' intervent ulterjuri fil-ġejjieni, jekk jinqala' l-bżonn. Il-ġenituri jsiru ferm imħassba li t-tfal tagħhom ikunu se jittiħdulhom minn taħt idejhom. Għalhekk, il-ġenituri jiddeċiedu li jaħarbu fl-Istat Kontraenti ġar B, fejn għandhom xi qraba. L-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Kontraenti A jiskopru li l-familja ħarbet u li l-ġenituri jaf iddeċidew li jmorru joqogħdu għand il-qraba fl-Istat Kontraenti B. Għalhekk, l-Awtorità Ċentrali tal-Istati Kontraenti A tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti B u titlob l-assistenza fis-sejbien ta' fejn jinsabu t-tfal*[387]*. Bl-għajnuna tal-Awtorità Ċentrali tal-Istati Kontraenti B, il-famlija tinstab f'dan l-Istat. L-Awtorità Ċentrali tal-Istati Kontraenti A tiġi informata mill-awtortajiet kompetenti fl-Istat tagħha li huma qed jikkunsidraw li t-tfal jistgħu jkunu esposti għal periklu serju minħabba tħassib rigward l-indokrar min-naħa tal-ġenituri u minħabba l-fatt li t-tfal issa jinsabu f'sitwazzjoni mingħajr monitoraġġ. B'riżultat ta' dan, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Kontraenti A tqis lilha nfisha obbligata li tinforma lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Kontraenti B dwar il-każ,*[388] *dwar il-periklu involut għat-tfal, u dwar il-miżuri li kienu qed jiġu kkunsidrati fl-Istat Kontraenti A*[389]*. B'riżultat ta' din l-informazzjoni, l-awtoritajiet rilevanti fl-Istat Kontraenti B jiddeċiedu li l-każ hu wieħed ta' urġenza u li, skont l-Artikolu 11, jenħtieġ li huma jkomplu bil-monitoraġġ mill-qrib li l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A kellhom fil-proċess biex jivvalutaw jekk jeħtieġx li tittieħed b'urġenza xi miżura għall-protezzjoni neċessarja ulterjuri fir-rigward tat-tfal. Sadanittant, l-Istat Kontraenti A jiddetermina li, bħalissa, it-tfal għadhom residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A u li, għalhekk, hu għad għandu ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 5 biex jieħu miżuri għall-protezzjoni li jikkonċernaw lit-tfal. Fid-dawl tat-tħassib preċedenti tagħha rigward it-tfal u tal-azzjonijiet sussegwenti tal-ġenituri, l-awtorità kompetenti tordna li t-tfal jeħtiġilhom jiġu rritornati fl-Istat Kontraenti A minnufih taħt il-kustodja temporanja tal-awtoritajiet tal-Istat sakemm issir investigazzjoni sħiħa taċ-ċirkustanzi tat-tfal. Miżura bħal din tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt u tista' tiġi eżegwita fl-Istat Kontraenti B (u għalhekk il-miżura tal-Istat Kontraenti B tiskadi – Art. 11(2)).*

---

387 Art. 31 *c)*.

388 Art. 36.

389 L-Awtorità Ċentrali, qabel ma tibgħat l-informazzjoni, se jkollha bżonn tiżgura li l-Art. 37 mhuwiex applikabbli fil-każ u li t-trażmissjoni tal-informazzjoni aktarx li mhuwiex se jixħet lill-persuna jew lill-beni tal-minuri f'periklu, jew tikkostitwixxi theddida serja għal-libertà jew għall-ħajja ta' membru tal-familja tal-minuri.

**Eżempju 11 (F)** *Tlett itfal huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A ma' ommhom, li tbati minn dipendenza fuq id-droga u fuq l-alkoħol. Dan l-aħħar il-kundizzjoni tagħha qalbet għall-agħar u l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jagħmlu ordni għat-tneħħija tat-tfal mill-indokrar tal-omm u biex dawn jitqiegħdu taħt foster care peress li ma jemmnux li hi tinsab f'pożizzjoni li tista' tieħu ħsiebhom b'mod sikur bħalissa. L-omm taħtaf lit-tfal mill-foster carer. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jiġu mgħarrfa li t-tfal ittieħdu mill-omm fl-Istat Kontraenti B. Skont l-Artikolu 31 c), huma jitolbu l-assistenza tal-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti B biex jinstab fejn jinsabu t-tfal. Ladarba t-tfal jinstabu f'dak l-Istat, skont l-Artikolu 36, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jkunu meħtieġa jinformaw lill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B dwar il-periklu involut għat-tfal u dwar il-miżuri li ttieħdu rigward it-tfal*[390]*. Imbagħad, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B ikunu jistgħu jaġixxu fuq din l-informazzjoni u jiżguraw is-sikurezza immedjata tat-tfal*[391].

*Peress li l-ordni magħmula fl-Istat Kontraenti A se tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt u hi eżegwibbli fl-Istat Kontraenti B,*[392] *imbagħad l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A ser ikollhom bżonn jikkunsidraw jekk jixtiqux ifittxu l-infurzar tal-miżura biex jiżguraw li t-tfal jiġu rritornati għand il-foster carer fl-Istat Kontraenti A. Madankollu, jenħtieġ li jingħad ukoll li jekk l-ordni ta' tqegħid tat-tfal f'foster care tat lill-awtoritajiet pubbliċi drittijiet ta' kustodja fir-rigward tat-tfal skont il-liġi tal-Istat Kontraenti A* ***u*** *kemm l-Istat Kontraenti A kif ukoll B huma wkoll Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1980, f'dan il-każ l-Istat Kontraenti A jista' jħaddem il-Konvenzjoni tal-1980 biex ifittex ir-ritorn tat-tfal f'dak l-Istat. Il-kwistjoni ta' liema proċedura tintuża f'din is-sitwazzjoni se tkun f'idejn l-Istat Kontraenti A. (L-Istat Kontraenti A jista' jikkunsidra l-aċċertament tal-informazzjoni mingħand l-Awtorità Ċentrali tal-Istati Kontraenti B*[393] *fir-rigward ta' liema proċedura se tkun l-iktar veloċi u kosteffikaċi u, għalhekk, tippromwovi l-aħjar interessi tat-tfal.)*

## E. Każijiet speċifiċi ta' kooperazzjoni

11.23 Minbarra l-obbligi stipulati fit-**taqsimiet Ċ u D** iktar 'il fuq, huma stabbiliti każijiet speċifiċi fil-Konvenzjoni li fihom hi prevista l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet[394] (u jistgħu jitqiesu bħala prattika tajba), iżda din mhijiex obbligatorja. Il-fatt li dawn il-każijiet speċifiċi huma stabbiliti fil-Konvenzjoni ma jipprevjenix il-kooperazzjoni f'ċirkustanzi oħra[395].

### *(a) Talba lil Stat Kontraenti ieħor biex jipprovdi rapport dwar is-sitwazzjoni ta' minuri, jew biex jieħu miżuri għall-protezzjoni fir-rigward ta' minuri*
**Artikolu 32**

11.24 Fuq talba b'raġunijiet li jsostnuha minn Awtorità Ċentrali jew minn awtorità kompetenti oħra ta' Stat Kontraenti li minuri jkollu rabta sostanzjali miegħu, l-

---

390 Jenħtieġ li jingħad li, skont l-Art. 37, l-awtoritajiet iridu jastjenu milli jittrażmettu kwalunkwe informazzjoni jekk din l-informazzjoni aktarx li tixħet lill-persuna jew lill-beni tal-minuri f'periklu, jew tikkostitwixxi theddida serja għal-libertà jew għall-ħajja ta' membru tal-familja tal-minuri.

391 Dan isir bl-applikazzjoni tal-Art. 11.

392 Ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 10** dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-miżuri kif ukoll il-**Kapitolu 8** dwar il-kontinwazzjoni tal-miżuri.

393 Art. 30(2).

394 Bħal fit-**taqsima Ċ** iktar 'il fuq, dawn il-każijiet ta' kooperazzjoni mhumiex limitati għall-azzjoni tal-Awtorità Ċentrali. Madankollu, hu previst li t-tali kooperazzjoni tista' sseħħ permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali, jew bl-assistenza tagħhom. Tabilħaqq, l-Art. 34(2) jippermetti lil Stat Kontraenti jiddikjara li t-talbiet skont l-Art. 34(1) għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet tiegħu **biss permezz tal-Awtorità Ċentrali tiegħu** (ara wkoll iktar 'il quddiem il-paragrafi **11.25-11.26**).

395 Ara d-dmir ġenerali ta' kooperazzjoni mixħut fuq l-Awtoritajiet Ċentrali - Art. 30, diskuss iktar 'il fuq fit-**taqsima A**.

Awtorità Ċentrali tal-Istat li fih il-minuri jkun resident abitwali u preżenti tista', direttament jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi oħra, twettaq il-kompiti li ġejjin:

- tipprovdi rapport dwar is-sitwazzjoni tal-minuri[396];
- titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat tagħha biex tqis il-ħtieġa li tieħu miżuri biex tipproteġi lill-persuna jew lill-beni tal-minuri[397].

Jenħtieġ li jiġu osservati l-punti li ġejjin:

- It-talba trid tkun saret minn Awtorità Ċentrali jew minn awtorità kompetenti oħra ta' Stat Kontraenti li għandu "konnessjoni sostanzjali" mal-minuri kkonċernat. Ara l-**Kapitolu 13** għal kummenti dwar it-terminu "konnessjoni sostanzjali".
- It-talba trid issir b'raġunijiet li jsostnuha (jiġifieri jenħtieġ li t-talba jkun fiha dettalji dwar ir-raġunijiet għaliex qiegħda ssir u għaliex inħasset neċessarja għall-protezzjoni tal-minuri kkonċernat).
- It-talba trid issir lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti li fih il-minuri hu resident abitwali u preżenti.
- L-Awtorità Ċentrali tista' twettaq il-kompitu mitlub jew tista' tiddelegah lil awtorità pubblika jew lil korp ieħor.
- Din id-dispożizzjoni "**tawtorizza** lill-Awtorità Ċentrali mitluba twieġeb għal talba bħal din, b'mod dirett jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi oħra, iżda ma **tobbligahiex** tagħmel dan"[398].

### *(b) Talba għal informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni ta' minuri meta jiġi kkontemplat it-teħid ta' miżura għall-protezzjoni*
**Artikolu 34**

11.25 Jekk awtorità kompetenti qed tikkontempla li tieħu miżura għall-protezzjoni u hi tqis li s-sitwazzjoni tal-minuri teħtieġ hekk, tista' titlob lil kwalunkwe awtorità ta' Stat Kontraenti ieħor li jkollha informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni tal-minuri biex tikkomunika t-tali informazzjoni.

11.26 Stat Kontraenti jista' jiddikjara li t-tali talbiet għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet tiegħu permezz tal-Awtorità Ċentrali tiegħu biss.

Jenħtieġ li jiġu osservati l-punti li ġejjin:

- Din it-talba għal informazzjoni tista' ssir biss jekk l-awtorità kompetenti:
  - qed tikkontempla li tieħu miżura għall-protezzjoni fir-rigward tal-minuri;
    u
  - tqis li s-sitwazzjoni tal-minuri teħtieġ li ssir it-talba.

  Issa se jkun f'idejn l-awtorità rikjedenti li tikkunsidra l-kundizzjoni msemmija l-aħħar u, fir-raġunijiet tagħha b'appoġġ tat-talba, turi li din il-kundizzjoni hi ssodisfata.
- L-awtorità kompetenti tista' tagħmel it-talba lil kwalunkwe Stat Kontraenti ieħor li jkollu informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni tal-minuri.

---

396 Art. 32 *a)*.

397 Art. 32 *b)*. L-awtortajiet kompetenti tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri jistgħu jikkunsidraw ukoll bħala xieraq trasferiment tal-ġurisdizzjoni skont l-Art. 8 tal-Konvenzjoni, speċjalment jekk il-minuri ma jkunx preżenti fit-territorju tal-Istat l-ieħor ikkonċernat. Ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 5**.

398 Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 142 (enfasi miżjuda).

- It-talba tista' ssir lil kwalunkwe awtorità ta' dak l-Istat Kontraenti. L-awtoritajiet previsti hawnhekk huma "awtoritajiet pubbliċi"[399]. Madankollu, dan hu soġġett għall-Artikolu 34(2) li jiddikjara li Stat Kontraenti jista' jiddikjara li t-tali talbiet għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet tiegħu **permezz tal-Awtorità Ċentrali tiegħu biss**. Jenħtieġ li dikjarazzjoni bħal din issir lid-depożitarju tal-Konvenzjoni[400]. Id-depożitarju jinnotifika lill-Istati dwar it-tali dikjarazzjoni[401]. L-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat jiżgura li t-tali informazzjoni tittella' fuq is-sit web tagħha (< www.hcch.net >, taħt "Convention 34" imbagħad "Authorities").
- Jenħtieġ li l-aħjar interessi tal-minuri jservu bħala gwida b'rabta ma' din id-dispożizzjoni kemm għall-awtorità rikjedenti (li xorta waħda tista' tagħmel it-talba biss jekk is-sitwazzjoni tal-minuri teħtieġha), u għall-awtorità rikjesta[402].
- L-awtorità rikjesta qatt ma tkun marbuta tipprovdi l-informazzjoni mitluba, anki jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet biex issir it-talba. Hi għandha s-setgħa diskrezzjonali tagħha stess[403].
- Jekk it-trażmissjoni tal-informazzjoni jkollha probabililtà, fil-fehma tal-awtorità involuta, li tixħet lill-persuna jew il-beni tal-minuri f'periklu jew tikkostitwixxi theddida serja għal-libertà jew għall-ħajja ta' membru tal-familja tal-minuri, l-awtorità ma tistax titlob jew tibgħat it-trali informazzjoni[404].
- Barra minn hekk, l-awtoritajiet ikkonċernati jridu jirrispettaw ir-regoli ġenerali applikabbli għall-informazzjoni miġbura jew mibgħuta prevista fl-Artikoli 41 u 42 tal-Konvenzjoni[405].

### *(c) Talba għall-assistenza fl-implimentazzjoni tal-miżuri għall-protezzjoni barra l-pajjiż*
**Artikolu 35(1)**

11.27 Meta jittieħdu miżuri għall-protezzjoni skont il-Konvenzjoni, l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor jassistu fl-implimentazzjoni tal-miżuri.

11.28 Dan japplika b'mod partikolari biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess, kif ukoll id-dritt għaż-żamma ta' kuntatti diretti fuq bażi regolari.

Jenħtieġ li jiġu osservati l-punti li ġejjin:

- L-Artikolu 35(1) jipprovdi għal assistenza reċiproka bejn l-awtortajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti għall-implimentazzjoni tal-miżuri għall-protezzjoni. Għaldaqstant, jipprovdi bażi ġenerali għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet fl-implimentazzjoni.

---

399 *Ibid.*, fil-para. 144.
400 Art. 45(2). Id-depożitarju tal-Konvenzjoni hu l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tan-Netherlands.
401 Art. 63 *d).*
402 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 144.
403 *Ibid.*
404 Art. 37.
405 Ara iktar 'il quddiem fil-paragrafi **11.32-11.33**.

- Id-dispożizzjoni tapplika b'mod espliċitu "speċjalment" biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess, kif ukoll id-dritt għaż-żamma ta' kuntatti diretti fuq bażi regolari. Għaldaqstant, hi tikkompleta u ssaħħaħ il-kooperazzjoni pprovduta għal bejn l-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1980 (ara l-Art. 21 tal-Konvenzjoni tal-1980)[406].
- Iż-żamma ta' kuntatti regolari u diretti hi prevista fl-Artikolu 10 tal-UNCRC.

### *(d) Tfittix / forniment ta' assistenza f'każijiet ta' aċċess / kuntatt internazzjonali*
**Artikolu 35(2)**

11.29 Meta ġenitur li jirresjedi fi Stat Kontraenti jfittex li jikseb jew iżomm aċċess / kuntatt ma' minuri resident abitwali fi Stat Kontraenti ieħor, il-ġenitur ikun jista' jitlob lill-awtoritajiet fejn jirresjedi jiġbru informazzjoni jew evidenza u jagħmlu sejba dwar l-adegwatezza tiegħu biex jeżerċita l-aċċess / il-kuntatt u dwar il-kundizzjonijiet li fihom għandu jiġi eżerċitat l-aċċess / il-kuntatt.

11.30 Dawn l-informazzjoni, l-evidenza u s-sejba jridu[407] jiġu kkunsidrati mill-awtorità li għandha ġurisdizzjoni biex tiddetermina applikazzjoni dwar l-aċċess għall-minuri / dwar il-kuntatt mal-minuri qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha.

Jenħtieġ li jiġu osservati l-punti li ġejjin:

- L-awtorità li jkollha ġurisdizzjoni biex tisma' l-applikazzjoni għall-aċċess / għall-kuntatt tista'[408] tipposponi l-proċedimenti sakemm jinħareġ l-eżitu ta' tali talba, b'mod partikolari meta tikkunsidra applikazzjoni għar-restrizzjoni jew għat-terminazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess / kuntatt mogħtija fl-Istat tar-residenza abitwali preċedenti tal-minuri[409].
- Madankollu, dan ma jipprevjenix lil awtorità b'ġurisdizzjoni milli tieħu miżuri provviżorji sakemm jinħareġ l-eżitu tat-talba[410].

### *(e) Forniment tad-dokumentazzjoni li tiddikjara s-setgħat ta' persuna b'responsabbiltà tal-ġenituri jew li hi responsabbli għall-protezzjoni tal-minuri*[411]
**Artikolu 40**

11.31 L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri, jew tal-Istat Kontraenti fejn ittieħdet miżura għall-protezzjoni, jistgħu jipprovdu lill-persuna b'responsabbiltà tal-ġenituri jew lill-persuna inkarigata bil-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri, fuq it-talba tagħha, ċertifikat li jindika l-kapaċità li fiha dik il-persuna hi inkarigata taġixxi u s-setgħat mogħtija lilha.

---

406 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 146.

407 Ladarba l-informazzjoni / l-evidenza / is-sejba/iet tinġabar/jinġabru fl-Istat Kontraenti fejn jirresjedi l-ġenitur, hu **obbligatorju** għall-Istat Kontraenti li jisma' l-każ li jikkunsidra l-informazzjoni / l-evidenza / is-sejba/iet.

408 L-awtorità mhix obbligata tissospendi l-proċedimenti - ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 148.

409 Art. 35(3).

410 Art. 35(4).

411 L-Art. 40 mhuwiex fil-Kapitolu V bħala dispożizzjoni dwar il-kooperazzjoni iżda hu fil-Kapitolu VI tal-Konvenzjoni, "Dispożizzjonijiet Ġenerali".

Jenħtieġ li jiġu osservati l-punti li ġejjin:

- M'hemm ebda rekwiżit li jobbliga lill-Istati Kontraenti jipprovdu t-tali ċertifikati. Għaldaqstant, hu f'idejn kull Stat Kontraenti jagħmilx dan jew le.
- Jekk jiddeċiedi li jagħmel dan, l-Istat Kontraenti inkwistjoni jrid jiddeżinja l-awtoritajiet li huma kompetenti biex ifasslu dawn iċ-ċertifikati[412].
- L-Istat Kontraenti kompetenti biex iforni ċertifikat hu l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri, jew l-Istat Kontraenti ta' oriġini tal-miżura għall-protezzjoni.
- Normalment, iċ-ċertifikat jindika:
  - min hu d-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri;
  - jekk din tirriżultax bl-operat tad-dritt (mil-liġi li hi applikabbli skont l-Art. 16) jew minn miżura għall-protezzjoni meħuda minn awtorità kompetenti skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni;
  - is-setgħat tal-persuna li għandha r-responsabbiltà tal-ġenituri;

F'każ xieraq, jista' jindika fin-negattiv is-setgħat li l-persuna m'għandhiex[413].

- Il-kapaċità u s-setgħat indikati fiċ-ċertifikat huma preżunti bħala vestiti f'dik il-persuna, fin-nuqqas ta' prova kontrarja[414]. "Għaldaqstant se jkun possibbli li kull persuna interessata tikkontesta l-korrettezza tal-indikazzjonijiet li jidhru fiċ-ċertifikat iżda, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, parti terza tista' bis-sigurtà kollha tittratta mal-persuna indikata miċ-ċertifikat, fi ħdan il-limtii tas-setgħat imsemmija fih."[415]

**Eżempju 11 (G)**

*Omm u tifel ta' 7 snin huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A. Il-missier hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti B. Sitt xhur ilu l-omm u t-tifel irrilokaw fl-Istat Kontraenti A bil-qbil tal-missier. It-tifel iżur lill-missier fl-Istat Kontraenti B għal kuntatt darba fix-xahar. Il-missier hu mħasseb peress li, matul l-aħħar żewġ żjarat, it-tifel ilmenta ma' missieru li spiss jitħalla waħdu d-dar billejl filwaqt li ommu toħroġ u li meta jasal id-dar mill-iskola dejjem ikun hemm irġiel differenti d-dar. Il-missier jikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti B rigward il-kummenti tat-tifel. Mhuwiex ċert x'jaqbad jagħmel peress li t-tifel minn dejjem jivvinta l-istejjer għall-attenzjoni. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti B tiddeċiedi li tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A u titlob dak ir-rapport dwar is-sitwazzjoni tat-tifel*[416]*. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A, li tiġi pprovduta bil-kummenti tat-tifel, hi mħassba għall-benessri tat-tifel u taqbel li tinvestiga l-kwistjoni u tipprovdi rapport it-tali rapport*[417].

**Eżempju 11 (H)**

*Familja hi resident abitwali fl-Istat Kontraenti A, wara li rrilokat sena ilu mill-Istat Kontraenti B. In-nanniet materni jgħixu fl-Istat KontraentiB. It-tfal (tifel ta' 8 snin u tifla ta' 10 snin) iżuru lin-nanniet materni tagħhom b'mod regolari. In-nanniet saru mħassba dwar it-tfal minħabba l-fatt li matul l-aħħar żjara l-imġiba tat-tfal inbidlet. Kienu qed juru mġiba sesswalizzata u bdew jgħaddu kummenti sesswali inadatti. Meta n-nanniet staqsew lit-tfal dwar dan, it-tfal għamlu allegazzjonijiet li missierhom kien misshom kif mhux suppost diversi drabi. In-nanniet jibżgħu jgħidu xi ħaġa lill-ġenituri dwar din l-imġiba għaliex huma mħassba li l-kuntatt tagħhom jitwaqqaf. Fl-inċertezza dwar x'jaqbdu jagħmlu, in-nanniet jikkuntattjaw lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A. L-Awtorità Ċentrali hi mħassba għall-*

---

412 Art. 40(3).
413 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 154.
414 Art. 40(2).
415 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 155.
416 Art. 32 *a)*.
417 F'dan il-każ, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B jistgħu jitolbu wkoll biex l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jitolbu lill-awtortajiet kompetenti fl-Istat Kontraenti A jikkunsidraw il-bżonn ta' teħid ta' miżuri għall-protezzjoni fir-rigward tat-tifel (Art. 32 *b)*).

*benessri tat-tfal u tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti B u titlob li din (jew l-awtoritajiet pubbliċi tagħha jew korpi oħra) tikkunsidra l-bżonn li tieħu miżuri għall-protezzjoni tat-tfal*[418]*. L-Awtorità Ċentrali tal-Istat Kontraenti B, permezz tal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti tagħha, minnufih tieħu passi biex tinvestiga s-sitwazzjoni tat-tfal. It-tfal jiġu intervistati minn psikologu tat-tfal u jtennu l-allegazzjonijiet rigward missierhom. L-awtortajiet kompetenti tal-Istat Kontraenti B, wara li jintervistaw lill-missier u lill-omm, minnufih jieħdu miżuri biex ineħħu lill-missier mid-dar filwaqt li l-kwistjoni tkompli tiġi investigata u sakemm jinfetaħ kwalunkwe proċediment li jista' jkun neċessarju rigward it-tfal.*

**Eżempju 11 (I)**

*Minuri jitneħħa illegalment mill-Istat Kontraenti A għall-Istat Kontraenti B. Iż-żewġ Stati Kontraenti huma wkoll Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri. Issir applikazzjoni għar-ritorn tal-minuri mal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B. L-applikazzjoni tiġi rrifjutata fuq il-bażi ta' riskju serju ta' ħsara lill-minuri. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A għad għandhom ġurisdizzjoni biex jagħmlu ordni ta' kustodja dment li ma jkunux issodisfati l-kundizzjonijiet għal tibdil tal-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 7*[419]*. Madankollu, qabel ma jagħmlu kwalunkwe ordni, dawn iridu jkunu jafu r-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni għal ritorn. Dan għaliex din l-informazzjoni se tkun kruċjali għal kwalunkwe deċiżjoni dwar il-merti tal-kwistjonijiet ta' kustodja relatati mal-minuri. Skont l-Artikolu 34(1), l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jistgħu jitolbu din l-informazzjoni mingħand l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B.*[420].

**Eżempju 11 (J)**

*Tifel hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti A. L-omm tixtieq tirriloka bit-tifel fl-Istat Kontraenti B. Il-missier joġġezzjona iżda ordni tal-qorti tieħu prevalenza fuq din l-oġġezzjoni. L-ordni tal-qorti tistabbilixxi arranġament speċifiku għall-kuntatt bejn il-missier u t-tifel. Din tipprevedi li biex it-tifel jiltaqa' mal-ġenitur l-ieħor, il-punt tal-laqgħa jrid ikun post newtrali u l-laqgħa għandha ssir b'tali mod li l-ġenituri ma jkollhomx bżonn jiltaqgħu (minħabba l-livelli għolja ta' tensjoni bejn il-ġenituri u l-impatt ta' dawn fuq it-tifel). Bl-assistenza tal-Awtoritajiet Ċentrali fiż-żewġ Stati, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jikkuntattjaw lill-awtoritajiet rilevanti fl-Istat Kontraenti B għall-assistenza fl-implimentazzjoni tal-arranġament ta' kuntatt*[421]*. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B jagħmlu servizzi ta' skambju ssorveljati disponibbli għall-familja, sabiex it-tifel ikun jista' jitħalla u jinġabar f'post newtrali b'parti terza preżenti sabiex il-ġenituri ma jkollhomx għalfejn jiltaqgħu.*

**Eżempju 11 (K)**

*Żewġt itfal huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti A ma' missierhom. Ommhom tirresjedi fl-Istat Kontraenti B. Mindu t-tfal u l-missier irrilokaw għall-Istat Kontraenti A sena ilu, l-omm batiet biex ikollha kuntatt mat-tfal. L-omm tippreżenta applikazzjoni għal kuntatt lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A*[422]*. Il-missier jirreżisti din l-applikazzjoni billi jallega li mhuwiex fl-aħjar interess tat-tfal li jkollhom kuntatt ma' ommhom minħabba l-kundizzjoni instabbli tas-saħħa mentali tagħha. L-omm tixtieq tikkontesta din l-asserzjoni u li t-tfal ikollhom kuntatt magħha f'darhom fl-Istat Kontraenti B kull vaganza mill-iskola. Hi titlob lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B, skont l-Artikolu 35(2), biex jiġbru informazzjoni u evidenza u jagħmlu sejba li turi (1) l-adegwatezza tagħha biex teżerċita l-kuntatt mat-tfal tagħha, u (2) li t-tali kuntatt jista' jseħħ f'darha fl-Istat Kontraenti B. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A, li qed jagħmlu d-determinazzjoni rigward*

---

418 Art. 32 *b).*
419 Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **4.20-4.25** tal-**Kapitolu 4**.
420 Qabbel l-Art. 11(6) tar-Regolament Brussell II a, diskuss f'iktar dettall iktar 'il quddiem fil-para. **13.10**.
421 Art. 35(1).
422 Li għandu ġurisdizzjoni fuq il-bażi tal-Art. 5 - ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 4**.

*il-kuntatt, jaqblu li jaġġornaw il-proċedimenti sakemm jirċievu rapport tas-sejbiet mingħand l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B*[423]*. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B jiktbu rapport li, fost affarijiet oħra, jiddikjara li (1) skont ir-rekords mediċi tal-omm, hi m'għandhiex, u qatt ma kellha, xi kundizzjoni magħrufa tas-saħħa mentali; (2) bħala riżultat ta' numru ta' intervisti magħha, huma ma jistgħux jiddeterminaw xi raġuni għaliex hi m'għandhiex tkun idonea biex teżerċita kuntatt mat-tfal tagħha; u, (3) wara li żaru darha bosta drabi, din hi ambjent xieraq għat-tfal u, tabilħaqq, it-tfal għandhom kamra tas-sodda għalihom f'darha. Ir-rapport u d-dokumenti ta' sostenn jiġu ammessi bħala evidenza u jiġu kkunsidrati fil-proċedimenti quddiem l-Istat Kontraenti B*[424]*.*

**<u>Eżempju 11 (L)</u>** *It-tutur ta' minuri nħatar fl-Istat Kontraenti A, fejn il-minuri hu resident abitwali. Hu responsabbli għall-ġestjoni tal-beni tal-minuri u jixtieq ibigħ parti mill-proprjetà fl-Istat Kontraenti B. Ix-xerrejja potenzjali fl-Istat Kontraenti B huma mħassba li t-tutur m'għandux l-awtorità li jbigħ il-beni f'isem il-minuri. Jekk l-Istat Kontraenti A jipprovdi ċertifikati skont l-Artikolu 40, it-tutur jista' jitlob ċertifikat mingħand l-awtoritajiet ta' dan l-Istat li jindika l-kapaċità li fiha hu intitolat jaġixxi u s-setgħat li ngħatawlu.*

## F. Trażmissjoni ta' data personali u ta' informazzjoni mill-awtoritajiet

### Artikoli 41 u 42

11.32 Jenħtieġ li jiġi osservat li data personali miġbura jew trażmessa skont il-Konvenzjoni għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun inġabret jew ġiet trażmessa[425].

11.33 Barra minn hekk, l-awtoritajiet li lilhom tintbagħat l-informazzjoni jridu jiżguraw il-kunfidenzjalità ta' din skont il-liġi tal-Istat tagħhom[426].

## G. Spejjeż tal-Awtorità Ċentrali / tal-awtorità pubblika

11.34 Ġeneralment, l-Awtoritajiet Ċentrali u awtoritajiet pubbliċi oħra jridu jġarrbu l-ispejjeż tagħhom stess biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont il-Konvenzjoni[427]. Dawn l-ispejjeż jistgħu jinkludu: l-ispejjeż fissi tal-ħidma tal-awtoritajiet, l-ispejjeż tal-korrispondenza u tat-trażmissjonijiet, l-ispejjeż għat-tfittix tal-informazzjoni dwar minuri, l-ispejjeż tal-assistenza fis-sejbien ta' fejn jinsab minuri, l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta' ftehimiet ta' medjazzjoni jew ta' saldu, kif ukoll l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda fi Stat Kontraenti ieħor, b'mod partikolari miżuri ta' tqegħid[428].

---

423 Art. 35(3).
424 Art. 35(2).
425 Art. 41.
426 Art. 42.
427 Art. 38(1).
428 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 152.

11.35 Madankollu, l-Artikolu 38 jagħraf li l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti jżommu l-"possibbiltà li jitolbu tariffi raġonevoli għall-forniment tas-servizzi". Jekk it-tali Stat Kontraenti jimponi tariffi bħal dawn, kemm jekk l-impożizzjoni jkollha l-għan ta' rimborż tal-ispejjeż diġà mġarrba jew li titlob il-fondi qabel ma jiġi pprovdut is-servizz, jenħtieġ li t-tariffa tkun ifformulata "b'ċertu ammont ta' moderazzjoni"[429]. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet jipprovdu informazzjoni ċara dwar it-tali tariffi bil-quddiem.

11.36 L-espressjoni "awtoritajiet pubbliċi" fl-Artikolu 38 tirreferi għall-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Kontraenti, u mhux għall-qrati[430]. L-ispejjeż tal-qrati u, b'mod iktar ġenerali, l-ispejjeż tal-proċedimenti u tal-avukati mhumiex inklużi fl-Artikolu 38.

11.37 Kwalunkwe Stat Kontraenti jista' jikkonkludi wkoll ftehim ma' Stat Kontraenti ieħor wieħed jew iktar dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż meta japplikaw il-Konvenzjoni[431]. Din id-dispożizzjoni tista' tkun siewja, pereżempju, f'każijiet li jinvolvu t-tqegħid internazzjonali ta' tfal.

429 *Ibid.*
430 *Ibid.*
431 Art. 38(2).

# 12

# *RELAZZJONI BEJN IL-KONVENZJONI TAL-1996 U STRUMENTI OĦRA*



## A. Il-Konvenzjoni tal-1996 kif taffettwa l-operat tal-Konvenzjoni tal-Aja tat-12 ta' Ġunju 1902 li tirregola t-tutela tat-tfal[432]?

**Artikolu 51**

12.1 F'relazzjonijiet bejn Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1996, il-Konvenzjoni tal-1996 tieħu post il-Konvenzjoni tal-1902.

## B. Il-Konvenzjoni tal-1996 kif taffettwa l-operat tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961 dwar is-setgħat tal-awtoritajiet u tal-liġi applikabbli fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal[433]?

**Artikolu 51**

12.2 F'relazzjonijiet bejn Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1996, il-Konvenzjoni tal-1996 tieħu post il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961 dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni. Madankollu, din is-sostituzzjoni hi mingħajr ħsara għar-rikonoxximent tal-miżuri meħuda preċedentement b'applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1961.

12.3 Dan ifisser li jekk miżura ttieħdet minn Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1961 f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dik il-Konvenzjoni (li tat ġurisdizzjoni lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tan-nazzjonalità tal-minuri), din il-miżura jkollha tiġi rikonoxxuta skont il-Konvenzjoni tal-1961 (Art. 7 tal-Konvenzjoni tal-1961) minn kwalunkwe Stat ieħor li kien Parti għall-Konvenzjoni tal-1961 fiż-żmien li fih ittieħdet il-miżura. Dan hu l-każ anki jekk, sadanittant, iż-żewġ Stati kkonċernati jkunu saru Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1996.

**<u>Eżempju 12 (A)</u>**

*L-Istat A u l-Istat B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961 dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni. Fl-2007, il-Konvenzjoni tal-1996 tidħol fis-seħħ fl-Istat B. Fl-2008, l-awtoritajiet tal-Istat A jagħmlu ordni dwar minuri li hu resident abitwali fl-Istat C fuq il-bażi tal-fatt li l-minuri għandu n-nazzjonalità tal-Istat A. Din l-ordni tissodisfa l-kriterji għar-rikonoxximent skont il-Konvenzjoni tal-1961. Fl-2009, il-Konvenzjoni tal-1996 tidħol fis-seħħ fl-Istat A. Fl-2010, jitfittex ir-rikonoxximent tal-miżura fl-Istat B. Għad li mhijiex intitolata għal rikonoxximent skont l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni tal-1996,[434] jenħtieġ li l-ordni tiġi rikonoxxuta fl-Istat B skont il-Konvenzjoni tal-1961, permezz tal-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni tal-1996.*

---

432 Sa Awwissu 2013, l-Istati Kontraenti huma l-Awstrija, il-Belġju, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija u Spanja. F'relazzjonijiet bejn Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961 dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni, il-Konvenzjoni tal-1961 ħadet post il-Konvenzjoni tal-1902. Jenħtieġ li jiġi osservat li l-Istati Kontraenti kollha li jifdal għall-Konvenzjoni tal-1902 huma Stati Membri tal-UE li, għalhekk, huma marbuta bir-Regolament Brussell II a, li jieħu prevalenza skont l-Art. 59(1) tar-Regolament.

433 Sa Awwissu 2013, l-Istati Kontraenti huma l-Awstrija, iċ-Ċina (il-Konvenzjoni tapplika biss għar-Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Makao), Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, Spanja, l-Iżvizzera u t-Turkija.

434 Art. 53(2) – ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 3**. Anki li kieku l-ambitu temporali ma jkunx diffiċli, ir-rikonoxximent jista' jiġi rrifjutat ukoll fuq il-bażi tal-Art. 23(2) *a)* tal-Konvenzjoni - ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 10**.

## C. Il-Konvenzjoni tal-1996 kif taffettwa l-operat prattiku tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri?

**Artikolu 50**

12.4 L-Artikolu 50 jipprovdi li din il-Konvenzjoni ma taffettwax l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1980 bejn Partijiet għaż-żewġ Konvenzjonijiet. Madankollu, l-Artikolu 50 jiddikjara wkoll li dan ma jipprevjenix l-invokazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1996 "għall-finijiet tal-kisba tar-ritorn ta' minuri li jkun tneħħa jew inżamm b'mod illegali jew għall-finijiet tal-organizzazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess". Diskussjoni ulterjuri dwar l-interazzjoni ta' dawn iż-żewġ strumenti tista' tinstab iktar 'il quddiem fil-paragrafi **13.1** sa **13.14**.

## D. Il-Konvenzjoni tal-1996 kif taffettwa l-operat ta' strumenti oħra?

**Artikolu 52**

12.5 Din il-Konvenzjoni ma taffetwa l-ebda strument internazzjonali ieħor li l-Partijiet Kontraenti huma Partijiet għalih u li fih dispożizzjonjiet dwar kwistjonjiet irregolati mill-Konvenzjoni, sakemm ma ssirx xi dikjarazzjoni kuntrarja mill-Istati Kontraenti għat-tali strumenti[435].

12.6 Din il-Konvenzjoni lanqas ma taffettwa l-possibbiltà li Stat Kontraenti wieħed jew iktar jikkonkludi ftehimiet li, fir-rigward ta' tfal residenti abitwali fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Kontraenti għat-tali ftehimiet, ikun fihom dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet irregolati minn din il-Konvenzjoni[436]. Kwalunkwe ftehim konkluż mill-Istati Kontraenti fuq kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni mhuwiex se jaffettwa l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni bejn dawk l-Istati Kontraenti u Stati Kontraenti oħra li mhumiex parti għal dan il-ftehim[437].

12.7 Bħalissa l-istrument ewlieni li jidħol f'din il-kategorija hu r-Regolament Brussell II a[438] li jopera bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, eskluża d-Danimarka. Il-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament u tal-Konvenzjoni tal-1996 hu simili ħafna, għad li r-Regolament ma jinkludix regoli dwar il-liġi applikabbli[439]. Fir-rigward tar-relazzjoni mal-Konvenzjoni tal-1996, għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (eskluża d-Danimarka), ir-Regolament se jipprevali meta minuri jkollu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (eskluża d-Danimarka), jew meta r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' deċiżjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru (eskluża d-Danimarka) jitfittex fi Stat Membru ieħor (eskluża d-Danimarka), indipendentement minn fejn tinsab ir-residenza abitwali tal-minuri[440].

---

435 Art. 52(1).
436 Art. 52(2). Ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 172.
437 Art. 52(3).
438 Ara iktar 'il quddiem in-nota 8.
439 Jenħtieġ li jiġi osservat li r-regoli dwar il-liġi applikabbli li jinsabu fil-Konvenzjoni tal-1996 japplikaw għal tfal residenti abitwali fi Stat Membru tal-UE. B'mod partikolari, l-Art. 15 tal-Konvenzjoni tal-1996 se jkun japplika jekk il-qorti ta' Stat Membru tal-UE marbut bir-Regolament teżerċita ġurisdizzjoni skont ir-regoli tar-Regolament (meta r-raġuni tal-ġurisdizzjoni tkun waħda li teżisti fil-Kapitolu II tal-Konvenzjoni tal-1996) - ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 9** fil-para. **9.1**.
440 Art. 61 tar-Regolament.

12.8 Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal-liġijiet uniformi bbażati fuq rabtiet speċjali ta' natura reġjonali jew ta' tip ieħor bejn l-Istati kkonċernati. Eżempju ta’ fejn din id-dispożizzjoni tista’ tintuża jkun bejn l-Istati Nordiċi fejn ġew żviluppati liġijiet uniformi.

# 13

## *SUĠĠETTI SPEĊJALI*



## A. Ħtif internazzjonali ta' minuri

13.1 Il-Konvenzjoni tal-1996 ma temendax u lanqas ma tissostitwixxi l-mekkaniżmu stabbilit mill-Konvenzjoni tal-1980 għall-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri[441]. Minflok, il-Konvenzjoni tal-1996 tissupplimenta u ssaħħaħ il-Konvenzjoni tal-1980 f'ċerti aspetti. Dan ifisser li diversi dispożizzjonijiet tagħha jistgħu jkunu siewja b'mod komplimentari għall-mekkaniżmu tal-Konvenzjoni tal-1980 meta l-Konvenzjoni tal-1980 tkun tapplika għal każ. Barra minn hekk, fi Stati jew f'sitwazzjonijiet li fihom ma **tapplikax** il-Konvenzjoni tal-1980, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1996 jistgħu jkunu sors awtonomu siewi ta' rimedji għal ħtif internazzjonali ta' minuri. Dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet differenti huma diskussi hawn taħt.

13.2 Bħala punt ġenerali b'rabta mal-Konvenzjoni tal-1996 u mal-ħtif internazzjonali ta' minuri, u jekk il-Konvenzjoni tal-1980 tapplikax għal każ jew le, jenħtieġ li jiġi osservat li r-regoli ġuriżdizzjonali stipulati fil-Kapitolu II tal-Konvenzjoni tal-1996 joħolqu approċċ komuni għall-ġuriżdizzjoni li jipprovdi ċertezza għall-partijiet u b'hekk jista' jiskoraġġixxi tentattivi ta' għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni permezz tal-ħtif internazzjonali ta' minuri. Ir-regola fl-Artikolu 5 li tiddeżinja r-residenza abitwali tal-minuri bħala l-bażi primarja għall-allokazzjoni tal-ġurisdizzjoni tħeġġeġ lill-ġenituri jikkontestaw (jew jilħqu ftehim dwar) kwistjonijiet relatati mal-kustodja, mal-aċċess / mal-kuntatt u mar-rilokazzjoni fl-Istat Kontraenti fejn bħalissa jgħix il-minuri, minflok ma jieħdu lill-minuri fit-tieni ġurisdizzjoni qabel ma jfittxu determinazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet.

13.3 Barra minn hekk, kif diskuss fil-**Kapitolu 4** iktar 'il fuq, l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-1996 jistabbilixxi regola ġuriżdizzjonali speċjali għal każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri[442]. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri eżatt qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali ta' minuri jżommu l-ġurisdizzjoni għal miżuri mmirati għall-protezzjoni tal-persuna u tal-beni tal-minuri sakemm jiġu ssodisfati numru ta' kundizzjonijiet. Din ir-regola tfittex li tibbilanċja ż-żewġ ideat. L-ewwel waħda hi li persuna li tneħħi jew iżżomm b'mod illegali minuri jenħtieġ li ma tkunx tista' tisfrutta dan l-att billi tikseb tibdil fl-awtoritajiet li jkollhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri relatati mal-kustodja jew mal-aċċess / mal-kuntatt. It-tieni hi li t-tibdil fir-residenza tal-minuri, jekk jippersisti, hu fatt li, fil-parti l-kbira, ma jistax jiġi injorat sa tali punt li tiċċaħħad il-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat il-ġdid b'mod indefinit[443]. Filwaqt li l-ġurisdizzjoni tibqa' tal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li minnu l-minuri tneħħa jew inżamm b'mod illegali, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti fejn il-minuri jittieħed b'mod illegali jew li fih jinżamm b'mod illegali jistgħu jieħdu biss miżuri neċessarji għall-protezzjoni skont l-Artikolu 11 (fejn il-każ jitqies urġenti[444]) u ma jistgħux jieħdu miżuru provviżorji skont l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni[445].

13.4 Id-definizzjoni ta' tneħħija jew ta' żamma illegali użata fil-Konvenzjoni tal-1996 hi l-istess bħal dik li tinstab fil-Konvenzjoni tal-1980, u tindika n-natura komplimentari taż-żewġ Konvenzjonijiet[446]. Għaldaqstant, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1980 relatati mat-tneħħija u maż-żamma illegali jistgħu joffru assistenza fid-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni tal-1996[447].

---

441 Dan jidher ċar fl-Art. 50 tal-Konvenzjoni tal-1996, imsemmi iktar 'il fuq fil-para. **12.4**.
442 Dan hu diskuss iktar 'il fuq fil-paragrafi **4.20-4.25**.
443 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 46.
444 Diskuss b'mod iktar komplut iktar 'il fuq fil-**Kapitolu 6**.
445 Ara l-Art. 7(3) tal-Konvenzjoni u r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 51.
446 Art. 7(2) tal-Konvenzjoni tal-1996 u Art. 3 tal-Konvenzjoni tal-1980. Ara iktar 'il quddiem il-para. **4.21**.
447 Ara iktar 'il quddiem il-para. **4.21**. Għal deċiżjonijiet dwar l-interpretazzjoni ta' tneħħija jew ta' żamma illegali, ara l-ġurisprudenza u l-kummentarju f'INCADAT (< www.incadat.com >).

### (a) X'inhu r-rwol tal-Konvenzjoni tal-1996 f'sitwazzjonijiet li fihom il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri tkun applikabbli għall-ħtif tal-minuri?

13.5 Il-Konvenzjoni tal-1980 se tkompli tapplika bejn l-Istati Kontraenti għall-konvenzjoni tal-1996 li jkunu wkoll Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1980[448].

13.6 Il-Konvenzjoni tal-1996 tissupplimenta u ssaħħaħ il-Konvenzjoni tal-1980 billi tipprovdi qafas esplicitu għall-ġurisdizzjoni, inkluż f'każijiet eċċezzjonali meta r-ritorn tal-minuri jiġi rrifjutat jew ir-ritorn ma jintalabx. Il-Konvenzjoni ssaħħaħ il-Konvenzjoni tal-1980 billi tisħaq fuq ir-rwol primarju moqdi mill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri fit-teħid ta' deċiżjoni fuq kwalunkwe miżura li tista' tkun meħtieġa għall-protezzjoni tal-minuri fit-tul[449]. Ma tagħmilx dan billi tiżgura li l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri żżomm il-ġurisdizzjoni sakemm ma jiġux issodisfati ċerti kundizzjonijiet[450].

13.7 Il-Konvenzjoni tal-1996 fiha wkoll dispożizzjonijiet li jistgħu jassistu meta awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tkun tixtieq tordna r-ritorn ta' minuri skont il-Konvenzjoni tal-1980, iżda **biss fuq il-bażi li** jiġu implimentati ċerti miżuri urġenti biex jiġi żgurat ir-ritorn sikur tal-minuri u biex tiġi żgurata l-protezzjoni ssoktata tal-minuri fl-Istat Kontraenti rikjedenti (sakemm l-awtoritajiet f'dak l-Istat Kontraenti jkunu jistgħu jaġixxu biex jipproteġu lill-minuri). F'dan ir-rigward, il-Konvenzjoni tal-1996 fiha bażi speċifika għall-ġurisdizzjoni li, meta l-każ ikun wieħed ta' urġenza, tippermetti lill-Istat Kontraenti rikjest biex jieħu "miżuri neċessarji għall-protezzjoni" rigward il-minuri[451]. Il-Konvenzjoni tal-1996 żżid mal-effikaċja ta' kwalunkwe miżura għall-protezzjoni bħal din billi tiżgura li t-tali ordnijiet jiġu rikonoxxuti bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti li fih il-minuri għandu jiġi rritornat u jkunu eżegwibbli f'dak l-Istat Kontraenti fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata (sakemm l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti rikjedenti jkunu kapaċi jimplimentaw kwalunkwe miżura neċessarja għall-protezzjoni)[452].

13.8 Il-Konvenzjoni tal-1996 tista' tassisti wkoll fi kwistjonijiet ta' aċċess / kuntatt interim f'każijiet ta' ħtif fejn il-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-1980 ikunu għadhom pendenti[453]. Meta l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri ma jkunx f'pożizzjoni li jittratta l-aċċess / il-kuntatt interim **u** meta l-każ ikun wieħed ta' urġenza, l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni jista' jipprovdi bażi biex l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li jisimgħu l-proċedimenti ta' ritorn jagħmlu ordni bħal din[454]. Din l-ordni tiskadi ladarba l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-

---

448 Art. 50. Ara iktar 'il quddiem il-para. **12.4**.

449 B'rabta mal-Konvenzjoni tal-1980, ara l-Artikoli 16 u 19 ta' dik il-Konvenzjoni, kif ukoll il-paragrafi 16 u 19 tal-"Explanatory Report on the 1980 Hague Child Abduction Convention", minn E. Pérez-Vera, fi *Proceedings of the Fourteenth Session (1980)*, Tome III, *Child abduction*, The Hague, Imprimerie Nationale, 1982, pp. 425-476. Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jiddikjara li l-Konvenzjoni tal-1980 tistrieħ b'mod impliċitu fuq il-prinċipju li kwalunkwe dibattitu dwar il-merti tad-drittijiet ta' kustodja jenħtieġ li jsir quddiem l-awtortajiet kompetenti fl-Istat Kontraenti fejn il-minuri għandu r-residenza abitwali tiegħu qabel it-tneħħija / iż-żamma illegali tiegħu (para. 19).

450 Art. 7 – ara iktar 'il fuq il-paragrafi **4.20**-**4.25**.

451 Art. 11 – ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 6** (u b'mod partikolari, l-**Eżempju 6 (G)**).

452 Ara iktar 'il fuq il-para. **6.12** rigward ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-miżuri għall-protezzjoni meħuda fuq il-bażi tal-Art. 11 u, b'mod iktar ġenerali, id-diskussjoni fil-**Kapitolu 10**.

453 F'dan ir-rigward, ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 6** u, b'mod partikolari l-**Eżempju 6 (F)** u d-diskussjoni fin-nota 216. Ara wkoll il-Gwida għall-Prattika Tajba dwar l-Aċċess Transfruntier (*op. cit.* nota 216), fil-para. 4.6.2 fejn, fil-kuntest tal-Art. 21 tal-Konvenzjoni tal-1980, hu ddikjarat: "f'ċerti pajjiżi hemm il-fehma li l-Artikolu 21 ma jkoprix applikazzjonijiet ta' kuntatt interim li jsiru sakemm tinħareġ deċiżjoni dwar ir-ritorn. Mill-ġdid, dan hu inkonsistenti mal-prinċipju sottostanti li l-kuntatt jenħtieġ li jinżamm f'kull ċirkustanza meta l-minuri ma jkunx f'riskju. Barra minn hekk, nuqqas ta' restawr tal-kuntatt ma' ġenitur li jitħalla lura matul dawk li kultant jistgħu jkunu proċedimenti ta' ritorn li jieħdu fit-tul iġorr miegħu r-riskju ta' iktar ħsara lill-minuri u ta' aljenazzjoni mill-ġenitur li jitħalla lura."

454 Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **6.2**-**6.5** dwar meta każ jista' jiġi kkunsidrat "urġenti" għall-finijiet tal-Art. 11.

residenza abitwali tal-minuri jieħdu l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni f'dan ir-rigward[455].

13.9 Id-dispożizzjonijiet rigward il-kooperazzjoni fil-Konvenzjoni tal-1996 jistgħu jintużaw ukoll b'appoġġ tar-rekwiżiti dwar il-kooperazzjoni li jinsabu fil-Konvenzjoni tal-1980. Skont il-Konvenzjoni tal-1980, l-Awtorità Ċentrali trid tipprovdi "informazzjoni ta' karattru ġenerali rigward il-liġi tal-Istat tagħha b'rabta mal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni",[456] filwaqt li skont il-Konvenzjoni tal-1996, l-Awtorità Ċentrali trid tieħu l-passi xierqa biex, b'rabta mal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni, tipprovdi "informazzjoni rigward il-liġijiet tal-Istati tagħhom, u s-servizzi disponibbli fihom, b'rabta mal-protezzjoni ta' minuri"[457]. Din tippermetti lil Awtorità Ċentrali oħra jew lil ġenitur jiksbu firxa usa' ta' informazzjoni dwar il-liġijiet tal-Istat Kontraenti li fih il-minuri ttieħed b'mod illegali jew li fih il-minuri nżamm b'mod illegali.

13.10 L-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni tal-1996, li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti li jkunu qed jikkontemplaw miżura għall-protezzjoni, jekk is-sitwazzjoni tal-minuri tkun teħtieġ dan, jitolbu lil awtorità ta' Stat Kontraenti ieħor li jkollha informazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tal-minuri tikkomunika t-tali informazzjoni,[458] jista' jkun partikolarment utli meta ordni ta' ritorn tiġi **rrifjutata** skont il-Konvenzjoni tal-1980[459]. F'din is-sitwazzjoni, meta awtorità fl-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri tiġi kkuntattjata f'każ ta' tilwima dwar il-kustodja u ma jkollhiex diġà quddiemha l-informazzjoni li fuqha kien ibbażat ir-rifjut għar-ritorn, l-Artikolu 34 jippermetti lil din l-awtorità titlob it-tali informazzjoni mill-awtorità li rrifjutat ir-ritorn. Dan jista' jipprevjeni milli tirriżulta sitwazzjoni li fiha l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri li jisimgħu it-tilwima dwar il-kustodja ma jkollhomx għad-dispożizzjoni tagħhom l-informazzjoni li ġiet ikkunsidrata mill-awtoritajiet li jisimgħu l-applikazzjoni għar-ritorn. Jenħtieġ li jiġi osservat li hawnhekk issir distinzjoni bejn l-operat tal-Konvenzjoni tal-1996 u l-opera tar-Regolament Brussell II a[460]. L-Artikolu 11(6) tar-Regolament Brussell II a jixħet **obbligu** fuq qorti li rrifjutat ritorn skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-1980 biex tibgħat id-dokumenti kollha relatati mas-smigħ lill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali. Il-Konvenzjoni tal-1996 ma fiha ebda obbligu bħal dan. Madankollu, kif diskuss fil-**Kapitolu 11** iktar 'il fuq, din ma tipprovdix għat-tali kooperazzjoni u komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet[461].

13.11 L-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni tal-1996 jista' jkun utli wkoll għal Stat Kontraenti **rikjest** li jisma' l-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-1980. Jekk l-informazzjoni mill-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri tkun rilevanti għad-deċiżjoni ta' jekk minuri għandux jiġi ritornat jew le,[462] jew għal kwalunkwe

---

455 Art. 11(2) – ara iktar 'il fuq il-paragrafi **6.8-6.9**. L-użu tal-Art. biex tiġi pprovduta ġurisdizzjoni għat-teħid tal-miżuri neċessarji għall-protezzjoni biex jiġi żgurat ir-ritorn sikur ta' minuri jew l-aċċess interim fil-kuntest ta' proċedimenti ta' ritorn (kif intqal hawn u fil-para. **13.7** kif ukoll iktar 'il fuq fil-**Kapitolu 6**) ġie diskuss fil-Kummissjoni Speċjali tal-2011 (Parti I) fir-rigward ta' meta t-tali sitwazzjonijiet jirriżultaw f'"każ ta' urġenza" b'tali mod li wieħed ikun jista' jibbaża fuq l-Art. 11. Kif iddikjarat iktar 'il fuq fil-**Kapitolu 6**, jekk miżura tistax tittieħed fuq il-bażi tal-Art. 11 - jekk is-sitwazzjoni tistax tiġi deskritta kif xieraq bħala każ ta' "urġenza" - dejjem se tkun kwistjoni li taqa' taħt l-awtorità kompetenti li trid tiddeterminaha skont il-fatti tal-każ partikolari quddiemha.

456 Art. 7(2) *e)*.

457 Art. 30(2).

458 Art. 34. Ara wkoll iktar 'il fuq il-paragrafi **11.25-11.26**.

459 B'mod partikolari, jekk ir-ritorn ġie rrifjutat fuq il-bażi li hemm riskju gravi li r-ritorn tal-minuri jkun jesponih għal ħsara fiżika jew psikoloġika jew b'xi mod ieħor jixħet lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli - Art. 13(1) *b)* tal-Konvenzjoni tal-1980.

460 Ara iktar 'il quddiem in-nota 8.

461 Art. 34. Ara wkoll iktar 'il fuq il-paragrafi **11.25-11.26**. Ara wkoll l-**Eżempju 11 (I)**.

462 Eż., għal difiża mqajma skont l-Art. 13 tal-Konvenzjoni tal-1980. Madankollu, b'rabta ma' jekk it-tneħħija jew iż-żamma ta' minuri kinitx "illegali" f'konformità mat-tifsira tal-Art. 3 tal-Konvenzjoni tal-

miżura urġenti oħra għall-protezzjoni li l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva fl-Istat Kontraenti rikjest tkun qed tikkontempla li tieħu (eż., miżuri urġenti għall-prtoezzjoni relatati mar-ritorn sikur tal-minuri), l-awtorità tista' tuża l-mekkaniżmu fl-Artikolu 34 biex tikseb it-tali informazzjoni rilevanti mingħand l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri.

13.12 Finalment, jenħtieġ li jiġi osservat li la l-Konvenzjoni tal-1996 u lanqas il-Konvenzjoni tal-1980 ma tiddikjara li l-proċedura hi segwita meta l-proċedimenti għar-ritorn ta' minuri jinfetħu fl-istess żmien fl-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri (skont l-Artikoli 5 u 7 tal-Konvenzjoni tal-1996) u fl-Istat Kontraenti li fih tneħħa b'mod illegali l-minuri jew li fih inżamm b'mod illegali l-minuri (skont l-Art. 12 tal-Konvenzjoni tal-1980). L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-1996 ma jsolvix din il-kwistjoni peress li l-ġurisdizzjoni għall-aġir skont il-Konvenzjoni tal-1980 mhijiex ibbażata fuq l-Artikoli 5 sa 10 tal-Konvenzjoni tal-1996 (ara l-Art. 13 tal-Konvenzjoni tal-1996). F'dawn iċ-ċirkustanzi, ikun f'idejn l-Istati Kontraenti kkonċernati li jikkomunikaw u jikkooperaw (bl-appoġġ tal-Awtoritajiet Ċentrali u / jew billi jużaw komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti) dwar l-iktar mod xieraq kif jipproċedu, filwaqt li jikkunsidraw l-aħjar interessi tal-minuri.[463]

**Eżempju 13 (A)**

***F'dan l-eżempju, l-Istati A u B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1996 kif ukoll għall-Konvenzjoni tal-1980.***

*Tifla hi resident abitwali fl-Istat A. Wara s-separazzjoni tal-ġenituri tat-tifla, iż-żewġ ġenituri jżommu kustodja tat-tifla iżda l-ġenituri jaqblu li t-tifla tgħix taħt l-indokrar primarju tal-omm, filwaqt li żżomm kuntatt regolari ma' missierha. Tliet xhur wara, l-omm tirriloka bit-tifla fl-Istat B mingħajr il-kunsens ta' missierha.*

*Il-missier jiftaħ proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-1980. L-omm tallega li l-missier abbuża sesswalment mit-tifla u l-qrati fl-Istat B jirrifjutaw l-applikazzjoni għar-ritorn fuq il-bażi li hemm riskju gravi li r-ritorn tat-tifla jesponiha għal ħsara fiżika jew psikoloġika[464].*

*Għaldaqstant, il-missier jagħmel applikazzjoni quddiem l-awtoritajiet fl-Istat A għar-ritorn tat-tifla (peress li l-awtoritajiet fl-Istat A jżommu l-ġurisdizzjoni skont l-Art. 7 tal-Konvenzjoni tal-1996, ir-rifjut għar-ritorn skont il-Konvenzjoni tal-1980 ma jwasslx, minnu nnifsu, għal tibdil fil-ġurisdizzjoni[465]). Skont l-Artikolu 34(1), il-qrati tal-Istat A jistgħu, u, jekk ikun hemm bżonn, jenħtieġ li jitolbu informazzjoni mingħand l-awtoritajiet tal-Istat B dwar ir-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni għal ritorn u l-informazzjoni / evidenza li fuqha kienet ibbażata d-deċiżjoni.*

*L-awtoritajiet fl-Istat A jirrieżaminaw il-każ u jsibu li m'hemm ebda riskju ta' ħsara għat-tifla jekk tiġi rritornata fl-Istat A u li l-qorti fl-Istat B ma kellhiex il-fatti rilevanti kollha ppreżentati lilha. Dawn jordnaw li t-tifla tiġi rritornata fl-Istat A.*

---

1980, ara l-mekkaniżmu speċifiku stipulat fl-Art. 15 tal-Konvenzjoni tal-1980.

463 Fattur rilevanti minnhom fid-determinazzjoni ta' din il-kwistjoni jista' jkun in-natura veloċi tal-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-1980 (ara l-Artikoli 2 u 11 tal-Konvenzjoni tal-1980).

464 Art. 13(1) *b)* tal-Konvenzjoni 1980.

465 Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **4.20-4.25**.

*L-ordni tal-Istat A trid tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat B jekk ma jkun hemm ebda raġuni għar-rifjut skont l-Artikolu 23(2). Il-fatt li deċiżjoni ta' non-refoulement ibbażata fuq l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-1980 ittieħdet fl-Istat B minnu nnifsu mhuwiex raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent skont l-Artikolu 23. Jekk l-omm ma tkunx lesta li tirrispetta minn jeddha l-ordni tal-Istat A, l-ordni tista' tiġi infurzata f'konformità mal-Artikoli 26 u 28 tal-Konvenzjoni tal-1996*[466].

*Alternattiva għall-qrati fl-Istat B (skont il-fatti tal-każ partikolari) tista' tkun li jordnaw ir-ritorn tat-tifla skont l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tal-1980, iżda, fl-istess ħin, li jieħdu l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tat-tifla skont l-Artikolu 11 biex jiżguraw ir-ritorn sigur tat-tifla u l-protezzjoni kontinwa tat-tifla fl-Istat A (sakemm l-awtoritajiet ta' hemm ikunu jistgħu jaġixxu). Dawn il-miżuri jistgħu jipprovdu biex, pereżempju, sakemm l-awtoritajiet fl-Istat A jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni, (1) il-missier ma jingħatax kuntatt mat-tifla; u (2) li hu jeħtieġlu jipprovdi akkomodazzjoni separata fl-Istat A għat-tifla u għall-omm. Imbagħad, dawn l-ordnijiet iridu jiġu rikonoxxuti fl-Istat A (sakemm ma tiġix stabbilita raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent – ara l-Art. 23(2)) sakemm l-awtoritajiet fl-Istat A jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tifla. L-Istat B jista' jkun jixtieq jiżgura l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri għall-protezzjoni fl-Istat A* ***qabel*** *ma jippermetti l-implimentazzjoni tal-ordni ta' ritorn kemm jista' jkun (f'dan ix-xenarju, l-implimentazzjoni tar-rekwiżit ta' akkomodazzjoni jista' jiġi vverifikat qabel ma jitħalla jsir ir-ritorn iżda l-implimentazzjoni tal-ordni ta' "ebda kuntatt" tkun kwistjoni li l-Istat A jkollu jinforza, skont il-bżonn, mar-ritorn tat-tifla fl-Istat A).*

### *(b) X'inhu r-rwol tal-Konvenzjoni tal-1996 f'sitwazzjonijiet li fihom il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri ma tkunx applikabbli għall-ħtif tal-minuri?*

13.13 Hemm numru ta' każijiet li fihom il-Konvenzjoni tal-1980 tista' ma tkunx tapplika għal każ għad li l-Konvenzjoni tal-1996 tkun tapplika. Pereżempju, il-Konvenzjoni tal-1980 ma tapplikax għal minuri ta' iktar minn 16-il sena, filwaqt li l-Konvenzjoni tal-1996 tapplika għal minuri sa 18-il sena[467]. Iktar importanti minn hekk, il-Konvenzjoni tal-1980 tapplika biss għal każijiet li jinvolvu żewġ Stati li huma Stati Kontraenti għal dik il-Konvenzjoni u li bejniethom iddaħħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni. Pereżempju, jekk Stat aderixxa għall-Konvenzjoni tal-1980, il-Konvenzjoni tal-1980 tapplika biss bejnu u bejn Stat Kontraenti ieħor li jkun **aċċetta** l-adeżjoni tiegħu[468]. Għalhekk, żewġ Stati involuti f'każ ta' ħtif internazzjonali ta' minuri jistgħu t-tnejn ikunu Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1996, iżda l-Konvenzjoni tal-1980 ma tkunx fis-seħħ bejniethom.

13.14 Ħafna mill-modi li bihom il-Konvenzjoni tal-1996 tista' tassisti f'każijiet ta' tneħħija / żamma illegali li fihom ma **tkunx** tapplika l-Konvenzjoni tal-1980 jissemmew fil-Kapitoli preċedenti ta' dan il-Manwal. Pereżempju:

- Id-dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni, li jiżguraw li l-ġurisdizzjoni tibqa' tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri sakemm jiġu ssodisfati kundizzjonijiet stretti,[469] ġew diskussi fil-paragrafi **4.20** sa **4.25** kif ukoll fil-paragrafi **13.2** sa **13.4** iktar 'il fuq;

466 Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **10.22-10.28**.
467 Art. 2 tal-Konvenzjoni tal-1996; Art. 4 tal-Konvenzjoni tal-1980.
468 Ara l-Art. 38 tal-Konvenzjoni tal-1980.
469 Art. 7 tal-Konvenzjoni tal-1996.

- Id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni, li jiżguraw li firxa wiesgħa ta' servizzi li jistgħu jassistu f'każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri huma pprovduti lill-ġenituri fl-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1996, ġew diskussi fil-**Kapitolu 11** iktar 'il fuq. Id-dispożizzjonijiet li jistgħu jkunu siewja meta minuri jitneħħa / jinżamm b'mod illegali huma d-dmirijiet tal-Awtoritajiet Ċentrali li jipprovdu assistenza fis-sejbien ta' fejn jinsab il-minuri u li jiffaċilitaw soluzzjonijiet miftiehma għall-protezzjoni tal-persuna tal-minuri[470].
- Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar, diskussi fil-**Kapitolu 10** iktar 'il fuq, meta kkombinati mar-regoli ġurisdizzjonali, jistgħu jintużaw ukoll f'xi ċirkustanzi biex jiżguraw li minuri fil-fatt jiġi rritornat lil-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tiegħu. Pereżempju, il-ġenitur fl-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri jaf diġà jkollu ordni eżegwibbli għall-kustodja jew għar-riċevuta tal-minuri jew jista' jkun kapaċi jikseb waħda malajr f'dan l-Istat Kontraenti. Imbagħad, din l-ordni tista' tintbagħat għar-rikonoxximent u għall-infurzar skont il-Konvenzjoni lill-Istat Kontraenti li fih ittieħed b'mod illegali l-minuri jew li fih il-minuri nżamm b'mod illegali. Ladarba tiġi ddikjarata eżegwibbli jew irreġistrata għall-infurzar, l-ordni trid tiġi infurzata f'dan l-Istat Kontraenti msemmi l-aħħar daqslikieku kienet saret mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat, sakemm ma tkunx stabbilita waħda mir-raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent[471].

**Eżempju 13 (B)**

***F'dan l-eżempju kemm l-Istat A kif ukoll dak B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1996. Madankollu, l-Istat B mhuwiex Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1980***[472].

*Tifla hi resident abitwali fl-Istat A. Wara s-separazzjoni tal-ġenituri tat-tifla, iż-żewġ ġenituri jżommu kustodja tat-tifla iżda l-ġenituri jaqblu li t-tifla tgħix taħt l-indokrar primarju tal-omm, filwaqt li żżomm kuntatt regolari ma' missierha. Tliet xhur wara, l-omm tirriloka bit-tifla fl-Istat B mingħajr il-kunsens ta' missierha.*

*Skont il-Konvenzjoni tal-1996, il-missier jista' jitlob lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat A biex din titlob lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat B biex tipprovdi assistenza fis-sejbien ta' fejn tinstab il-minuri f'dak l-Istat*[473].

*Hu jista' jitlob ukoll lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat A biex tikseb informazzjoni mingħand l-Awtorità Ċentrali fl-Istat B rigward il-liġijiet tal-Istat B, u rigward is-servizzi disponibbli fih, relatati mal-protezzjoni ta' minuri*[474].

*Il-ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni b'rabta mal-minuri tibqa' tal-awtoritajiet fl-Istat A*[475]*. Għaldaqstant, wara applikazzjoni mill-missier, dawn l-awtoritajiet jistgħu jkunu jistgħu jordnaw li t-tifla tiġi rritornata fil-ġurisdizzjoni tal-Istata A minn dak il-ħin (jew taħt l-indokrar tal-omm jew, jekk l-omm mhix lesta li tirritorna fl-Istat A, li t-tifla tintbagħat taħt l-indokrar tal-missier). Din l-ordni jkollha tiġi infurzata fl-Istat B fuq it-talba tal-missier jew ta' kwalunkwe persuna interessata*[476]*. Madankollu, skont il-fatti tal-każ, il-qrati fl-Istat A jistgħu jordnaw b'mod alternattiv li*

---

470 Art. 31 *b)* u Art. 31 *c)* – li jistgħu jitwettqu direttament mill-Awtorità Ċentrali, jew indirettament permezz tal-awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi oħra. Ara iktar 'il quddiem il-para. **11.11**.

471 Dwar il-kwistjoni ta' infurzar, ara iktar 'il fuq il-paragrafi **10.22-10.28**.

472 Għaldaqstant, il-Konvenzjoni tal-1980 mhijiex fis-seħħ bejn iż-żewġ Stati u ma tistax tapplika fil-każ.

473 Art. 31 *c)*. Ara iktar 'il quddiem il-para. **11.11**.

474 Art. 30(2): il-missier jista' jitlob lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti B, l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tiegħu, biex tagħmel it-talba għal informazzjoni, jew inkella hu jista' jidħol f'kuntatt mal-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A b'mod dirett. Ara iktar 'il fuq in-nota **11.10**.

475 Art. 7 tal-Konvenzjoni tal-1996, diskuss iktar 'il fuq fil-paragrafi **4.20-4.25**.

476 Sakemm ma tkunx stabbilita raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent skont il-Konvenzjoni - ara l-Art. 26(3), diskuss iktar 'il fuq fil-para. **10.24**.

*jenħtieġ li t-tifla tibqa' taħt l-indokrar tal-omm fl-Istat B sakemm issir seduta sħiħa dwar il-kwistjonijiet relatati mal-kustodja relatati mat-tifla (li jsiru fl-Istat A), iżda li t-tifla jrid ikollha kuntatt interim mal-missier filwaqt li jkunu għaddejjin dawn il-proċedimenti.*

## B. Aċċess / kuntatt[477]

### *(a) X'inhuma "drittijiet ta' aċċess"?*

13.15 L-Artikolu 3 *b)* jiddikjara li "miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà tat-tfal" jistgħu jindirizzaw, b'mod partikolari, "id-drittijiet ta' aċċess". Filwaqt li fil-Konvenzjoni ma tingħata ebda definizzjoni sħiħa tat-terminu "drittijiet ta' aċċess", dawn id-drittijiet huma ddikjarati b'mod espliċitu biex jinkludu "d-dritt ta' teħid ta' minuri għal perjodu limitat ta' żmien f'post li mhuwiex dak tar-residenza abitwali tal-minuri"[478]. Din il-formulazzjoni hi riproduzzjoni tad-definizzjoni ta' "drittijiet ta' aċċess" misjuba fl-Artikolu 5 *b)* tal-Konvenzjoni tal-1980[479]. Din il-konsistenza fil-lingwa fiż-żewġ Konvenzjonijiet hi intenzjonali u jenħtieġ li t-termini jiġu interpretati bl-istess mod awtonomu[480] fiż-żewġ Konvenzjonijiet biex tiġi żgurata l-komplimentarjetà tal-Konvenzjonijiet. Jenħtieġ li jiġi osservat li r-Rapport ta' Spjegazzjoni għall-Konvenzjoni tal-1996 jagħmilha ċara li tali "drittijiet ta' aċċess" ikopru "l-kuntatti fuq distanza li ġenitur hu awtorizzat iżomm mat-tfal tiegħu b'korrispondenza, bit-telefown jew b'telefax"[481].

13.16 L-eżempji f'dan il-Manwal urew l-importanza ta' kull Kapitolu tal-Konvenzjoni tal-1996 għal każijiet ta' aċċess / kuntatt internazzjonali. Din it-taqsima tiġbor flimkien uħud mid-dispożizzjonijiet partikolarment importanti tal-Konvenzjoni tal-1996 għal dawn il-każijiet.

### *(b) Kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati[482] f'każijiet ta' aċċess / kuntatt internazzjonali*

13.17 Minbarra d-dmirijiet ġenerali tal-Awtoritajiet Ċentrali, li wħud minnhom, bħal li jipprovdu assistenza fis-sejbien tal-minuri u fl-iffaċilitar ta' soluzzjonijiet miftiehma, se jkunu siewja wkoll biex jiġi żgurat l-eżerċizzju tal-aċċess jew tal-kuntatt, l-Artikolu 35 tal-Konvenzjoni tal-1996 hu ddedikat b'mod speċifiku għall-kooperazzjoni f'każijiet ta' aċċess / kuntatt internazzjonali. L-Artikolu 35 jipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Kontraenti jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor biex jassistu fl-implimentazzjoni tal-miżuri għall-protezzjoni meħuda skont din il-Konvenzjoni, speċjalment għall-iżgurar tal-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess kif ukoll tad-dritt li jinżammu kuntatti diretti fuq bażi regolari.[483]

13.18 L-Artikolu 35 jipprovdi wkoll mekkaniżmu għal ġenitur li jgħix fi Stat Kontraenti differnti mill-minuri biex japplika mal-awtoritajiet fl-Istat tiegħu stess biex dawn

---

477 Tista' tinstab iktari nofrmazzjoni fil-Gwida għall-Prattika Tajba dwar l-Aċċess Transfruntier (*op. cit.* nota 216). Kwistjonijiet tat-terminoloġija (eż. "kuntatt" u "aċċess") huma diskussi fil-p. xxvi.

478 Art. 3 *b)*. Ara wkoll iktar 'il fuq il-para. **3.22** dwar it-tifsira tal-Art. 3 *b)*.

479 Il-formulazzjoni tad-"drittijiet ta' kustodja" misjuba fl-Art. 3 *b)* tal-Konvenzjoni tal-1996 hi wkoll riproduzzjoni tal-Art. 5 *b)* tal-Konvenzjoni tal-1980.

480 Dan ifisser li jenħtieġ li t-termini jingħataw interpretazzjoni indipendenti, libera minn restrizzjonijiet tal-liġi domestika.

481 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 20. Illum, dan il-kuntatt indirett preżumibbilment jinkludi wkoll kuntatt bil-posta elettronika u komunikazzjonijiet fuq l-internet, inklużi faċilitajiet ta' vidjokonferenzi.

482 Għal diskussjoni dettaljata rigward id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni, ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 11**.

483 Art. 35(1). Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **11.27-11.30**.

jiġbru informazzjoni u evidenza u jagħmlu sejba dwar l-adegwatezza ta' dak il-ġenitur biex jeżerċita aċċess / kuntatt u l-kundizzjonijiet li fihom it-tali aċċess / kuntatt għandu jiġi eżerċitat[484]. Din l-informazzjoni, l-evidenza jew is-sejba trid tiġi kkunsidrata mill-awtoritajiet li għandhom ġurisdizzjoni meta jieħdu deċiżjoni dwar l-aċċess għall-minuri / il-kuntatt miegħu. L-artikolu jagħti wkoll diskrezzjoni lill-awtoritajiet li għandhom ġurisdizzjoni biex jipposponu l-proċedimenti ta' aċċess / kuntatt sakemm jinħareġ l-eżitu ta' talba bħal din[485]. Fil-Konvenzjoni hu enfasizzat li dan il-posponiment sakemm tasal it-tali informazzjoni jista' jkun partikolarment xieraq meta l-proċedimenti jkunu qed jikkunsidraw ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess / kuntatt mogħtija fl-Istat tar-residenza abitwali preċedenti tal-minuri.[486]

<u>**Eżempju 13 (C)**</u>

*L-omm u t-tifel irrilokaw b'mod legali fl-Istat Kontraenti A mill-Istat Kontraenti B diversi snin ilu u l-missier baqa' fl-Istat Kontraenti B. Kien hemm arranġamenti ta' aċċess fis-seħħ u t-tifel u l-missier kelhom kuntatt regolari. Issa l-omm tixtieq tnaqqas jew tittermina l-arranġamenti ta' aċċess bejn it-tifel u l-missier u tiftaħ proċedimenti quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A għal dan l-għan. Il-missier jitlob li l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jiġbru informazzjoni / evidenza u jagħmlu sejba dwar l-adegwatezza tiegħu biex jeżerċita l-aċċess u dwar il-kundizzjonijiet li fihom jenħtieġ li jiġi eżerċitat l-aċċess[487]. Hu jitlob ukoll li l-awtoritajiet li jisimgħu l-każ fl-Istat Kontraenti A jipposponu l-proċedimenti sakemm jirċievu s-sejbiet tal-Istat Kontraenti B[488]. L-awtoritajiet jilqgħu din it-talba u l-proċedimenti fl-Istat Kontraenti A jiġu posposti. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B jinvestigaw is-sitwazzjoni u jipproduċu rapport li juri l-adegwatezza tal-missier biex jeżerċita aċċess. Dan ir-rapport u l-informazzjoni li takkumpanjah jiġu ammessi bħala evidenza u kkunsidrati mill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A meta jieħdu d-deċiżjoni tagħhom dwar l-aċċess[489].*

### *(c) Rikonoxximent bil-quddiem*[490]

13.19 Skont il-Konvenzjoni tal-1996, ordni ta' kuntatt meħuda fi Stat Kontraenti ġeneralment tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istati Kontraenti l-oħra kollha[491]. Ir-raġunijiet li fuqhom jista' jkun ibbażat rifjut tar-rikonoxximent huma limitati u enumerati b'mod eżawrijenti fl-Artikolu 23(2) tal-Konvenzjoni[492].

13.20 Madankollu, il-possibbiltà għal "rikonoxximent bil-quddiem", ipprovduta fl-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni, hi għodda partikolarment siewja fl-iffaċilitar tal-aċċess / kuntatt internazzjonali. Dan għaliex tista' ttaffi t-tħassib fost il-ġenituri li l-ordnijiet ta' kuntatt mhumiex se jiġu rrispettati minn partijiet fi Stati Kontraenti oħra. Żewġ sitwazzjonijiet li jinvolvu l-aċċess / il-kuntatt internazzjonali juru dan l-użu:

- Meta minuri jkun se jivvjaġġa fi Stat ieħor għal perjodu ta' kuntatt, il-persuna primarja li tindokra minuri tista' tkun imħassba li l-ordni ta' kuntatt mhix se tiġi rrispettata mill-persuna li teżerċita l-kuntatt u li l-minuri jaf ma jiġix irritornat għall-indokrar tagħhom meta jasal fi tmiemu l-kuntatt. Ir-rikonoxximent bil-quddiem kemm tal-ordnijiet ta' kustodja kif ukoll ta' kuntatt

---

484 Art. 35(2).
485 Art. 35(3).
486 *Id.*
487 Art. 35(2).
488 Art. 35(3).
489 Art. 35(2).
490 Dan hu diskuss f'iktar dettall iktar'il fuq fil-**Kapitlu 10**, paragrafi **10.16-10.21.**
491 Art. 23(1).
492 Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **10.4-10.15**.

tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri se jiżgura li, jekk l-ordni ta' kuntatt ma jiġix irrispettat fl-Istat Kontraenti fejn jiġi eżerċitat il-kuntatt, ir-ritorn tal-minuri għand il-persuna primarja li tindokra jkun jista' jiġi infurzat (f'konformità mal-Artikoli 26 u 28 tal-Konvenzjoni tal-1996). Din iċ-ċertezza tad-dritt tista' tħeġġeġ lill-persuna primarja li tindokra biex tawtorizza li jseħħ il-kuntatt[493];

- Meta ġenitur ikun jixtieq jirriloka internazzjonalment b'minuri, il-ġenitur "li jibqa' lura" jista' jkun imħasseb li kwalunkwe kuntatt li jista' jiġi ordnat jaf ma jiġix irrispettat mill-ġenitur li jirriloka ladarba r-rilokazzjoni sseħħ. Ir-rikonoxximent bil-quddiem iserraħ ras dan il-ġenitur li, jekk l-ordni ta' kuntatt ma tiġix irrispettata mill-ġenitur li jirriloka, din tiġi infurzata fl-Istat Kontraenti li fih jirrilokaw il-ġenitur u l-minuri daqslikieku kienet ordnata hemm[494].

13.21 Sistema ta' rikonoxximent bil-quddiem tista' tipprovdi wkoll il-garanzija li l-**kundizzjonijiet** ta' aċċess / kuntatt li huma stabbiliti mill-awtoritajiet li jeżerċitaw ġurisdizzjoni primarja se jkunu eżegwibbli mindu l-minuri jasal fi Stat Kontraenti ieħor għall-finijiet ta' żjara jew ta' rilokazzjoni.

13.22 Meta l-Konvenzjoni tal-1996 ma **tkunx** fis-seħħ bejn l-Istati rilevanti, spiss jintużaw l-hekk imsejħa "ordnijiet mera" bħala mezz li bih jiġi żgurat li ordni li ssir fi Stat partikolari tkun tista' tiġi eżegwita fi Stat ieħor. "Ordni mera" hi ordni li ssir mill-qrati fl-Istat, pereżempju, meta l-aċċess / il-kuntatt ikun se jiġi eżerċitat jew fl-Istat li fih ikun se jirriloka l-minuri, li tkun l-istess jew simili għal ordni li tkun saret fl-Istat l-ieħor. B'hekk, l-ordni li ssir fl-Istat imsemmi l-aħħar issir kompletament eżegwibbli u effettiva fiż-żewġ Stati. Madankollu, f'ċerti Stati u sitwazzjonijiet, il-partijiet sabu diffikultajiet fil-kisba ta' ordnijiet mera. Dan spiss kien ir-riżultat tal-fatt li l-Istat inkwistjoni ma jikkunsidrax li għandu ġurisdizzjoni biex jagħmel l-ordni mera mfittxa għaliex il-minuri mhuwiex resident abitwali f'dak l-Istat (eż., jekk il-minuri se jkun sempliċiment qiegħed iżur dak l-Istat biex jeżerċita kuntatt). Għaldaqstant, il-Konvenzjoni tal-1996 tevita din id-diffikultà u tipprovdi metodu ferm iktar sempliċi u veloċi li bih l-ordni ta' Stat Kontraenti minnhom tiġi rikonoxxuta u eżegwita fl-Istat Kontraenti l-ieħor.

### *(d) Rilokazzjoni internazzjonali*[495]

13.23 Il-problemi marbuta mar-rilokazzjoni internazzjonali saru jiġu kkunsidrati dejjem iktar mill-awtoritajiet f'ħafna Stati. Ir-"rilokazzjoni internazzjonali" tinvolvi ċaqliq permanenti tal-minuri, normalment flimkien mal-persuna primarja li tindokrah, minn Stat għal ieħor. Ir-riżultat spiss ikun li l-minuri jgħix f'distanza ferm ikbar mill-ġenitur li ma jirrilokax u l-eżerċizzju tal-aċċess / tal-kuntatt minn dak il-ġenitur isir ferm iktar diffiċli u għoli.

13.24 Importanti li l-patti u l-kundizzjonijiet ta' ordni rigward l-aċċess / il-kuntatt magħmula fil-kuntest ta' rilokazzjoni internazzjonali jiġu rrispettati sal-massimu fl-Istat li fih issir ir-rilokazzjoni. Żewġ raġunijiet għal dan huma: (1) l-awtoritajiet li jiddeċiedu dwar ir-rilokazzjoni jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jiddeterminaw

---

493 Jekk il-Konvenzjoni tal-1980 hi fis-seħħ bejn l-Istati rilevanti, ir-rimedju tar-ritorn jipprovdi garanzija konsiderevoli lil persuna primarja li tindokra f'din is-sitwazzjoni. Dan għaliex il-persuna primarja li tindokra tkun taf li jeżisti rimedju veloċi jekk il-minuri jinżamm b'mod illegali bi ksur tal-ordni tal-qorti. B'dan il-mod, il-Konvenzjoni tal-1980 tiffaċilita l-aċċess / il-kuntatt internazzjonali wkoll.

494 Madankollu, ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.23-13.27** b'rabta mar-rilokazzjoni internazzjonali u l-fatt li l-Istat Kontraenti li fih jirriloka l-minuri, ladarba l-minuri jkun kiseb residenza abitwali hemm, isir l-Istat Kontraenti b'ġurisdizzjoni ġenerali b'rabta mal-minuri (Art. 5(2); ara iktar 'il fuq il-paragrafi **4.8-4.11**).

495 Ir-rilokazzjoni u l-kuntatt internazzjonali huma diskussi b'mod iktar komplut fil-Kapitolu 8 tal-Gwida għall-Prattika Tajba dwar l-Aċċess Transfruntier (*op. cit.* nota 216).

x'inhuma l-aħjar interessi tal-minuri fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-aċċess / tal-kuntatt mal-ġenitur li ma jirrilokax; u (2) jekk l-ordnijiet f'dawn is-sitwazzjonijiet ma jiġux irrispettati fi Stat partikolari, dan jista' jkollu impatt negattiv fuq l-imħallfin li jikkunsidraw jekk jawtorizzawx ir-rilokazzjoni f'dak l-Istat fil-ġejjieni (jiġifieri permess għar-rilokazzjoni jista' jiġi rrifjutat għaliex il-kuntatt ma jkunx jista' jiġi ggarantit b'mod adegwat).

13.25 Meta ordni dwar l-aċċess / il-kuntatt issir fil-kuntest ta' rilokazzjoni internazzjonali (mill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti fejn il-minuri hu resident abitwali), dik l-ordni tkun intitolata, skont l-Artikolu 23(1) tal-Konvenzjoni, li tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti li fih tkun ser isseħħ ir-rilokazzjoni. Hi intitolata li tiġi infurzata f'dak l-Istat Kontraenti, skont l-Artikoli 26 u 28, daqslikieku saret f'dak l-Istat Kontraenti. Jekk hemm xi tħassib li l-ordni jaf ma tiġix rikonoxxuta wara r-rilokazzjoni, jenħtieġ li ssir applikazzjoni għal rikonoxximent bil-quddiem skont l-Artikolu 24[496].

13.26 Madankollu, tħassib f'każijiet t'a rilokazzjoni internazzjonali jista' jkun li, skont il-Konvenzjoni tal-1996, malli l-minuri jsir resident abitwali fl-Istat Kontraenti li fih jirriloka[497] b'mod legali, il-ġurisdizzjoni primarja għat-teħid tal-miżuri għall-protezzjoni fir-rigward tal-minuri ssir tal-awtortajiet kompetenti f'dak l-Istat Kontraenti (ara l-Art. 5(2) u l-paragrafi **4.8-4.11**, iktar 'il fuq). Għaldaqstant, it-tħassib hu li l-ġenitur li jirriloka jista' jisfrutta dan it-tibdil fil-ġurisdizzjoni u mbagħad jista' japplika għall-modifika, għar-restrizzjoni jew anki għat-terminazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess / kuntatt tal-ġenitur li baqa' fl-Istat Kontraenti ta' oriġini. Fuq din il-kwistjoni, ara l-Kapitolu 8 tal-Gwida għall-Prattika Tajba dwar l-Aċċess Transfruntier għal gwida dettaljata[498].

13.27 Kif intqal iktar 'il fuq, salvagwardja possibbli minnhom tkun li dan il-ġenitur japplika għal "rikonoxximent bil-quddiem"[499] tal-ordni rigward l-aċċess / il-kuntatt fl-Istat Kontraenti l-ġdid bl-għan li jiżgura d-drittijiet ta' aċċess / kuntatt tiegħu. Ladarba tiġi rikonoxxuta, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-rilokazzjoni jqisu l-ordni bħala waħda li għandha l-istess status bħal ordni magħmula mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Kontraenti. Madankollu, anki meta l-ordni ma tkunx is-suġġett ta' "rikonoxximent bil-quddiem", l-Istat Kontraenti li fih jirriloka l-minuri ma jenħtieġx li jitħalla jirrieżamina u jvarja l-ordni sakemm, fiċ-ċirkustanzi, dan ma jkunx jippermetti rieżami jew varjazzjoni ta' ordni doemstika rigward l-aċċess / il-kuntatt.[500] Barra minn hekk, meta l-Istat Kontraenti li fih irriloka l-minuri jkun qed jittratta applikazzjoni għar-rieżami jew għall-varjazzjoni ta' ordni rigward l-aċċess / il-kuntatt li jkun sar **ftit wara** rilokazzjoni awtorizzata minn qorti, il-qorti li tittratta l-applikazzjoni għal rieżami jenħtieġ li tbiddel l-arranġamenti rigward l-aċċess / il-kuntatt magħmula mill-awtoritajiet li ddeċidew dwar ir-rilokazzjoni b'ħafna galbu[501]. F'każ li jinħass li jkun neċessarju li tittieħed azzjoni għar-rieżami jew għall-varjazzjoni tal-ordni, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni lill-użu tal-mekkaniżmi pprovduti fil-Konvenzjoni biex tinkiseb l-informazzjoni rilevanti mill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali preċedenti tal-minuri (eż. kunsiderazzjoni tal-użu tal-Art. 9 tal-Konvenzjoni għat-trasferiment tal-ġurisdizzjoni għal dak l-Istat Kontraenti, jew tal-użu tal-mekkaniżmu fl-Art. 35)[502].

---

496 Diskuss iktar 'il fuq, fil-paragrafi **13.19-13.22**.

497 Jekk ir-rilokazzjoni ma kinitx legali u kienet tneħħija illegali jew żamma illegali tal-minuri, ara l-Art. 7 u iktar 'il fuq il-paragrafi **4.20-4.25**.

498 *Op. cit.* nota 216, fil-para. 8.5.4.

499 Ir-rikonoxximent bil-quddiem hu diskuss f'iktar dettall iktar 'il fuq fil-paragrafi **13.19-13.21**.

500 Ara l-Gwida għall-Prattika Tajba dwar l-Aċċess Transfruntier (*op. cit.* nota 216), Kapitolu 8 u, b'mod partikolari l-para. 8.5.

501 *Ibid.*, fil-para. 8.5.3.

502 Dawn il-mekkaniżmi jistgħu jkunu siewja wkoll f'sitwazzjonijiet li fihom l-ordni ta' kuntatt ma jkunx sar fil-kuntest ta' rilokazzjoni proposta, iżda rilokazzjoni legali tkun seħħet ftit wara li tkun saret ordni ta' kuntatt. *Ibid.*

### (e) *Aċċess / kuntatt internazzjonali f'każijiet li fihom ikunu applikabbli l-Konvenzjoni tal-1980 u l-Konvenzjoni tal-1996*

13.28 Jenħtieġ li jitfakkar li, fi Stati u f'sitwazzjonijiet li fihom tkun applikabbli wkoll il-Konvenzjoni tal-1980, l-Artikoli 7(2) *f)* u 21 tal-Konvenzjoni tal-1980 fihom obbligi importanti dwar l-aċċess / il-kuntatt[503]. Dan mhuwiex il-post għal diskussjoni dettaljata dwar dawn id-dispożizzjonijiet iżda jenħtieġ li ssir referenza għall-Gwida għall-Prattika Tajba dwar l-Aċċess Transfruntieri[504] (b'mod partikolari l-Kapitolu 4) u għall-Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Prattika tal-Awtoritajiet Ċentrali[505] (b'mod partikolari l-Kapitolu 5).

13.29 Jenħtieġ li l-Istati Kontraenti jiftakru li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996 għandhomx enfasijiet differenti b'rabta mad-drittijiet ta' aċċess / ta' kuntatt. L-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni tal-1980 jipprovdi b'mod speċifiku li Awtorità Ċentrali, b'mod dirett jew permezz ta' intermedjarji, "tista' tniedi jew tassisti fil-ftuħ ta' proċedimenti bl-għan li torganizza jew tipproteġi dawn id-drittijiet [ta' aċċess] u tiżgura r-rispett għall-kundizzjonijiet li għalihom jista' jkun soġġett l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet". Meta jkunu japplikaw iż-żewġ Konvenzjonijiet, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1996 relatati mal-aċċess / mal-kuntatt huma maħsuba biex "jikkompletaw u jsaħħu" l-kooperazzjoni b'rabta mad-drittijiet ta' aċċess / ta' kuntatt previsti fil-Konvenzjoni tal-1980[506].

13.30 Meta applikazzjoni għal aċċess / kuntatt internazzjonali ssir f'ċirkustanzi li fihom japplikaw iż-żewġ Konvenzjonijiet, hu ssuġġerit li, meta rilevanti, iż-żewġ Konvenzjonijiet jissemmew fl-applikazzjoni[507].

## C. Foster care, *kafala* u tqegħid f'istituzzjonijiet b'mod transfruntier

13.31 Deċiżjonijiet dwar it-tqegħid tal-minuri ma' familja tar-rispett jew f'kustodja istituzzjonali,[508] jew il-forniment tal-indokrar mill-*kafala* jew minn istituzzjoni analoga jaqgħu fi ħdan id-definizzjoni ta' miżuri maħsuba għall-protezzjoni ta' minuri u jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni[509]. Għaldaqstant, il-ġurisdizzjoni biex jagħmlu t-tali tqegħid jew jieħdu tali deċiżjonijiet hi rregolata mid-dispożizzjonijiet ġuriżdizzjonali fil-Konvenzjoni[510] u t-tqegħid li jsir jew id-deċiżjonijiet meħuda fi Stat Kontraenti partikolari se jkollhom jiġu rikonoxxuti u infurzati fi Stati Kontraenti oħra, fin-nuqqas ta' raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent.[511]

---

503 Kif iddikjarat fin-nota 493 iktar 'il fuq, jenħtieġ li jitfakkar ukoll li r-rimedju tar-ritorn fil-Konvenzjoni tal-1980 hu għodda tassew importanti fl-iffaċilitar tal-aċċess / tal-kuntatt internazzjonali. Billi persuna li tindokra tiġi pprovduta bl-iktar garanzija b'saħħitha kontra ż-żamma illegali ta' minuri, din tipprovdi qafas legali ta' serħan il-moħħ li fih jista' jseħħ aċċess / kuntatt internazzjonali.

504 *Op. cit.* nota 216.

505 *Op. cit.* nota 355.

506 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 146.

507 Ara wkoll iktar 'il fuq il-paragrafi **11.2** u **11.6** rigward l-għoti tal-kunsiderazzjoni dovuta lid-deżinjazzjoni tal-istess Awtorità Ċentrali skont il-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996 fejn Stat ikun Parti għaż-żewġ Konvenzjonijiet. Dan hu eżempju ta' sitwazzjoni li fiha d-deżinjazzjoni tal-istess korp skont iż-żewġ Konvenzjonijiet tista' tkun utli.

508 B'rabta mal-indokrar alternattiv tal-minuri, ara iktar 'il fuq in-nota 83 rigward il-"Linji gwida għall-Indokrar Alternattiv tal-Minuri", preċedentement milqugħa mir-Riżoluzzjoni A/RES/64/142 tal-24 ta' Frar 2010 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

509 Art. 3 *e)*. Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **3.25-3.28**.

510 Artikoli 5-10. Ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 4**.

511 Art. 23(2). Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **10.4-10.15**.

13.32 Importanti li jingħad li l-Konvenzjoni tipprovdi wkoll għall-kooperazzjoni bejn l-Istati b'rabta man-numru dejjem ikbar ta' każijiet li fihom it-tfal imqiegħda f'indokrar alternattiv jirrilokaw barra l-pajjiż, pereżempju għal fostering jew għal arranġamenti oħra fit-tul li mhumiex adozzjoni. Dawn jinkludu arranġamenti li jsiru permezz tal-istituzzjoni tal-liġi Iżlamika tal-*kafala*[512].

**Eżempju 13 (D)** *It-tifla hi resident abitwali fl-Istat Kontraenti A. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jieħdu deċiżjoni li jenħtieġ li t-tifla tiġi indokrata minn zijuha u martu permezz tal-*kafala*. Il-koppja u t-tifla iktar tard imorru jgħixu fl-Istat Kontraenti B. Peress li d-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A tissodisfa r-rekwiżiti għar-rikonoxximent, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jirrikonoxxu l-arranġament tal-*kafala *bl-operat tad-dritt*[513].

13.33 Jekk awtorità qed tikkontempla t-tqegħid tal-minuri f'familja tar-rispett jew f'kustodja istituzzjonali, jew il-forniment tal-indokrar mill-*kafala* jew minn istituzzjoni analoga, **u tali kustodja tkun se ssir fi Stat Kontraenti ieħor**, il-Konvenzjoni tistabbilixxi regoli stretti li jridu jiġu rrispettati qabel ma jkun jista' jiddaħħal fis-seħħ dan it-tqegħid. Dawn ir-regoli jinvolvu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet taż-żewġ Stati Kontraenti u jiżguraw li jiġu ssalvagwardjati l-aħjar interessi tal-minuri. Jekk dawn ir-regoli ma jkunux irrispettati, it-tqegħid ma jkunx jista' jiġi rrikonoxxut barra mill-pajjiż skont il-Konvenzjoni[514].

13.34 Ir-regoli huma stabbiliti fl-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni[515]. Dan l-artikolu japplika jekk:

- awtorità jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 tal-Konvenzjoni; u
- l-awtorità tkun qed tikkontempla t-tqegħid ta' minuri ma' familja tar-rispett jew f'kustodja istituzzjonali, jew il-forniment ta' kustodja minn *kafala* jew minn istituzzjoni analoga fi Stat Kontraenti ieħor.

13.35 L-awtorità li tixtieq tagħmel it-tqegħid trid tibgħat rapport lill-awtorità fl-Istat Kontraenti l-ieħor bid-dettalji tal-minuri u bir-raġunijiet għall-proposta tat-tqegħid jew tal-forniment tal-indokrar[516]. Id-deċiżjoni li l-minuri jitqiegħed barra mill-pajjiż mill-awtorità li jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 ma tistax issir sakemm l-awtorità mill-Istat Kontraenti l-ieħor ma tagħtix il-kunsens għat-tqegħid jew għall-forniment tal-indokrar, b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri[517]. Jekk din il-proċedura ma tiġix segwita, din tfisser li l-miżura tista' tiġi rrifjutata r-rikonoxximent skont il-Konvenzjoni[518].

---

512 Kif iddikjarat qabel f'dan il-Manwal, arranġamenti tal-*kafala* jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor ara iktar 'il fuq il-paragrafi **3.25-3.28**.

513 Art. 23. Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **10.1-10.3**.

514 Art. 23(2) *f)*. Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **10.4-10.15**.

515 Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **11.13-11.17**.

516 Art. 33(1).

517 Art. 33(2).

518 Art. 23(2) *f)*.

13.36 Kull Stat Kontraenti jista'[519] jiddeżinja l-awtorità li lilha jenħtieġ li jiġu indirizzati t-talbiet skont l-Artikolu 33, ara l-paragrafu **11.15** iktar 'il fuq.

13.37 Hemm xi kwistjoni dwar liema miżuri għall-protezzjoni jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni (u b'hekk jeħtieġu li titwettaq il-proċedura fl-Art. 33)[520]. B'mod partikolari, hemm kwistjoni dwar jekk miżura għall-protezzjoni meħuda minn awtorità kompetenti li tiddetermina li minuri jenħtieġ li jirresjedi fi Stat Kontraenti ieħor ma' membri tal-familja estiża (eż. nanniet jew zija jew ziju) taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 33. M'hemm ebda tweġiba definittiva għal din il-kwistjoni pprovduta fil-Proċedimenti tat-Tmintax-il Sessjoni Diplomatika. L-idea wara l-Artikolu 33 kienet oriġinarjament issuġġerita fid-Dokument ta' Ħidma Nru 59 sottomess min-Netherlands, issuġġerita bl-ispjegazzjoni li: "Kull meta t-tqegħid ta' minuri barra mill-familja tal-oriġini tiegħu jinvolvi t-teħid tiegħu fi Stat Kontraenti ieħor, jenħtieġ li tiġi segwita proċedura simili għal dik ipprovduta mill-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 1993."[521] Madankollu, dan iħalli miftuħa l-kwistjoni dwar jekk il-frażi "familja tal-oriġini" kinitx maħsuba biex tirreferi sempliċimen għall-familja "nukleari" tal-minuri li magħha kien qed jirresjedi preċedentemnet, jew hix maħsuba biex tinkludi b'mod iktar wiesa' kwalunkwe qarib tal-familja[522].

13.38 Matul il-Kummissjoni Speċjali tal-2011 (Parti I) kien hemm ċerta diskussjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 33. Ċerti esperti esprimew it-tħassib li l-inklużjoni tat-tali miżuri għall-protezzjoni fi ħdan l-ambitu tal-Artikolu 33 tkun toħloq ċertu xkiel żejjed meta l-minuri jitqiegħdu ma' qraba fi Stati Kontraenti oħra. Esperti oħra esprimew it-tħassib li, jekk it-tali miżuri jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 33, ma jkun hemm ebda salvagwardja obbligatorja fis-seħħ li tiżgura li l-Istat Kontraenti li fih għandu jitqiegħed il-minuri jkun jaf, bil-quddiem, bir-rilokazzjoni tal-minuri għal dak l-Istat u li tiżgura li kwistjonijiet bħal kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni jew mal-aċċess għas-servizzi pubbliċi ġew ikkunsidrati u solvuti qabel ir-rilokazzjoni tal-minuri[523]. Barra minn hekk, l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti fl-Istat Kontraenti li fih se jirresjedi l-minuri jistgħu jibqgħu ma jkunux jafu bi kwistjonijiet importanti bħall-isfond tal-minuri (eż. kwalunkwe tħassib relatat mal-protezzjoni tal-minuri li wassal għall-kura alternattiva) u n-natura tat-tqegħid - kwistjonijiet li jistgħu jesiġu l-monitoraġġ kontinwu tas-sitwazzjoni tal-minuri[524]. Għad m'hemm ebda prattika stabbilita fuq

---

519 Din id-deżinjazzjoni mhix obbligatorja iżda tista' tiffaċilita komunikazzjoni effiċjenti. F'dan ir-rigward ara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Health Services Executive* vs *S.C., A.C.* (Kawża C-92/12 tas-26 ta' April 2012) meta l-qorti ddikjarat (fil-para. 82), b'rabta mal-Art. 56 tar-Regolament Brussell II a, li: "Għaldaqstant, l-Istati Membri huma meħtieġa jipprevedu regoli u proċeduri ċari għall-finijiet tal-kunsens imsemmi fl-Artikolu 56 tar-Regolament, b'tali mod li jiżguraw iċ-ċertezza legali u l-ħeffa. B'mod partikolari, il-proċeduri għandhom jippermettu lill-qorti li tkun qiegħda tikkunsidra t-tqegħid tidentifika faċilment l-awtorità kompetenti u lill-awtorità kompetenti tagħti jew tirrifjuta l-kunsens tagħha fi żmien qasir." Ara wkoll iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.31-13.42**.

520 F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi osservat li hemm differenza importanti bejn it-test tal-Art. 33 tal-Konvenzjoni u l-Art. 56 tar-Regolament Brussell II a. L-Art. 56 tar-Regolament jiddikjara li tapplika meta qorti "tikkontempla t-tqegħid ta' minuri f'kustodja istituzzjonali jew ma' familja tar-rispett". Min-naħa l-oħra, l-Art. 33 tal-Konvenzjoni jiddikjara li tapplika meta awtorità kompetenti "tikkontempla t-tqegħid tal-minuri ma' familja tar-rispett jew f'kustodja istituzzjonali, **jew il-forniment tal-indokrar mill-kafala jew minn istituzzjoni analoga**" (bl-enfasi miżjuda).

521 Ara *Proceedings of the Eighteenth Session (1996)*, Tome II, *Protection of children*, fil-p. 249, *op. cit.* nota 19.

522 Fid-diskussjoni misjuba fil-Minuti 16 tal-*Proceedings of the Eighteenth Session* dwar ix-Xogħol iktar żviluppat. Id-Dok. Nru 89 (sottomess min-Netherlands, minn Spanja, mill-Irlanda, mill-Iżvizzera, mill-Belġju, mil-Lussemburgu u mill-Iżvezja), il-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-artikolu ssuġġerit ma ġiex diskuss.

523 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 143, fejn jiddikjara li l-Art. 33 jagħti lill-Istat riċeventi "setgħa li jirrieżamina d-deċiżjoni" u "jippermetti lill-awtoritajiet jiddeterminaw bil-quddiem il-kundizzjonijiet li fihom il-minuri jibqa' fl-Istat riċeventi, b'mod partikolari fir-rigward tal-liġijiet dwar l-immigrazzjoni fis-seħħ f'dak l-Istat, jew anki fil-qsim tal-ispejjeż involuti fit-twettiq tal-miżura ta' tqegħid".

524 Mill-ġdid, għaliex ma jkun hemm ebda **obbligu** (skont l-Art. 33) ta' komunikazzjoni bejn l-Istati

din il-kwistjoni.

13.39 Jenħtieġ li jiġi osservat li l-Konvenzjoni stess ma tipprovdix id-dettalji preċiżi ta' kif il-proċedura skont l-Artikolu 33 jenħtieġ li topera fil-prattika, iżda minflok tagħti regoli bażiċi biss. Hu f'idejn l-Istati Kontraenti nfushom li jistabbilixxu proċedura għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli bażiċi. Jaf ikunu jixtiequ jikkunsidraw l-istabbiliment ta' regoli u ta' proċeduri ċari u effiċjenti li, b'mod partikolari, jistgħu jippermettu lill-awtorità li tikkontempla t-tqegħid biex jidentifikaw faċilment l-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor li lilu trid tiġi indirizzata t-talba għall-kunsens.

13.40 Filwaqt li l-Konvenzjoni tal-1996 teskludi b'mod espliċitu l-adozzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni materjali tagħha, il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor tipprovdi proċedura simili f'każijiet ta' adozzjoni bejn pajjiż u ieħor li jistgħu jassistu fil-fehim (u / jew fl-implimentazzjoni) tal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni tal-1996. Barra minn hekk, għad li l-effetti legali u r-rekwiżiti jvarjaw bejn l-adozzjoni u forom oħra ta' indokrar, il-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni u wħud mill-prinċipji ġenerali tal-Konvenzjoni tal-1993 xorta waħda jistgħu jkunu siewja b'rabta mal-forniment transfruntier tal-indokrar. Il-Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor[525] tagħti spjegazzjoni ċara ta' dawn il-mekkaniżmi u l-prinċipji.

13.41 Eżempju minnhom li fihom il-proċedura fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor ipprovdiet xi gwida f'termini ta' stabbiliment tar-regoli rigward l-operat tal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni tal-1996 hu l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tan-Netherlands, li tiddedika kapitolu għall-istabbiliment tal-proċedura involuta f'każijiet li fihom minuri min-Netherlands ikun se jitqiegħed fi Stat Kontraenti ieħor, jew minuri minn Stat Kontraenti ieħor ikun se jitqiegħed fin-Netherlands[526]. Skont dawn ir-regoli, l-Awtorità Ċentrali tan-Netherlands hi l-awtorità kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni għat-tqegħid ta' minuri resident abitwali fin-Netherlands f'familja tar-rispett jew f'kustodja istituzzjonali jew inkella tipprovdi lill-minuri b'kustodja fi Stat Kontraenti ieħor. Qabel ma tittieħed din id-deċiżjoni, hi trid tibgħat applikazzjoni motivata, akkumpanjata minn rapport dwar il-minuri lill-Awtorità Ċentrali, jew lil awtorità kompetenti oħra, tal-Istat Kontraenti fejn jenħtieġ li jseħħ it-tqegħid jew il-forniment tal-indokrar. Imbagħad, l-Awtorità Ċentrali trid tidħol f'konsultazzjoni ma' din l-awtorità l-oħra. Qabel ma tieħu d-deċiżjoni, l-Awtorità Ċentrali trid tirċievi:

- dikjarazzjoni bil-miktub ta' kunsens mingħand il-persuni li magħhom, jew l-istituzzjoni li magħha, it-tqegħid ikun ser isir jew li minnhom tkun se tiġi pprovduta l-kustodja;
- jekk dan ikun mixtieq, rapport imfassal mill-Awtorità Ċentrali jew minn awtorità kompetenti oħra fil-pajjiż tat-tqegħid li juri l-adegwatezza tal-ġenitur tar-rispett biex jipprovdi foster care għall-minuri;
- il-kunsens tal-Awtorità Ċentrali jew ta' awtorità kompetenti oħra fl-Istat l-ieħor;
- jekk applikabbli, dokumenti li juru li l-minuri rċieva jew se jirċievi permess biex jidħol fl-Istat Kontraenti l-ieħor u ngħata jew se jingħata d-drittijiet ta' residenza f'dak l-Istat Kontraenti.

---

Kontraenti f'dan ir-rigward. Madankollu, jenħtieġ li jiġi osservat li dispożizzjonijiet oħra fil-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni jistgħu jipprovdu metodi li bihom tista' tikseb informazzjoni mill-Istat Kontraenti li fih jitfittex it-tqegħid tal-minuri (eż. l-Art. 34) kif ukoll metodi li bihom l-informazzjoni tista' tiġi kkomunikata għal dak l-Istat Kontraenti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet joperaw fuq bażi mhux obbligatorja. Ara wkoll iktar 'il fuq il-**Kapitolu 11**.

525 *Op. cit.* nota 2, Gwida Nru 1, b'mod partikolari l-Kapitolu 7, fil-pp. 79 *et seq*.

526 L-Att ta' Implimentazzjoni dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tat-Tfal, 16 ta' Frar 2006, Kapitolu 3.

13.42 Jekk it-tqegħid fin-Netherlands hu ta' minuri minn barra n-Netherlands, hu f'idejn l-Awtorità Ċentrali tal-Olanda li tagħti l-kunsens meħtieġ. Qabel ma tagħti dan il-kunsens, l-Awtorità Ċentrali trid tkun irċiviet talba motivata, akkumpanjata minn rapport dwar il-minuri. Trid tkun ġabret ukoll id-dokumenti ekwivalenti msemmijahawn fuq u bagħtithom lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini tal-minuri. Il-leġiżlazzjoni tal-Olanda tipprovdi wkoll x'għandu jsir jekk din il-proċedura ma tiġix irrispettata. Il-prosekutur pubbliku jew l-Awtorità Ċentrali jistgħu japplikaw quddiem l-imħallef tal-minuri biex it-tutela provviżorja tal-minuri tingħata lil fondazzjoni kif stipulat f'leġiżlazzjoni oħra. B'mod ġenerali, it-tutela provviżorja ddum sitt ġimgħat filwaqt li l-Bord tal-Protezzjoni tat-Tfal jikseb deċiżjoni dwar il-kustodja tal-minuri.

**Eżempju 13 (E)**

*Tifel hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti A mal-ġenituri tiegħu li jinqatlu f'aċċident tat-triq. L-eqreb qraba tat-tifel, il-kuġin t'ommu u martu, jgħixu fl-Istat Kontraenti B. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jixitequ jqiegħdu lill-minuri taħt il-kustodja ta' din il-koppja permezz tal-*kafala*.*

*Peress li l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-minuri u qed jikkunsidraw il-forniment tal-indokrar bil-*kafala* fl-Istat Kontraenti B, dawn iridu jibagħtu rapport lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B bid-dettalji tal-minuri u bir-raġunijiet għall-forniment propost tal-indokrar[527]. Imbagħad, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B iridu jikkunsidraw jekk jagħtux il-kunsens għall-miżura proposta, b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri[528]. Jekk l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jagħtu l-kunsens għall-miżura proposta, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jistgħu jipproċedu u jagħmlu l-ordni. Jekk l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jirrifjutaw il-miżura proposta jew jekk l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jonqsu milli jużaw din il-proċedura, kwalunkwe deċiżjoni li jieħdu rigward il-forniment tal-indokrar mill-kuġin tal-omm u minn martu fl-Istat Kontraenti B tista' tiġi rrifjutata fl-Istat Kontraenti B (u fl-Istati Kontraenti l-oħra kollha) skont il-Konvenzjoni[529].*

**Eżempju 13 (F)**

*Tifel ta' 16-il xahar hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti Ċ. L-awtoritajiet kompetenti dan l-aħħar ħadu lit-tifel taħt kustodja tal-Istat għaliex il-ġenituri sseparati ma setgħux jew ma kinux lesti li jkomplu jieħdu ħsiebu. Il-missier qabel kien ġie vvalutat bħala persuna inadegwata li tindokra għall-minuri minħabba diffikultajiet tas-saħħa mentali. L-omm kienet qed tieħu ħsieb it-tifel taħt superviżjoni mill-qrib tal-awtoritajiet tal-Istat iżda ġiet ikkundannata b'reat vjolenti u se jkollha tiskonta ħames snin il-ħabs. Hi ddikjarat li ma tridx tieħu ħsieb it-tifel iktar.*

*Meta kkunsidraw is-soluzzjonijiet alternattivi possibbli għall-indokrar għat-tifel,[530] l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Kontraenti Ċ saru jafu b'zija tal-omm, li tirresjedi fl-Istat Kontraenti D u li tixtieq tiġi kkunsidrata bħala persuna li tindokra lit-tifel fit-tul.*

*Skont il-Konvenzjoni tal-1996, hemm proċedura ċara, trasparenti u effiċjenti fis-seħħ li hi kif ġej:*

---

527 Art. 33(1). Ara iktar 'il quddiem il-para. **13.39** rigward il-bżonn ta' regoli u ta' proċeduri ċari u effiċjenti f'dan ir-rigward.

528 Art. 33(2). *Id.*

529 Art. 23(2) *f).*

530 B'rabta mal-indokrar alternattiv tal-minuri, ara iktar 'il fuq in-nota 83 rigward il-"Linji gwida għall-Indokrar Alternattiv tal-Minuri", preċedentement milqugħa mir-Riżoluzzjoni A/RES/64/142 tal-24 ta' Frar 2010 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

*(1) L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti Ċ għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni rigward it-tifel skont l-Artikolu 5 (bħala l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tat-tifel) u qed jikkunsidraw li jqiegħdu lit-tifel għal indokrar fit-tul fl-Istat Kontraenti D. Iż-żewġ Stati Kontraenti jafu bl-obbligi fl-Artikolu 33.*

*(2) F'konformità mal-Artikolu 44 tal-Konvenzjoni, l-Istat Kontraenti D ikkomunika lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat li jenħtieġ li ssir talba skont l-Artikolu 33 lill-Awtorità Ċentrali tiegħu. Għalhekk, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti Ċ, bl-assistenza tal-Awtorità Ċentrali tagħhom, jikkuntattjaw lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti D biex jinformawhom bit-tqegħid propost. Jibagħtu rapport dettaljat dwar it-tifel lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti D bir-raġunijiet għat-tqegħid propost (b'mod partikolari, jiddikjaraw għaliex qed jikkunsidraw it-tqegħid li hu fl-aħjar interessi tat-tifel u jipprovdu l-informazzjoni kollha rilevanti li għandhom dwar il-persuna proposta li tindokra).*

*(3) L-awtoritajiet taż-żewġ Stati Kontraenti jaqblu li l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti D jiltaqgħu maz-zija tal-omm biex jivverifikaw il-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħha. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti D jipprovdu rapport tal-valutazzjoni lill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti Ċ u, wara, jikkonfermaw il-kunsens tagħhom għat-tqegħid propost.*

*(4) L-awtoritajiet fiż-żewġ Stati Kontraenti mbagħad jikkooperaw dwar id-dettalji tar-rilokazzjoni tat-tifel u kwalunkwe rekwiżit (eż. l-immigrazzjoni) li jrid jiġi ssodisfat qabel ir-rilokazzjoni. Dawn se jinkludu wkoll kwalunkwe arranġament ta' kuntatt li jista' jiddaħħal fis-seħħ mill-Istat Kontraenti Ċ għall-minuri (eż. kuntatt mal-ġenituri tiegħu permezz ta' ittri u ta' sejħiet bit-telefown).*

*(5) Skont il-Konvenzjoni, id-deċiżjoni dwar it-tqegħid tat-tifel maz-zija tal-omm u kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċerna l-kuntatt mal-ġenituri tiegħu huma rikonoxxuti bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti D u fl-Istati Kontraenti l-oħra kollha.*

*Jekk l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti D ma jagħtux il-kunsens għat-tqegħid propost jew jekk l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti Ċ jonqsu milli jużaw il-proċedura awtorizzata bl-Artikolu 33, kwalunkwe deċiżjoni meħuda rigward il-forniment tal-indokrar miz-zija tal-omm fl-Istat Kontraenti Ċ tista' tiġi rrifjutata r-rikonoxximent fl-Istat Kontraenti D (u fl-Istati Kontraenti l-oħra kollha) skont il-Konvenzjoni*[531].

*Jekk it-tqegħid jirnexxi, ikun f'idejn l-Istat Kontraenti D fil-ġejjieni li jkollu ġurisdizzjoni biex jieħu miżuri għall-protezzjoni tat-tifel f'konformità mal-Artikolu 5(2).*

## D. Adozzjoni

13.43 Kif intqal fil-**Kapitolu 3** iktar 'il fuq, deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni, miżuri preparatorji għall-adozzjoni, jew l-annullament jew ir-revoka ta' adozzjoni lkoll huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1996[532]. Madankollu, jenħtieġ li jiġi osservat li ladarba **titlesta** adozzjoni, miżuri għall-protezzjoni tal-persuna u tal-beni tal-minuri jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni bl-istess mod bħal fir-rigward ta' kwalunkwe minuri ieħor.

531 Art. 23(2) *f)*.

532 Art. 4 *b)*. Ara wkoll iktar 'il fuq il-paragrafi **3.38-3.39**.

**<u>Eżempju 13 (G)</u>** *It-tifel jiġi adottat mill-ġenituri adottivi fl-Istat Kontraenti A, fejn kemm it-tifel kif ukoll il-ġenituri adottivi huma residenti abitwali. Sitt snin wara, il-ġenituri jisseparaw u l-omm tmur tgħix fl-Istat Kontraenti B bit-tifel. Qabel ir-rilokazzjoni, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jagħmlu ordni li tiddikjara li l-omm trid tkun dik li tieħu ħsieb lit-tifel ta' kuljum iżda li għandu jkun hemm kuntatt regolari bejn it-tifel u l-missier. Din il-miżura tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti B skont il-Konvenzjoni.*

13.44 Barra minn hekk, hemm ċerti sitwazzjonijiet li jinvolvu adozzjoni **bejn pajjiż u ieħor** li fihom id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1996 jistgħu jkunu siewja[533]. Eżempju ta' sitwazzjoni kemxejn rari hu meta, ftit wara t-tlestija tal-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor, l-ordni ta' adozzjoni tiġi ddikjarata nulla jew titħassar fl-Istat Kontraenti riċeventi. F'din is-sitwazzjoni, iridu jittieħdu miżuri rigward il-forniment tal-indokrar għall-minuri. Madankollu, l-Istat Kontraenti ta' oriġini tal-minuri jista' jkun għad għandu interess sinifikanti fil-protezzjoni tal-minuri. Mekkaniżmu possibbli biex ikunu jistgħu jinvolvu rwieħhom l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti ta' oriġini jkun il-mekkaniżmu ta' trasferiment skont il-Konvenzjoni tal-1996 (Artikoli 8 u 9[534]). Trasferiment tal-ġurisdizzjoni jista' jsir fuq it-talba tal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri (Art. 8), li normalment ikun l-Istat Kontraenti riċevitur f'dawn iċ-ċirkustanzi, jew fuq it-talba tal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti ta' oriġini (Art. 9). Ovvjament, ir-rekwiżiti relatati ma' trasferiment tal-ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni tal-1996 jkollhom jiġu ssodisfati (ara l-**Kapitolu 5** iktar 'il fuq). Dan it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni jkun ifisser li l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti ta' oriġini jkollu ġurisdizzjoni biex jieħu miżuri rigward l-indokrar fil-ġejjieni tal-minuri u t-tali miżuri jkunu rikonoxxuti bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti riċeventi[535].

13.45 Id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1996 kultant jistgħu jkunu utli wkoll wara adozzjoni bejn pajjiż u ieħor. Pereżempju, fis-sitwazzjoni rara ħafna li fiha l-awtoritajiet tal-Istat ta' oriġini tal-minuri jkunu ferm imħassba li l-minuri jista' jkun f'riskju mal-ġenituri l-ġodda tiegħu, l-Artikolu 32 jista' jintuża biex l-Istat riċeventi (fejn il-minuri issa sar resident abitwali u hu preżenti) jintalab jikkunsidra t-teħid ta' miżuri protettivi b'rabta mal-minuri (ara l-Art. 32 *b*)). Eżempju ieħor jista' jkun meta l-Istat riċeventi jkun qed jikkunsidra t-teħid ta' miżura għall-protezzjoni b'rabta mal-minuri u l-Istat ta' oriġini jkollu informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni tal-minuri. Jekk is-sitwazzjoni tal-minuri teħtieġ hekk, l-Istat riċeventi jista' juża l-Artikolu 34 biex jitlob li l-Istat ta' oriġini jikkomunika t-tali informazzjoni[536].

---

533 Ovvjament, meta ż-żewġ Stati involuti jkunu Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1996, kif ukoll għall-Konvenzjoni tal-1993. Referenzi f'dan il-paragrafu għal "Stati **Kontraenti**"qed jirreferu għall-Konvenzjoni **tal-1996**.

534 Għal spjegazzjoni dettaljata rigward id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment, ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 5**.

535 Art. 23(1) - ara wkoll iktar 'il fuq il-**Kapitolu 5** rigward id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni.

536 Ara wkoll iktar 'il fuq il-paragrafi **11.25-11.26** rigward l-operat tal-Art. 34.

## E. Medjazzjoni,[537] konċiljazzjoni u mezzi simili ta' soluzzjoni amikevoli tat-tilwim

### (a) *Faċilitazzjoni ta' soluzzjonijiet miftiehma għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri f'sitwazzjonijiet li fihom tapplika l-Konvenzjoni tal-1996*

**Artikolu 31 *b)***

13.46 Il-Konvenzjoni tal-1996 tixħet obbligu fuq l-Awtoritajiet Ċentrali, b'mod dirett jew permezz tal-awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi oħra, biex jieħdu l-passi xierqa kollha biex jiffaċilitaw, b'medjazzjoni, b'konċiljazzjoni jew b'mezzi simili, soluzzjonijiet miftiehma għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri f'sitwazzjonijiet li fihom tapplika l-Konvenzjoni[538].

13.47 Il-medjazzjoni saret mezz użat dejjem iktar ta' riżoluzzjoni tat-tilwim fi kwistjonijiet relatati mal-familja. Titqies bħala ta' benefiċċju f'sitwazzjonijiet li fihom il-partijiet irid ikollhom relazzjoni kontinwa, li spiss ikun il-każ f'tilwimiet tal-familja li jinvolvu lit-tfal. Tippermetti wkoll lill-partijiet jibnu soluzzjonijiet imfassla għall-ħtiġijiet partikolari tagħhom, tixħet ir-responsabbiltà għat-teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-partijiet u tista' tgħin biex titwitta t-triq għall-kooperazzjoni fil-ġejjieni u biex jitnaqqas il-livell ta' kunflitt bejn il-partijiet.

13.48 L-użu tal-medjazzjoni f'tilwimiet **transfruntier** tal-familja qed jikber iżda jġib miegħu xi sfidi partikolari. Lingwi differenti, kulturi differenti u d-distanza ġeografika jżidu dimensjonijiet ġodda u diffiċli li jridu jiġu kkunsidrati meta titqies il-metodoloġija tal-medjazzjoni. Barra minn hekk, l-involviment ta' iktar minn Stat wieħed u ta' iktar minn ordinament ġuridiku wieħed ifisser li trid tingħata kunsiderazzjoni biex jiġi żgurat li l-medjazzjoni u l-ftehim li jirriżulta jissodisfaw ir-rekwiżiti legali tal-eżegwibilità, u l-kundizzjonijiet għal din, fl-Istat jew fl-Istati rilevanti[539].

13.49 Meta l-Istati kkonċernati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1996, il-Konvenzjoni tista' tkun ta' għajnuna partikolari f'dan ir-rigward. Minħabba d-dispożizzjonijiet tagħha rigward ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-miżuri għall-protezzjoni, ġeneralment ikun biżżejjed għat-trasformazzjoni ta' ftehim medjat f'ordni tal-qorti fi Stat Kontraenti wieħed,[540] peress li l-eżegwibilità fl-Istat Kontraenti l-ieħor tkun iggarantita (dment li l-kwistjonijiet fl-ordni jkunu jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Konvenzjoni - ara l-para. **13.50** iktar 'il quddiem). Biex jitwarrbu d-dubji dwar l-eżistenza ta' raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent, jista' jitfittex ir-"rikonoxximent bil-quddiem" ta' miżura għall-protezzjoni.[541]

13.50 Importanti li jiġi osservat li l-ftehimiet medjati fi kwistjonijiet tal-familja jista' jkun fihom ukoll miżuri li mhumiex relatati mal-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri u li, għalhekk, ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni

---

537 Dwar il-medjazzjoni, ara l-Gwida għall-Prattika Tajba taħt il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri - Medjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni"). Il-Gwida hi disponibbli fuq is-sit web tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" u mbagħad "Guides to Good Practice". Għal medjazzjoni tax-xogħol ulterjuri bħala parti mill-Proċess ta' Malta, ara l-"Principles for the Establishment of Mediation Structures in the context of the Malta Process" u l-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja, disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" u mbagħad "Cross-border family mediation".

538 Art. 31 *b)*. Dan l-obbligu jrid jitwettaq direttament mill-Awtorità Ċentrali jew indirettament, permezz ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi oħra - ara wkoll iktar 'il fuq il-para. **11.11**.

539 F'dan ir-rigward, jenħtieġ li ssir referenza għall-Kapitoli 12 u 13 tal-Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni (*op. cit.* nota 537).

540 L-Istat Kontraenti b'ġurisdizzjoni skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni.

541 Skont l-Art. 24 ara iktar 'il fuq il-paragrafi **10.16-10.21.**

tal-1996[542]. Dawn il-miżuri l-oħra jistgħu jirregolaw, pereżempju, arranġamenti bejn il-ġenituri relatati mar-relazzjoni tagħhom, bħal applikazzjoni għal divorzju, il-provvista finanzjarja wara d-divorzju jew ftehimiet rigward il-manteniment. Meta ftehim medjat ikun fih dispożizzjonijiet bħal dawn u jinbidel f'ordni tal-qorti, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1996 mhumiex se japplikaw għall-partijiet tal-ordni tal-qorti li mhumiex fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Konvenzjoni. Madankollu, kwalunkwe parti tal-ordni tal-qorti li tikkostitwixxi miżura għall-protezzjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni xorta waħda trid tiġi rikonoxxuta u eżegwita skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

**Eżempju 13 (H)**

*Omm irrilokat b'żewġt itfal mill-Istat Kontraenti A għall-Istat Kontraenti B sentejn ilu u ġew implimentati arranġamenti ta' kuntatt għat-tfal u għal missierhom. Issa l-ġenituri ntebħu li l-arranġamenti attwali mhumiex prattikabbli minħabba l-ispejjeż tal-ivvjaġġar bejn l-Istati. Filwaqt li l-omm taqbel li jenħtieġ li l-missier ikollu kuntatt mat-tfal, il-ġenituri qed isibuha diffiċli li jaslu għal arranġament ġdid sodisfaċenti. Il-medjazzjoni tista' tassisti lill-ġenituri fin-negozjar ta' arranġament ta' kuntatt fattibbli.*

*Kwalunkwe ftehim milħuq rigward dawn il-kwistjonijiet relatati mal-kuntatt jaf ikunu jistgħu jinbidlu f'ordni tal-qorti fl-Istat Kontraenti B, fejn it-tfal huma residenti abitwali*[543]*. Jekk iva, tali ordni tal-qorti tikkostitwixxi t-teħid ta' "miżuri għall-protezzjoni" skont il-Konvenzjoni tal-1996 (mill-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istat Kontraenti B) u, għalhekk, jiġu rikonoxxuti bl-operat tad-dritt u jkunu jistgħu jiġu eżegwiti fl-Istati Kontraenti kollha skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tal-Konvenzjoni tal-1996, inkluż fl-Istat Kontraenti A*[544].

### *(b) Medjazzjoni f'każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri*

13.51 Il-medjazzjoni malajr qiegħda tiżviluppa bħala mekkaniżmu importanti għall-indirizzar ta' applikazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri. Għal diskussjoni dettaljata tal-prattiki tajbin relatati mal-medjazzjoni f'każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri, jenħtieġ li ssir referenza għall-Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni[545].

13.52 Prinċipju importanti ħafna x'jiġi osservat meta tintuża l-medjazzjoni f'dawn il-każijiet hi li jenħtieġ li l-medjazzjoni ma xekkilx u lanqas ma tittardja kwalunkwe proċediment ta' ritorn imressaq skont il-Konvenzjoni tal-1980[546].

**Eżempju 13 (I)**

**F'dan l-eżempju, l-Istati A u B huma Stati Kontraenti kemm għall-Konvenzjoni tal-1980 kif ukoll għal dik tal-1996.**

*Tifla tittieħed illegalment minn ommha mill-Istat Kontraenti A għall-Istat Kontraenti B. Il-missier li jibqa' fil-pajjiż iniedi proċedimenti fl-Istat Kontraenti B skont il-Konvenzjoni tal-1980 għar-ritorn tat-tifla. Jidher li l-missier jista' jkun lest li jaqbel mar-rilokazzjoni tal-omm għall-Istat Kontraenti B bit-tifla dment li jkollu biżżejjed garanziji rigward il-kuntatt tiegħu mat-tifla. Fil-kuntest tal-proċedimenti ta' ritorn tal-Aja, u mingħajr is-sospensjoni tagħhom, l-omm u l-missier jidħlu f'medjazzjoni.*

---

542 Ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 3**, **Taqsima Ċ**, rigward il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Konvenzjoni.

543 Art. 5. Jekk dan huwiex possibbli se jiddependi mil-liġi domestika tal-Istat Kontraenti B rigward kif il-ftehimiet medjati jsiru legalment vinkolanti u eżegwibbli.

544 Ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 10**. Ara wkoll il-para. 297 tal-Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni (*op. cit.* nota 537).

545 *Ibid.*

546 Ara wkoll il-Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni (*ibid.*).

*Il-medjazzjoni twassal għal ftehim li t-tifla tista' tirriloka fl-Istat Kontraenti B taħt il-kustodja tal-omm u tinkludi dispożizzjonijiet dettaljati għall-kuntatt bejn il-missier u t-tifla.*

13.53 F'dan l-eżempju, l-omm u l-missier jeħtiġilhom jiżguraw li l-ftehim milħuq se jiġi rrispettat fiż-żewġ Stati Kontraenti, kemm A kif ukoll B. Mod kif dan jista' jinkiseb jista' jkun li l-ftehim jiġi approvat jew ifformalizzat b'xi mod ieħor minn qorti jew minn awtorità kompetenti oħra[547]. Madankollu, jekk titfittex it-tali approvazzjoni jew formalizzazzjoni, se jkun importanti li l-partijiet jikkunsidraw jekk applikazzjoni bħal din jenħtieġx li għandha ssir mal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A **jew** tal-Istat Kontraenti B.

13.54 L-iktar soluzzjoni faċli tista' tidher li tkun li l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B, bil-kunsens tal-partijiet, irendu l-ftehim legalment vinkolanti f'konformità mal-proċeduri domestiċi tagħhom[548] minħabba li l-proċedimenti ta' ritorn u l-medjazzjoni saru fl-Istat Kontraenti B. Madankollu, kemm il-Konvenzjoni tal-1980 kif ukoll dik tal-1996 huma msejsa fuq l-idea li, f'sitwazzjoni ta' ħtif ta' minuri, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti li fih ittieħed il-minuri (l-"Istat rikjest") għandu jkollu l-kompetenza li jiddeċiedi dwar il-kwistjoni tar-ritorn tal-minuri iżda **mhux** dwar il-merti tal-kwistjonijiet relatati mal-kustodja[549]. Għaldaqstant, il-qorti li tassumi l-kompetenza għall-proċedimenti ta' ritorn tal-Aja fl-Istat rikjest jista' jkollha diffikultajiet biex tbiddel ftehim medjat f'ordni tal-qorti jekk dan il-ftehim ikun ikopri wkoll, minbarra l-kwistjoni ta' ritorn, kwistjonijiet ta' kustodja jew kwistjonijiet oħra li fuqhom il-qorti li tassumi l-kompetenza bil-proċedimenti tal-Aja m'għandhiex ġurisdizzjoni (internazzjonali) (bħal fl-**Eżempju 13 (H)** iktar 'il fuq). Skont il-Konvenzjoni tal-1996, jekk l-Istat Kontraenti B għandux ġurisdizzjoni biex ibiddel ftehim medjat li jindirizza kwistjonijiet relatati mal-kustodja u mal-aċċess / mal-kuntatt f'ordni tal-qorti (u b'hekk jieħu miżuri għall-protezzjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1996) f'każ ta' ħtif internazzjonali ta' minuri se jiddependi fuq jekk ġewx issodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 7[550]. F'ċirkustanzi bħal dawk mogħtija fl-**Eżempju 13 (I)** iktar 'il fuq, meta jintlaħaq ftehim medjat, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa lil jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(1) *a)*. Pereżempju, jekk, (1) il-minuri jinstab li jkun kiseb residenza abitwali fl-Istat Kontraenti B, u (2) il-ftehim medjat jitqies li hu evidenza fl-Istat Kontraenti B tal-fatt li l-partijiet, **strettament soġġetti għall-formalizzazzjoni b'suċċess tal-ftehim f'ordni tal-qorti**, ikunu aċċettaw b'mod taċitu t-tneħħija illegali tal-minuri (billi jaqblu għar-rilokazzjoni tal-minuri),[551] il-ġurisdizzjoni tkun mexiet għall-Istat Kontraenti B[552]. Din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tkun tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B, fejn il-qorti tkun dik kompetenti biex tisma' l-proċedimenti ta' ritorn u fejn saret il-medjazzjoni, biex ikollhom ġurisdizzjoni biex ibiddlu l-ftehim medjat f'ordni tal-qorti li se jsir rikonoxxut u eżegwibbli fl-Istat Kontraenti A.

---

547 Id-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika f'kull Stat se jiddeterminaw eżattament kif ftehim medjat jista' jsir legalment vinkolanti u eżegwibbli f'dak l-Istat.

548 Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni (*op. cit.* nota 537).

549 Ara l-Art. 16 tal-Konvenzjoni tal-1980; Art. 7 tal-Konvenzjoni tal-1996.

550 Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **4.20-4.25**. Ara wkoll il-Kapitolu 13 tal-Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni (*op. cit.* nota 537) dwar kwistjonijiet ġuriżdizzjonali ta' kif il-ftehmiet medjati jsiru legalment vinkolanti f'każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri.

551 F'dan il-każ se jkun ferm importanti biex kwalunkwe aċċettazzjoni taċita mill-ġenitur li jibqa' fil-pajjiż ta' oriġini tkun kompletament **kundizzjonali** ma' formalizzazzjoni b'suċċess tal-ftehim f'ordni tal-qorti (jiġifieri l-ġenitur li jibqa' fil-pajjiż ta' oriġini jkun qiegħed jaċċetta b'mod taċitu biss it-tneħħija illegali **fuq il-bażi li** l-ftehim jsir legalment vinkolanti u eżegwibbli b'suċċess fiż-żewġ ġurisdizzjonijiet ikkonċernati). Dan għaliex, jekk il-proċess ta' formalizzazzjoni mbagħad ikun falla u l-aċċettazzjoni taċita ma tkunx saret kundizzjonali b'dan il-mod, il-parti li taħtaf tista' mbagħad tibbaża fuq il-ftehim fi kwalunkwe proċediment ta' ritorn sussegwenti bħala evidenza ta' aċċettazzjoni taċita. Dan jista' jżomm lil ġenituri li jibqgħu fil-pajjiż ta' oriġini milli jidħlu f'medjazzjoni.

552 Art. 7(1) *a)*.

13.55 Madankollu, jekk jiġi ddeterminat li r-rekwiżiti tal-Artikolu 7 għal tibdil fil-ġurisdizzjoni **mhumiex** issodisfati fil-każ partikolari (eż. għaliex il-minuri ma jistax jingħad li kiseb residenza abitwali fl-Istat Kontraenti B), il-ftehim jista' jiġi sottomess lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti *A*, li jkollhom ġurisdizzjoni ġenerali biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni b'rabta mal-minuri (Art. 5(1)). Deċiżjoni minn dawn l-awtoritajiet li japprovaw jew b'xi mod ieħor jifformalizzaw il-ftehim medjat se tkun intitolata li tiġi rikonoxxuta u eżegwita fl-Istat Kontraenti B. Madankollu, il-partijiet jistgħu jkunu jixtiequ jikkunsidraw il-possibbiltà li jużaw id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni tal-Konvenzjoni tal-1996. F'dan il-każ, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jistgħu jikkunsidraw il-possibbiltà li jittrasferixxu l-ġurisdizzjoni lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, jew inkella l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti B jistgħu jitolbu t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 9[553]. Dan ikun jippermetti li l-ftehim medjat jiġi sottomess lill-qorti fl-Istat Kontraenti B għall-approvazzjoni[554]. L-Awtoritajiet Ċentrali ddeżinjati skont il-Konvenzjoni fl-Istat Kontraenti A u B jenħtieġ li jikkooperaw biex jgħinu lill-ġenituri jagħmlu dawn l-arranġamenti **jekk** dan jitqies li jkun fl-aħjar interessi tal-minuri partikolari[555].

13.56 Minkejja l-fatt li l-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996 ma jirregolawx il-modalitajiet ta' kif (u minn min) jenħtieġ li ssir il-medjazzjoni, il-konċiljazzjoni jew il-mezz simili ta' soluzzjoni amikevoli tat-tilwim,[556] hu evidenti li dawn is-servizzi jridu jkunu kapaċi jaffaċċjaw l-isfidi speċifiċi li jġibu magħhom tilwimiet **transfruntiera** tal-familja li jikkonċernaw it-tfal. Jenħtieġ li jiġi osservat li l-Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni[557] telabora f'dettall dwar is-salvagwardji u l-miżuri rakkomandati biex jiġu affaċċjati dawn l-isfidi. Għad li l-Gwida għall-Prattika Tajba hi mfassla b'enfasi fuq il-medjazzjoni u bi proċessi simili biex jinkisbu soluzzjonijiet maqbula f'każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' minuri li jaqgħu taħt il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri, ħafna mill-kontenut tagħha hu applikabbli għall-medjazzjoni f'tilwimiet internazzjonali tal-familja li jikkonċernaw lit-tfal b'mod ġenerali. Madankollu, irid jitfakkar li mhux il-każijiet kollha huma adattati għall-medjazzjoni u għal proċessi simili. Valutazzjoni inizjali tal-adegwatezza tal-każ inidividwali għall-medjazzjoni qabel ma tiġi ppruvata l-medjazzjoni hi kruċjali biex jiġu identifikati dawn il-każijiet[558].

### *(c) Involviment tal-minuri fil-proċess tal-medjazzjoni*

13.57 Finalment, il-Konvenzjoni tal-1996 tixħet importanza fuq is-smigħ tal-minuri fil-proċedimenti li jikkonċernawh billi tipprovdi li n-nuqqas ta' smigħ tal-minuri jista' jkun raġuni li fuqha jista' jiġi rrifjutat ir-rikonoxximent lil miżura għall-protezzjoni

---

553 Ovvjament, ir-rekwiżiti għal trasferiment tal-ġurisdizzjoni jkunu jridu jiġu ssodisfati - ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 5**.

554 Dwar ir-rekwiżiti biex iseħħ trasferiment tal-ġurisdizzjoni, ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 5**.

555 Tali kooperazzjoni jista' jingħad li taqa' fi ħdan l-Art. 31 *b)*, jiġifieri biex jiġu ffaċilitati soluzzjonijiet miftiehma għall-protezzjoni tal-minuri f'sitwazzjonijiet li għalihom tapplika l-Konvenzjoni. Ara iktar 'il quddiem il-para. **11.11**.

556 Ara l-Art. 7(2) tal-Konvenzjoni tal-1980. "B'mod partikolari, b'mod dirett jew permezz ta' kwalunkwe intermedjarju, dawn għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha [...] *c)* [...] biex tinkiseb soluzzjoni amikevoli tal-kwistjonijiet"; ara l-Art. 31 tal-Konvenzjoni tal-1996, li jiddikjara li l-medjazzjoni tista' tiġi ffaċilitata mill-"Awtorità Ċentrali ta' Stat Kontraenti, b'mod dirett jew permezz ta' awtorità pubblika jew ta' korpi oħra [...]". Fil-fatt, l-iskemi ta' medjazzjoni fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-1980 ivarjaw ħafna minn Stat Kontraenti għal ieħor: pereżempju, fl-Arġentina, l-Awtorità Ċentrali hi involuta direttament fil-medjazzjoni; il-programm MAMIF ta' Franza sar minn awtorità pubblika stabbilita fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Franza iżda dan l-aħħar ġie assorbit fl-Awtorità Ċentrali ta' Franza; il-proġett pilota Reunit tal-Ingilterra jsir minn organizzazzjoni nongovernattiva; il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja tal-Ġermanja jipproponi kif ukoll jappoġġja l-medjazzjoni f'każijiet tal-Konvenzjoni, iżda l-medjazzjoni nfisha ssir minn medjaturi professjonisti minn organizzazzjonijiet nongovernattivi.

557 *Op. cit.* nota 537.

558 Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni (*op. cit.* nota 537).

meħuda fir-rigward ta' dak il-minuri[559]. Filwaqt li l-proċeduri ta' medjazzjoni mhumiex soġġetti għall-istess formalitajiet bħall-proċeduri tal-qorti, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni lill-involviment tal-minuri fil-proċess ta' medjazzjoni[560].

## F. Kategoriji speċjali ta' minuri

### *(a) Minuri li huma refuġjati, spustati internazzjonalment jew mingħajr residenza abitwali*

13.58 Għal tfal refuġjati u għal tfal li, minħabba disturbi f'pajjiżhom, huma spustati internazzjonalment, l-Istat Kontraenti li fit-territorju tiegħu jkun preżenti l-minuri se jkollu l-ġurisdizzjoni biex jieħu l-miżuri maħsuba għall-persuna jew għall-beni tal-minuri.[561] Dan japplika wkoll għalminuri li r-residenza abitwali tagħhom ma tkunx tista' tiġi stabbilita.[562] Jenħtieġ li jiġi osservat li l-Artikolu 6 ma jipprovdix ġurisdizzjoni fuq bażi urġenti jew provviżorja: f'din is-sitwazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li l-minuri hu preżenti fit-territorju tagħhom għandhom ġurisdizzjoni **ġenerali** biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni rigward il-kura fit-tul tal-minuri.

13.59 Il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) u korpi internazzjonali oħra nnutaw li ċerti pajjiżi, speċjalment meta affaċċjati bi flussi kbar ta' persuni spustati internazzjonalment, kellhom tendenza li jirrestrinġu d-definizzjoni ta' "refuġjat" jew użaw metodi oħra biex iċaħħdu lir-refuġjati l-istandards tat-trattament assoċjati mar-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat[563]. L-applikazzjoni tal-Artikolu 6 għal minuri li, minħabba disturbi li jseħħu f'pajjiżhom, jiġu "spustati internazzjonalment" hi maħsuba li tiżgura applikazzjoni wiesa' ta' dan l-Artikolu.

13.60 Fil-każ ta' minuri mingħajr residenza abitwali (Art. 6(2)), jekk iktar tard jiġi stabbilit li l-minuri **għandu** residenza abitwali f'xi post, il-ġurisdizzjoni tal-Istat Kontraenti fejn il-minuri hu preżenti ssir limitata, skont il-Konvenzjoni, għall-operat tal-Artikoli 11 u 12.[564]

---

559 Meta l-miżura ma tittiħidx f'każ ta' urġenza - ara l-Art. 23(2) *b)* u iktar 'il fuq il-paragrafi **10.4-10.15**.

560 Dwar is-smigħ tal-minuri fil-proċess ta' medjazzjoni, ara l-Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni (*op. cit.* nota 537).

561 Għal linji gwida dwar it-twettiq ta' arranġamenti rigward l-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor għal minuri spustati internazzjonalment, ara r-"Rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni għal minuri refuġjati u għal minuri oħra spustati internazzjonalment tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tal-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor", l-Anness A għar-"Report of the Special Commission on the Implementation of the Hague Convention of 29 May 1993 on Protection of Children and Co-operation in Respect of Intercountry Adoption" (Uffiċċju Permanenti, 1994). Dan id-dokument hu disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Intercountry Adoption Section" u mbagħad "Special Commissions" u "Previous Special Commissions". Għal iktar informazzjoni dwar l-operat tal-Konvenzjoni tal-1993 dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor, ara l-Gwidi għall-Prattika Tajba dwar il-Konvenzjoni tal-1993 tal-Aja dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor (*op. cit.* nota 2).

562 Art. 6. Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **4.13-4.18**.

563 Ara, pereżempju, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, "Note on international protection", 13 ta' Settembru 2001, A/AC.96/951, disponibbli fuq: < http://www.unhcr.org/refworld/docid/3bb1c6cc4.html > (ikkonsultata l-aħħar f'Awwissu 2013), para. 85 u "Report of the Working Group [of April 1994] to study the application to refugee children of the Hague Convention of 29 May 1993 on Protection of Children and Co-operation in Respect of Intercountry Adoption", 1994, para. 12, disponibbli fuq < www.hcch.net > (direttorju indikat iktar 'il fuq fin-nota 561).

564 Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **4.16-4.19** u r-Rapport ta' Spjegazzjoni, fil-para. 45.

**Eżempju 13 (J)**

*Eluf ta' nies jiġu spustati wara diżastru naturali fl-Istat Kontraenti A. Fost dawk li waslu fl-Istat Kontraenti B hemm tifel ta' 10 snin u oħtu ta' 8 snin li saru orfni. L-Artikolu 6 jippermetti lill-Istat Kontraenti B jeżerċita ġurisdizzjoni biex jieħu miżuri fit-tul maħsuba għall-protezzjoni ta' dawn il-minuri. Madankollu, qabel ma jittieħdu miżuri għall-protezzjoni fit-tul, l-awtoritajiet fiż-żewġ Stati Kontraenti A u B jikkooperaw f'tentattiv li jsibu l-ikbar ammont ta' informazzjoni possibbli dwar l-isfond tal-minuri u biex jaraw jekk jistgħux jinstabu membri oħra tal-familja[565]. Filwaqt li jkunu għaddejjin dawn l-investigazzjonijiet, l-Istat Kontraenti B jieħu miżuri għall-protezzjoni li jqis li huma xierqa biex jiżgura l-protezzjoni tal-minuri. Meta jintemmu l-investigazzjonijiet, skont l-eżitu tagħhom, l-Istat Kontraenti B jista', pereżempju, jikkunsidra jagħti r-responsabbiltà tal-ġenituri lil qarib li jirresjedi fi Stat terz jew iqiegħed lill-minuri f'foster care fit-tul. Skont il-Konvenzjoni, il-miżura meħuda se jkollhom jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fl-Istati Kontraenti kollha l-oħra.*

**Eżempju 13 (K)**

*Tifel ta' 11-il sena jasal mhux akkumpanjat fl-Istat Kontraenti A. Jiddikjara li hu kellu jitlaq mill-Istat Kontraenti B minħabba l-gwerra ċivili hemm fejn inqatlu l-ġenituri tiegħu u ħutu. Skont il-liġijiet tal-Istat Kontraenti A, biex japplika għal status ta' refuġjat, it-tifel jeħtieġ tutur. Skont l-Artikolu 6(1), l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti fejn hu preżenti l-minuri, f'dan il-każ l-Istat Kontraenti A, għandhom ġurisdizzjoni b'rabta mat-tifel. Din tinkludi ġurisdizzjoni li jaħtru tutur għat-tifel. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jistgħu jieħdu wkoll miżuri oħra biex jipprovdu għall-indokrar u għall-protezzjoni tat-tifel.*

**Eżempju 13 (L)**

*Tifel jasal mhux akkumpanjat fl-Istat Kontraenti A u l-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri ma jistax jiġi stabbilit. Skont l-Artikolu 6(2), l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jieħdu miżuri għall-protezzjoni li jipprovdu għall-indokrar tat-tifel. Xahar wara, jiġi stabbilit li r-residenza abitwali tat-tifel hi fl-Istat mhux Kontraenti B u t-tluq tat-tifel minn dak l-Istat ma rriżultax minn xenarju internazzjonali ta' spustament jew ta' refuġjat. Minkejja din l-iskoperta, il-miżuri għall-protezzjoni meħuda preċedentement fir-rigward tat-tifel skont l-Artikolu 6 jibqgħu fis-seħħ għad li tibdil fiċ-ċirkustanzi elimina l-bażi li fuqhom kienet imsejsa l-ġurisdizzjoni[566]. Jekk l-awtoritajiet tal-Istat mhux Kontraenti B jieħdu deċiżjoni fir-rigward tat-tifel, se jkunu japplikaw ir-regoli mhux tal-Konvenzjoni tal-Istat Kontraenti A dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet barranin għad-determinazzjoni tal-effett tad-deċiżjoni barranija.*

*Fil-ġejjieni, peress li issa ġie ddeterminat l-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A m'għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni ulterjuri fir-rigward tat-tifel fuq il-bażi tal-Artikolu 6(2). Minflok, skont il-Konvenzjoni, dawn se jkunu jistgħu jieħdu biss miżuri għall-protezzjoni fuq il-bażi tal-Artikoli 11 u 12 tal-Konvenzjoni[567]. Madankollu, ara l-paragrafi* ***3.11*** *sa* ***3.13****, iktar 'il fuq, fir-rigward tal-fatt li, peress li t-tifel ġie stabbilit bħala resident abitwali fi Stat mhux Kontraenti, l-Istat Kontraenti A jista' jieħu miżuri għall-protezzjoni fuq il-bażi tar-regoli tiegħu tal-ġurisdizzjoni mhux tal-Konvenzjoni. Madankollu, jekk jagħmel dan, tali miżuri mhumiex se jiġu rikonoxxuti u eżegwiti skont il-Konvenzjoni.*

---

565 Art. 30.

566 Art. 14.

567 Jekk fil-ġejjieni jittieħdu miżuri għall-protezzjoni mill-Istat Kontraenti A skont l-Art. 11 jew 12, dawn se jiġu rikonoxxuti bl-operat tad-dritt u jkunu eżegwibbli fl-Istati Kontraenti l-oħra kollha. Jekk dawn jiġux rikonoxxuti / ikunux eżegwibbli fl-Istat **mhux Kontraenti** B, ovvjament, se jkun jiddependi mir-regoli dwar id-dritt internazzjonali privat tal-Istat mhux Kontraenti B stess.

### *(b) Tfal li jaħarbu, abbandunati jew ittraffikati*

13.61 Jista' jkun il-każ li r-residenza abitwali ta' minuri tkun tista' tiġi stabbilita għall-finijiet tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni iżda jkun għadu neċessarju li l-Istat Kontraenti li fit-territorju tiegħu jkun preżenti l-minuri jieħu miżuri fir-rigward tal-minuri skont l-Artikoli 11 u 12. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta minuri jkun ħarab, ġie abbandunat jew ġie ttraffikat b'mod transfruntier.[568]

13.62 Ġurisdizzjonijiet ibbażati fuq l-Artikolu 11 jew 12 timplika li l-miżura se tkun fis-seħħ għal żmien limitat u li l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri se jkunu finalment responsabbli għall-iżgurar tal-indokrar tal-minuri[569]. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti fejn hu preżenti l-minuri jenħtieġ li jaħdmu mal-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri biex jiddeterminaw l-iktar arranġamenti fit-tul xierqa għall-minuri.

13.63 Jenħtieġ li jiġi osservat li jekk l-awtoritajiet fl-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri ma jkunux f'pożizzjoni li jieħdu miżuri għall-protezzjoni relatati mal-minuri, se jkollha titfassal soluzzjoni iktar fit-tul mill-Istat Kontraenti li l-minuri jkun preżenti fit-territorju tiegħu. Sakemm jittieħdu l-miżuri għall-protezzjoni mill-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri, il-ġurisdizzjoni għall-protezzjoni ta' dawn il-minuri tibqa', fuq bażi urġenti jew provviżorja,[570] tal-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti fejn ikun preżenti l-minuri. Barra minn hekk, u skont is-sitwazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti fejn ikun preżenti l-minuri jistgħu jikkunsidraw il-possibbiltà li jintalab trasferiment tal-ġurisdizzjoni ġenerali skont l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni. Ovvjament, dan se jkun possibbli biss meta l-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri jkun Stat **Kontraenti** ieħor u l-kundizzjonijiet l-oħra għal trasferiment tal-ġurisdizzjoni jkunu ssodisfati[571].

13.64 Il-Konvenzjoni tipprovdi wkoll għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti fis-sejbien ta' minuri li jeħtieġu l-protezzjoni[572].

**<u>Eżempju 13 (M)</u>** *Tifla ta' 14-il sena mill-Istat Kontraenti B tinstab fl-Istat Kontraenti A wara li ġiet ittraffikata fil-pajjiż u mġiegħla taħdem. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri skont l-Artikoli 11 u 12 fir-rigward tal-minuri, bħall-ħatra ta' tutur temporanju u l-arranġemtn biex hi tingħata kura immedjata, iżda jenħtieġ li jagħmlu kuntatt u jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B biex jiddeterminaw x'arranġamenti se jsiru għall-kura fit-tul tat-tifla*[573].

**<u>Eżempju 13 (N)</u>** *Tifel ta' 13-il sena jaħrab mid-dar tal-familja tiegħu fl-Istat Kontraenti A u jasal fl-Istat Kontraenti B. Missieru jissuspetta li t-tifel jista' jkun fl-Istat Kontraenti B peress li xi membri tal-familja fl-Istat Kontraenti B irrapportaw li rawh. Il-ġenituri jidħlu f'kuntatt mal-Awtorità Ċentrali tal-Istat Kontraenti B għall-assistenza*[574]*. L-Awtorità Ċentrali tipprovdi informazzjoni dwar il-*

---

568 Ara iktar 'il fuq in-nota 3 rigward in-natura komplimentarja tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1996 u d-dispożizzjonijiet tal-*Optional Protocol to the Convention on the Rights of the Child on the sale of children, child prostitution and child pornography (New York, 25 ta' Mejju 2000).*

569 Ara iktar 'il fuq il-**Kapitoli 6 u 7**.

570 Jiġifieri skont l-Art. 11 jew 12 tal-Konvenzjoni.

571 Ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 5** rigward id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni - id-dispożizzjonijiet joperaw biss bejn żewġ **Stati Kontraenti**. Ara wkoll ir-rekwiżit fl-Art. 9(1) li l-Istat Kontraenti li jitlob trasferiment tal-ġurisdizzjoni jrid ikun wieħed mill-Istati Kontraenti elenkati fl-Art. 8(2).

572 Art. 31 *c)* u ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 11**.

573 Art. 30.

574 F'dan l-eżempju, il-ġenituri jmorru direttament għand l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Kontraenti B fejn jaħsbu li jinsab it-tifel. Ikun perfettament possibbli wkoll li l-ġenituri jikkuntattjaw lill-Awtorità Ċentrali

*liġijiet u s-servizzi fl-Istat Kontraenti B li jistgħu jgħinu lill-ġenituri*[575]*. L-Awtorità Ċentrali tipprovdi wkoll assistenza fis-sejbien ta' fejn jinstab it-tifel*[576]*.*

*Ladarba jinstab it-tifel, l-Istat Kontraenti B jieħu miżura għall-protezzjoni neċessarja b'rabta mat-tifel, filwaqt li jqiegħed lit-tifel f'kustodja temporanja tal-Istat*[577]*. Il-ġenituri jixtiequ jivvjaġġaw fl-Istat Kontraenti B biex jiġbru lit-tifel. Qabel ma jseħħ dan, l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti A u B jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib flimkien fuq din il-kwistjoni biex jiżguraw li din hi għażla sikura u xierqa għat-tifel. Tabilħaqq, skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, jista' jkun li r-ritorn tat-tifel jenħtieġ li jseħħ biss ladarba l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A (l-awtoritajiet b'ġurisdizzjoni ġenerali fil-każ) ikunu ħadu miżuri għall-protezzjoni biex jiżguraw li l-minuri jkun sikur mar-ritorn tiegħu*[578]*.*

**Eżempju 13 (O)**

*Tifla ta' 13-il sena taħrab mid-dar fl-Istat Kontraenti A akkumpanjata mill-għarus tagħha ta' 20 sena. It-tifla u l-għarus tagħha għall-ewwel jivvjaġġaw fl-Istat Kontraenti B biex jibdew ħajja flimkien. Madankollu, fl-Istat Kontraenti B l-għarus jispiċċa fl-inkwiet mal-pulizija u l-koppja taħrab fl-Istat Kontraenti Ċ.*

*Sadanittant, il-ġenituri tat-tifla fl-Istat Kontraenti A rrapportawha nieqsa. Huma mħassba għall-benessri tagħha peress li jafu li l-għarus tagħha għandu rekord kriminali. Il-ġenituri jikkuntattjaw lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A għall-assistenza fis-sejbien tat-tifla*[579]*. Minħabba l-fatt li l-ġenituri għandhom informazzjoni limitata ħafna dwar fejn tista' tkun it-tifla, l-inkjesti mnedija mill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A biex issib lit-tifla jimxu bil-mod.*

*Wara xahar fl-Istat Kontraenti Ċ, l-għarus jidħol fl-inkwiet mal-pulizija hemmhekk u t-tifla taqa' taħt il-lenti tal-awtoritajiet. L-awtoritajiet jagħmlu inkjesti u, b'kunsiderazzjoni li t-tifla tinsab f'sitwazzjoni perikoluża, jieħdu l-miżuri għall-protezzjoni neċessarji fuq il-bażi tal-Artikolu 11 u jqegħduha f'foster care temporanja. L-awtoritajiet jikkuntattjaw lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti A u jinformawhom bil-preżenza tat-tifla fil-ġurisdizzjoni tagħhom u bil-miżuri għall-protezzjoni meħuda.*

*Madankollu, it-tifla jirnexxilha taħrab mill-foster care u, mal-għarus tagħha, malajr tirriloka fl-Istat Kontraenti D. F'konformità mal-Artikolu 36, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti Ċ (wara li jiżguraw li t-tifla vvjaġġat lejn l-Istat Kontraenti D), jinformaw lill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti D dwar il-periklu li tinsab fih it-tifla u dwar il-miżuri li ħadu fir-rigward tagħha. Dawn il-miżuri jiġu rikonoxxuti bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti D u fl-Istati Kontraenti l-oħra kollha. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti Ċ ukoll, bħala kwistjoni ta' prattika tajba, jinformaw lill-Istat Kontraenti A dwar it-tluq tat-tifla mill-Istat tagħhom u dwar il-preżenza tagħha fl-Istat Kontraenti D.*

---

tal-Istat Kontraenti A fejn jirresjedu għall-assistenza. Din l-Awtorità Ċentrali mbagħad tibgħat it-talbiet lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Kontraenti B.

575 Art. 30(2).

576 Art. 31 *c)*.

577 Art. 11.

578 Fil-każ ta' minuri li jaħrab, is-smigħ tal-minuri u, b'mod partikolari, l-iżgurar tar-raġunijiet għaliex ħarab, spiss ikunu partikolarment importanti meta jiġi kkunsidrat x'miżuri għall-protezzjoni jenħtieġ li jittieħdu b'rabta mal-minuri, jekk fuq bażi urġenti jew inkella fit-tul (ara, f'dan ir-rigward, ir-rekwiżiti tal-Art. 12 tal-UNCRC). Kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet taż-żewġ Stati Kontraenti se tkun estremament importanti wkoll biex jiġi skoprut, pereżempju, jekk tqajjimx tħassib preċedenti dwar il-protezzjoni b'rabta mat-tifel jew jekk l-awtoritajiet pubbliċi fl-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri kinux preċedentement involuti mal-familja.

579 Art. 31 *c)*.

*F'dan il-każ, kull Stat Kontraenti li fih it-tifla saret preżenti għandu ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni fir-rigward tagħha fuq bażi urġenti jew provviżorja (skont l-Artikoli 11 u 12 tal-Konvenzjoni). Madankollu, filwaqt li r-"residenza abitwali" tat-tifla tibqa' fl-Istat Kontraenti A, dak hu l-uniku Stat Kontraenti li jista' jieħu miżuri għall-protezzjoni fit-tul fir-rigward tat-tifla (Art. 5). Għalhekk, f'dan l-eżempju, l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti D jistgħu jirrikonoxxu u jinfurzaw il-miżura għall-protezzjoni meħuda mill-Istat Kontraenti Ċ jew, jekk iqisu li dan hu neċessarju, jistgħu jieħdu miżura oħra għall-protezzjoni għat-tifla skont l-Artikolu 11.*

*Fil-każ ta' minuri "maħrub" għal tul konsiderevoli ta' żmien, jekk, fuq il-bażi tal-fatt tal-każ, is-sitwazzjoni tiżviluppa b'tali mod li l-minuri jkun f'pożizzjoni li ma jkunx jista' jingħad li għad għandu "residenza abitwali", l-Istat Kontraenti fejn ikun preżenti l-minuri jista' jiddeċiedi li hu jkollu ġurisdizzjoni ġenerali biex jieħu miżuri għall-protezzjoni fit-tul għall-minuri skont l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni. Madankollu, id-determinazzjoni li minuri m'għadx għandu residenza abitwali għandha ssir ferm bil-galbu*[580].

**Eżempju 13 (P)**

*Tifla ta' 11-il sena hi resident abitwali mal-ġenituri tagħha fl-Istat Kontraenti E. Bla ma jafu l-awtoritajiet pubbliċi f'dan l-Istat Kontraenti, it-tifla tintbagħat mill-ġenituri tagħha fl-Istat Kontraenti F biex tgħix, fuq bażi fit-tul, maz-zija paterna tagħha biex tgħin liz-zija u tirċievi edukazzjoni. It-tifla tivvjaġġa b'viża għall-viżitaturi ta' 6 xhur. Iz-zija ma tippruvax tirregolarizza l-istatus tal-immigrazzjoni tat-tifla u ma tibgħathiex l-iskola - it-tifla fil-fatt tinsab f'sitwazzjoni ta' servitù domestika.*

*Erba' snin wara l-wasla tat-tifla fl-Istat Kontraenti F, l-awtoritajiet isiru jafu b'din is-sitwazzjoni minn ġara ġdida taz-zija. L-awtoritajiet kompetenti, wara valutazzjoni tas-sitwazzjoni, jieħdu miżuri immedjati biex jieħdu lit-tifla taħt kustodja tal-Istat. Sakemm isiru investigazzjonijiet ulterjuri, it-tifla titqieħed ma' familja tar-rispett. Skont l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tal-1996, l-awtorità tqis li t-tifla issa hi resident abitwali fl-Istat Kontraenti F.*

*F'konformità mal-Artikolu 32, l-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti F, bl-assistenza tal-Awtorità Ċentrali tagħha, tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti E biex tikseb kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar it-tifla u l-familja tagħha. L-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti F tixtieq tivvaluta jekk ir-ritorn tat-tifla lill-ġenituri tagħha fl-Istat Kontraenti E jistax ikun għażla possibbli tal-kura fit-tul għat-tifla (eż., jekk il-ġenituri ma kienu jafu b'xejn dwar iċ-ċirkustanzi tagħha u z-zija paterna kienet gidbitilhom). L-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti E tikkomunika li l-ġenituri ma jridux li t-tifla tiġi ritornata taħt il-kustodja tagħhom. L-awtorità tirrapporta wkoll li ma hemm ebda membru ieħor tal-familja estiża fl-Istat E li jistgħu jitqiesu bħala persuni potenzjali li jindokraw lit-tifla. B'riżultat ta' din l-informazzjoni, l-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti F tista' tibda tikkunsidra l-miżuri għall-protezzjoni fit-tul għat-tifla.*

### (c) *Minuri li jirrilokaw minn Stat għal ieħor meta jkunu ġew involuti l-awtoritajiet pubbliċi*

13.65 Hemm inċidenzi dejjem ikbar ta' ġenitur ili jibagħtu lit-tfal tagħhom f'pajjiż ieħor billi jaqsmu l-fruntieri internazzjonali li jista' jsir biex jevitaw tħassib relatat mal-protezzjoni tat-tfal u mal-proċeduri fl-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri[581]. Din

---

580 Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **4.16-4.19** u iktar 'il fuq il-paragrafi **13.83-13.87**.

581 Xi eżempji li juru dan il-fenomenu huma: il-kawża Ingliża ta' *Tower Hamlets London Borough Council* vs *MK u oħrajn* [2012] EWHC 426 (Fam) u l-kawżi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: il-Kawża C-435/06 tas-27 ta' Novembru 2007 u l-Kawża C-523/07 tat-2 ta' April 2009.
Fil-Kummissjoni Speċjali (Parti I), is-Servizz Soċjali Internazzjonali ("ISS") osserva li kien hemm

it-taqsima tipprovdi informazzjoni dwar il-Konvenzjoni tal-1996 tista' tkun ta' assistenza f'dawn iċ-ċirkustanzi. Hemm żewġ xenarji x'jiġu kkunsidrati:

13.66 (1) Meta miżura għall-protezzjoni diġà tkun ittieħdet:

Meta awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri diġà tkun ħadet miżura għall-protezzjoni rigward minuri (eż. ikun hemm ordni eżistenti li l-minuri għandu jitqiegħed taħt il-kustodja tal-Istat), u l-ġenituri wara jibagħtu lill-minuri fi Stat Kontraenti ieħor, pereżempju biex jevitaw il-konformità ma' din il-miżura, il-Konvenzjoni tal-1996 tipprovdi liż-żewġ Stati Kontraenti b'assistenza konsiderevoli biex isolvu s-sitwazzjoni. L-ewwel, il-miżura għall-protezzjoni tista' tiġi rikonoxxuta u eżegwita skont il-Konvenzjoni tal-1996 fl-Istat Kontraenti li fih jintbagħat il-minuri[582]. Dan jista' jippermetti lill-minuri jiġi rritornat minnufih taħt il-kustodja tal-awtortajiet kompetenti fl-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri. Biex ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-miżura għall-protezzjoni jseħħu minnufih u b'mod effiċjenti u bl-informazzjoni rilevanti kollha quddiem l-awtortajiet kompetenti, id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1996 huma siewja wkoll[583]. Barra minn hekk, jekk il-każ ikun wieħed ta' urġenza, il-Konvenzjoni tal-1996 tipprovdi bażi għall-ġurisdizzjoni għall-Istat Kontraenti li fih jintbagħat il-minuri biex dan ikun jista' jieħu l-miżuri neċessarji biex jipproteġi lill-minuri filwaqt li l-minuri jkun preżenti f'dan l-Istat (Art. 11)[584].

Jekk iż-żewġ Stati rilevanti jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri u din il-Konvenzjoni tkun iddaħħlet fis-seħħ bejniethom,[585] jista' jkun possibbli, skont il-fatti partikolari tal-każ, li l-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri tfittex ir-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-1980 jekk il-kundizzjonijiet ta' dik il-Konvenzjoni jiġu ssodisfati.

13.67 (2) Meta jkun qed jiġi investigat tħassib relatat mal-protezzjoni tat-tfal, iżda ma tkun għadha ttieħdet ebda miżura għall-protezzjoni u ma jkun tnieda ebda proċediment[586]:

F'din is-sitwazzjoni, m'hemm ebda miżura għall-protezzjoni eżistenti x'tiġi rikonoxxuta u eżegwita skont il-Konvenzjoni tal-1996 mill-Istat Kontraenti li fih jitneħħa l-minuri. Barra minn hekk, għad li dan hu dipendenti fuq il-fatti partikolari tal-każ u fuq il-passi eżatti meħuda mill-awtorità kompetenti saż-żmien tat-tneħħija, anki jekk iż-żewġ Stati rilevanti jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri, jista' jkun improbabbli li l-investigazzjonijiet tal-awtorità jkunu biżżejjed biex jipprovdulha d-"drittijiet ta' kustodja" (fi ħdan it-tifsira awtonoma tal-Konvenzjoni tal-1980) b'tali mod li ritorn ikun jista' jitfittex skont din il-Konvenzjoni[587].

---

"fenomenu li qed jikber" ta' ġenituri li jibagħtu lit-tfal tagħhom f'pajjiż ieħor billi jaqsmu l-fruntieri internazzjonali biex jevitaw tħassib relatat mal-protezzjoni tat-tfal u mal-proċeduri fl-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri.

582 Fir-rigward tal-operat tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-Konvenzjoni tal-1996, ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 10**.

583 F'dan ir-rigward, ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 11**.

584 F'dan ir-rigward, ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 6**.

585 Ara l-Art. 38 tal-Konvenzjoni tal-1980 dwar il-proċedura neċessarja għall-Konvenzjoni tal-1980 biex tiddaħħal fis-seħħ bejn l-Istati Kontraenti meta Stat Kontraenti wieħed ikun aderixxa għall-Konvenzjoni.

586 Ara iktar 'il fuq l-**Eżempju 11 (E)**.

587 Ara l-kummentarju fit-taqsima tal-"Case Law Analysis" ta' INCADAT (< www.incadat.com >) rigward meta awtorità pubblika jista' jingħad li jkollha "drittijiet ta' kustodja" rigward minuri skont il-Konvenzjoni tal-1980 b'tali mod li jkun hemm rimedju tar-ritorn disponibbli għaliha.

13.68 Il-Konvenzjoni tal-1996 għadha ferm sinifikanti f'dawn iċ-ċirkustanzi u tista' tipprovdi assistenza importanti liż-żewġ Stati Kontraenti biex isolvu s-sitwazzjoni tal-minuri. Pereżempju:

- **Dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni**[588]
  L-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni jixħet obbligu fuq l-Istati Kontraenti li ħadu jew li qed jikkunsidraw li jieħdu miżuri għall-protezzjoni rigward minuri, meta jikkunsidraw li minuri hu "espost għal periklu serju" u jekk jiġu informati li r-residenza tal-minuri tbiddlet jew li l-minuri hu preżenti fi Stat ieħor,[589] biex jinformaw lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat l-ieħor dwar il-"periklu involut u l-miżuri meħuda jew ikkunsidrati". Din id-dispożizzjoni normalment tobblbiga lill-Istat Kontraenti li minnu tneħħa l-minuri biex jinforma lill-Istat li fih tneħħa dwar is-sitwazzjoni tal-minuri. B'hekk dan l-Istat imsemmi l-aħħar jiġi mwissi dwar il-ħtieġa potenzjali li jsib il-minuri[590] u jiddetermina jekk hix neċessarja azzjoni ulterjuri biex jiġi protett il-minuri.

  Dispożizzjoni oħra li tista' tkun ta' assistenza hi l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni. Jekk wieħed mill-Istati Kontraenti kkonoċernati jkun qed jikkunsidra li jieħu miżura għall-protezzjoni fir-rigward tal-minuri (li aktarx li tkun neċessarja f'din is-sitwazzjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni ssoktata tal-minuri), dawn jistgħu jitolbu lill-awtortajiet kompetenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor biex jipprovdulhom l-informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni tal-minuri. Pereżempju, l-Istat Kontraenti li fih jitneħħa l-minuri jista' jkollu bżonn informazzjoni dwar l-isfond tal-minuri u dwar l-istorja tal-familja biex l-awtoritajiet jivvalutaw jekk il-każ hux wieħed ta' urġenza u jekk hemmx bżonn ta' xi miżura għall-protezzjoni.

  F'livell iktar ġenerali, se jkun ferm importanti li l-awtorità kompetenti rilevanti f'kull Stat Kontraenti, fejn xieraq bl-assistenza tal-Awtoritajiet Ċentrali tagħhom, jikkomunikaw biċ-ċar u b'mod effettiv ma' xulxin u jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom biex jipprovdu l-protezzjoni kontinwa tal-minuri[591].

- **Dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni**
  Id-dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni tal-Konvenzjoni jinkludu regoli ċari u uniformi dwar l-Istat Kontraenti li għandu ġurisdizzjoni rigward il-minuri. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi li huma l-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri li għandhom il-ġurisdizzjoni ġenerali biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni li jikkonċernaw lill-minuri[592]. Fix-xenarju fattwali deskritt hawnhekk, il-minuri spiss jitqies li għadu resident abitwali fl-Istat Kontarenti li minnu l-minuri ttieħed mill-ġenituri. Jekk dan hu l-każ, il-ġurisdizzjoni għat-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni fit-tul li jikkonċernaw lil dak il-minuri tibqa' tal-Istat Kontraenti li, għalhekk, ikun jista' jieħu tali miżuri għall-protezzjoni (u t-tali miżuri ser ikollhom il-benefiċċju li jiġu rikonoxxuti u jkunu jistgħu jiġu eżegwiti fl-Istat Kontraenti l-ieħor skont il-Konvenzjoni). Madankollu, minbarra dan, l-Istat Kontraenti li fih ikun preżenti l-minuri se jkollu l-ġurisdizzjoni biex jieħu kwalunkwe miżura neċessarja biex jipproteġi lill-minuri sadanittant jekk il-każ jitqies wieħed ta' urġenza. Kwalunkwe miżura meħuda bħal din tiskadi ladarba jkun aġixxa l-

---

588 F'dan ir-rigward, ara iktar 'il fuq il-paragrafi **11.18-11.22**.

589 Għall-finijiet tal-Art. 36, dan m'għandux għalfejn ikun Stat **Kontraenti** għall-Konvenzjoni tal-1996. ara iktar 'il fuq il-paragrafi **11.18** *et seq*.

590 F'konformità mal-Art. 31 *c)*, jista' jkun hemm ukoll talba diretta mingħand l-Istat Kontraenti l-ieħor f'dan ir-rigward.

591 Ara l-Art. 30(1). Komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti jistgħu jaqdu rwol importanti wkoll f'dan ir-rigward: ara iktar 'il fuq in-nota 147.

592 Ir-residenza abitwali hi kunċett fattwali, ara iktar 'il quddiem il-paragrafi **13.83** *et seq*.

Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri - Art. 11(2).

Finalment, f'dan ix-xenarju, l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-1996 se jkollu jiġi kkunsidrat miż-żewġ Stati Kontraenti wkoll[593].

- **Dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni**
  Dawn id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1996 għadhom rilevanti għaliex jiżguraw li meta Stat Kontraenti jieħu miżuri għall-protezzjoni, dawn jiġu rikonoxxuti bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti l-ieħor u jistgħu jiġu eżegwiti hemmhekk.

13.69 Finalment, jenħtieġ li jiġi osservat li f'dawn il-każijiet, fl-istadji kollha se jkun importanti li ż-żewġ Stati Kontraenti jaġixxu b'ċarezza, b'effiċjenza u b'ħeffa biex jiżguraw li s-sitwazzjoni tiġi żgurata mill-iktar fis possibbli u fl-aħjar interessi tal-minuri.

**Eżempju 13 (Q)**

*Omm u missier jgħixu fl-Istat Kontraenti A ma' binhom. Minħabba l-inabilità tagħhom li jindokraw għat-tifel minħabba abbuż tad-droga, it-tifel jitneħħa mill-kustodja tal-ġenituri tiegħu u jitqiegħed għall-adozzjoni fl-Istat Kontraenti A.*

*Sentejn wara, l-omm tinqabad tqila bit-tieni tifla. Il-ġenituri jiddikjaraw li rkupraw b'suċċess mid-dipendenzi tagħhom u jixtiequ jindokraw lit-tifla li qed jistennew. L-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti A qed tinvestiga s-sitwazzjoni tagħhom iżda qabel ma tinħareġ deċiżjoni, l-omm twelled it-tifla b'mod prematur. Il-koppja, bil-biża' li t-tifla tittieħed taħt il-kustodja tal-Istat, minnufih jaħarbu fl-Istat Kontraenti ġar B.*

*F'konformità mal-Artikolu 36, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A (bl-assistenza tal-Awtorità Ċentrali) minnufih jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Kontraenti B (fejn jissuspettaw li ħarbu l-ġenituri) dwar il-periklu possibbli li tinsab fih it-tarbija li għadha kif titwieled u dwar il-miżuri għall-protezzjoni li l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A kienu qed jikkunsidraw. F'konformità mal-Artikolu 31 c), huma jitolbu wkoll li l-korp rilevanti fl-Istat Kontraenti B (l-Awtorità Ċentrali jew il-korp li din il-funzjoni tiġi ddelegata lilu f'dan l-Istat) jassisti fis-sejbien ta' fejn tinsab il-familja.*

*It-tifla li għadha kif titwieled tinstab fl-Istat Kontraenti B u jinstab li qed tgħix mal-ġenituri tagħha f'hostel. L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti B jikkomunikaw din l-informazzjoni lill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A. L-Istat Kontraenti B jiddeċiedi li hemm bżonn li jittieħdu miżuri urġenti (skont l-Art. 11) biex jipproteġi lit-tifla billi jieħu lit-tifla taħt il-kustodja tal-Istat fl-Istat Kontraenti B. Hu jikkomunika din l-informazzjoni lill-Istat Kontraenti A. L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A, filwaqt li jaqblu mal-Istat Kontraenti B li t-tifla għadha meqjusa bħala resident abitwali fl-Istat Kontraenti A, ifittxu ordni (skont l-Art. 5) biex it-tifla titqiegħed taħt il-kustodja tal-awtoritajiet tal-Istat fl-Istat Kontraenti A, sakemm tiġi konkluża investigazzjoni dwar il-futur fit-tul tat-tifla. Din il-miżura tiġi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istat Kontraenti B u tippermetti lill-awtoritajiet taż-żewġ Stati Kontraenti jikkoordinaw trasferiment tat-tifla lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Kontraenti A (u b'hekk il-miżura urġenti tal-Istat Kontraenti B tiskadi f'konformità mal-Art. 11(2)).*

---

[593] Għal iktar dettall dwar l-operat tal-Art. 7, ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 4** u, b'mod partikolari, il-paragrafi **4.20-4.25**.

## G. Beni tal-minuri

13.70 L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni jiddikjara li l-miżuri maħsuba għall-protezzjoni tal-**beni** tal-minuri jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. L-għan tal-Konvenzjoni f'dan ir-rigward kien li tistabbilixxi "regoli preċiżi dwar id-deżinjazzjoni u s-setgħat tar-rappreżentant legali tal-minuri biex jamministra l-beni tal-minuri li jinstabu fi Stat barrani"[594]. Kien maħsub li dan jista' jkun partikolarment utli meta jkun hemm bżonn li jittieħdu miżuri legali fir-rigward ta' patrimonju li jingħadda lill-minuri.[595]

13.71 L-Artikolu 3 *g)* jipprovdi li l-miżuri għall-protezzjoni maħsuba għall-protezzjoni tal-beni tal-minuri jistgħu, b'mod partikolari, jindirizzaw "l-amministrazzjoni, il-konservazzjoni jew id-disponiment tal-beni tal-minuri". "Din il-formulazzjoni wiesa' ħafna tkopri l-operazzjonijiet kollha li jikkonċernaw il-beni tal-[minuri], inklużi l-akkwiżizzjonijiet, meqjusa bħala investimenti jew bħala assenjamenti li jiddisponu mill-beni ttrasferiti b'kunsiderazzjoni tal-akkwiżizzjoni."[596] Il-miżuri għall-protezzjoin maħsuba għall-protezzjoni tal-beni tal-minuri jistgħu jkopru, pereżempju, l-awtorizzazzjonijiet jew l-approvazzjonijiet meħtieġa għall-bejgħ jew għax-xiri tal-beni tal-minuri.

13.72 Importanti li jiġi osservat li l-Konvenzjoni ma taffettwax is-sistemi tal-liġi dwar il-proprjetà u lanqas ma tkopri l-liġi sostantiva relatata mal-kontenut tad-drittijiet fuq il-proprjetà, bħal tilwimiet relatati mas-sjieda / mat-titolu tal-beni[597]. Pereżempju, jekk hemm rekwiżiti relatati mal-bejgħ jew max-xiri ta' art jew ta' binjiet li huma imposti minn Stat Kontraenti b'mod ġenerali fuq il-bejjiegħa jew ix-xerrejja kollha ta' ċerta art (eż., awtorizzazzjoni jew approvazzjoni speċjali għall-bejgħ jew għax-xiri ta' artijiet jew ta' binjiet bi status speċjali minħabba l-importanza kulturali jew storika tagħhom, jew li huma parti minn riżervi aboriġini; jew għall-bejgħ jew għax-xiri ta' artijiet jew ta' binjiet minn barrani) u ma jkollhom xejn x'jaqsmu mal-fatt li l-beni jkunu qed jinxtraw jew jinbiegħu minn rappreżentant tal-minuri, l-għoti ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet għall-bejgħ mhux se jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

13.73 L-Artikolu 55 tal-Konvenzjoni jippermetti lill-Istati Kontraenti jagħlu riżerva maqsuma fi tnejn b'rabta mal-beni ta' minuri li jinsab fit-territorju tagħhom. L-ewwel nett, skont l-Artikolu 55(1) *a)*, Stat Kontraenti jista' jirriżerva l-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet tiegħu biex jieħu miżuri mfassla għall-protezzjoni tal-beni ta' minuri li jinsab fit-territorju tiegħu, **indipendentement** minn fejn il-minuri hu resident abitwali. Jenħtieġ li jiġi osservat li riżerva bħal din mhix se tipprevjeni lill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor milli jkollhom ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni rigward dawk il-beni. Madankollu, it-tieni, skont l-Artikolu 55(1) *b)*, Stat Kontraenti jista' jirriżerva wkoll id-dritt li ma jirrikonoxxix skont il-Konvenzjoni kwalunkwe responsabbiltà tal-ġenituri jew miżura għall-protezzjoni meta din tkun inkompatibbli ma' kwalunkwe miżura oħra meħuda mill-awtoritajiet tiegħu b'rabta ma' dawk il-beni.

---

594 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 10.

595 *Ibid.* Jenħtieġ li jiġi osservat li filwaqt li d-deżinjazzjoni tar-rappreżentant tal-minuri u l-firxa tas-setgħat tar-rappreżentant ikunu kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, il-kwistjoni sostantiva tas-saldu tal-patrimonju ma tkunx taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-kwistjoni tas-suċċessjoni taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (Art. 4 *f)*). Ara wkoll iktar 'il fuq il-**Kapitolu 3**, **Taqsima Ċ**, rigward il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Konvenzjoni.

596 Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 25.

597 Ara iktar 'il fuq il-paragrafi **3.30** u **3.31**. F'dan il-kuntest, il-fatt li kwalunkwe miżura li tikkonċerna t-trusts hi eskluża b'mod espliċitu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jenħtieġ li jiġi speċifikat ukoll; ara l-Art. 4 *f)* diskuss iktar 'il fuq fil-para. **3.43**.

13.74 Dawn ir-riżervi jistgħu jkunu limitati għal ċerti kategoriji ta' beni, bl-iktar probabbli li hi dik tal-proprjetà immobbli.

13.75 Kwalunkwe riżerva skont l-Artikolu 55 trid issir f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 60 u tiġi nnotifikata lid-depożitarju tal-Konvenzjoni. Ir-riżerva se tiġi nnotata taħt it-"tabella tal-istatus" tal-Konvenzjoni tal-1996 ippubblikata fuq is-sit web tal-Konfererenza tal-Aja (< www.hcch.net >, taħt "Conventions", "Convention 34" u mbagħad "Status Table").

**Eżempju 13 (R)**

*It-tifel hu resident abitwali fl-Istat Kontraenti A u hu sid proprjetà fl-Istat Kontraenti B. Jinħatar tutur fl-Istat Kontraenti A biex jieħu ħsieb il-proprjetà tat-tifel u dan isir responsabbli għall-ġestjoni ta' xi art fl-Istat Kontraenti B f'isem il-minuri. L-ordni li taħtar it-tutur hi rikonoxxuta bl-operat tad-dritt fl-Istati Kontraenti kollha. Jekk l-Istat Kontarenti A jforni ċertifikati tal-kapaċità għall-aġir (f'konformità mal-Art. 40 tal-Konvenzjoni), jista' jkun siewi f'din is-sitwazzjoni li t-tutur jikseb tali ċertifikat*[598].

**Eżempju 13 (S)**

*It-tifla, resident abitwali fl-Istat Kontraenti A, tivvjaġġa fl-Istat Kontraenti B għal btala. Meta tkun fl-Istat Kontraenti B, tweġġa' f'aċċident tat-triq. Wara li tirkupra, tirritorna lura d-dar fl-Istat Kontraenti A. Jibdew proċedimenti legali fl-Istat Kontraenti B u t-tifla tingħata ammont sinifikanti ta' flus b'kumpens għall-korrimenti li ġarrbet fl-aċċident tat-triq. Madankollu, l-awtorità kompetenti ma tistax issib lil xi ħadd fl-Istat Kontraenti B biex jaġixxi bħala tutur għat-tifla biex dan jirċievi l-flus għan-nom tagħha. F'din is-sitwazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' teżerċita ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni u tordna li jinħatar tutur fl-Istat Kontraenti B biex jieħu ħsieb il-flus għan-nom tat-tifla fuq bażi provviżorja. Din l-ordni tiskadi malli jinħatar tutur bħal dan mill-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A. Inkella, l-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti B tista' tagħmel talba skont l-Artikolu 9 li awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti A taqbel biex il-qorti fl-Istat Kontraenti B tassumi l-ġurisdizzjoni fir-rigward tal-ħatra tat-tutur tat-tifla. Jekk l-awtorità kompetenti fl-Istat Kontraenti B tirċievi tweġiba favorevoli, tkun tista' tagħmel ordni li taħtar tutur biex jieħu ħsieb il-flus għan-nom tat-tifla.*

## H. Rappreżentazzjoni tal-minuri

13.76 Ir-rappreżentazzjoni tal-minuri spiss tkun meħtieġa minħabba l-inkapaċità legali ta' minuri. "Rappreżentazzjoni" ta' minuri ġeneralment tinvolvi l-aġir għan-nom ta' minuri, jew f'ismu, fir-rigward ta' partijiet terzi. Sitwazzjonijiet li dan jista' jseħħ fihom jinkludu proċeduri tal-qorti li jinvolvu lill-minuri, kif ukoll beni jew tranżazzjonijiet finanzjarji u kunsens għal trattament mediku.

13.77 Deċiżjonijiet rigward ir-rappreżentazzjoni tal-minuri jaqgħu biċ-ċar fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. L-Artikolu 3 *d)* jipprovdi li l-miżuri għall-protezzjoni jistgħu, b'mod partikolari, jindirizzaw id-deżinjazzjoni u l-funzjonijiet ta' kwalunkwe persuna jew korp li jirrappreżentaw jew jassistu lill-minuri. Barra minn hekk, l-użu tat-terminu "setgħat" tal-ġenituri, tat-tuturi jew ta' rappreżentanti legali oħra fid-definizzjoni ta' responsabbiltà tal-ġenituri jirreferi għar-rappreżentazzjoni tal-minuri[599].

---

598 Ara iktar 'il fuq in-nota **11.31**.

599 Art. 1(2). Ara wkoll iktar 'il fuq il-paragrafi **3.18-3.24**.

13.78 Dan ifisser li jekk l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti jieħdu deċiżjonijiet rigward ir-rappreżentazzjoni ta' minuri, dawn iridu jiżguraw li jkollhom ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni biex jagħmlu dan. Madankollu, meta l-awtoritajiet ma jkollhomx ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni, jekk iqisu li jinsabu f'pożizzjoni aħjar fil-każ partikolari biex jivvalutaw l-aħjar interessi tal-minuri b'rabta ma' din il-kwistjoni, dawn jistgħu jikkunsidraw jekk jitolbux trasferiment tal-ġurisdizzjoni (meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Art. 9)[600]. Jista' jkun hemm ukoll sitwazzjonijiet li fihom ikun xieraq li Stat Kontraenti **b'**ġurisdizzjoni jikkunsidra l-possibbiltà li jittrasferixxi l-ġurisdizzjoni lil Stat Kontraenti ieħor, eż. meta rappreżentant legali jkollu jinħatar għal minuri fi proċedimenti legali f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor[601].

13.79 Ladarba jittieħdu, dawn il-miżuri għall-protezzjoni jridu jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fl-Istati Kontraenti l-oħra kollha, skont ir-regoli tal-Konvenzjoni.

13.80 Meta r-"responsabbiltà tal-ġenituri"[602] tkopri r-rappreżentazzjoni tal-minuri, japplikaw ir-regoli li jinsabu fl-Artikoli 16 u 17. L-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni jistabbilixxi kif jiġu ddeterminati d-**detenturi** tar-responsabbiltà tal-ġenituri[603]. L-Artikolu 17 jipprovdi li l-**eżerċizzju** tar-responsabbiltà tal-ġenituri hu rregolat mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri. Dan ifisser li r-regoli tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri li huma relatati mar-rappreżentazzjoni tal-minuri minn persuni li għandhom ir-responsabbiltà tal-ġenituri se jiddeterminaw in-natura, is-setgħat u r-responsabbiltajiet tat-tali rappreżentazzjoni.

**<u>Eżempju 13 (T)</u>**

*Skont il-liġi tal-Istat A, ġenituri li jaġixxu bħala rappreżentanti legali għandhom l-awtorità li jaġixxu b'mod individwali biex jiftħu kawża ċivili għan-nom tal-minuri. Skont il-liġi tal-Istat Kontraenti B, iż-żewġ ġenituri jridu jaqblu qabel ma tkun tista' ssir applikazzjoni għal proċedimenti bħal dawn. Il-familja tgħix fl-Istat A. L-omm u t-tifel jivvjaġġaw fl-Istat Kontraenti B. It-tifel ikun involut f'aċċident fl-Istat Kontraenti B u l-omm tixtieq tniedi proċedimenti hemmhekk. L-omm tista' tagħmel dan mingħajr il-qbil tal-missier għaliex il-liġi tal-Istat A ma jeħtieġx dan il-qbil u l-Istat A hu l-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri.*

13.81 Il-liġijiet differenti involuti jistgħu jwasslu għal ċerta inċertezza dwar in-natura jew il-firxa tal-kapaċità jew tas-setgħat tal-persuna responsabbli għall-indokrar tal-persuna jew tal-beni tal-minuri. Għalhekk, l-Artikolu 40 tal-Konvenzjoni jipprovdi għall-possibbiltà li jiġi fornit ċertifikat lid-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri, jew lill-persuna inkarigata bil-protezzjoni tal-minuri, li jsolvi din l-inċertezza. Dan iċ-ċertifikat jista' jiġi fornit mill-awtoritajiet[604] tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri, jew tal-Istat Kontraenti fejn ittieħdet miżura għall-protezzjoni. Jenħtieġ li dan jindika l-kapaċità li fiha l-persuna hi inkarigata taġixxi u s-setgħat mogħtija lilha. Il-kapaċità u s-setgħat indikati fiċ-ċertifikat huma preżunti li huma vestiti f'dik il-persuna, fin-nuqqas ta' prova kontrarja[605].

13.82 L-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni jipprovdi wkoll ċerta protezzjoni għall-partijiet terzi li jidħlu fi tranżazzjonijiet ma' rappreżentant legali ta' minuri. Din il-protezzjoni hi mfassla għal dawk il-partijiet terzi li ma jistgħux ikunu mistennija jintebħu li r-regoli tal-Istat fejn isseħħ it-tranżazzjoni li jiddeterminaw min jista' jaġixxi bħala rappreżentant legali ta' minuri ma japplikawx għal minuri partikolari minħabba r-

---

600 Art. 9. Ara wkoll iktar 'il fuq il-**Kapitolu 5**.
601 Art. 8. *Id.*
602 Art. 1(2).
603 Dan hu diskuss iktar 'il quddiem fil-**Kapitolu 9**.
604 L-Art. 40(3) jipprovdi li l-Istati Kontraenti li jfornu t-tali ċertifikati jridu jiddeżinjaw l-awtoritajiet li huma kompetenti biex ifasslu ċ-ċertifikat.
605 Ara d-diskussjoni tal-Art. 40 iktar 'il fuq fil-para. **11.31**.

regoli dwar il-liġi applikabbli tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant, jekk tranżazzjoni tissodisfa ċerti kriterji, il-validità tagħha ma tistax tiġi kkontestata, u l-parti terza ma tistax tinżamm responsabbli għall-unika raġuni li l-persuna l-oħra ma kinitx intitiolata taġixxi bħala r-rappreżentant legali tal-minuri skont il-liġi ddeżinjata mill-Konvenzjoni. Il-kriterji li jridu jiġu ssodisfati huma:

- it-tranżazzjoni daħlet fiha persuna li tkun intitolata taġixxi bħala r-rappreżentant legali tal-minuri skont il-liġi tal-Istat fejn it-tranżazzjoni ġiet konkluża;
- il-parti terza ma kinitx taf jew mhux suppost kienet taf li r-responsabbiltà tal-ġenituri kienet irregolata mil-liġi ddeżinjata mill-Konvenzjoni; u
- it-tranżazzjoni saret bejn persuni preżenti fit-territorju tal-istess Stat[606].

**Eżempju 13 (U)**

*Fl-Istat Kontraenti A, iż-żewġ ġenituri jistgħu jaġixxu bħala r-rappreżentanti legali tal-minuri fiċ-ċirkustanzi kollha, sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni kontrarja ta' awtorità kompetenti. Fl-Istat Kontraenti B, missier mhux miżżewweġ ma jistax jaġixxi bħala rappreżentant legali ta' minuri sakemm ma jiġux issodisfati ċerti kriterji.*

*It-tifel jitwieled fl-Istat Kontraenti B b'ġenituri mhux miżżewġa. Hu jirresjedi hemm m'ommu. Il-kriterji li jippermettu lill-missier jaġixxi bħala r-rappreżentant legali tat-tifel skont il-liġi tal-Istat Kontraenti B mhumiex issodisfati. Missier it-tifel hu ċittadin tal-Istat Kontraenti A u jirresjedi hemm u t-tifel iżuru ta' spiss.*

*In-nannu patern imut, u jħalli lit-tifel il-kollezzjoni tiegħu ta' kotba rari. Il-missier jidħol f'kuntratt fl-Istat Kontraenti A ma' parti terza, li wkoll hi resident fl-Istat Kontraenti A, biex ibigħ il-kollezzjoni.*

*Dment li ma kien hemm ebda raġuni kif il-parti terza tista' tkun taf li l-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri tal-minuri kienet irregolata mil-liġi tal-Istat Kontraenti B, il-validità tal-kuntratt għall-bejgħ tal-kollezzjoni ma tistax tiġi ddubitata u x-xerrej ma jistax jinżamm responsabbli għall-unika raġuni li l-missier, li aġixxa bħala r-rappreżentant legali tat-tifel, ma kienx intitolat jagħmel dan skont il-liġi ddeżinjata mill-Konvenzjoni.*

## I. Fatturi ta' konnessjoni

### *(a) Residenza abitwali*

13.83 Ir-residenza abitwali hi l-fattur ta' konnessjoni u l-bażi ewlenin għall-ġurisdizzjoni użati fil-Konvenzjoni tal-1996[607]. L-użu tar-residenza abitwali hu fattur komuni għall-Konvenzjoni moderni kollha tal-Aja dwar il-Minuri[608]. L-ebda waħda minn dawn il-Konvenzjonijiet ma fiha definizzjoni ta' "residenza abitwali", li trid tiġi ddeterminata mill-awtoritajiet rilevanti f'kull każ fuq il-bażi ta' elementi fattwali. Hu kunċett awtonomu u jenħtieġ li jiġi interpretat fid-dawl tal-objettivi tal-Konvenzjoni minflok skont ir-restrizzjonijiet tal-liġi domestika.

13.84 Id-determinazzjoni tar-residenza abitwali hi ta' importanza partikolari skont il-Konvenzjoni tal-1980 u l-Konvenzjoni tal-1996. Jenħtieġ li jiġi osservat li l-Konvenzjoni tal-1996 tuża t-terminu residenza abitwali f'kuntest differenti mill-

606 Art. 19(2).
607 Art. 5, diskuss iktar 'il quddiem fil-paragrafi **4.4** *et seq*.
608 Il-Konvenzjonijiet l-oħra huma l-Konvenzjoni tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri, il-Konvenzjoni tal-1993 dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor u l-Konvenzjoni tal-2007 dwar l-Appoġġ tat-Tfal u l-Protokoll tagħha. Għat-test sħiħ ta' dawn il-Konvenzjonijiet, ara s-sit web tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt "Conventions".

Konvenzjoni tal-1980. Fil-Konvenzjoni tal-1980, id-determinazzjoni li minuri hu resident abitwali fl-Istat rikjedenti hi neċessarja biex japplikaw ir-rimedji tal-Konvenzjoni tal-1980, u hi parti mill-inkjesta usa' dwar jekk kienx hemm tneħħija jew żamma illegali ta' minuri. Ir-rwol tar-residenza abitwali fil-Konvenzjoni tal-1996 ġeneralment hu li jiġi vvalutat l-awtoritajiet ta' liema Stat Kontraenti għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni u jekk id-deċiżjonijiet tagħhom jenħtieġx li jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fi Stati Kontraenti oħra. Peress li r-residenza abitwali hi kunċett fattwali, jista' jkun hemm kunsiderazzjonijiet differenti x'jiġu kkunsidrati meta tiġi ddeterminata r-residenza abitwali ta' minuri għall-finijiet tal-Konvenzjoni tal-1996.

13.85 Jista' jiġi osservat numru żgħir ta' tendenzi fil-ġurisprudenza internazzjonali b'rabta mal-kunċett ta' "residenza abitwali". Kif indikat hawn fuq, dawn jistgħu jkunu rilevanti għal determinazzjonijiet fattwali fil-Konvenzjoni tal-1980 jew tal-1996. L-ewwel nett, fejn hemm evidenza ċara ta' intenzjoni ta' bidu ta' ħajja ġdida fi Stat ieħor, residenza abitwali eżistenti normalment tintilef u tinkiseb waħda ġdida[609]. It-tieni, meta rilokazzjoni tkun b'data ta' tmiem miftuħa, jew potenzjalment miftuħa, ir-residenza abitwali fi żmien ir-rilokazzjoni tista' tintilef ukoll u tinkiseb waħda relattivament malajr[610]. Madankollu, meta rilokazzjoni tkun limitata biż-żmien, anki jekk dan ikun perjodu estiż ta' żmien, ġie aċċettat f'numru ta' ġurisdizzjonijiet li residenza abitwali eżistenti tista' tinżamm tul dan iż-żmien kollu[611]. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari jekk il-ġenituri jkunu qablu li l-minuri jqatta' soġġorn temporanju f'pajjiż ieħor[612]. Il-valutazzjonijiet ta' sitwazzjonijiet oħra għandhom tendenza li jsegwu wieħed minn żewġ approċċi. L-approċċ tal-"intenzjoni tal-ġenituri" jħares lejn l-intenzjoni kondiviża tal-ġenituri rigward in-natura tar-rilokazzjoni[613]. L-approċċ "iffokat fuq il-minuri" minflok jiffoka fuq ir-realtà fattwali tal-ħajja tal-minuri[614]. Din ir-realtà fattwali tinkludi elementi bħall-edukazzjoni, l-interazzjoni soċjali, ir-relazzjonijiet familjali u ġeneralment tirreferi għall-enfasi tal-ħajja tal-minuri. Kien hemm ukoll każijiet li jħalltu ż-żewġ approċċi, b'referenza kemm għall-intenzjonijiet tal-ġenituri kif ukoll

---

609 Normalment, l-intenzjoni rilevanti hawnhekk tkun l-intenzjoni tal-**ġenituri**. Ara, *eż.*, *DeHaan* vs *Gracia* [2004] AJ Nru 94 (QL), [2004] ABQD 4 [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 576]; *Re J. (A Minor) (Abduction: Custody Rights)* [1990] 2 AC 562 [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 2]; *Re F. (A Minor) (Child Abduction)* [1992] 1 FLR 548, [1992] Fam Law 195 [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 40]. Jenħtieġ li jiġi osservat li, f'sitwazzjonijiet rari, hu possibbli li residenza abitwali tintilef minn minuri u li ma tinkiseb ebda residenza abitwali ġdida (f'liema każ, skont il-Konvenzjoni tal-1996, ikun applikabbli l-Art. 6(2)). Madankollu, tali determinazzjoni jenħtieġ li tiġi evitata kull meta dan ikun possibbli - ara iktar 'il fuq il-paragrafi **4.16-4.19**.

610 Ara *Al Habtoor* vs *Fotheringham* [2001] EWCA Civ 186 [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 875]; *Callaghan* vs *Thomas* [2001] NZFLR 1105 [Referenza ta' INCADAT: HC/E/NZ 413]; *Cameron* vs *Cameron*, 1996 SC 17, 1996 SLT 306, 1996 SCLR 25 [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKs 71]; *Moran* vs *Moran*, 1997 SLT 541 [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKs 74]; *Karkkainen* vs *Kovalchuk*, 445 F.3d 280 (3et Ċir. 2006) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 879].

611 Ara *Re H (Abduction: Habitual Residence: Consent)* [2000] 3 FCR 412 [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 478]; *Morris* vs *Morris*, 55 F. Supp 2d 1156 (D. Colo., Aww. 30, 1999) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 306]; *Mozes* vs *Mozes*, 239 F.3d 1067 (9a Ċir. 2001) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 301].

612 Ara *Denmark Ø.L.K*, 5 ta' April 2002, 16. *afdeling*, B-409-02 [Referenza ta' INCADAT: HC/E/DK 520].

613 Ara *Re B (Minors Abduction)* [1993] 1 FLR 993 [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 173]; *Mozes* vs *Mozes*, 239 F.3d 1067 (9a Ċir. 2001) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 301]; *Holder* vs *Holder*, 392 F.3d 1009, 1014 (9a Ċir. 2004) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 777]; *Ruiz* vs *Tenorio*, 392 F.3d 1247, 1253 (11-il Ċir. 2004) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 780]; *Tsarbopoulos* vs *Tsarbopoulos*, 176 F. Supp.2d 1045 (E.D. Wash. 2001) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 482]; *Gitter* vs *Gitter*, 396 F.3d 124, 129-30 (2ni Ċir. 2005) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 776]; *Koch* vs *Koch*, 450 F.3d 703 (7a Ċir. 2006) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 878]. Jenħtieġ li jiġi osservat li fi ħdan l-approċċ *Mozes*, id-9 Ċirkwit ma għarafx li jekk jingħataw biżżejjed żmien u esperjenza pożittiva ħajja ta' minuri tista' trabbi għeruq fondi fil-pajjiż il-ġdid tant li dan isir resident abitwali hemmhekk minkejja l-intenzjonijiet tal-ġenituri kuntrarji li jkunu għadhom preżenti.

614 *Friedrich* vs *Friedrich*, 983 F.2d 1396, (6tt Ċir. 1993) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 142]; *Robert* vs *Tesson* (6tt Ċir. 2007) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/US 935]; *Re M (Abduction: Habitual Residence)* [1996] 1 FLR 887.

għall-ħajja tal-minuri[615]. Fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar liema approċċ għandu jiġi segwit, xi qrati ħadu f'kunsiderazzjoni l-età tal-minuri involut; iktar ma jkun kbir il-minuri, iktar ikun probabbli li l-qorti tagħti attenzjoni kbira lill-enfasi ta' ħajtu.

13.86 Fil-prinċipju, l-assenza temporanja tal-minuri mill-post tar-residenza abitwali tiegħu għal raġunijiet ta' btala, ta' attendenza tal-iskola jew tal-eżerċizzju tad-drittijiet ta' aċċess / ta' kuntatt mhix se tbiddel ir-residenza abitwali tal-minuri.

13.87 Il-kunċett ta' residenza abitwali ġie diskuss mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[616] (minn hawn 'il quddiem, il-"QtĠ") fil-kuntest tar-Regolament Brussell II a[617]. Il-QtĠ iddikjarat li r-residenza abitwali ta' minuri trid tiġi stabbilita b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha speċifiċi għall-każ individwali. B'mod partikolari, il-kunċett "għandu jiġi interpretat fis-sens li din ir-residenza tikkorrispondi mal-post li jirrifletti ċerta integrazzjoni tal-minuri f'ambjent soċjali u familjari. Għal dan il-għan, għandhom b'mod partikolari jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tul, ir-regolarità, il-kundizzjonijiet u r-raġunijiet tar-residenza fit-territorju ta' Stat Membru u tat-trasferiment tal-familja f'dan l-Istat, iċ-ċittadinanza tal-minuri, il-post u l-kundizzjonijiet ta' tagħlim, il-konoxxenzi lingwistiċi kif ukoll ir-rapporti familjari u soċjali tal-minuri f'dan l-Istat"[618].

### *(b) Preżenza*

13.88 Hemm numru ta' waqtiet li fihom il-preżenza ta' minuri (jew il-beni ta' minuri) tintuża bħala fattur ta' konnessjoni fil-Konvenzjoni tal-1996[619]. Il-kunċett ta' "preżenza" jiddenota preżenza fiżika fit-territorju tal-Istat Kontraenti kkonċernat. Il-kunċett ma jeħtieġx xi forma ta' prova ta' residenza: is-sempliċi preżenza fiżika tal-minuri fit-territorju hi biżżejjed.

### *(c) Nazzjonalità*

13.89 Dan il-fattur ta' konnessjoni ma jinsabx waħdu fil-Konvenzjoni tal-1996, iżda minflok hu fattur fil-mekkaniżmu ta' trasferiment tal-ġurisdizzjoni li nstab fl-Artikoli 8 u 9[620]. L-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li l-minuri hu ċittadin tiegħu jistgħu jitolbu li l-ġurisdizzjoni tiġi ttrasferita lilhom, u jistgħu jintalbu jaċċettaw ukoll trasferiment tal-ġurisdizzjoni. In-nazzjonalità tal-minuri biss mhix biżżejjed, u l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Kontraenti jridu jitqiesu wkoll li jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw l-aħjar interessi tal-minuri involut. Numru ta' tfal ikollhom iktar minn nazzjonalità waħda. Kwalunkwe wieħed mill-Istati Kontraenti

---

615 Is-sentenza ewlenija hi dik ta': *Feder* vs *Evans-Feder*, 63 F.3d 217, 222 (3et Ċir. 1995) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 83]. Ara wkoll: *Karkkainen* vs *Kovalchuk*, 445 F.3d 280 (3rd Cir. 1995) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 879]. F'dan il-każ, saret distinzjoni bejn is-sitwazzjoni ta' tfal żgħar, fejn ingħad li dipendenza qawwija tinxteħet fuq l-intenzjoni kondiviża tal-ġenituri, u dik ta' tfal ikbar meta l-intenzjoni tal-ġenituri jkollha rwol iktar limitat x'taqdi. *Silverman* vs *Silverman*, 338 F.3d 886 (8n Ċir. 2003) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 530].

616 Qabel l-1 ta' Jannar 2011, il-"Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej".

617 Kawża C-523/07, *A*, 2 ta' April 2009. Ara wkoll id-deċiżjoni tal-QtĠ, *Barbara Mercredi* vs *Richard Chaffe* (C-497/10 PPU), 22 ta' Diċembru 2010, li tapprova dak l-approċċ.

618 Kawża C-523/07, A, 2 ta' April 2009, paragrafi 37-39. Ovvjament, jekk il-fatturi stabbiliti hemm jindikaw żewġ Stati differenti jew iktar bħala l-Istat possibbli tar-residenza abitwali tal-minuri, finalment se tkun kwistjoni għall-awtorità ġudizzjarja / amministrattiva li tisma' l-każ li tiddetermina liema fatturi huma l-iktar sinifikanti fil-każ partikolari inkwistjoni.

619 Ara *eż.* l-Artikoli 6, 11 u 12, diskussi iktar 'il fuq fil-**Kapitoli 4**, **6** u **7**.

620 Dan hu diskuss iktar 'il fuq fil-paragrafi **5.9-5.12**. Madankollu, fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961 dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni, in-nazzjonalità tintuża bħala fattur ta' konnessjoni. L-Art. 4 jippermetti lill-Istat li l-minuri jkun ċittadin tiegħu biex jeżerċita l-ġurisdizzjoni biex jieħu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri, jekk iqis li l-interessi tal-minuri jeħtieġu dan u wara li jkun informa lill-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri.

li l-minuri jkollu n-nazzjonalità tagħhom jista' jkun jaqa' fi ħdan il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8 għal trasferiment tal-ġurisdizzjoni.

13.90 L-Artikolu 47 jindirizza s-sitwazzjoni tal-Istati Kontraenti li jkollhom numru ta' unitajiet territorjali li japplikaw liġijiet differenti u jispjega li kull referenza għall-Istat li l-minuri jkollu n-nazzjonalità tiegħu għandha tinftiehem bħala li tirreferi għall-unità territorjali magħżula mil-liġi tal-Istat jew, fin-nuqqas ta' regoli rilevanti, għall-unità territorjali li magħha l-minuri għandu l-eqreb konnessjoni.

### *(d) Konnessjoni sostanzjali*

13.91 Meta jkun hemm "konnessjoni sostanzjali" bejn minuri u Stat Kontraenti, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Kontraenti jistgħu jew jitolbu trasferiment tal-ġurisdizzjoni (biex ikunu jistgħu jieħdu miżuri maħsuba għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni ta' minuri - Art. 9), jew jistgħu jintalbu **jirċievu** tali trasferiment tal-ġurisdizzjoni (Art. 8). Dan japplika jekk jinħass li l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Kontraenti jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw l-aħjar interessi tal-minuri involut[621].

13.92 Barra minn hekk, l-Artikolu 32 tal-Konvenzjoni jippermetti lill-Awtorità Ċentrali jew lil awtorità kompetenti oħra ta' kwalunkwe Stat Kontraenti li miegħu il-minuri għandu "konnessjoni sostanzjali" biex titlob rapport dwar is-sitwazzjoni tal-minuri jew tikkunsidra l-ħtieġa għat-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni mill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri[622].

13.93 Finalment, it-test tal-"konnessjoni sostanzjali" jista' jintuża wkoll fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-1996 biex tiġi applikata liġi li tvarja minn dik tal-forum skont l-Artikolu 15(2)[623].

13.94 Madankollu, hemm differenza żgħira fl-enfasi bejn l-Artikolu 15 u l-Artikoli 8, 9 u 32 b'rabta mat-test li għandu jiġi applikat f'dan ir-rigward. Fl-Artikolu 15, l-Istat Kontraenti li jeżerċita ġurisdizzjoni jista' japplika jew jieħu f'kunsiderazzjoni b'mod eċċezzjonali l-liġi ta' Stat ieħor li miegħu **s-sitwazzjoni** jkollha konnessjoni sostanzjali. Fid-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment u fl-Artikolu 32, il-konnessjoni sostanzjali tal-Istat Kontraenti li jirċievi / jagħmel talba għal trasferiment (Artikoli 8 u 9) jew jagħmel talba għal rapport jew għal miżuri għall-protezzjoni (Art. 32) trid tkun **mal-minuri**.

13.95 Jekk minuri, jew sitwazzjoni, għandhomx "konnessjoni sostanzjali" ma' Stat irid jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ. Eżempji ta' Stati li magħhom minuri jista' jkollu "konnessjoni sostanzjali" huma: l-Istat tar-residenza abitwali preċedenti tal-minuri, l-Istat li fih jgħixu l-membri tal-familja tal-minuri li huma lesti li jieħdu ħsiebu, l-Istat li fih il-ġenitur bi drittijiet ta' aċċess / ta' kuntatt ikun qed jgħix meta l-ġenituri jkunu sseparati, jew l-Istat li fih il-minuri jkollu membri tal-familja estiża li hu jżur b'mod regolari.

---

621 Ara iktar 'il fuq il-**Kapitolu 5** għal diskussjoni dettaljata rigward id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni.

622 Dan hu diskuss iktar 'il fuq fil-para. **11.24**.

623 Dan hu diskuss iktar 'il fuq fil-para. **9.2**.

**Eżempju 13 (V)**

*L-awtoritajiet fl-Istat Kontraenti A jassumu l-kompetenza għal applikazzjoni għal divorzju. Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10 huma ssodisfati u l-awtoritajiet għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri rigward il-minuri tal-ġenituri li jiddivorzjaw. Il-minuri huma residenti abitwali fl-Istat Kontraenti B u jinftiehem li jenħtieġ li jibqgħu jirresjedu hemmhekk. Il-fatt tar-residenza abitwali hu "konnessjoni sostanzjali" f'dan il-każ u l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti A jistgħu jużaw dan biex japplikaw il-liġi tal-Istat Kontraenti B għad-deċiżjoni*[624].

[624] Art. 15(2), diskuss iktar 'il quddiem fil-para. **9.2**.



## ANNESS I

**Test tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ottubru 1996 fuq il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, Rikonoxximent, Infurzar u Kooperazzjoni dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal**

## 34. KONVENZJONI FUQ IL-ĠURISDIZZJONI, IL-LIĠI APPLIKABBLI, RIKONOXXIMENT, INFURZAR U KOOPERAZZJONI DWAR IR-RESPONSABBILTÀ TAL-ĠENITURI U MIŻURI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TFAL

*(Konkluża fid-19 ta' Ottubru 1996)*

L-Istati firmatarji tal-Konvenzjoni preżenti,

Wara li kkunsidraw il-ħtieġa li titjieb il-protezzjoni ta' minuri f'sitwazzjonijiet internazzjonali,

Filwaqt li jixitequ jevitaw kunflitti bejn ordinamenti ġuridiċi fir-rigward tal-ġurisdizzjoni, tal-liġi applikabbli, tar-rikonoxximent u tal-infurzar tal-miżuri għall-protezzjoni ta' minuri,

Filwaqt li jfakkru l-importanza tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni ta' minuri,

Filwaqt li jikkonfermaw li l-aħjar interessi tal-minuri għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja, Filwaqt li josservaw li l-*Konvenzjoni tal-5 ta' Ottubru 1961 dwar il-kompetenza tal-awtoritajiet u l-liġi applikabbli fil-qasam tal-protezzjoni tal-minorenni* teħtieġ reviżjoni,

Filwaqt li jixtiequ jistabbilixxu dispożizzjonijiet komuni għal dan l-għan, filwaqt li jqisu l-*Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal* tal-20 ta' Novembru 1989,

Ftiehmu dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin –

### KAPITOLU I – KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-KONVENZJONI

#### Artikolu 1

(1) L-oġġetti ta' din il-Konvenzjoni huma –
- *a)* li tiddetermina liema hu l-Istat li l-awtoritajiet tiegħu għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri;
- *b)* li tiddetermina liema liġi għandha tiġi applikata mit-tali awtoritajiet fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħhom;
- *c)* li tiddetermina l-liġi applikabbli għar-responsabbiltà tal-ġenituri;
- *d)* li tipprovdi għar-rikonoxximent u għall-infurzar tat-tali miżuri għall-protezzjoni fl-Istati Kontraenti kollha;
- *e)* li tistabbilixxi t-tali kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti skont il-bżonn biex jinkisbu l-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni.

(2) Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, it-terminu "responsabbiltà tal-ġenituri" jinkludi l-awtorità tal-ġenituri, jew kwalunkwe relazzjoni analoga ta' awtorità li tiddetermina d-drittijiet, is-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-ġenituri, tat-tuturi jew ta' rappreżentanti legali oħra b'rabta mal-persuna jew mal-beni tal-minuri.

#### Artikolu 2

Il-Konvenzjoni tapplika għal minuri mindu jitwieldu sa ma jagħlqu t-18-il sena.

## Artikolu 3

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 jistgħu jindirizzaw b’mod partikolari –

*a)* l-attribuzzjoni, l-eżerċizzju, it-terminazzjoni jew ir-restrizzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, kif ukoll id-delegazzjoni ta’ din;
*b)* id-drittijiet ta’ kustodja, inklużi drittijiet relatati mal-indokrar tal-persuna tal-minuri u, b’mod partikolari, id-dritt ta’ determinazzjoni tal-post tar-residenza tal-minuri, kif ukoll id-drittijiet ta’ aċċess inkluż id-dritt li minuri jittieħed għal perjodu limitat ta’ żmien f’post li mhuwiex ir-residenza abitwali tal-minuri;
*c)* it-tutela, il-kurazija u istituzzjonijiet analogi;
*d)* id-deżinjazzjoni u l-funzjonijiet kwalunkwe persuna jew korp li huma inkarigati bil-persuna jew bil-beni tal-minuri, li jirrappreżentaw jew jassistu lill-minuri;
*e)* it-tqegħid tal-minuri ma’ familja tar-rispett jew f’kustodja istituzzjonali, jew il-forniment tal-indokrar mill-*kafala* jew minn istituzzjoni analoga;
*f)* is-superviżjoni minn awtorità pubblika tal-indokrar ta’ persuna minn kwalunkwe persuna inkarigata bil-minuri;
*g)* l-amministrazzjoni, il-konservazzjoni jew id-disponiment tal-beni tal-minuri.

## Artikolu 4

Il-Konvenzjoni ma tapplikax għal –

*a)* l-istabbiliment jew il-kontestazzjoni ta’ filjazzjoni;
*b)* id-deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni, il-miżuri preparatorji għall-adozzjoni, jew l-annullament jew ir-revoka tal-adozzjoni;
*c)* l-isem u l-ewwel ismijiet tal-minuri;
*d)* l-emanċipazzjoni;
*e)* l-obbligi ta' manteniment;
*f)* it-trusts jew is-suċċessjoni;
*g)* is-sigurtà soċjali;
*h)* miżuri pubbliċi ta’ natura ġenerali fi kwistjonijiet ta’ edukazzjoni jew tas-saħħa;
*i)* miżuri meħuda bħala riżżultat ta’ xi reati penali mwettqa minn minuri;
*j)* deċiżjonijiet dwar id-dritt għall-ażil u dwar l-immigrazzjoni.

# KAPITOLU II – IL-ĠURISDIZZJONI

## Artikolu 5

(1) L-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri maħsuba għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri.
(2) Soġġetti għall-Artikolu 7, f’każ ta’ tibdil tar-residenza abitwali tal-minuri għal Stat Kontraenti ieħor, l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida għandhom ġurisdizzjoni.

## Artikolu 6

(1) Għal minuri refuġjati u għal minuri li, minħabba disturbi li jseħħu f’pajjiżhom, jiġu spustati internazzjonalment, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li fit-territorju tiegħu jkunu preżenti dawn il-minuri minħabba l-ispustament tagħhom għandhom il-ġurisdizzjoni stipulata fil-paragrafi 1 tal-Artikolu 5.
(2) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti japplikaw ukoll għal minuri li r-residenza abitwali tagħhom ma tkunx tista’ tiġi stabbilita.

## Artikolu 7

(1) F’każ ta’ tneħħija jew ta’ żamma nġusta ta’ minuri, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li fih il-minuri kien resident abitwali eżatt qabel it-tneħħija jew iż-żamma jżommu l-ġurisdizzjoni tagħhom sakemm il-minuri jikseb residenza abitwali fi Stat ieħor, u

*a)* kull persuna, istituzzjoni jew xi korp ieħor li għandhom drittijiet ta' kustodja jkunu taw il-kunsens tagħhom għat-tneħħija jew għaż-żamma; jew

*b)* il-minuri jkun irresjeda f’dak l-Istat l-ieħor għal perjodu minimu ta’ sena wara li l-persuna, l-istituzzjoni jew korp ieħor bi drittijiet ta’ kustodja jkollhom jew missu kellhom għarfien dwar fejn jinsab il-minuri, ma jkun hemm ebda talba pendenti għal ritorn ippreżentata fi ħdan dak il-perjodu, u l-minuri jkun dera fl-ambjent il-ġdid tiegħu.

(2) It-tneħħija jew iż-żamma ta’ minuri għandha titqies illegali meta –

*a)* tkun tikser id-drittijiet ta’ kustodja attribwiti lil persuna, lil istituzzjoni jew lil kwalunkwe korp ieħor, b’mod konġunt jew individwali, skont il-liġi tal-Istat li fih il-minuri kien resident abitwali eżatt qabel it-tneħħija jew iż-żamma; u

*b)* fiż-żmien tat-tneħħija jew taż-żamma, dawk id-drittijiet ikunu fil-fatt ġew eżerċitati, b’mod konġunt jew individwali, jew kienu jiġu eżerċitati b’tali mod li kieku ma seħħitx it-tneħħija jew iż-żamma.

Id-drittijiet ta’ kustodja msemmija fis-sottoparagrafu *a* hawn fuq jistgħu jirriżultaw b’mod partikolari bl-operat tad-dritt jew b’raġuni ta’ deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva, jew b’raġuni ta’ qbil b’effett legali skont il-liġi ta’ dak l-Istat.

(3) Dment li l-awtoritajiet imsemmija l-ewwel fil-paragrafu 1 iżommu l-ġurisdizzjoni tagħhom, l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li fih jitneħħa l-minuri jew li fih ikun inżamm jistgħu jieħdu tali miżuri urġenti biss skont l-Artikolu 11 skont kif ikun neċessarju għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri.

## Artikolu 8

(1) Permezz ta’ eċċezzjoni, l-awtorità ta’ Stat Kontraenti b’ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 5 jew 6, jekk tqis li l-awtorità ta’ Stat Kontraenti ieħor tkun f’pożizzjoni aħjar fil-każ partikolari biex tivvaluta l-aħjar interessi tal-minuri tista’ jew

— titlob li awtorità oħra, b’mod dirett jew bl-assistenza tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat tagħha, tassumi l-ġurisdizzjoni biex tieħu t-tali miżuri għall-protezzjoni li tqis li huma neċessarji, jew inkella

— tissospendi l-kunsiderazzjoni tal-każ u tistieden lill-partijiet biex jintroduċu talba bħal din quddiem l-awtorità ta’ dak l-Istat l-ieħor.

(2) L-Istati Kontarenti li l-awtoritajiet tagħhom jistgħu jiġu indirizzati kif stipulat fil-paragrafu preċedenti huma

*a)* Stat li l-minuri hu ċittadin tiegħu,

*b)* Stat li fih jinsabu l-beni tal-minuri,

*c)* Stat li l-awtoritajiet tiegħu jiġu jassumu l-kompetenza għal applikazzjoni għal divorzju jew għal separazzjoni ġudizzjarja tal-ġenituri tal-minuri, jew għall-annullament taż-żwieġ tagħhom,

*d)* Stat li miegħu l-minuri għandu konnessjoni sostanzjali.

(3) L-awtoritajiet ikkonċernati jistgħu jipproċedu għal skambju tal-fehmiet.

(4) L-awtorità indirizzata kif stipulat fil-paragrafu 1 tista’ tassumi l-ġurisdizzjoni, minflok l-awtorità li jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 5 jew 6, jekk hi tqis li dan ikun fl-aħjar interessi tal-minuri.

## Artikolu 9

(1) Jekk l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti msemmija fl-Artikolu 8, paragrafu 2, iqisu li jkunu f'pożizzjoni aħjar fil-każ partikolari biex jivvalutaw l-aħjar interessi tal-minuri, dawn jistgħu jew

— jitolbu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri, b'mod dirett jew bl-assistenza tal-Awtorità Ċentrali ta' dak l-Istat, li huma jiġu awtorizzati biex jeżerċitaw ġurisdizzjoni biex jieħdu l-miżuri għall-protezzjoni li huma jqisu li huma neċessarji, jew inkella

— jistiednu lill-partijiet jintroduċu tali talba quddiem l-awtorità tal-Istat Kontarenti tar-residenza abitwali tal-minuri.

(2) L-awtoritajiet ikkonċernati jistgħu jipproċedu għal skambju tal-fehmiet.

(3) L-awtorità li tniedi t-talba tista' teżerċita l-ġurisdizzjoni minflok l-awtorità tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri biss jekk din l-awtorità msemmija l-aħħar tkun aċċettat it-talba.

## Artikolu 10

(1) Mingħajr ħsara għall-Artikoli 5 sa 9, l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li jeżerċitaw ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar applikazzjoni għal divorzju jew għal separazzjoni ġudizzjarja tal-ġenituri ta' minuri resident abitwali fi Stat Kontraenti ieħor, jew għall-annullament taż-żwieġ tagħhom, jistgħu, jekk il-liġi tal-Istat tagħhom jistipula dan, jieħdu miżuri maħsuba għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tat-tali minuri jekk

*a)* fiż-żmien li fih jitnedew il-proċedimenti, wieħed mill-ġenituri tiegħu jirresjedi b'mod abitwali f'dak l-Istat u wieħed minnhom ikollu r-responsabbiltà tal-ġenituri b'rabta mal-minuri, u

*b)* il-ġurisdizzjoni ta' dawn l-awtoritajiet biex jieħdu t-tali miżuri tkun ġiet aċċettata mill-ġenituri, kif ukoll minn kwalunkwe persuna oħra li jkollha responsabbiltà tal-ġenituri b'rabta mal-minuri, u tkun fl-aħjar interessi tal-minuri.

(2) Il-ġurisdizzjoni prevista fil-paragrafu 1 għat-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni tal-minuri tintemm malli d-deċiżjoni li tilqa' jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal divorzju, għal separazzjoni ġudizzjarja jew għal annullament taż-żwieġ issir finali, jew malli l-proċedimenti jaslu fi tmiemhom għal raġuni oħra.

## Artikolu 11

(1) Fil-każijiet kollha ta' urġenza, l-awtoritajiet ta' kwalunkwe Stat Kontraenti li fit-territorju tiegħu huma preżenti l-minuri jew il-beni li jappartjenu għall-minuri għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu kwalunkwe miżura neċessarja għall-protezzjoni.

(2) Il-miżuri meħuda skont il-paragrafu preċedenti fir-rigward ta' minuri resident abitwali fi Stat Kontraenti għandhom jiskadu malli l-awtoritajiet li għandhom ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 ikunu ħadu l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni.

(3) Il-miżuri meħuda skont il-paragrafu 1 fir-rigward ta' minuri li hu resident abitwali fi Stat mhux Kontraenti għandhom jiskadu f'kull Stat Kontraenti malli l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni u meħuda mill-awtoritajiet ta' Stat ieħor jiġu rikonoxxuti fl-Istat Kontraenti inkwistjoni.

## Artikolu 12

(1) Soġġetti għall-Artikolu 7, l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li fit-territorju tiegħu huma preżenti l-minuri jew il-beni li jappartjenu għall-minuri għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri ta' xorta provviżorja għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri li għandhom effett territorjali limitat għall-Istat inkwistjoni, dment li t-tali

miżuri ma jkunux inkompatibbli mal-miżuri diġà meħuda mill-awtoritajiet li għandhom ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10.

(2) Il-miżuri meħuda skont il-paragrafu preċedenti fir-rigward ta' minuri resident abitwali fi Stat Kontraenti għandhom jiskadu malli l-awtoritajiet li jkollhom ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 ikunu ħadu deċiżjoni fir-rigward tal-miżuri għall-protezzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa mis-sitwazzjoni.

(3) Il-miżuri meħuda skont il-paragrafu 1 fir-rigward ta' minuri li hu resident abitwali fi Stat mhux Kontraenti għandhom jiskadu fl-Istat Kontraenti fejn ittieħdu l-miżuri malli l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni u meħuda mill-awtoritajiet ta' Stat ieħor jiġu rikonoxxuti fl-Istat Kontraenti inkwistjoni.

### Artikolu 13

(1) L-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li għandhom ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri jastjenu milli jeżerċitaw din il-ġurisdizzjoni jekk, fiż-żmien li fih jibdew il-proċedimenti, ikunu ntalbu miżuri korrispondenti mill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor b'ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 fiż-żmien li fih issir it-talba u dawn ikunu għadhom qed jiġu kkunsidrati.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti m'għandhomx japplikaw jekk l-awtoritajiet li quddiemhom ġiet ippreżentata inizjalment it-talba għall-miżuri jkunu rrifjutaw il-ġurisdizzjoni.

### Artikolu 14

Il-miżuri meħuda b'applikazzjoni tal-Artikoli 5 sa 10 jibqgħu fis-seħħ skont it-termini tagħhom, anki jekk tibdil fiċ-ċirkustanzi jkun elimina l-bażi li fuqha kienet ibbażata l-ġurisdizzjoni, dment li l-awtoritajiet li jkollhom ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni ma jkunux immodifikaw, issostitwixxew jew itterminaw it-tali miżuri.

## KAPITOLU III – IL-LIĠI APPLIKABBLI

### Artikolu 15

(1) Fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II, l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti għandhom japplikaw il-liġi tagħhom stess.

(2) Madankollu, jekk il-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri teħtieġ hekk, f'każijiet eċċezzjonali dawn jistgħu japplikaw jew jieħdu f'kunsiderazzjoni l-liġi ta' Stat ieħor li miegħu s-sitwazzjoni jkollha konnessjoni sostanzjali.

(3) Jekk ir-residenza abitwali tal-minuri tinbidel għal Stat Kontraenti ieħor, il-liġi ta' dak l-Istat l-ieħor tirregola, mill-mument tat-tibdil, il-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-miżuri meħuda fl-Istat tar-residenza abitwali preċedenti.

### Artikolu 16

(1) L-attribuzzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri bl-operat tad-dritt, mingħajr l-intervent ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, hi rregolata mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri.

(2) L-attribuzzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri bi ftehim jew b'att unilaterali, mingħajr intervent ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, hi rregolata mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri fil-mument li fih jidħol fis-seħħ il-ftehim jew l-att unilaterali.

(3) Ir-responsabbiltà tal-ġenituri li teżisti skont il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tibqa' wara t-tibdil ta' dik ir-residenza abitwali għal Stat ieħor.

(4) Jekk ir-residenza abitwali tal-minuri tinbidel, l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri bl-operat tad-dritt għal persuna li mhux diġà jkollha t-tali responsabbiltà hi rregolata mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida.

## Artikolu 17

L-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri hi rregolata mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri. Jekk ir-residenza abitwali tal-minuri tinbidel, din tkun irregolata mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida.

## Artikolu 18

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri msemmija fl-Artikolu 16 tista' tiġi tterminata, jew il-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tagħha jistgħu jiġu mmodifikati, b'miżuri meħuda skont din il-Konvenzjoni.

## Artikolu 19

(1) Il-validità ta' tranżazzjoni li jidħlu għaliha parti terza u persuna oħra li tkun intitolata taġixxi bħala r-rappreżentant legali tal-minuri skont il-liġi tal-Istat fejn ġiet konkluża t-tranżazzjoni ma tistax tiġi kkontestata, u l-parti terza ma tistax tinżamm responsabbli, fuq l-unika bażi li l-persuna l-oħra ma kinitx intitolata taġixxi bħala r-rappreżentant legali tal-minuri skont il-liġi ddeżinjata mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, sakemm il-parti terza ma kinitx taf jew ma messiex kienet taf li r-responsabbiltà tal-ġenituri kienet irregolata mil-liġi msemmija l-aħħar.

(2) Il-paragrafu preċedenti japplika biss jekk it-tranżazzjoni jkunu daħlu għaliha persuni preżenti fit-territorju tal-istess Stat.

## Artikolu 20

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu japplikaw anki jekk il-liġi ddeżinjata minnhom tkun il-liġi ta' Stat mhux Kontraenti.

## Artikolu 21

(1) F'dan il-kapitolu, it-terminu "liġi" ifisser il-liġi li tkun fis-seħħ fi Stat li ma tkunx ir-regoli tiegħu dwar l-għażla tal-liġi.

(2) Madankollu, jekk il-liġi applikabbli skont l-Artikolu 16 tkun dik ta' Stat mhux Kontraenti u jekk ir-regoli dwar l-għażla tal-liġi ta' dak l-Istat jiddeżinjaw il-liġi ta' Stat mhux Kontraenti ieħor li japplika l-liġi tiegħu stess, tkun tapplika l-liġi ta' dan l-Istat imsemmi l-aħħar.Jekk dak l-Istat mhux Kontraenti l-ieħor ma japplikax il-liġi tiegħu stess, il-liġi applikabbli hi dik iddeżinjata mill-Artikolu 16.

## Artikolu 22

L-applikazzjoni tal-liġi ddeżinjata mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu tista' tiġi rrifjutata biss jekk din l-applikazzjoni tkun tmur kontra l-ordni pubbliku biċ-ċar, b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri.

## KAPITOLU IV – IR-RIKONOXXIMENT U L-EŻEKUZZJONI

### Artikolu 23

(1) Il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet ta’ Stat Kontraenti għandhom jiġu rikonoxxuti bl-operat tad-dritt fl-Istati Kontraenti l-oħra kollha.

(2) Madankollu, ir-rikonoxximent jista’ jiġi rrifjutat –

*a)* jekk il-miżura ttieħdet minn awtorità li l-ġurisdizzjoni tagħha ma kinitx ibbażata fuq waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-Kapitolu II;

*b)* jekk il-miżura ttieħdet, ħlief f’każ ta’ urġenza, fil-kuntest ta’ proċediment ġudizzjarju jew amministrattiv, mingħajr ma l-minuri ngħata l-opportunità li jinstema’, bi ksur tal-prinċipji fundamentali tal-proċedura tal-Istat rikjest;

*c)* fuq it-talba ta’ kwalunkwe persuna li ssostni li l-miżura tikser ir-responsabbiltà tagħha bħala ġenitur, jekk it-tali miżura tkun ittieħdet, ħlief fil-każ ta’ urġenza, mingħajr ma din il-persuna tkun ingħatat opportunità li tinstema’;

*d)* jekk it-tali rikonoxximent ikun imur kontra l-ordni pubbliku tal-Istat rikjest biċ-ċar, b’kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri;

*e)* jekk il-miżura hi inkompatibbli ma’ miżura li tiġi wara meħuda fl-Istat mhux Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri, meta din il-miżura msemmija l-aħħar tissodisfa r-rekwiżiti għar-rikonoxximent fl-Istat rikjest;

*f)* jekk il-proċedura prevista fl-Artikolu 33 ma ġietx irrispettata.

### Artikolu 24

Mingħajr ħsara għall-paragrafu 1 tal-Artikolu 23, kwalunkwe persuna interessata tista’ titlob lill-awtortajiet kompetenti ta’ Stat Kontraenti biex dawn jiddeċiedu dwar ir-rikonoxximent jew in-nuqqas ta’ rikonoxximent ta’ miżura meħuda fi Stat Kontraenti ieħor. Il-proċedura hi rregolata mil-liġi tal-Istat rikjest.

### Artikolu 25

L-awtorità tal-Istat rikjst hi marbuta mis-sejbiet tal-fatt li fuqhom l-awtorità tal-Istat fejn ittieħdet il-miżura bbażat il-ġurisdizzjoni tagħha.

### Artikolu 26

(1) Jekk miżuri meħuda fi Stat Kontraenti partikolari u eżegwibbli hemmhekk jeħtieġu l-eżekuzzjoni fi Stat Kontraenti ieħor, dawn, fuq talba minn parti interessata, għandhom jiġu ddikjarati eżegwibbli jew irreġistrati għall-fini tal-infurzar f’dak l-Istat l-ieħor skont il-proċedura stipulata fil-liġi tal-Istat imsemmi l-aħħar.

(2) Kull Stat Kontraenti għandu japplika proċedura sempliċi u rapida għad-dikjarazzjoni ta’ eżegwibbiltà jew għar-reġistrazzjoni.

(3) Id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew ir-reġistrazzjoni tista’ tiġi rrifjutata biss għal waħda mir-raġunijiet stipulati fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 23.

### Artikolu 27

Mingħajr preġudizzju għal rieżami bħal dan kif meħtieġ fl-applikazzjoni tal-Artikoli preċedenti, m’għandu jkun hemm l-ebda rieżami tal-merti tal-miżura meħuda.

## Artikolu 28

Miżuri meħuda fi Stat Kontraenti partikolari u ddikjarati eżegwibbli, jew irreġistrati għall-fini ta' infurzar, fi Stat Kontraenti ieħor għandhom jiġu infurzati f'dan l-Istat imsemmi l-aħħar daqslikieku ttieħdu mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat. L-infurzar iseħħ f'konformità mal-liġi tal-Istat rikjest sa fejn ikun stipulat mit-tali liġi, b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri.

# KAPITOLU V - KOOPERAZZJONI

## Artikolu 29

(1) Stat Kontraenti għandu jiddeżinja Awtorità Ċentrali għall-qadi tad-dmirijiet li huma imposti mill-Konvenzjoni fuq it-tali awtoritajiet.

(2) L-Istati Federali, Stati b'iktar minn sistema legali waħda jew Stati b'unitajiet territorjali awtonomi għandhom ikunu liberi li jaħtru iktar minn Awtorità Ċentrali waħda u li jispeċifikaw il-portata territorjali jew personali tal-funzjonijiet tagħhom. Meta Stat ikun ħatar aktar minn Awtorità Ċentrali waħda, hu għandu jiddeżinja l-Awtorità Ċentrali li lilha tista' tiġi indirizzata kull komunikazzjoni biex tiġi trażmessa lill-Awtorità Ċentrali adatta f'dak l-Istat.

## Artikolu 30

(1) L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkoperaw flimkien u jippromwovu l-koperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati tagħhom sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-Konvenzjoni.

(2) B'rabta mal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni, dawn għandhom jieħdu passi xierqa biex jipprovdu informazzjoni dwar il-liġijiet tal-Istati tagħhom, u s-servizzi disponibbli fihom, li huma relatati mal-protezzjoni ta' minuri.

## Artikolu 31

L-Awtorità Ċentrali ta' Stat Kontraenti, b'mod dirett jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi oħra, għandha tieħu l-passi xierqa kollha biex –

*a)* tiffaċilita l-komunikazzjonijiet u toffri l-assistenza prevista fl-Artikoli 8 u 9 u f'dan il-Kapitolu;

*b)* tiffaċilita, b'medjazzjoni, b'konċiljazzjoni jew b'mezzi simili, soluzzjonijiet maqbula għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri f'sitwazzjonijiet li fihom tapplika l-Konvenzjoni;

*c)* tipprovdi, fuq it-talba ta' awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti ieħor, assistenza fis-sejbien ta' fejn jinsab minuri meta jkun jidher li l-minuri jista' jkun preżenti u fil-bżonn ta' protezzjoni fi ħdan it-territorju tal-Istat rikjest.

## Artikolu 32

Fuq talba b'raġunijiet li jsostnuha mill-Awtorità Ċentrali jew minn awtorità kompetenti oħra ta' kwalunkwe Stat Kontraenti li l-minuri jkollu konnessjoni sostanzjali miegħu, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Kontraenti li fih il-minuri jkun resident abitwali u preżenti tista', b'mod dirett jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi jew korpi oħra,

*a)* tipprovdi rapport dwar is-sitwazzjoni tal-minuri;

*b)* titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat tagħha biex tqis il-ħtieġa li tieħu miżuri biex tipproteġi lill-persuna jew lill-beni tal-minuri.

## Artikolu 33

(1) Jekk awtorità b'ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 tikkontempla t-tqegħid tal-minuri f'familja tar-rispett jew taħt kustodja istituzzjonali, jew il-forniment tal-indokrar mill-*kafala* jew minn istituzzjoni analoga, u jekk it-tali tqegħid jew it-tali forniment tal-indokrar ikun se jseħħ fi Stat Kontraenti ieħor, l-ewwel din għandha tikkonsulta mal-Awtorità Ċentrali jew ma' awtorità kompetenti oħra tal-Istat imsemmi l-aħħar. Għal dan l-għan, hi għandha tibgħat rapport dwar il-minuri flimkien mar-raġunijiet għat-tqegħid jew għall-forniment propost tal-indokrar.

(2) Id-deċiżjoni dwar it-tqegħid jew il-forniment tal-indokrar tista' tittieħed fl-Istat rikjedenti biss jekk l-Awtorità Ċentrali jew awtorità kompetenti oħra tal-Istat rikjest tkun tat il-kunsens għat-tqegħid jew għall-forniment tal-indokrar, b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri.

## Artikolu 34

(1) Meta miżura għall-protezzjoni tkun qed tiġi kkontemplata, skont il-Konvenzjoni l-awtortajiet kompetenti, jekk is-sitwazzjoni tal-minuri teħtieġ hekk, jistgħu jitolbu lil kwalunkwe awtorità ta' Stat Kontraenti ieħor li jkollha informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni tal-minuri biex tikkomunika t-tali informazzjoni.

(2) Stat Kontraenti jista' jiddikjara li t-talbiet skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet tiegħu biss permezz tal-Awtorità Ċentrali tiegħu.

## Artikolu 35

(1) L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Kontraenti jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor biex jassistu fl-implimentazzjoni tal-miżuri għall-protezzjoni meħuda skont din il-Konvenzjoni, speċjalment fl-iżgurar tal-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess kif ukoll tad-dritt li jinżammu kuntatti diretti fuq bażi regolari.

(2) L-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li fih il-minuri ma jirresjedix b'mod abitwali jistgħu, fuq it-talba tal-ġenitur li jirresjedi f'dak l-Istat li jkun qed ifittex li jikseb jew iżomm l-aċċess għall-minuri, jiġbru informazzjoni jew evidenza u jagħmlu sejba dwar l-adegwatezza ta' dak il-ġenitur biex jeżerċita aċċess u dwar il-kundizzjonijiet li fihom l-aċċess għandu jiġi eżerċitat. Awtorità li teżerċita l-ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 biex tiddetermina applikazzjoni dwar l-aċċess għall-minuri għandha tammetti u tikkunsidra t-tali informazzjoni, evidenza u sejba qabel ma tasal għad-deċiżjoni tagħha.

(3) Awtorità b'ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 biex tiddeċiedi dwar l-aċċess tista' tipposponi proċediment sakemm joħroġ l-eżitu ta' talba li ssir skont il-paragrafu 2, b'mod partikolari meta tkun qed tikkunsidra applikazzjoni għar-restrizzjoni jew għat-terminazzjoni tad-drittijiet mogħtija fl-Istat tar-residenza abitwali preċedenti tal-minuri.

(4) Xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jipprevjeni lil awtorità li jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 5 sa 10 milli tieħu miżuri provviżorji sakemm joħroġ l-eżitu tat-talba magħmula skont il-paragrafu 2.

## Artikolu 36

Fi kwalunkwe każ, meta minuri jkun espost għal periklu serju, l-awtortajiet kompetenti tal-Istat Kontraenti fejn ittieħdu jew ikunu qed jiġi kkunsidrati l-miżuri għall-protezzjoni tal-minuri, jekk dawn jiġu informati li r-residenza tal-minuri nbidlet għal Stat ieħor, jew li l-minuri jinsab fi Stat ieħor, dawn għandhom jinformaw lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat l-ieħor dwar il-periklu involut u dwar il-miżuri meħuda jew taħt kunsiderazzjoni.

## Artikolu 37

Awtorità m'għandhiex titlob jew tibgħat xi informazzjoni skont dan il-Kapitolu jekk biex tagħmel dan aktarx li tkun qed tixħet il-persuna jew il-beni tal-minuri f'periklu, jew tikkostitwixxi theddida serja għal-libertà jew għall-ħajja ta' membru tal-familja tal-minuri.

## Artikolu 38

(1) Mingħajr ħsara għall-possibbiltà li jiġu imposti tariffi raġonevoli għall-forniment ta' servizzi, l-Awtoritajiet Ċentrali u awtoritajiet pubbliċi oħra tal-Istati Kontraenti għandhom iġarrbu l-ispejjeż tagħhom stess meta japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

(2) Kwalunkwe Stat Kontraenti jista' jidħol fi ftehimiet ma' Stat Kontraenti ieħor jew iktar dwar l-allokazzjoni tat-tariffi.

## Artikolu 39

Kwalunkwe Stat Kontraenti jista' jidħol fi ftehimiet ma' Stat Kontraenti ieħor jew iktar bl-għan li jtejjeb l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom. L-Istati li kkonkludew tali ftehim għandhom jibagħtu kopja lid-depożitarju tal-Konvenzjoni.

# KAPITOLU VI – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

## Artikolu 40

(1) L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tal-minuri, jew tal-Istat Kontraenti fejn ittieħdet miżura għall-protezzjoni, jistgħu jipprovdu lill-persuna b'responsabbiltà tal-ġenituri jew lill-persuna inkarigata bil-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri, fuq talba tagħha, ċertifikat li jindika l-kapaċità li fiha dik il-persuna tkun intitolata taġixxi u s-setgħat mogħtija lilha.

(2) Il-kapaċità u s-setgħat indikati fiċ-ċertifikat huma preżunti bħala vestiti f'dik il-persuna, fin-nuqqas ta' prova kontrarja.

(3) Kull Stat Kontraenti għandu jiddeżinja l-awtoritajiet kompetenti biex ifasslu ċ-ċertifikat.

## Artikolu 41

Data personali miġbura jew trażmessa taħt din il-Konvenzjoni għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun inġabret jew ġiet trażmessa.

## Artikolu 42

L-awtoritajiet li lilhom tiġi trażmessa l-informazzjoni għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità ta' din, f'konformità mal-liġi tal-Istat tagħhom.

## Artikolu 43

Id-dokumenti kollha mgħoddija jew ikkonsenjati skont din il-Konvenzjoni għandhom ikunu eżenti mil-legalizzazzjoni jew minn kwalunkwe formalità analoga.

## Artikolu 44

Kull Stat Kontraenti jista’ jiddeżinja l-awtoritajiet li lilhom għandhom jiġu indirizzati t-talbiet skont l-Artikoli 8, 9 u 33.

## Artikolu 45

(1) Id-deżinjazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 29 u 44 għandhom jiġu kkomunikati lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.
(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 34 għandha ssir lid-depożitarju tal-Konvenzjoni.

## Artikolu 46

Stat Kontraenti fejn japplikaw sistemi ta' liġi jew settijiet ta' regoli legali differenti għall-protezzjoni tal-minuri u tal-beni tiegħu m'għandhomx ikunu marbuta biex japplikaw ir-regoli tal-Konvenzjoni għall-kunflitti unikament bejn dawn is-sistemi jew is-settijiet ta’ regoli tal-liġi differenti.

## Artikolu 47

Fir-rigward ta' Stat fejn żewġ sistemi legali jew iktar jew settijiet ta' regoli legali japplikaw f'unitajiet territorjali differenti, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt din il-Konvenzjoni –
(1) kwalunkwe referenza għar-residenza abitwali f’dak l-Istat għandu jitqies bħala r-residenza abitwali f’unità territorjali;
(2) kwalunkwe referenza għall-preżenza tal-minuri f’dak l-Istat għandha tinftiehem li tirreferi għall-preżenza f’unità territorjali;
(3) kwalunkwe referenza għal fejn jinsabu l-beni tal-minuri f’dak l-Istat għandha tinftiehem li tirreferi għal fejn jinsabu l-beni tal-minuri f’unità territorjali;
(4) kwalunkwe referenza għall-Istat li tiegħu l-minuri għandu nazzjonalità għandha tinftiehem li tirreferi għall-unità territorjali magħżula mil-liġi tal-Istat jew, fin-nuqqas ta’ regoli relevanti, għall-unità territorjali li magħha l-minuri għandu l-eqreb konnessjoni;
(5) kwalunkwe referenza għall-Istat li l-awtoritajiet tiegħu jieħdu l-kompetenza għal applikazzjoni għal divorzju jew għal separazzjoni ġudizzjarja tal-ġenituri tal-minuri, jew għall-annullament taż-żwieġ tagħhom, għandha tinftiehem li tirreferi għall-unità territorjali li l-awtoritajiet tagħha jieħdu l-kompetenza għat-tali applikazzjoni;
(6) kwalunkwe referenza għall-Istat li miegħu l-minuri għandu konnessjoni sostanzjali għandha tinftiehem li tirreferi għall-unità territorjali li magħha l-minuri għandu tali konnessjoni;
(7) kwalunkwe referenza għall-Istat li fih jitneħħa l-minuri jew li fih hu nżamm għandha tinftiehem li tirreferi għall-unità territorjali rilevanti li fiha l-minuri tneħħa jew li fiha hu nżamm;
(8) kwalunkwe referenza għal korpi jew għal awtoritajiet ta’ dak l-Istat, għajr għall-Awtoritajiet Ċentrali, għandha tinftiehem li tirreferi għal dawk awtorizzati jaġixxu fl-unità territorjali rilevanti;
(9) kwalunkwe referena għal-liġi jew għall-proċedura jew għall-awtorità tal-Istat li fih ittieħdet miżura għandha tinftiehem li tirreferi għal-liġi jew għall-proċedura għal għall-awtorità tal-unità territorjali li fiha ttieħdet it-tali miżura;
(10) kwalunkwe referenza għal-liġi jew għall-proċedura jew għall-awtorità tal-Istat rikjest għandha tinftiehem li tirreferi għal-liġi jew għall-proċedura jew għall-awtorità tal-unità territorjali li fiha jitfittex ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni.

## Artikolu 48

Għall-fini sabiex tiġi identifikata l-liġi applikabbli skont il-Kapitolu III, b'rabta ma' Stat li jkun magħmul minn żewġ unitajiet territorjali jew aktar, li kull waħda minnhom ikollha s-sitema legali jew settijiet ta' regoli tal-liġi tagħha fir-rigward tal-kwistjonjiet irregolati minn din il-Konvenzjoni, japplikaw ir-regoli li ġejjin –

*a)* jekk hemm regoli fis-seħħ fi Stat bħal dan, li jidentifikaw liema liġi ta' liema unità territorjali hi applikabbli, tapplika l-liġi ta' dik l-unità;

*b)* fin-nuqqas ta' tali regoli, tapplika l-liġi tal-unità territorjali relevanti kif iddefinita fl-Artikolu 47.

## Artikolu 49

Għall-fini sabiex tiġi identifikata l-liġi applikabbli skont il-Kapitolu III, b'rabta ma' Stat li jkollu żewġ sistemi tal-liġi jew settijiet ta' regoli tal-liġi jew iktar applikabbli għal kategoriji differenti ta' persuni fir-rigward tal-kwistjonjiet irregolati minn din il-Konvenzjoni, japplikaw ir-regoli li ġejjin –

*a)* jekk hemm regoli fis-seħħ fi Stat bħal dan li jidentifikaw liema minn dawn il-liġijiet hi applikabbli, tapplika dik il-liġi;

*b)* fin-nuqqas ta' regoli bħal dawn, tapplika l-liġi tas-sistema jew is-sett ta' regoli tal-liġi li magħhom il-minuri għandu l-eqreb konnessjoni.

## Artikolu 50

Din il-Konvenzjoni m'għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tal-*Konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri*, bejn Partijiet għaż-żewġ Konvenzjonijiet. Madankollu, xejn ma jipprekludi d-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni milli jiġu invokati għall-finijiet ta' kisba tar-ritorn ta' minuri li jkun tneħħa jew inżamm b'mod illegali jew għall-organizzazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess.

## Artikolu 51

F'relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti, din il-Konvenzjoni tieħu post il-*Konvenzjoni tal-5 ta' Ottubru 1961 dwar il-kompetenza tal-awtoritajiet u l-liġi applikabbli fil-qasam tal-protezzjoni tal-minorenni*, u l-*Konvenzjoni li tirregola t-tutela tal-minuri*, iffirmata fl-Aja fit-12 ta' Ġunju 1902, mingħajr ħsara għar-rikonoxximent tal-miżuri meħuda skont il-Konvenzjoni tal-5 ta' Ottubru 1961 imsemmija hawn fuq.

## Artikolu 52

(1) Din il-Konvenzjoni ma taffetwax xi strument internazzjonali ieħor li l-Istati Kontraenti huma Partijiet għalih u li fih dispożizzjonjiet dwar kwistjonjiet irregolati mill-Konvenzjoni, sakemm ma ssirx xi dikjarazzjoni kuntrarja mill-Istati Partijiet għat-tali strument.

(2) Din il-Konvenzjoni ma taffettwax il-possibbiltà li Stat Kontraenti wieħed jew iktar jikkonkludi ftehimiet li fihom, fir-rigward ta' minuri residenti abitwali fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Partijiet għat-tali ftehimiet, dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet irregolati minn din il-Konvenzjoni.

(3) Ftehimiet li għandhom jiġu konklużi minn Stat Kontraenti wieħed jew iktar dwar kwistjonijiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni ma jaffettwawx, fir-relazzjoni tat-tali Stati ma' Stati Kontraenti oħra, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

(4) Il-paragrafi preċedenti japplikaw ukoll għal-liġijiet uniformi bbażati fuq rabtiet speċjali ta' natura reġjonali jew ta' tip ieħor bejn l-Istati kkonċernati.

## Artikolu 53

(1) Il-Konvenzjoni għandha tapplika għal miżuri biss jekk dawn jittieħdu fi Stat wara li l-Konvenzjoni tkun iddaħħlet fis-seħħ għal dak l-Istat.
(2) Il-Konvenzjoni għandha tapplika għar-rikonoxximent u għall-eżekuzzjoni tal-miżuri meħuda wara d-dħul fis-seħħ tagħha bejn l-Istat fejn ittieħdu l-miżuri u l-Istat rikjest.

## Artikolu 54

(1) Kwalunkwe komunikazzjoni mibgħuta lill-Awtorità Ċentrali jew lil awtorità oħra ta' Stat Kontraenti għandha tkun bil-lingwa oriġinali, u għandha tkun akkumpanjata minn traduzzjoni bil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat l-ieħor jew, meta dan ma jkunx fattibbli, minn traduzzjoni bl-Franċiż jew bl-Ingliż.
(2) Madanakollu, Stat Kontraenti jista', billi jagħmel riżerva skont l-Artikolu 60, joġġezzjona għall-użu tal-Franċiż jew tal-Ingliż, iżda mhux tat-tnejn.

## Artikolu 55

(1) Stat Kontraenti jista', f'konformità mal-Artikolu 60,
   *a)* jirriżerva l-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet tiegħu biex jieħu miżuri mfassla għall-protezzjoni tal-beni ta' minuri li jinsab fit-territorju tiegħu;
   *b)* jirriżerva d-dritt li ma jirrikonoxxix kwalunkwe responsabbiltà tal-ġenituri jew miżura meta din tkun inkompatibbli ma' kwalunkwe miżura meħuda mill-awtoritajiet tiegħu b'rabta ma' dik il-proprjetà.
(2) Ir-riżerva tista' tkun ristretta għal ċerti kategoriji ta' beni.

## Artikolu 56

Kull ċertu żmien regolari, is-Segretarju Ġenerali tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat għandu jlaqqa' Kummissjoni Speċjali bl-iskop li tirrieżamina l-operat prattiku tal-Konvenzjoni.

# KAPITOLU VII – KLAWŻOLI FINALI

## Artikolu 57

(1) Il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-iffirmar mill-Istati li kienu Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fi żmien it-Tmitax-il Sessjoni tagħha.
(2) Għandha tiġi ratifikata, aċċettata jew approvata u l-istrumenti ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju tan-Netherlands, id-depożitarju tal-Konvenzjoni.

## Artikolu 58

(1) Kwalunkwe Stat ieħor jista' jaċċedi għall-Konvenzjoni wara li jkun daħal fis-seħħ f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 61.

(2) L-istrument tal-adeżjoni għandhom jiġu ddepożitati mad-depożitarju.

(3) Din l-adeżjoni għandu jkollha effett biss fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-Istat aderenti u dawk l-Istati Kontraenti li ma jkunux ressqu oġġezzjoni għall-adeżjoni tiegħu fis-sitt xhur ta' wara r-riċevuta tan-notifika msemmija fis-sottoparagrafu *b* tal-Artikolu 63. Tali oġġezzjoni tista' tiġi mressqa wkoll mill-Istati fil-mument meta dawn jirratifikaw, jaċċettaw jew japprovaw il-Konvenzjoni wara l-adeżjoni. Kwalunkwe tali oġġezzjoni għandha tiġi nnotifikata lid-depożitarju.

## Artikolu 59

(1) Jekk Stat għandu żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom jgħoddu sistemi legali differenti dwar kwistjonijiet trattati f'din il-Konvenzjoni, jista' fiż-żmien tal-firma, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni jiddikjara li l-Konvenzjoni għandha testendi għall-unitajiet territorjali kollha tiegħu jew biss għal wieħed jaw aktar minnhom, u jista' jimmodifika din id-dikjarazzjoni billi jissottometti dikjarazzjoni oħra fi kwalunkwe ħin.

(2) Kull dikjarazzjoni għandha tiġi nnotifikata lid-depożitarju u għandha tiddikjara espressament l-unitajiet territorjali li għalihom tapplika din il-Konvenzjoni.

(3) Jekk Stat ma jagħmel l-ebda dikjarazzjoni skont dan l-Artikolu, il-Konvenzjoni testendi għall-unitajiet territorjali kollha ta' dak l-Istat.

## Artikolu 60

(1) Kwalunkwe Stat jista', sa mhux iktar tard minn żmien ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, jew fiż-żmien li fih jagħmel dikjarazzjoni f'termini tal-Artikolu 59, jagħmel waħda mir-riżervi previsti fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 54 u fl-Artikolu 55, jew it-tnejn li huma. L-ebda riżerva oħra ma għandha tkun permessa.

(2) Kwalunkwe Stat jista' fi kwalunkwe mument jirtira riżerva li jkun għamel. L-irtirar għandu jiġi nnotifikat lid-depożitarju.

(3) Ir-riżerva għandha tieqaf milli jkollha effett fl-ewwel jum tat-tielet xahar kalendarju wara n-notifika msemmija fil-paragrafu preċedenti.

## Artikolu 61

(1) Il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jgħaddu tliet xhur mid-depożitu tat-tielet strument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni msemmi fl-Artikolu 57.

(2) Minn hemm 'il quddiem il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ –

*a)* għal kull Stat li sussegwentement jirratifikaha, jaċċettaha jew japprovaha, fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-depożitu tal-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni tagħha jew adeżjoni;

*b)* għal kull Stat li jaderixxi, fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur wara l-iskadenza tal-perjodu ta' sitt xhur prevista fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 58;

*c)* għal unità territorjali li għaliha tkun ġiet estiża l-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 59, fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jgħaddu tliet xhur min-notifika msemmija f'dak l-Artikolu.

## Artikolu 62

(1) Stat Parti għall-Konvenzjoni jista' jiddenunzjaha permezz ta' notifika bil-miktub indirizzata lid-depożitarju. Id-denunzja tista' tkun limitata għal ċerti unitajiet territorjali li għalihom tapplika l-Konvenzjoni.

(2) Id-denunzja tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' tnax-il xahar minn meta d-depożitarju jkun irċieva n-notifika. F'każ li fin-notifika jiġi speċifikat perjodu ta' żmien itwal biex id-denunzja tidħol fis-seħħ, din tidħol fis-seħħ wara l-iskadenza ta' tali perjodu itwal.

## Artikolu 63

Id-depożitarju għandu jinnotifika lill-Istati Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u lill-Istati li aċċedew skont l-Artikolu 58 b'dan li ġej –

*a)* il-firem, ir-ratifiki, l-aċċettazzjonijiet u l-approvazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 57;
*b)* l-adeżjonijiet u l-oġġezzjonijiet imqajma għall-adeżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 58;
*c)* id-data li fiha l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ, skont l-Artikolu 61;
*d)* id-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 34 u fl-Artikolu 59;
*e)* il-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 39;
*f)* ir-riżervi msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 54 u fl-Artikolu 55 u l-irtirar imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 60;
*g)* id-denunzji msemmija fl-Artikolu 62.

B'xhieda ta' dan, is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

Magħmula fl-Aja, fid-19-il jum ta' Ottubru 1996, bil-lingwa Ingliza u dik Franċiża, biż-żewġ testi awtentiċi bl-istess mod, f'kopja unika li se tkun depożitata fl-arkivji tal-Gvern tar-Renju tan-Netherlands, u li tagħha se tintbagħat kopja ċċertifikata, permezz tal-kanali diplomatiċi, lil kull Stat Membru tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fid-data tat-Tmintax-il Sessjoni tagħha.

# ANNESS II
## Lista ta' Kontroll tal-Implimentazzjoni

# *Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 fuq il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, Rikonoxximent, Infurzar u Kooperazzjoni dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal*

## LISTA TA' KONTROLL TAL-IMPLIMENTAZZJONI

### *Introduzzjoni*

***"Lista ta' kontroll" tal-kwistjonijiet li jaf ikun hemm bżonn li jiġu eżaminati fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni***

L-iskop ta' din il-Lista ta' kontroll hu li tixħet dawl fuq kwistjonijiet li jaf ikollhom bżonn jiġu kkunsidrati mill-Istati meta jimplimentaw il-Konvenzjoni.

Il-Lista ta' kontroll ma tfittixx li tippreskrivi l-metodu li bih il-Konvenzjoni tiġi implimentata fl-Istati Kontraenti. Minflok, hi tindika ċerti kwistjonijiet li jistgħu jqumu qabel jew matul l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-lista mhix eżawrijenti u mingħajr dubju se jkun hemm kwistjonijiet oħra speċifiċi għall-Istati li se jkunu jeħtieġu kunsiderazzjoni.

Il-Lista ta' kontroll tinkludi "Domandi preliminari" għall-kunsiderazzjoni li huma relatati mal-Konvenzjoni b'mod ġenerali, filwaqt li "Miżuri Speċifiċi tal-Implimentazzjoni" u l-annessi għal-Lista ta' kontroll jistgħu jassistu wkoll lil Stat meta jikkunsidra aspetti partikolari tal-Konvenzjoni. L-annessi jkopru l-kwistjonijiet li ġejjin:

Anness I
Sommarju tad-dispożizzjonijiet fil-Konvenzjoni li jistgħu jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni, *eż.* tibdiliet fil-leġiżlazzjoni, qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni.

Anness II
Sommarju tal-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lid-depożitarju (il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju tan-Netherlands), u lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

Anness III
Sommarju tal-funzjonijiet imwettqa mill-Awtoritajiet Ċentrali, mill-awtortajiet kompetenti u minn awtoritajiet oħra skont il-Konvenzjoni.

Anness IV
Lista tar-riżorsi disponibbli minn Stati li jistgħu jkunu ta' assistenza għal Stati oħra.

## *Domandi preliminari*

### 1. Kontemplazzjoni biex issir Stat Parti

- ☐ Ikkonsulta mal-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u ma' Stati Kontraenti oħra dwar il-benefiċċji tal-Konvenzjoni.
- ☐ Identifika u kkonsulta ma' partijiet ikkonċernati u ma' esperti differenti fl-Istat tiegħek, pereżempju l-gvern u aġenziji mhux governattivi, l-ġudikatura, is-servizzi tal-protezzjoni tat-tfal u l-professjoni legali biex:
  - tiddetermina l-implikazzjonijiet ta' meta ssir Stat Parti;
  - tiddeċiedi jekk issirx Stat Parti;
  - tidentifika l-aħjar metodi biex timplimenta l-Konvenzjoni; u,
  - tiżviluppa pjan għall-implimentazzjoni u għall-operat tal-Konvenzjoni.

### 2. Metodi ta' implimentazzjoni

- ☐ Ikkunsidra l-metodu li bih se tiġi implimentata l-Konvenzjoni fl-Istat tiegħek:
  - Fl-ordinament ġuridiku tiegħek, il-Konvenzjoni tiġi inkorporata b'mod awtomatiku fil-liġi domestika ladarba l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ? jew
  - Fl-ordinament ġuridiku tiegħek, l-inkorporazzjoni jew it-trasfrmazzjoni tal-Konvenzjoni f'liġi domestika hi neċessarja? Jekk iva, b'liema modi se jinkiseb dan?

  Indipendentement minn jekk l-inkorporazzjoni jew it-trasformazzjoni hix meħtieġa fl-ordinament ġuridiku tiegħek, ċerti miżuri ta' implimentazzjoni se jkunu meħtieġa biex jassistu l-implimentazzjoni u l-operat effettivi tal-Konvenzjoni fi ħdan il-kuntest tal-ordinament ġuridiku u tas-sistemi amministrattivi tiegħek.
- ☐ Wettaq rieżami komprensiv tal-liġijiet, tar-regoli, tar-regolamenti, tal-ordnijiet, tal-politiki u tal-prattiki domestiċi biex tiżgura li d-dispożizzjonijiet eżistenti ma jmorrux kontra l-Konvenzjoni.
- ☐ Jekk ikun hemm xi dispożizzjoni eżistenti li joħolqu ostakli jew xkiel għall-implimentazzjoni u għall-operat effettivi tal-Konvenzjoni, x'emendi huma meħtieġa? (Ara hawn taħt, taħt "Miżuri Speċifiċi ta' Implimentazzjoni" u l-Anness I.)
- ☐ Ikkunsidra liema kwistjonijiet se jkunu jeħtieġu li jiġu indirizzati fl-ordinament ġuridiku tiegħek:
  - permezz ta' atti amministrattivi (*eż.* il-ħatra ta' Awtorità Ċentrali[1]);
  - fil-leġiżlazzjoni (*eż.* regoli tal-ġurisdizzjoni għat-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni, inklużi dispożizzjonijiet biex tiġi ttrasferita jew assunta l-ġurisdizzjoni[2]);
  - f'regoli, f'regolamenti jew f'ordnijiet (*eż.* regoli tal-Qorti biex tiġi ammessa u kkunsidrata evidenza minn Stat Kontraenti ieħor fi proċedimenti relatati mal-aċċess[3]).

---

1 Art. 29.
2 Artikoli 8 u 9.
3 Art. 35.

## 3. Biex issir Stat Parti – firma u ratifika jew adeżjoni

Kwalunkwe Stat jista' jsir Stat Parti għall-Konvenzjoni. Madankollu, hemm modi differenti li bihom Stat jista' jsir Parti għall-Konvenzjoni. Ikkunsidra liema minn dawn li ġejjin hi applikabbli:

- **Firma segwita minn ratifika:** Stat li kien Membru tal-Konferenza tal-Aja fid-19 ta' Ottubru 1996 jista' **jiffirma u jirratifika** l-Konvenzjoni.[4] Billi **jiffirma** l-Konvenzjoni, Stat jesprimi, fil-prinċipju, l-intenzjoni tiegħu li jsir Parti għall-Konvenzjoni. Madankollu, firma ma tobbligax lil Stat jirratifika l-Konvenzjoni.[5] Imbagħad, l-Istat se jkollu bżonn **jirratifika** l-Konvenzjoni biex din tidħol fis-seħħ. Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ tliet xhur wara r-ratifika.[6]
- **Adeżjoni:** Stati oħra li jixtiequ jsiru Parti għall-Konvenzjoni jistgħu **jaċċedu**.[7] Għal Stat aderenti, il-Konvenzjoni se tiħdol fis-seħħ disa' xhur wara d-data tal-adeżjoni.[8] Fi ħdan l-ewwel sitt xhur minn dak il-perjodu ta' disa' xhur, kwalunkwe Stat Kontraenti ieħor jista' jqajjem oġġezzjoni għall-adeżjoni. Il-Konvenzjoni mhix se tidħol fis-seħħ bejn l-Istat aderenti u l-Istat li jqajjem l-oġġezzjoni, qabel ma l-oġġezzjoni tiġi rtirata. Minkejja dan, il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ bejn l-Istat aderenti u l-Istati Kontraenti l-oħra kollha li ma jkunux qajmu oġġezzjoni.[9]

Ratifika jew adeżjoni għall-Konvenzjoni teħtieġ id-depożitu minn Stat tal-istrumenti xierqa mad-depożitarju.[10] L-Anness II jiġbor fil-qosor informazzjoni oħra li jenħtieġ li tiġi kkomunikata lid-depożitarju u / jew lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat qabel jew mar-ratifika / mal-adeżjoni.

## 4. L-iżvilupp ta' skeda ta' żmien

Iddetermina d-data li fiha jenħtieġ li l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għall-Istat tiegħek. Meta tiżviluppa skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, żomm din id-data f'moħħok u ħu passi biex:

- ☐ Tiżgura li l-istrumenti u l-informazzjoni neċessarji huma ddepożitati mad-depożitarju u kkomunikati lill-Uffiċċju Permanenti (ara l-Anness II).
- ☐ Tiżgura li jiddaħħlu fis-seħħ il-miżuri ta' implimentazzjoni xierqa, jew li dawn jiġu promulgati u jiddaħħlu fis-seħħ sakemm il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-Istat tiegħek.
- ☐ Tara li l-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha (*eż.* dipartimenti tal-gvern, aġenziji tal-benessri tat-tfal, qrati, pulizija, professjoni legali) huma informati dwar meta se tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni, kwalunkwe tibdil fil-liġi u fil-proċeduri u, fejn applikabbli ir-rwoli rispettivi tagħhom skont il-Konvenzjoni.
- ☐ Tara li jiġi pprovdut taħriġ adegwat lill-individwi involuti fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni (*eż.* dipartimenti tal-gvern, aġenziji tal-benessri tat-tfal, qrati, pulizija).
- ☐ Ixxerred informazzjoni dwar il-Konvenzjoni lill-pubbliku.

---

4 Art. 57(1): Il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-iffirmar mill-Istati li kienu Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat matul it-Tmintax-il Sessjoni tagħha (19 ta' Ottubru 1996).

5 L-Art. 18 tal-*Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati* jobbliga lill-Istati, ladarba ssir espressjoni tal-kunsens għall-vinkolament bit-trattat, biex ma jtellfux l-oġġett u l-iskop tat-trattat qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

6 Art. 61(2) *a)*: Il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ għal kull Stat li sussegwentement **jirratifikaha, jaċċettaha** jew **japprovaha** fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-depożitu tal-istrument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni, ta' approvazzjoni tagħha jew ta' adeżjoni għaliha.

7 Art. 58(1): Kwalunkwe Stat ieħor jista' jaċċedi għall-Konvenzjoni wara li tkun daħlet fis-seħħ.

8 Art. 61(2) *b)*: Il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ għal kull Stat **aderenti**, fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur wara l-iskadenza tal-perjodu ta' sitt xhur.

9 Art. 58(3). Kun af li oġġezzjoni fir-rigward ta' adeżjoni preċedenti tista' titqajjem mill-Istati fiż-żmien li fih huma **jirratifikaw, jaċċettaw** jew **japprovaw** il-Konvenzjoni.

10 Art. 57(2); Art. 58(2).

## 5. Deżinjazzjonijiet, dikjarazzjonijiet u riżervi

Hemm ċerti deżinjazzjonijiet obbligatorji xi jsiru skont il-Konvenzjoni kif ukoll dikjarazzjonijiet fakultattivi u riżervi li l-Istati jistgħu jikkunsidraw neċessarji.

Sommarju ta' din l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lid-depożitarju u / jew lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja hu pprovdut fl-Anness II, iżda b'mod partikolari:

- ☐ Żgura li d-deżinjazzjoni ta' Awtorità Ċentrali jew ta' Awtoritajiet Ċentrali tkun saret fi żmien ir-ratifika / l-adejoni (jew tal-inqas qabel ma l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ).[11]
- ☐ Żgura li, bħala kwistjoni prijoritarja, id-dettalji ta' kuntatt ta' kull Awtorità Ċentrali u l-lingwa/i tal-komunikazzjoni jiġu kkomunikati lill-Uffiċċju Permanenti u jinżammu aġġornati.
- ☐ L-Istati Kontraenti jistgħu jiddeżinjaw l-awtoritajiet li lilhom għandhom jiġu indrizzati talbiet skont l-Artikoli 8 u 9 (trasferiment tal-ġurisdizzjoni) u l-Artikolu 33 (talbiet għat-tqegħid ta' minuri taħt kustodja).[12] Żgura li, bħala kwistjoni prijoritarja, id-deżinjazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet jiġu kkomunikati minnufih lill-Uffiċċju Permanenti (kif ukoll il-lingwa/i tal-komunikazzjoni tal-awtoritajiet).
- ☐ Ikkunsidra jekk dikjarazzjoni hix meħtieġa skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 34 (meta miżura għall-protezzjoni tkun qed tiġi kkontemplata, informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni ta' minuri għandha tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet tiegħu biss permezz tal-Awtorità Ċentrali).[13]
- ☐ Ikkunsidra jekk humiex neċessarji riżervi skont l-Artikolu 54 (lingwa tal-komunikazzjoni) u l-Artikolu 55 (beni).[14]
- ☐ Ikkunsidra jekk dikjarazzjoni skont l-Artikolu 59 hix neċesarja (applikazzjoni tal-Konvenzjoni għat-territorji).[15]

## 6. Proċessi kurrenti ta' implimentazzjoni

- ☐ Żviluppa u implimenta mekkaniżmi biex tissorvelja u tevalwa l-applikazzjoni u l-funzjonament tal-Konvenzjoni, pereżempju, konsultazzjoni ma' qrati u ma' awtoritajiet oħra responsabbli skont il-Konvenzjoni. Evalwazzjoni regolari se tassisti fl-identifikazzjoni u fit-tweġib għal kwalunkwe diffikultà fl-implimentazzjoni li tista' tirriżulta.
- ☐ Żgura li kwalunkwe tibdil fil-ġejjieni fid-dettalji ta' kuntatt tal-Awtoritajiet Ċentrali u tal-awtoritajiet iddeżinjati jiġi pprovdut lill-Uffiċċju Permanenti.
- ☐ Aċċessa r-riżorsi li ġejjin għall-assistenza:
  - Is-sit web tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat < www.hcch.net >.
  - P. Lagarde, "Explanatory Report on the Convention on Jurisdiction, Applicable Law, Recognition, Enforcement and Co-operation in respect of Parental Responsibility and Measures for the Protection of Children", *Proceedings of the Eighteenth Session, Tome II, Protection of children*, L-Aja, SDU, 1998, disponibbli fuq < www.hcch.net > u mbagħad "Publications" u mbagħad "Explanatory Reports."

---

11 Art. 29; Art. 45. Hemm riskju li, jekk Awtorità Ċentrali ma tkunx laħqet ġiet iddeżinjata fi żmien ir-ratifika / l-adeżjoni, dan jista' jwassal biex Stati Kontraenti oħra jqisu jekk jenħtieġx li titqajjem oġġezzjoni għall-adeżjoni.

12 Art. 44; Art. 45.

13 Art. 45; Art. 60. Ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 144.

14 Art. 60. Ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 181.

15 Art. 60.

- *The Judges' Newsletter on International Child Protection* – disponibbli fuq is-sit web tal-Konferenza tal-Aja taħt "Publications" u mbagħad "Judges' Newsletter".
- Lista tar-riżorsi disponibbli mill-Istati li jistgħu jkunu ta' assistenza għal Stati oħra (ara l-Anness IV).

## *Miżuri speċifiċi ta' implimentazzjoni*

### Kapitolu I – Kamp ta' applikazzjoni

☐ Identifika x'miżuri għall-protezzjoni diġà huma disponibbli fil-liġi domestika u kif inhuma relatati mal-Konvenzjoni. Il-miżuri elenkati fl-Artikolu 3 mhumiex eżawrijenti u jaf ikun hemm miżuri oħra għall-protezzjoni disponibbli fl-Istat tiegħek.[16]

☐ Ikkunsidra liema drittijiet u responsabbiltajiet skont il-liġi domestika jirriflettu l-kunċett ta' "responsabbiltà tal-ġenituri" (ara l-Art. 1(2)).

### Kapitolu II – Ġurisdizzjoni

☐ Ikkunsidra jekk tibdiliet fil-leġiżlazzjoni humiex neċessarji biex l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi jkollhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni bbażati fuq ir-"residenza abitwali" ta' minuri (Art. 5).

☐ L-awtoritajiet iridu jkunu jistgħu jieħdu wkoll ċerti miżuri għall-protezzjoni fir-rigward ta' minuri li jkun **preżenti** fl-Istat iżda li ma jkunx **resident abitwali** (Artikoli 6, 11 u 12).

☐ Kun af li l-Konvenzjoni tippermetti lill-awtoritajiet ta' Stat jieħdu miżuri għall-protezzjoni għal minuri resident abitwali fi Stat Kontraenti ieħor fil-kuntest ta' applikazzjoni għal divorzju, għal separazzjoni ġudizzjarja jew għal annullament fir-rigward taż-żwieġ tal-ġenituri. Madankollu, dan hu f'ċirkustanzi limitati ħafna, u biss jekk ikun permess mil-liġi tal-Istat (Art. 10).

☐ Identifika liema awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi se jkunu kompetenti biex jeżerċitaw ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni u żgura li dawn ikunu informati dwar kwalunkwe tibdil fil-leġiżlazzjoni, fil-politika jew fil-prattika.

☐ Ikkunsidra x'miżuri ta' implimentazzjoni jistgħu jkunu neċessarji biex jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 8 u 9, pereżempju:
- tibdiliet fil-leġiżlazzjoni jew fir-regoli biex l-awtortajiet kompetenti jkunu jistgħu jittrasferixxu jew jassumu ġurisdizzjoni (jenħtieġ li l-awtortajiet ikunu jafu bil-kundizzjonijiet li fihom jista' jseħħ it-trasferiment, b'mod partikolari li dan irid ikun fl-aħjar interessi tal-minuri u maqbul miż-żewġ awtortajiet kompetenti (ara l-Artikoli 8 u 9));
- implimentazzjoni tal-proċeduri interni, bħal:
  - mekkaniżmi biex tiġi ttrasferita jew assunta l-ġurisdizzjoni (jenħtieġ li l-awtoritajiet ikollhom il-ħila li jaqblu ma' talbiet biex jittrasferixxu jew jassumu l-ġurisdizzjoni f'każijiet xierqa). Qis:
    - kif l-applikazzjoni għall-miżuri għall-protezzjoni se tasal quddiem awtorità fejn ġiet assunta l-ġurisdizzjoni; u,
    - kif tiżgura li meta l-ġurisdizzjoni tkun ġiet ittrasferita, il-każ ma jibqax indirizzat iktar mill-awtoritajiet tal-Istat tiegħek.

---

[16] Għall-kuntrarju, il-list fl-Art. 4 ta' kwistjonijiet li għalihom ma tapplikax il-Konvenzjoni *hi* eżawrijenti. Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, paragrafi 26 sa 36.

– proċeduri għat-trażmissjoni u għar-riċevuta ta' talbiet għat-trasferiment tal-ġurisdizzjoni u r-rwol, jekk jeżisti, tal-Awtorità Ċentrali (jenħtieġ li l-Istati jikkunsidraw kif l-awtoritajiet tagħhom jikkomunikaw mal-awtoritajiet fi Stati Kontraenti oħra, pereżempju, bi skambju dirett bejn l-awtortajiet kompetenti kkonċernati bil-proċedimenti jew b'komunikazzjoni permezz tal-Awtorità Ċentrali; jenħtieġ li dawn jikkunsidraw ukoll jekk dikjarazzjoni skont l-Artikolu 44 hix neċesasrja (jiġifieri deżinjazzjoni tal-awtoritajiet li lilhom għandhom jiġu indirizzati t-talbiet skont l-Artikoli 8 u 9));
– proċeduri għall-partijiet għal kwistjoni (għajr l-Awtoritajiet Ċentrali jew l-awtortajiet kompetenti) li huma mistiedna jitolbu t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni; jenħtieġ li wieħed jiftakar li waħda mill-partijiet tista' tkun tinsab fi Stat Kontraenti ieħor.

### Kapitolu III – Il-liġi applikabbli

☐ Ikkunsidra jekk hux meħtieġ xi tibdil fil-leġiżlazzjoni eżistenti biex:

- ikun jista' jseħħ ir-rikonoxximent tar-responsabbiltà tal-ġenituri li tkun ġiet attribwita jew itterminata skont il-liġijiet tar-residenza abitwali tal-minuri, jiġifieri l-liġijiet ta' Stat ieħor (Art. 16);
- l-awtoritajiet **f'eċċezzjonijiet** ikunu jistgħu japplikaw jew iqisu l-liġi ta' Stat ieħor fejn il-minuri jkollu "konnessjoni sostanzjali" (Art. 15(2)).

### Kapitolu IV – Rikonoxximent u eżekuzzjoni

☐ Ikkunsidra jekk hix meħtieġa kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni biex jiġu emendati leġiżlazzjoni jew proċeduri eżistenti li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

  - miżuri għall-protezzjoni meħuda mill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti jridu jiġu rikonoxxuti "**bl-operat tad-dritt**" (Art. 23(1));
- ir-rikonoxximent tal-miżuri għall-protezzjoni meħuda fi Stat Kontraenti ieħor jista' jiġi rrifjutat biss fuq il-bażi tar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 23;
- kwalunkwe "**persuna interessata**" tista' titlob deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent ta' miżura meħuda fi Stat Kontraenti ieħor (Art. 24); jista' jkun il-każ li l-persuna interessata tinsab barra mill-Istat rikjest;
- il-proċedura għad-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew għar-reġistrazzjoni tal-miżuri għall-protezzjoni trid tkun "**sempliċi u rapida**" (Art. 26);
- l-eżekuzzjoni tal-miżuri għall-protezzjoni sseħħ skont il-liġi tal-Istat rikjest sa fejn stipulat mit-tali liġi, b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri (Art. 28).

☐ Eżamina kwalunkwe liġi domestika eżistenti barra mill-Konvenzjoni li tapplika għar-rikonoxximent, għad-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew għar-reġistrazzjoni għall-infurzar ta' miżuri għall-protezzjoni barranin minn Stat ieħor u kkunsidra kif dawn il-liġijiet huma relatati mal-Konvenzjoni.

### Kapitolu V – Kooperazzjoni

#### *a) Awtoritajiet Ċentrali*

L-Awtoritajiet Ċentrali se jaqdu rwol importanti fl-operat effettiv tal-Konvenzjoni. Idealment, l-Awtoritajiet Ċentrali se jiġu stabbiliti u mmaniġġjati biex jipprovdu punt ta' kuntatt kif ukoll jikkomplimentaw kwalunkwe arranġament domestiku u transfruntier eżistenti.

☐ Meta tippjana li tistabbilixxi Awtorità Ċentrali, ikkunsidra:

- liema awtorità tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex twettaq il-funzjonijiet ta' Awtorità Ċentrali; (Aktarx li din tkun awtorità b'responsabbiltajiet li huma relatati mill-qrib mas-suġġett tal-Konvenzjoni. Jenħtieġ li l-Awtorità Ċentrali tkun ukoll f'pożizzjoni li tippromwovi l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-aspetti differenti tal-protezzjoni tat-tfal, kif ukoll biex tikkoopera ma' Awtoritajiet Ċentrali oħra fl-Istati Kontraenti. L-Awtorità Ċentrali tista', pereżempju, tkun awtorità governattiva bħal ministeru tal-ġustizzja jew ministeru ta' kwistjonijiet relatati mat-tfal u mal-familja. Inkella, tista' titqabbad organizzazzjoni nongovernattiva b'responsabbiltajiet simili għat-tfal.)
- il-funzjonijiet li se jwettqu l-Awtoritajiet Ċentrali u l-funzjonijiet li se jwettqu awtoritajiet oħra (ara l-Anness III);
- il-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li kull awtorità jkollha s-setgħat u r-riżorsi neċessarji biex twettaq il-funzjonijiet tagħha skont il-Konvenzjoni b'mod effettiv;
- jekk il-proċeduri interni humiex meħtieġa biex jiġi żgurat li t-talbiet jintbagħtu u jiġu pproċessati malajr. Pereżempju:
  - komunikazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali, l-awtortajiet kompetenti u awtoritajiet oħra **fi ħdan** l-Istat tiegħek;
  - komunikazzjoni ma' awtoritajiet fi Stati oħra.
- kif il-medjazzjoni, il-konċiljazzjoni jew mezzi simili jistgħu jintużaw biex jintlaħqu soluzzjonijiet miftiehma għall-miżuri għall-protezzjoni (Art. 31 *b)*) (identifika liema servizzi huma disponibbli biex il-partijiet ikunu jistgħu jfasslu soluzzjonijiet kunsenswali u jkunu appoġġjati meta jagħmlu dan);
- filwaqt li l-Awtoritajiet Ċentrali u awtoritajiet pubbliċi oħra tal-Istati Kontraenti huma meħtieġa jġarrbu l-ispejjeż tagħhom stess meta jwettqu l-obbligi skont il-Konvenzjoni, ikkunsidra jekk jistgħux jiġu imposti "tariffi raġonevoli" għall-forniment ta' ċerti servizzi (Art. 38).[17]

☐ Jekk l-Istat tiegħek hu Parti għall-Konvenzjoni tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri, ikkunsidra jekk l-Awtoritajiet Ċentrali ddeżinjati humiex se jkunu l-istess għaż-żewġ Konvenzjonijiet.

- Jekk l-Awtoritajiet Ċentrali li se jiġu ddeżinjati ma jkunux l-istess, ara li l-Awtoritajiet Ċentrali jkunu jistgħu jikkonsultaw f'każijiet li jinvolvu tneħħija jew żamma illegali ta' minuri,[18] jew f'każijiet ta' kuntatt / aċċess.

***b) Aċċess – Artikolu 35***

☐ Ikkunsidra jekk hijiex meħtieġa kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni jew emenda fil-leġiżlazzjoni eżistenti:

- tassisti fl-"iżgurar tal-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess" għal ġenitur li jirresjedi fi Stat Kontraenti ieħor (identifika liema awtoritajiet se jibagħtu u jirċievu talbiet għall-assistenza);
- tippermetti lill-awtoritajiet li jassumu l-kompetenza għal proċedimenti relatati mal-aċċess jikkunsidraw informazzjoni minn Stat Kontraenti ieħor rigward l-adegwatezza ta' ġenitur li jirresjedi fi Stat ieħor.

☐ Identifika x'assistenza legali jew parir ieħor jista' jkun disponibbli għal ġenituri barranin li jfittxu miżuri għall-protezzjoni relatati mal-aċċess fir-rigward ta' minuri li jkun resident abitwali fl-Istat tiegħek.

Għal iktar pariri dwar dan l-aspett tal-Konvenzjoni, ara *Transfrontier Contact Concerning Children – General Principles and Guide to Good Practice (2008)* disponibbli fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" u mbagħad "Guides to Good Practice".

---

17 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni, para. 152.
18 Ara l-Art. 7.

### *c) Tqegħid transfruntier ta' minuri – Artikolu 33*

- ☐ Ikkunsidra jekk humiex neċessarji miżuri ta' implimentazzjoni jew emendi għal-leġiżlazzjoni eżistenti fir-rigward tat-tqegħid transfruntier ta' minuri ma' familja tar-rispett jew taħt kustodja istituzzjonali jew tal-forniment tal-indokrar mill-*kafala* jew minn istituzzjoni analoga.
- ☐ Ikkunsidra liema awtoritajiet jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex:
  - jikkonsultaw dwar it-tqegħid propost;
  - iħejju rapporti dwar il-minuri;
  - jirċievu u jibagħtu talbiet minn/lil Stat Kontraenti ieħor.
- ☐ Ikkunsidra x'salvagwardji u xi standards jenħtieġ li japplikaw qabel ma l-Awtorità Ċentrali jew awtorità kompetenti oħra tagħti kunsens għal tqegħid jew forniment ta' indokrar transfruntier.
- ☐ Deżinjazzjoni skont l-Artikolu 44 tista' tkun neċessarja (l-Istati Kontraenti jistgħu jiddeżinjaw l-awtoritajiet li lilhom jintbagħtu t-talbiet skont l-Art. 33).
- ☐ Żgura li l-proċeduri ta' komunikazzjoni huma implimentati fi ħdan l-Istat u ma' Stati Kontraenti oħra, biex jiġi evitat milli jsir tqegħid mingħajr il-kunsens tal-Istat riċeventi.

### *d) Komunikazzjoni ġudizzjarja*

In-Netwerk Internazzjonali tal-Aja ta' Mħallfin jiffaċilita l-komunikazzjoni ġudizzjarja diretta bejn imħallfin f'pajjiżi differenti u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni fosthom.

- ☐ Jekk l-Istat tiegħek hu rrappreżentat fin-Netwerk, ikkunsidra jekk l-imħallef iddeżinjat jenħtieġx li jkun disponibli wkoll biex jikkomunika informazzjoni relatata mal-Konvenzjoni. Ikkunsidra jekk jistax ikun siewi li tiddeżinja mħallef addizzjonali b'interess jew b'għarfien espert fil-Konvenzjoni.
- ☐ Jekk l-Istat tiegħek mhuwiex irrappreżentat fin-Netwerk, ikkunsidra jekk membru tal-ġudikatura fl-Istat tiegħek għandux interess speċjalist fl-operat tal-Konvenzjoni u jkunx lest li jieħu sehem. Hemm iktar informazzjoni dwar in-Netwerk disponibbli mill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja.
- ☐ Ikkunsidra r-rwol possibbli ta' komunikazzjoni ġudizzjarja diretta fl-operat tal-Artikoli 8 u 9 fl-Istat tiegħek.
- ☐ Ikkunsidra jekk hix neċessarja kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni biex tipprovdi l-bażi ġuridika għall-komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti.

## Kunfidenzjalità (Artikoli 41-42)

- ☐ Ikkunsidra jekk il-liġijiet domestiċi eżistenti humiex biżżejjed biex jipproteġu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tinġabar jew li tintbagħat skont il-Konvenzjoni.
- ☐ Jekk hemm limitazzjonijiet eżistenti fl-Istat tiegħek dwar it-tip ta' ifnormazzjoni li tista' tiġi żvelata lil partijiet terzi, ikkunsidra jekk tistax issir eċċezzjoni għal skambju ta' informazzjoni meta dan ikun konsistenti mal-oġġetti tal-Konvenzjoni, pereżempju, meta minuri jkun jeħtieġ protezzjoni urġenti.

## Relazzjoni bejn il-Konvenzjoni u strumenti oħra

- ☐ Identifika kwalunkwe strument internazzjonali ieħor li għalih hu Parti l-Istat tiegħek li jieħu ħsieb il-protezzjoni ta' minuri u kkunsidra kif dawn se jkunu relatati mal-Konvenzjoni. Jekk xieraq, ikkunsidra, flimkien ma' Partijiet oħra għall-istrumenti, jekk hix meħtieġa kwalunkwe dikjarazzjoni biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà mal-Konvenzjoni (Art. 52).

## ANNESS I

### Lista ta' kontroll tad-dispożizzjonijiet fil-Konvenzjoni tal-1996 li jistgħu jeħtieġu tibdiliet fil-liġijiet jew fil-proċeduri domestiċi

It-tabella li ġejja tipprovdi sommarju tad-dispożizzjonijiet fejn jista' jkun hemm bżonn li jiġu kkunsidrati tibdiliet leġiżlattivi jew proċedurali għall-implimentazzjoni u għall-operat effettivi tal-Konvenzjoni. Ovvjament, il-ħtieġa tat-tali tibdiliet se tkun inqas għal dawk il-pajjiżi li fihom id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni huma inkorporati b'mod awtomatiku fl-ordinament ġuridiku.

| *Artikolu* | *Dispożizzjoni* | *Kwistjoni* |
|---|---|---|
| **Artikolu 5** | L-Istat tar-"residenza abitwali" tal-minuri għandu ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni. | L-awtoritajiet għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri bbażati fuq ir-"residenza abitwali" ta' minuri? |
| **Artikoli 6, 11, 12** | L-Istati Kontraenti jistgħu jieħdu ċerti miżuri għall-protezzjoni fir-rigward ta' minuri li mhuwiex resident abitwali iżda li hu preżenti fl-Istat. | L-awtoritajiet għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni meta minuri jkun preżenti fl-Istat iżda ma jkunx resident abitwali?<br><br>L-awtoritajiet jistgħu jieħdu miżuri għall-protezzjoni skont l-Artikolu 12 li huma provviżorji u limitati fl-effett territorjali? |
| **Artikolu 7** | F'każijiet ta' ħtif ta' minuri, l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri eżatt qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali jżommu l-ġurisdizzjoni għall-miżuri għall-protezzjoni sakemm jiġu ssodisfati diversi kundizzjonijiet. | Hemm mekkaniżmi fis-seħħ biex jiżguraw li l-awtoritajiet b'ġurisdizzjoni jafu li l-każ hu kwistjoni ta' ħtif internazzjonali ta' minuri?<br><br>Il-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet li fihom jinsab il-minuri hi limitata b'tali mod li jistgħu jieħdu biss miżuri urġenti? |
| **Artikoli 8, 9** | Il-ġurisdizzjoni tista' tiġi ttrasferita bejn l-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti ladarba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. | L-awtoritajiet jistgħu jassumu jew jittrasferixxu l-ġurisdizzjoni skont il-Konvenzjoni?<br><br>Hemm proċeduri fis-seħħ li jiffaċilitaw it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni? |
| **Artikolu 10** | Meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, l-awtoritajiet jaf ikunu jistgħu jieħdu miżuri għall-protezzjoni għal minuri resident abitwali fi Stat Kontraenti ieħor meta l-miżuri jittieħdu bħala parti minn applikazzjoni għal divorzju jew għal separazzjoni ġudizzjarja jew għal annullament fir-rigward taż-żwieġ tal-ġenituri. | Żgura li, jekk l-awtoritajiet fl-Istat tiegħek jistgħu jieħdu miżuri għall-protezzjoni bħala parti minn applikazzjoni għal divorzju jew għal separazzjoni ġudizzjarja tal-ġenituri, dawn jagħmlu dan biss meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 10(1) *a)* y *b)*. |

| | | |
|---|---|---|
| **Artikoli 1, 3, 16-18** | Il-Konvenzjoni tiddefinixxi r-responsabbiltà tal-ġenituri fl-Artikolu 1(2).<br>Il-miżuri għall-protezzjoni jinkludu l-attribuzzjoni, l-eżerċizzju, id-delegazzjoni u t-terminazzjoni jew ir-restrizzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri. | Il-kunċett ta' "responsabbiltà tal-ġenituri" hu familjari għall-ordinament ġuridiku tiegħek?<br><br>X'inhuma d-drittijiet u r-responsabbiltajiet fl-Istat tiegħek li jirriflettu l-kunċett ta' responsabbiltà tal-ġenituri?<br><br>Ir-responsabbiltà tal-ġenituri attribwita jew itterminata skont il-liġijiet tar-residenza abitwali tal-minuri, jiġifieri l-liġijiet ta' Stat ieħor, se tiġi rikonoxxuta? |
| **Artikolu 23** | Miżuri għall-protezzjoni għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati Kontraenti kollha "bl-operat tad-dritt". | Miżuri għall-protezzjoni meħuda fi Stat Kontraenti ieħor huma rikonoxxuti fl-Istat tiegħek bl-operat tad-dritt, jiġifieri, miżura se tiġi rikonoxxuta mingħajr il-bżonn li jittieħdu proċedimenti? |
| **Artikolu 24** | Kwalunkwe "persuna interessata" tista' titlob deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent ta' miżura meħuda fi Stat Kontraenti ieħor. | Persuna interessata tista' tfittex ir-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent ta' miżura għall-protezzjoni? Jista' jkun li l-persuna interessata tinsab fi Stat Kontraenti ieħor. |
| **Artikolu 26** | Id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew ir-reġistrazzjoni tal-miżuri għall-protezzjoni għandha tkun "proċedura sempliċi u rapida". | Il-proċeduri għar-reġistrazzjoni tal-miżuri għall-protezzjoni huma "sempliċi u rapidi"? |
| **Artikoli 30-39** | Il-kooperazzjoni skont il-Konvenzjoni. | Kull awtorità għandha s-setgħat u r-riżorsi neċessarji biex twettaq b'mod effettiv il-funzjonijiet tagħha skont il-Konvenzjoni? |

## ANNESS II

### Informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lid-depożitarju jew lill-Uffiċċju Permanenti mill-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1996

| *Deżinjazzjonijiet li l-Istati Kontraenti jridu jipprovdu direttament lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (Art. 45(1))* | |
|---|---|
| **Artikolu 29** | L-Istati Kontraenti għandhom jiddeżinjaw Awtorità Ċentrali għall-qadi tad-dmirijiet li huma imposti mill-Konvenzjoni fuq it-tali awtoritajiet. Bħala kwistjoni prijoritarja, jenħtieġ li d-dettalji ta' kuntatt tal-Awtoritajiet Ċentrali u l-lingwa/i tal-komunikazzjoni jiġu kkomunikati lill-Uffiċċju Permanenti.<br><br>L-Istati Federali, Stati b'iktar minn ordinament ġuridiku wieħed jew Stati b'unitajiet territorjali awtonomi għandhom ikunu liberi li jaħtru iktar minn Awtorità Ċentrali waħda.<br><br>Meta jiġu ddeżinjati iktar minn Awtorità Ċentrali waħda, l-Istat għandu jiddeżinja l-Awtorità Ċentrali li lilha tista' tiġi indirizzata kull komunikazzjoni biex tiġi trażmessa lill-Awtorità Ċentrali adatta f'dak l-Istat. |
| **Artikolu 44** | L-Istati Kontraenti jistgħu jiddeżinjaw awtoritajiet fejn għandhom jiġu indirizzati talbiet skont l-Artikoli 8, 9 u 33. |

| *Hu rakkomandat li tiġi kkomunikata l-informazzjoni li ġejja lill-Uffiċċju Permanenti:* | |
|---|---|
| **Artikolu 40** | Kull Stat Kontraenti għandu jiddeżinja l-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu ċertifikati skont l-Artikolu 40. Id-dettalji ta' kuntatt u l-lingwa/i ta' komunikazzjoni tal-awtoritajiet iddeżinjati jenħtieġ li jiġu kkomunikati lill-Uffiċċju Permanenti. |

| *Notifiki li għandhom jiġu kkomunikati lid-depożitarju*[19] | |
|---|---|
| **Artikolu 57** | Strumenti ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni u ta' approvazzjoni. |
| **Artikolu 58** | Strumenti tal-adeżjoni.<br><br>Oġġezzjonijiet għall-adeżjoni. Stati Kontraenti jistgħu joġġezzjonaw għall-*adeżjoni* ta' Stat aderenti fi żmien sitt xhur mir-riċevuta ta' notifika tal-adeżjoni.[20] |
| **Artikolu 62** | Stat Parti għall-Konvenzjoni jista' jiddenunzja l-Konvenzjoni permezz ta' notifika lid-depożitarju. |

19 Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju tan-Netherlands.

20 Kun af li oġġezzjoni fir-rigward ta' adeżjoni preċedneti tista' titqajjem mill-Istati fil-mument li *jirratifikaw, jaċċettaw* jew *japprovaw* il-Konvenzjoni.

| *Dikjarazzjonijiet li jistgħu jsiru u li jridu jiġu kkomunikati lid-depożitarju* | |
|---|---|
| **Artikolu 45** | Stat jista' jiddikjara li t-talbiet għal informazzjoni skont l-Artikolu 34(2) għandhom jiġu kkomunikati biss permezz tal-Awtorità Ċentrali tiegħu. |
| **Artikolu 52** | Il-Konvenzjoni ma taffetwax xi strument internazzjonali li l-Istati Kontraenti huma Partijiet għalih u li fih dispożizzjonjiet dwar kwistjonjiet irregolati mill-Konvenzjoni, sakemm ma ssirx dikjarazzjoni kuntrarja mill-Istati Partijiet għal dan l-istrument. |
| **Artikolu 59** | Meta Stat ikollu żewġ unitajiet territorjali jew iktar li fihom ikunu applikabbli żewġ ordinamenti ġuridiċi diffrenti, dan jista' jiddikjara li l-Konvenzjoni għandha testendi għall-unitajiet territorjali kollha jew inkella għal waħda jew iktar minnhom tal-Istat Kontraenti (li jrid jiġi identifikat). Id-dikjarazzjoni tista' tiġi mmodifikata. |

| *Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lid-depożitarju rigward ftehimiet bejn Stati Kontraenti:* | |
|---|---|
| **Artikolu 39** | L-Istati Kontraenti jistgħu jidħlu fi ftehimiet ma' Stati Kontraenti oħra bl-għan li jtejbu l-operat tal-Konvenzjoni. Kopja ta' kwalunkwe tali ftehim għandha tintbagħat lid-depożitarju. |

| *Riżervi li jistgħu jsiru u jridu jiġu kkomunikati lid-depożitarju* | |
|---|---|
| **Artikolu 54(2)** | L-Istati jistgħu jagħmlu riżerva li toġġezzjona għall-użu tal-Franċiż jew tal-Ingliż, iżda mhux tat-tnejn. |
| **Artikolu 55** | Stat Kontraenti jista' jirriżerva l-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet tiegħu biex jieħdu miżuri għall-protezzjoni maħsuba għall-beni ta' minuri li jinsab fit-territorju tiegħu, u jirriżerva d-dritt li ma jirrikonoxxix kwalunkwe responsabbiltà tal-ġenituri jew miżura jekk din tkun inkompatibbli ma' kwalunkwe miżura meħuda mill-awtoritajiet tiegħu b'rabta ma' dawk il-beni. |
| **Artikolu 60(2)** | L-irtirar ta' kwalunkwe riżerva. |

## ANNESS III

### Funzjonijiet tal-Awtoritajiet Ċentrali u ta' awtoritajiet oħra skont il-Konvenzjoni tal-1996

| *Obbligi diretti tal-Awtoritajiet Ċentrali* | |
|---|---|
| **Artikolu 30(1)** | L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkooperaw ma' xulxin u jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-awtortajiet kompetenti fl-Istati tagħhom. |
| **Artikolu 30(2)** | L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jieħdu passi xierqa biex jipprovdu informazzjoni dwar il-liġijiet tal-Istati tagħhom u dwar is-servizzi disponibbli fihom relatati mal-protezzjoni ta' minuri. |

| *Funzjonijiet li għalihom l-Istati Kontraenti jistgħu jiddeżinjaw awtoritajiet speċifiċi li lilhom għandhom jintbagħtu t-talbiet (Art. 44)* | |
|---|---|
| *Artikolu 8(1)* | Talbiet biex tiġi ttrasferita l-ġurisdizzjoni: l-awtorità ta' Stat Kontraenti li jkollha ġurisdizzjoni tista' titlob jew tgħid lill-partijiet biex jitolbu lil awtorità fi Stat Kontraenti ieħor biex tassumi l-ġurisdizzjoni f'każ partikolari. |
| *Artikolu 9(1)* | Talbiet biex tiġi assunta l-ġurisdizzjoni: l-awtorità ta' Stat Kontraenti li m'għandhiex ġurisdizzjoni tista' titlob jew tgħid lill-partijiet biex jitolbu lil awtorità fl-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni f'każ partikolari. |
| *Artikolu 33* | Talbiet rigward it-tqegħid transfruntier: l-Awtorità Ċentrali jew l-awtorità kompetenti tal-Istati Kontraenti jridu jikkonsultaw lill-Awtorità Ċentrali jew lill-awtorità kompetenti fi Stat Kontraenti ieħor rigward it-tqegħid f'dak l-Istat l-ieħor ta' minuri ma' familja tar-rispett jew taħt kustodja istituzzjonali, jew il-forniment tal-indokrar mill-*kafala* jew minn istituzzjoni analoga oħra. L-Istat rikjedenti jrid jipprovdi rapport bir-raġunijiet għat-tqegħid. L-Istat rikjest għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu rigward it-tqegħid propost. |

| ***Funzjonijiet oħra li jistgħu jitwettqu mill-Awtoritajiet Ċentrali, mill-awtortajiet kompetenti jew minn awtoritajiet pubbliċi oħra kif iddeterminat mill-Istat Kontraenti***[21] | |
|---|---|
| **Artikolu 23, 24** | Riċevuta u trażmissjoni ta' talbiet relatati mar-rikonoxximent jew man-nuqqas ta' rikonoxximent tal-miżuri. |
| **Artikolu 26** | Dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew reġistrazzjoni għall-eżekuzzjoni ta' miżuri għall-protezzjoni meħuda fi Stat Kontraenti ieħor. |
| **Artikolu 28** | Eżekuzzjoni ta' miżuri għall-protezzjoni. |
| **Artikolu 31 *a)*** | Awtoritajiet biex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u joffru assistenza skont l-Artikoli 8 u 9 u l-Kapitolu V. |
| **Artikolu 31 *b)*** | Jiffaċilitaw soluzzjonijiet kunsenswali għall-miżuri protettivi li għalihom tapplika l-Konvenzjoni. |
| **Artikolu 31 *c)*** | Jipprovdu assistenza, fuq talba mingħand l-awtortajiet kompetenti, fis-sejbien ta' tfal neqsin li jeħtieġu l-protezzjoni. |
| **Artikolu 32 *a)*** | Jipprovdu rapport dwar is-sitwazzjoni tal-minuri fl-Istat tar-residenza abitwali. |
| **Artikolu 32 *b)*** | Jitolbu lil awtorità kompetenti tikkunsidra t-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni għal minuri. |
| **Artikolu 34(1)** | Jirċievu jew jibagħtu talbiet għall-informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni ta' minuri. L-Istati jistgħu jiddikjaraw li t-talbiet skont l-Artikolu 34(1) għandhom jiġu kkomunikati biss permezz tal-Awtorità Ċentrali tagħhom. |
| **Artikolu 35(1)** | Jassistu fl-iżgurar tal-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess. |
| **Artikolu 35(2)** | L-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti fejn jirresjedi l-ġenitur mingħajr kustodja jistgħu, fuq talba, jiġbru informazzjoni u jagħmlu sejba dwar l-adegwatezza tal-ġenitur biex jeżerċita aċċess. L-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li jikkunsidraw talba mingħand ġenitur barrani għall-aċċess għal minuri għandhom jilqgħu u jikkunsidraw informazzjoni miġbura, jew sejbiet magħmula, minn awtoritajiet tal-Istat Kontraenti fejn jirresjedi l-ġenitur barrani. |
| **Artikolu 36** | Meta minuri jiġi rrilokat u jiġi espost għal periklu serju, l-awtortajiet kompetenti li jassumu l-kompetenza għall-proċedimenti għandhom jinformaw lill-Istat fejn jinsab il-minuri dwar il-periklu (minkejja l-Art. 37). |
| **Artikolu 40** | Jista' jinħareġ ċertifikat skont l-Artikolu 40 lil persuna b'responsabbiltà tal-ġenituri jew li hi inkarigata bil-protezzjoni tal-persuna jew tal-beni tal-minuri. Jeħtieġ li ċ-ċertifikat jindika l-kapaċità li fiha d-detentur hu intitolat jaġixxi. |

21 Pereżempju: aġenziji tal-gvern, qrati, awtoritajiet amministrattivi / tribunali, servizzi tal-benessri tat-tfal, professjonisti fil-kura medika, servizzi tal-benessri soċjali, servizzi ta' konsulenza, servizzi tal-qorti, servizzi tal-pulizija, professjonisti tal-medjazzjoni. Jeħtieġ li l-Istati jiżguraw li kull awtorità jkollha s-setgħat u r-riżorsi neċessarji biex twettaq il-funzjonijiet tagħha b'mod effettiv skont il-Konvenzjoni. Il-proċeduri jistgħu jkunu neċessarji wkoll biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikunu jafu bir-responsabbiltajiet u bil-funzjonijiet imwettqa minn awtoritajiet differenti fl-Istat.

## ANNESS IV

## Riżorsi disponibbli mill-Istati li jistgħu jkunu ta' assistenza għal Stati oħra

**KONFERENZA TAL-AJA DWAR ID-DRITT INTERNAZZJONALI PRIVAT**
< www.hcch.net >

**L-AWSTRALJA** (bl-Ingliż)
Family Law (Child Protection) Regulations 2003 (Cth)
http://www.comlaw.gov.au/comlaw/legislation/LegislativeInstrument1.nsf/0/71EB7B19DB0B4659CA256F7000 80E993?OpenDocument
Family Law Act 1975 (Cth) – Division 4
http://www.comlaw.gov.au/ComLaw/Legislation/ActCompilation1.nsf/current/bytitle/59D7F763D13627B5CA2 573B5001A451B?OpenDocument&mostrecent=1
Child Protection (International Measures) Act 2003 (Qld)
https://www.legislation.qld.gov.au/LEGISLTN/CURRENT/C/ChildProtInMA03.pdf
Child Protection (International Measures) Act 2006 (NSW)
http://www.legislation.nsw.gov.au/scanview/inforce/s/1/?TITLE=%22Child%20Protection%20(International%2 0Measures)%20Act%202006%20No%2012%22&nohits=y
Child Protection (International Measures) Act 2003 (Tas)
http://www.thelaw.tas.gov.au/tocview/index.w3p;cond=;doc_id=23%2B%2B2003%2BAT%40EN%2B2008073 1230000;histon=;prompt=;rec=;term

**L-UNJONI EWROPEA** (bl-Ingliż, bil-Franċiż, bl-Ispanjol)
Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2008 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jirratifikaw, jew jaderixxu ma', fl-interess tal-Komunità Ewropea, Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1996
http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:151:0036:0038:EN:PDF
http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:151:0036:0038:FR:PDF
http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:151:0036:0038:ES:PDF

**ID-DANIMARKA** (bid-Daniż)
*Lov om Haagerbørnebeskyttelseskonventionen*
Act on the 1996 Convention
https://www.retsinformation.dk/Forms/R0710.aspx?id=31721

**FRANZA** (bil-Franċiż)
*Enfance : responsabilité parentale et protection des enfants (convention de La Haye)*
http://www.assemblee-nationale.fr/13/dossiers/lahaye_responsabilite_parentale.asp

**L-IRLANDA** (bl-Ingliż)
Protection of Children (Hague Convention) Act, 2000
http://www.irishstatutebook.ie/2000/en/act/pub/0037/index.html

**IN-NETHERLANDS** (bl-Olandiż)
*Uitvoeringswet internationale kinderbescherming*
International Child Protection Implementation Act, 16 February 2006
http://wetten.overheid.nl/BWBR0019574/

**L-IŻVIZZERA** (bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan)
Announcement and documents - Towards more effective protection of the children in cases of international abduction, 28 February 2007
*Vers une protection plus efficace des enfants en cas d'enlèvement international*
*Entführte Kinder werden besser geschützt*
*Migliore protezione dei minori rapiti*
http://www.bj.admin.ch/bj/fr/home/dokumentation/medieninformationen/2007/ref_2007-02-281.html

**The Hague Conference on Private International Law**
**Permanent Bureau**
Churchillplein 6b
2517 JW The Hague
The Netherlands

Telefown: +31 70 363 3303
Faks: +31 70 360 4867
Posta elettronika: secretariat@hcch.net
Sit: www.hcch.net

**DOI** 10.2838/586582